**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-20 ta’ Settembru 2011**

**dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

**(riformulazzjoni)**

***(BĊE/2011/14)***

(2011/817/UE)

(ĠU L 331, 14.12.2011, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2012/25 tas-26 ta’ Novembru 2012 | L 348 | 30 | 18.12.2012 |
| ►M2 | Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew BĊE/2014/10 tat-12 ta' Marzu 2014 | L 166 | 33 | 5.6.2014 |

▼B

# LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-20 ta' Settembru 2011

## dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema

## (riformulazzjoni)

## *(BĊE/2011/14)*

(2011/817/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Centrali Ewropew, partikolarment l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1, u l-Artikoli 12.1, 14.3 u 18.2, u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema ([1]) ġiet emendata sostanzjalment bosta drabi ([2]). Peress illi jridu jsiru aktar emendi, hija għandha tkun riformulata fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija tinvolvi d-definizzjoni tal-istrumenti u l-proċeduri li jridu jintużaw mill-Eurosistema sabiex tiġi implimentata tali politika b'mod uniformi fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(3) L-obbligu tal-verifika għandu japplika biss għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostanzjali meta mqabblin mal-Linja Gwida BĊE/2000/7,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

### Prinċipji, strumenti, proċeduri u kriterji għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija tal-Eurosistema

Il-politika monetarja waħdanija għandha tkun implimentata skont il-prinċipji, strumenti, proċeduri u kriterji speċifikati f'Annessi I u II għal din il-Linja Gwida. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex iwettqu l-operazzjonijiet ta' politika monetarja skont il-prinċipji, strumenti, proċeduri u kriterji speċifikati f'Annessi I u II għal din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

### Verifika

Il-BĊNi għandhom jgħaddu lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) sal-11 ta' Ottubru 2011 id-dettalji tat-testi u l-mezzi li permezz tagħhom huma bi ħsiebhom jikkonformaw ma dawk id-dispożizzjonijiet ta' din il-Linja Gwida li jirrappreżentaw bidliet sostanzjali meta mqabblin mal-Linja Gwida BĊE/2000/7.

([1]) ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1.
([2]) Ara l-Anness III.

▼B

*Artikolu 3*

**Revoka**

1. Il-Linja Gwida BĊE/2000/7 hija mħassra mill-1 ta' Jannar 2012.

2. Referenzi għal-Linja Gwida revokata għandhom jinftehmu bħala referenzi għal din il-Linja ta' Gwida.

*Artikolu 4*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-adozzjoni tagħha.

2. Din il-Linja Gwida għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

*Artikolu 5*

**Indirizzati**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

▼B

*ANNESS I*

**L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITKA MONETARJA FIŻ-ŻONA TAL-EURO**

**Dokumentazzjoni ġenerali fuq l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

*WERREJ*

**INTRODUZZJONI**

KAPITOLU 1 — DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAL-QAFAS TAL-POLITIKA MONETARJA

1.1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

1.2. L-għanijiet tal-Eurosistema

1.3. L-istrumenti tal-politika monetarja tal-Eurosistema

1.3.1. Operazzjonijiet ta' suq miftuħ

1.3.2. Faċilitajiet permanenti

1.3.3. Riżervi minimi

1.4. Kontropartijiet

1.5. Assi sottostanti

1.6. Modifiki għall-qafas politiku monetarju

KAPITOLU 2 — KONTROPARTIJIET ELIĠIBBLI

2.1. Kriterji ġenerali ta' eligibbiltà

2.2. Għażla ta' kontropartijiet għal sejħiet għal offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali

2.3. Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi ta' kontroparti

2.4. Miżuri possibbli fuq il-bażi ta' prudenza jew wara każ ta' inadempjenza

2.4.1. Miżuri fuq il-bażi ta' prudenza

2.4.2. Miżuri wara l-każ ta' inadempjenza

2.4.3. Applikazzjoni proporzjonata u mhux diskriminatorja ta' miżuri diskrezzjonali

KAPITOLU 3 — OPERAZZJONIJIET TA' SUQ MIFTUĦ

3.1. Tranżazzjonijiet irriversjati

3.1.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

3.1.2. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin

3.1.3. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal

3.1.4. Operazzjonijiet irriversjati ta' irfinar

3.1.5. Operazzjonijiet irriversjati strutturali

3.2. Tranżazzjonijiet diretti

3.2.1. Tip ta' strument

3.2.2. Natura legali

▼B

3.2.3. Kundizzjonijiet tal-prezzijiet

3.2.4. Karatteristiċi operattivi oħrajn

3.3. Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE

3.3.1. Tip ta' strument

3.3.2. Natura legali

3.3.3. Termini tal-imgħax

3.3.4. Karatteristiċi operattivi oħrajn

3.4. Swaps tal-kambju barrani

3.4.1. Tip ta' strument

3.4.2. Natura legali

3.4.3. Valuta u termini tar-rata tal-kambju

3.4.4. Karatteristiċi operattivi oħrajn

3.5. Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss

3.5.1. Tip ta' strument

3.5.2. Natura legali

3.5.3. Termini tal-imgħax

3.5.4. Karatteristiċi operattivi oħrajn

KAPITOLU 4 — FAĊILITAJIET PERMANENTI

4.1. Il-faċilità ta' self marġinali

4.1.1. Tip ta' strument

4.1.2. Natura legali

4.1.3. Kundizzjonijiet ta' aċċess

4.1.4. Maturità u termini tal-imgħax

4.1.5. Sospensjoni tal-faċilità

4.2. Il-faċilità ta' depożitu

4.2.1. Tip ta' strument

4.2.2. Natura legali

4.2.3. Kundizzjonijiet tal-aċċess

4.2.4. Maturità u termini tal-iimgħax

4.2.5. Sospensjoni tal-faċilità

KAPITOLU 5 — PROĊEDURI

5.1. Proċeduri ta' sejħiet għal offerti

5.1.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

5.1.2. Kalendarju ta' operazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti

▼B

5.1.3. Tħabbir ta' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti

5.1.4. Preparazzjoni u sottomissjoni ta' offerti mill-kontropartijiet

5.1.5. Proċeduri ta' allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti

5.1.6. Tħabbir tar-riżultati tas-sejħiet għal offerti

5.2. Proċeduri għall-operazzjonijiet bilaterali

5.2.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

5.2.2. Kuntatt dirett mal-kontropartijiet

5.2.3. Operazzjonijiet eżegwiti permezz ta' boroż u aġenti tas-suq

5.2.4. Tħabbir ta' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti

5.2.5. Jiem ta' operazzjoni

5.3. Proċeduri ta' saldu

5.3.1 Konsiderazzjonijiet Ġenerali

5.3.2 Saldu ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ

5.3.3 Proċeduri tat-tmiem il-jum

KAPITOLU 6 — ASSI ELIĠIBBLI

6.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

6.2. Speċifikazzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-assi sottostanti

6.2.1. Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli

6.2.2. Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi mhux negozjabbli

6.2.3. Ħtiġijiet addizzjonali għall-użu ta' assi eliġibbli

6.3. Qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema

6.3.1. Ambitu u elementi

6.3.2. Twaqqif ta' standards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli

6.3.3. Twaqqif ta' standards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli

6.3.4. Kriterji ta' aċċettazzjoni għal sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu

6.3.5. Monitoraġġ tal-prestazzjoni għal sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu

6.4. Mizuri ghall-kontroll tar-riskju

6.4.1. Prinċipji ġenerali

6.4.2. Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi negozjabbli

6.4.3. Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi mhux negozjabbli

6.5. Prinċipji ta' valutazzjoni ta' assi sottostanti

6.5.1. Assi negozjabbli

6.5.2. Assi mhux negozzjabbli

6.6. Użu transkonfinali ta' assi eliġibbli

▼B

6.6.1. Mudell tas-sistema bankarja ċentrali korrispondenti

6.6.2. Rabtiet bejn sistemi ta' saldu ta' titoli

6.6.3. CCBM bil-links

6.6.4. Is-CCBM bis-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty

6.7. Aċċettazzjoni ta' kollateral mhux iddenominat f'euro f'kontinġenzi

KAPITOLU 7 — RIŻERVI MINIMI

7.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

7.2. Istituzzjonijiet suġġetti għall-obbligu tar-riżerva minima

7.3. Determinazzjoni ta' riżervi minimi

7.3.1. Bażi tar-riżerva u proporzjonijiet tar-riżerva

7.3.2. Kalkoli tal-ħtiġijiet ta' riżerva

7.4 Żamma ta' investimenti ta' riżerva

7.4.1. Perjodu ta' żamma

7.4.2. Investimenti ta' riżerva

7.4.3. Remunerazzjoni ta' investimenti f'riżervi

7.5. Rappurtar, rikonoxximent u verifika tal-bażi tar-riżerva

7.6. Nonkonformità mal-obbigu tar-riżerva minima

APPENDIĊI 1 — Eżempji ta' Operazzjonijiet tal-Politika Monetarja u Proċeduri

APPENDIĊI 2 — Glossarju

APPENDIĊI 3 — Għażla ta' kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani u swaps tal-kambju barrani għal finijiet ta' politika monetarja

APPENDIĊI 4 — Il-qafas ta' rappurtar għall-istatistika tal-flus u bankarja tal-Bank Ċentrali Ewropew

APPENDIĊI 5 — Is-Siti Elettroniċi tal-Eurosistema

APPENDIĊI 6 — Proċeduri u sanzjonijiet li jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-kontroparti

APPENDIĊI 7 — Ħolqien ta' titolu validu fuq talbiet ta' kreditu

APPENDIĊI 8 — Rekwiżiti ta' rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self għal titoli ggarantiti minn assi

▼B

*Abbrevjazzjonijiet*

| | |
|---|---|
| CCBM | Mudell ta' kummerċ bankarju korrispondenti |
| CET | Ħin tal-Ewropa Ċentrali |
| CIs | Istituzzjoni ta' Kreditu |
| CRD | Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital |
| CSD | Depożitorju tat-titoli ċentrali |
| KE | Il-Komunità Ewropea |
| ECAF | Qafas tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-Eurosistema |
| ECAI | Istituzzjoni tal-valutazzjoni ta' kreditu estern |
| BĊE | Bank Ċentrali Ewropew |
| ŻEE | Żona Ekonomika Ewropea |
| KEE | Komunità Ekonomika Ewropea |
| ESA 95 | Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995 |
| SEBĊ | Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali |
| UE | Unjoni Ewropea |
| ICAS | Sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu in-house |
| ICSD | Depożitorju tat-titoli ċentrali internazzjonali |
| IDC | Kreditu intraday |
| IRB | Sistema bbażata fuq klassifika interna |
| ISIN | Numru ta' Identifikazzjoni ta' Titoli Internazzjonali |
| MFI | Istituzzjoni finanzjarja monetarja |
| MMF | Fond tas-suq tal-flus |
| BĊN | Bank ċentrali nazzjonali |
| PD | Probabbiltà ta' inadempjenza |
| PSE | Korp tas-settur pubbliku |
| RMBD | Strument ta' dejn appoġġat minn ipoteka bl-imnut |
| RoW | Bqija tad-dinja |
| RT | Għodda ta' klassifika |
| RTGS | Sistema ta' saldu f'ħin reali |
| SSS | Sistema ta' saldu ta' titoli |
| TARGET | Is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer, kif imfissra fil-Linja ta' Gwida BĊE/2005/16 |
| TARGET2 | Is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer, kif imfissra fil-Linja ta' Gwida BĊE/2007/2 |

▼M2

| | |
|---|---|
| TPA | Aġent triparty |

▼B

| | |
|---|---|
| UCITS | Impenn għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli |

▼B

## Introduzzjoni

Dan id-dokument jippreżenta l-qafas operattiv magħżul mill-Eurosistema għall-politika monetarja waħdanija fiż-żona tal-euro. Id-dokument, li jifforma parti mill-qafas legali tal-Eurosistema għall-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja, huwa intiż biex iservi bħala "Dokumentazzjoni Ġenerali" fuq l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u huwa mmirat, b'mod partikolari, biex il-kontropartijiet jiġu provduti b'informazzjoni li jkollhom bżonn firrigward tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

Id-Dokumentazzjoni Ġenerali fiha nnifisha la tagħti drittijiet u lanqas timponi obbligi fuq il-kontropartijiet. Ir-relazzjoni legali bejn l-Eurosistema u l-kontropartijiet tagħha hija stabbilita f'arranġamenti kontrattwali jew regolatorji xierqa.

Dan d-dokument huwa maqsum f'seba' kapitoli. Il-Kapitolu 1 jagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-qafas operattiv għall-politka monetarja tal-Eurosistema. Fil-Kapitolu 2, il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-kontropartijiet li jieħdu sehem fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema jiġu speċifikati. Il-Kapitolu 3 jiddeskrivi operazzjonijiet ta' suq miftuħ, filwaqt li l-Kapitolu 4 jippreżenta l-faċilitajiet permanenti disponibbli għall-kontropartijiet. Il-Kapitolu 5 jispeċifika l-proċeduri applikati fl-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja. Fil-Kapitolu 6, il-kriterji tal-eliġibbiltà għall-assi sottostanti fl-operazzjonijiet ta' politika monetarja jiġu definiti. Il-Kapitolu 7 jippreżenta s-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema.

L-appendiċijiet fihom eżempji ta' operazzjonijiet ta' politka monetarja, glossarju, kriterji għall-għażla tal-kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju barrani tal-Eurosistema, preżentazzjoni tal-qafas ta' rappurtar għall-istatistika tal-flus u bankarja tal-Bank Ċentrali Ewropew, lista ta' siti elettroniċi tal-Eurosistema, deskrizzjoni tal-proċeduri u sanżjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-kontroparti u rekwiżiti legali addizzjonali għall-ħolqien ta' garanzija valida fuq klejms ta' kreditu meta dawn jintużaw bħala kollateral mal-Eurosistema.

▼B

KAPITOLU 1

## DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAL-QAFAS TAL-POLITIKA MONETARJA

### 1.1. Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) hija magħmula mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u mill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ([1]). L-attivitajiet tas-SEBĊ jitwettqu skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-Istatut tas-SEBĊ). Is-SEBĊ hija rregolata mill-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-BĊE. F'dan ir-rigward il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa responsabli għall-formulazzjoni tal-politika monetarja, waqt li l-Bord Eżekuttiv għandu s-setgħa li jimplimenta l-politika monetarja skont id-deċiżjonijiet meħuda u l-linji ta' gwida preskritti mill-Kunsill Governattiv. Sa fejn huwa meqjus possibbli u xieraq u bil-ħsieb li tiġi żgurata effiċjenza operattiva, il-BĊE jirrikorri lejn il-BĊNi biex iwettaq l-operazzjonijiet li jiffumaw parti mill-kompiti tal-Eurosistema ([2]). Il-BĊNi jistgħu, jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja, jaqsmu fost il-membri tal-Eurosistema informazzjoni individwali, bħal dejta operattiva, b'rabta mal-kontropartijiet li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tal-Eurosistema ([3]). L-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema huma eżegwiti taħt termini u kundizzjonijiet uniformi fl-Istati Membri kollha ([4]).

### 1.2. L-għanijiet tal-Eurosistema

L-għan ewlieni tal-Eurosistema huwa li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet, kif definit fl-Artikolu 127(1) tat-Trattat. Mingħajr preġudizzju għall-għan ewlieni tal-istabbiltà tal-prezzijiet, l-Eurosistema għandha ssostni l-politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni. Fit-twettiq tal-għanijiet tagħha, l-Eurosistema għandha taġixxi skont il-prinċipju ta' ekonomija ta' suq miftuħ b'kompetizzjoni ħielsa, li jiffavorixxi l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

### 1.3. L-istrumenti tal-politika monetarja tal-Eurosistema

Biex tikseb l-għanijiet tagħha, l-Eurosistema għandha għad-dispożizzjoni tagħha sett ta' strumenti ta' politika monetarja; l-Eurosistema tmexxi operazzjonijiet ta' suq miftuħ, toffri faċilitajiet permanenti u teħtieġ li istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom riżervi minimi fuq kontijiet mal-Eurosistema.

#### 1.3.1. *Operazzjonijiet ta' suq miftuħ*

Operazzjonijiet ta' suq miftuħ għandhom rwol importanti fil-politika monetarja tal-Eurosistema għall-finijiet tat-tmexxija ta' rati ta' imgħax, il-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' likwidità fis-suq u l-indikazzjoni tal-pożizzjoni tal-politika monetarja. Hemm ħames tipi ta' strumenti disponibbli għall-Eurosistema għat-tmexxija ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ. L-aktar strument importanti huwa t-*tranżazzjoni rriversjata* (applikabbli

(1) Għandu jiġi nnutat li l-banek ċentrali ta' dawk l-Istati Membri tal-UE li l-munita tagħhom mhijiex l-euro skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jżommu s-setgħat tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skont il-liġi nazzjonali u għalhekk mhumiex involuti fit-twettiq tal-politika monetarja waħdanija.

(2) F'dan id-dokument kollu, it-terminu "BĊNi" jirreferi għall-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro skont it-Trattat.

(3) Din l-informazzjoni hija suġġetta għar-rekwiżit dwar is-segretezza professjonali stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(4) F'dan id-dokument kollu, it-terminu "Stat Membru" jirreferi għal Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro.

▼B

fuq il-bażi ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew self kollateralizzat). L-Eurosistema tista' wkoll tuża *tranżazzjonijiet diretti*, il-*ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE*, *swaps ta' kambju barrani* u l-*ġbir ta' depożiti b'terminu fiss*. Operazzjonijiet ta' suq miftuħ huma mibdija mill-BĊE, li jiddeċiedi wkoll dwar l-istrument li għandu jintuża u t-termini u l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tiegħu. Jistgħu jiġu eżegwiti fuq il-bażi ta' sejħiet għal offerti standard, sejħiet għal offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali ([5]). Fir-rigward tal-miri, ir-regolarità u l-proċeduri tagħhom, l-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema jistgħu jinqasmu fl-erba' kategoriji li ġejjin (ara wkoll it-Tabella 1):

(a) L-*operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin* huma tranżazzjonijiet irriversjati regolari li jipprovdu l-likwidità ta' kull ġimgħa u li normalment għandhom maturità ta' ġimgħa. Dawn l-operazzjonijiet jiġu eżegwiti mill-BĊNi fuq il-bażi ta' sejħiet għal offerti standard. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin għandhom rwol ċentrali fl-insegwiment tal-oġġettivi tal-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema.

(b) L-*operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal* huma tranżazzjonijiet irriversjati li jipprovdu l-likwidità ta' kull xahar u li normalment għandhom maturità ta' tliet xhur. Dawn l-operazzjonijiet huma mmirati biex jipprovdu lill-kontropartijiet b'finanzjament fuq żmien itwal addizzjonali u huma jiġu eżegwiti mill-BĊNi fuq il-bażi ta' sejħiet għal offerti standard. F'dawn l-operazzjonijiet, l-Eurosistema m'għandhiex il-ħsieb, bħala regola, li tibgħat sinjali lis-suq u għalhekk normalment taġixxi bħala dik li tieħu r-rata.

(c) *Operazzjonijiet ta' rfinar* huma eżegwiti fuq bażi ad hoc bil-għan li tiġi ġestita s-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u t-tmexxija tar-rati ta' imgħax, b'mod partikolari sabiex jitwittew l-effetti fuq ir-rati tal-imgħax li jinqalgħu minn varjazzjonijiet mhux mistennija tal-likwidità fis-suq. L-operazzjonijiet ta' rfinar jistgħu jitwettqu fl-aħħar jum ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva biex jagħmlu tajjeb għall-iżbilanċi ta' likwidità li setgħu akkumulaw mill-allokazzjoni tal-aħħar operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija. Operazzjonijiet ta' rfinar huma eżegwiti primarjament bħala tranżazzjonijiet irriversjati iżda jistgħu wkoll jieħdu l-forma jew ta' swaps tal-kambju barrani jew ta' ġbir ta' depożiti b'terminu fiss. L-istrumenti u l-proċeduri applikati fit- twettiq ta' operazzjonijiet ta' rfinar huma adattati għat-tipi ta' tranżazzjonijiet u l-għanijiet speċifiċi segwiti fl-operazzjonijiet. Operazzjonijiet ta' rfinar huma normalment eżegwiti mill-BĊNi permezz ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi jekk, taħt cirkustanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet bilaterali ta' rfinar jistgħux jiġu eżegwiti mill-BĊE nnifsu.

(d) Barra minn dan, l-Eurosistema tista' twettaq *operazzjonijiet strutturali* permezz tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, tranżazzjonijiet irriversjati u tranżazzjonijiet diretti. Dawn l-operazzjonijiet huma eżegwiti kull meta l-BĊE jixtieq jaġġusta l-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju (fuq bażi regolari jew mhux regolari). Operazzjonijiet strutturali fil-forma ta' tranżazzjonijiet irriversjati u l-ħruġ ta' strumenti ta' dejn huma mwettqa mill-BĊNi permezz ta' sejħiet għal offerti standard. Operazzjonijiet strutturali fil-forma ta' tranżazzjonijiet diretti huma normalment eżegwiti mill-BĊNi permezz ta' proċeduri bilaterali. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE għandu jiddeċiedi li, taħt cirkustanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet strutturali jistgħu jiġu eżegwiti mill-BĊE nnifsu.

1.3.2. *Faċilitajiet permanenti*

Il-faċilitajiet permanenti jimmiraw li jipprovdu u jassorbu likwidità overnight, jagħtu x-xejra ġenerali tal-politika monetarja u rati ta' imgħax tas-suq overnight marbutin. Żewġ faċilitajiet permanenti huma disponibbli

---

([5]) Il-proċeduri differenti għall-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema, jiġifieri sejħiet għal offerti standard, sejħiet għal offerti mgħaġġla u proċeduri bilaterali, huma speċifikati fil-Kapitolu 5. Għal *sejħiet ta' offerti standard*, jgħaddu massimu ta' 24 siegħa bejn it-tħabbir tas-sejħa għal offerti u ċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat tal-allokazzjoni. Il-kontropartijiet kollha li jikkonformaw mal-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà speċifikati fl-Artikolu 2.1 jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti standard. *Sejħiet għal offerti mgħaġġla* huma normalment eżegwiti fi żmien 90 minuta. L-Eurosistema tista' tagħżel numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti mgħaġġla. It-terminu "proċeduri bilaterali" jirreferi għal kull każ li fih l-Eurosistema twettaq tranżazzjoni ma' kontroparti waħda jew ma' whud mingħajr ma tuża l-proċeduri ta' sejħiet għal offerti. Proceduri bilaterali jinkludu operazzjonijiet ezegwiti permezz ta' boroż jew agenti tas-suq.

▼B

għal kontropartijiet eliġibbli fuq l-inizjattiva tagħhom stess, bla ħsara għat-twettiq ta' ċerti kundizzjonijiet operattivi ta' aċċess (ara wkoll it-Tabella 1):

(a) Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-*faċilità ta' self marġinali* biex jiksbu likwidità overnight mill-BĊNi kontra assi eliġibbli. F'ċirkustanzi normali, ma hemm ebda limitu ta' kreditu jew restrizzjonijiet oħra fuq l-aċċess ta' kontropartijiet għall-faċilità minbarra l-ħtieġa li jiġu ppreżentati assi sottostanti suffiċjenti. Ir-rata ta' imgħax fuq il-faċilità ta' self marġinali normalment tipprovdi limitu għar-rata ta' imgħax tas-suq overnight.

(b) Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-*faċilità ta' depożitu* biex jagħmlu depożiti overnight mal-BĊNi. F'ċirkustanzi normali, ma hemm ebda limitu ta' depożitu jew restrizzjonijiet oħra għall-aċċess tal-kontropartijiet għall-faċilità. Ir-rata ta' imgħax fuq il-faċilità tad-depożitu normalment tipprovdi l-limitu l-baxx għar-rata ta' imgħax tas-suq overnight.

Il-faċilitajiet permanenti huma amministrati b'mod deċentralizzat mill-BĊNi.

1.3.3. *Riżervi minimi*

Is-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro u primarjament għandha l-għan li jiġu stabbilizzati r-rati tal-imgħax tas-swieq tal-flus u li toħoloq (jew tkabbar) nuqqas ta' likwidità strutturali. Il-ħtieġa tar-riżerva ta' kull istituzzjoni hija stabbilita fir-rigward tal-elementi tal-karta tal-bilanċ tagħha. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-istabbilizzazzjoni tar-rati tal-imgħax, is-sistema tar-riżerva minima tal-Eurosistema tippermetti li l-istituzzjonijiet jagħmlu użu minn dispożizzjonijiet li jwasslu għall-medja. Il-konformità mal-ħtieġa tar-riżervi hija stabbilita fuq il-bażi tal-medja ta' kuljum tar-riżervi miżmuma tal-istituzzjoni matul il-perijodu ta' żamma. Ir-riżervi meħtieġa li jinżammu mill-istituzzjonijiet huma remunerati bir-rata tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tal-Eurosistema.

*Tabella 1*

**Operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema**

| Operazzjonijiet tal-politika monetarja | Tipi ta' tranżazzjonijiet | | Maturità | Frekwenza | Proċedura |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għoti ta' likwidità | Assorbiment tal-likwidità | | | |
| *Operazzjonijiet ta' suq miftuħ* | | | | | |
| Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin | Tranżazzjonijiet irriversjati | — | Ġimgħa | Kull ġimgħa | Sejħiet għal offerti standard |
| Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal | Tranżazzjonijiet irriversjati | — | Tliet xhur | Kull xahar | Sejħiet għal offerti standard |
| Operazzjonijiet ta' rfinar | Tranżazzjonijiet irriversjati<br>Swaps tal-kambju barrani | Tranżazzjonijiet irriversjati<br>Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss<br>Swaps tal-kambju barrani | Mhux standardizzat | Mhux regolari | Sejħiet għal offerti mgħaġġla:<br>Proċeduri bilaterali |
| Operazzjonijiet strutturali | Tranżazzjonijiet irriversjati | Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | Standardizzat/ mhux standardizzat | Regolari u mhux regolari | Sejħiet għal offerti standard |

▼B

| Operazzjonijiet tal-politika monetarja | Tipi ta' tranżazzjonijiet | | Maturità | Frekwenza | Proċedura |
|---|---|---|---|---|---|
| | Għoti ta' likwidità | Assorbiment tal-likwidità | | | |
| | Xiri assolut | Bejgħ assolut | — | Mhux regolari | Proċeduri bilaterali |
| *Faċilitajiet permanenti* | | | | | |
| Faċilità ta' self marġinali | Tranżazzjonijiet irriversjati | — | Overnight | Aċċess fid-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |
| Faċilità ta' depożitu | — | Depożiti | Overnight | Aċċess fid-diskrezzjoni tal-kontropartijiet | |

1.4. **Kontropartijiet**

Il-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema huwa fformulat bil-ħsieb li jiżgura l-parteċipazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' kontropartijiet. Istituzzjonijiet suġġetti għal ħtiġijiet ta' riżervi minimi skont l-Artikolu 19.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jistgħu jkollhom aċċess għall-faċilitajiet permanenti u jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ ibbażati fuq sejħiet għal offerti standard kif ukoll tranżazzjonijiet diretti. L-Eurosistema tista' tagħżel numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fl-operazzjonijiet ta' rfinar. Għal swaps tal-kambju barrani mwettqa għal għanijiet tal-politika monetarja, jintużaw il-parteċipanti attivi fis-suq tal-kambju barrani. Is-sett ta' kontropartijiet għal dawn l-operazzjonijiet huwa limitat għal dawk l-istituzzjonijiet magħżula għall-operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju barrani tal-Eurosistema li huma stabbiliti fiż-żona tal-euro.

Il-kontropartijiet għandhom jitqiesu li huma konsapevoli ta', u ser jikkonformaw ma', l-obbligi kollha imposti fuqhom mil-leġiżlazzjoni dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament kontra t-terroriżmu.

1.5. **Assi sottostanti**

Skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, l-operazzjonijiet kollha ta' kreditu tal-Eurosistema (jiġifieri operazzjonijiet ta' politika monetarja li jipprovdu l-likwidità u kreditu intraday) għandhom ikunu bbażati fuq kollateral adegwat. L-Eurosistema taċċetta firxa wiesgħa ta' assi biex isostnu l-operazzjonijiet tagħha. L-Eurosistema żviluppat qafas waħdieni għal kollateral eliġibbli komuni għall-operazzjonijiet ta' kreditu kollha tal-Eurosistema (imsejjaħ ukoll bħala l-"Lista Waħda"). Fl-1 ta' Jannar 2007, dan il-qafas waħdieni ħa post is-sistema b'żewġ saffi li kienet fis-seħħ sa mill-bidu tat-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja. Il-qafas waħdieni jkopri assi negozjabbli u mhux negozjabbli li jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà uniformi maż-żona tal-euro kollha speċifikati mill-Eurosistema. Ma ssir ebda distinzjoni bejn assi negozjabbli u dawk mhux negozjabbli fir-rigward tal-kwalità tal-assi u l-eligibbiltà tagħhom għat-tipi varji ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, ħlief li assi mhux negozjabbli ma jintużawx mill-Eurosistema għal tranżazzjonijiet diretti. ►M2 L-assi kollha eliġibbli jistgħu jintużaw fuq bażi transkonfinali permezz tal-mudell ta' kummerċ bankarju ċentrali korrispondenti (CCBM) u, fil-każ ta' assi negozjabbli, permezz ta' links eliġibbli bejn sistemi ta' salduta' titoli taż-ŻEE (SSSs). ◄

1.6. **Modifiki għall-qafas politiku monetarju**

Il-Kunsill Governattiv tal-EĊB jista', f'kull żmien, jibdel l-istrumenti, il-kundizzjonijiet, il-kriterji u l-proċeduri għall-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

▼B

KAPITOLU 2

## KONTROPARTIJIET ELIĠIBBLI

### 2.1. Kriterji ġenerali ta' eligibbiltà

Il-kontropartijiet għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema għandhom jikkonformaw ma' ċerti kriterji ta' eligibbiltà (6). Dawn il-kriterji huma definiti bil-ħsieb li jagħtu aċċess għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema lil firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet, billi jtejbu t-trattament ugwali ta' istituzzjonijiet fi ħdan iż-żona tal-euro u jassiguraw li l-kontropartijiet iwettqu ċerti ħtiġijiet operattivi u prudenzjali:

(a) Huma biss l-istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema skont l-Artikolu 19.1 tal-Istatut tas-SEBĊ li huma eliġibbli biex i kunu kontropartijiet. Istituzzjonijiet li huma eżenti mill-obbligi tagħhom taħt is-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema (ara Taqsima 7.2) mhumiex eliġibbli li jkunu kontropartijiet għal faċilitajiet permanenti u operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema;

(b) Il-kontropartijiet għandhom ikunu finanzjarjament sodi. Għandhom ikunu suġġetti għal tal-anqas forma waħda ta' superviżjoni armonizzata tal-Unjoni/ż-ŻEE mill-awtoritajiet nazzjonali (7). Minħabba n-natura istituzzjonali speċifika taħt id-dritt tal-Unjoni, istituzzjonijiet finanzjarjament sodi fit-tifsira tal-Artikolu 123(2) tat-Trattat li huma suġġetti għal superviżjoni ta' standard paragunabbli mas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jiġu aċċettati bħala kontropartijiet. Istituzzjonijiet finanzjarjament sodi li huma suġġetti għas-superviżjoni mhux armonizzata mill-awtoritajiet nazzjonali ta' standard paragunabbli mas-superviżjoni armonizzata tal-Unjoni/-ŻEE jistgħu jiġu aċċettati wkoll bħala kontropartijiet, eż. fergħat stabbiliti fiż-żona tal-euro ta' istituzzjonijiet inkorporati barra ż-ŻEE;

(c) Il-kontropartijiet għandhom jissodisfaw kull kriterju operattiv speċifikat fl-arranġamenti relevanti kuntrattwali jew regolatorji applikabbli mill-BĊN rispettiv (jew il-BĊE), sabiex jiġi żgurat it-twettiq effiċjenti tal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

Dawn il-kriterji ġenerali ta' eligibbiltà huma uniformi maż-żona tal-euro kollha. Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' eligibbiltà jistgħu:

(a) jkollhom aċċess għall-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema; u

(b) jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema li huma bbażati fuq sejħiet għal offerti standard.

Istituzzjoni jista' jkollha aċċess għall-faċilitajiet permanenti u l-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema bbażati fuq sejħiet għal offerti standard biss permezz tal-BĊN tal-Istat Membru fejn tkun inkorporata. Jekk istituzzjoni jkollha stabbilimenti (l-uffiċċju prinċipali tagħha jew fergħat) f'aktar minn Stat Membru wieħed, kull stabbiliment ikollu aċċess għal dawn l-operazzjonijiet permezz tal-BĊN tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit minkejja l-fatt li offerti għas-sejħiet għal offerti ta' istituzzjoni jistgħu jintbagħtu biss minn stabbiliment wieħed (jew l-uffiċċju prinċipali jew fergħa nominata) f'kull Stat Membru.

(6) Għal tranżazzjonijiet diretti, ma jitqiegħdu ebda restrizzjonijiet minn qabel fuq il-firxa ta' kontropartijiet.

(7) Is-superviżjoni armonizzata ta' istituzzjonijiet ta' kreditu hija bbażata fuq id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 1-200).

▼B

2.2. **Għażla ta' kontropartijiet għal sejħiet għal offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali**

Għal tranżazzjonijiet diretti, ma jitqiegħdu ebda restrizzjonijiet minn qabel fuq il-firxa ta' kontropartijiet.

Għal swaps tal-kambju barrani eżegwiti għal għanijiet ta' politika monetarja, il-kontropartijiet għandhom ikunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet ta' kambju barrani fuq volum kbir b'mod effiċjenti taħt il-kundizzjonijiet kollha tas-suq. Il-firxa ta' kontropartijiet għal swaps ta' kambju barrani tikkorrispondi mal-kontropartijiet stabbiliti fiż-żona tal-euro li jintgħażlu għal operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani tal-Eurosistema. Il-proċeduri u l-kriterji applikati għall-għażla ta' kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani huma ppreżentati fl-Appendiċi 3.

Għal operazzjonijiet oħra bbażati fuq sejħiet għal offerti mgħaġġla u proċeduri bilaterali (irfinar ta' operazzjonijiet irriversjati u l-ġbir ta' depożiti fuq terminu fiss), kull BĊN jagħżel sett ta' kontropartijiet minn fost l-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Istat Membru tiegħu li jikkonformaw mal-kriterji ġenerali ta' eligibbiltà ta' kontroparti. F'dan ir-rigward, l-attività fis-suq tal-flus hija l-kriterju primarju tal-għażla. Kriterji oħra li jistgħu jitqiesu huma, per eżempju, l-effiċjenza tad-*desk* tan-negozju u l-potenzjal għall-offerti.

F'sejħiet għal offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali, il-BĊNi jittrattaw mal-kontropartijiet li huma inklużi fis-sett rispettiv tagħhom ta' kontropartijiet ta' rfinar. Sejħiet għal offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali jistgħu jiġu eżegwiti ma' firxa wiesgħa ta' kontropartijiet.

Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi jekk, taħt cirkustanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet bilaterali ta' rfinar jistgħux jiġu eżegwiti mill-BĊE nnifsu. Jekk il-BĊE jkollu jwettaq operazzjonijiet bilaterali, f'dawn il-każijiet l-għażla tal-kontropartijiet ikollha ssir mill-BĊE skont skema ta' rotazzjoni fost dawk il-kontropartijiet fiż-żona tal-euro li huma eliġibbli għal sejħiet għal offerti mgħaġġla u operazzjonijiet bilaterali sabiex jiġi assigurat aċċess ekwu.

2.3. **Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligi ta' kontroparti**

L-BĊE għandu jimponi sanzjonijiet, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet ([8]), ir-Regolament (KE) Nru 2157/1999/KE tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 1999 dwar il-poteri tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) ([9]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi mill-Bank Ċentrali Ewropew ([10]), u r-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9) ([11]), fuq istituzzjonijiet li ma jikkonformawx ma' obbligi li joħorġu mir-Regolamenti u Deċiżjonijiet tal-BĊE li jirrigwardaw l-applikazzjoni tar-riżervi minimi. Is-sanzjonijiet rilevanti u r-regoli proċedurali għall-applikazzjoni tagħhom huma speċifikati fir-Regolamenti msemmijin aktar 'il fuq. Barra minn hekk, f'każ ta' ksur serju tal-ħtiġijiet tar-riżervi minimi, l-Eurosistema tista' tissospendi l-parteċipazzjoni tal-kontropartijiet f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ.

Skont id-dispożizzjonijiet fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN rispettiv (jew mill-BĊE), l-Eurosistema tista' u għandha timponi penalitajiet finanzjarji fuq kontropartijiet jew tissospendi kontropartijiet mill-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ jekk il-kontropartijiet jonqsu li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊNi (jew mill-BĊE) kif stabbilit hawn taħt.

([8]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, pp. 19 - 22.
([9]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, pp. 139 - 144.
([10]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, pp. 16 - 18.
([11]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 3, pp. 300 - 306.

▼B

Dan jirrigwarda l-każijiet ta' ksur ta' (a) regoli tas-sejħiet għal offerti, jekk il-kontroparti tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' assi sottostanti jew flus kontanti ([12]) biex isir il-ħlas (f'jum il-ħlas), jew għall-kollateralizzazzjoni, sal-maturità tal-operazzjoni permezz ta' sejħiet ta' marġni korrispondenti, l-ammont ta' likwidità li ġie allokat lilha f'operazzjoni li tipprovdi likwidità, jew jekk tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' flus kontanti biex tħallas is-somma li ġiet allokata f'operazzjoni ta' assorbiment ta' likwidità; u (b) regoli ta' tranżazzjoni bilaterali, jekk kontroparti tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' assi sottostanti eliġibbli, jew jekk tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' flus kontanti biex jitħallas l-ammont miftiehem fi tranżazzjonijiet bilaterali, jew jekk tonqos milli tikkollateralizza tranżazzjoni bilaterali pendenti f'kull ħin sal-maturità tagħha permezz ta' sejħiet ta' marġni korrispondenti.

Dan japplika wkoll għall-każijiet ta' nonkonformità minn kontroparti ma': (a) ir-regoli għall-użu ta' assi sottostanti (jekk kontroparti tkun tuża assi li huma jew li saru ineliġibbli, jew li ma jistgħux jintużaw mill-kontroparti, pereżempju minħabba rabtiet mill-qrib bejn, jew l-identità ta' dak li jagħmel il-ħruġ/garanti u l-kontroparti); u (b) ir-regoli tal-proċeduri ta' tmiem il-jum u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali (jekk kontroparti li jkollha bilanċ negattiv fil-kont tal-ħlas fi tmiem il-jum ma tħarisx il-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali).

Barra minn hekk, miżura ta' sospensjoni meħuda fil-konfront tal-kontroparti li ma tikkonformax tista' tiġi applikata għall-fergħat tal-istess istituzzjoni stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. Fejn, bħala miżura eċċezzjonali, dan ikun meħtieġ minħabba s-serjetà ta' każ ta' nonkonformità, kif ippruvat mill-frekwenza tagħha jew mid-dewmien, pereżempju, kontroparti tista' tiġi sospiża mill-operazzjonijiet futuri ta' politika monetarja kollha għal ċertu perijodu ta' żmien.

Penalitajiet finanzjarji imposti minn BĊNi fil-każ ta' nonkonformità b'rabta ma' ksur tar-regoli li jikkonċernaw operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti, tranżazzjonijiet bilaterali, assi sottostanti, proċeduri ta' tmiem il-jum jew il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-faċilità ta' self marġinali jiġu kalkolati b'rata ta' penalità speċifikata minn qabel (kif stabbilit fl-Appendiċi 6).

### 2.4. Miżuri possibbli fuq il-bażi ta' prudenza jew wara każ ta' inadempjenza

#### 2.4.1. *Miżuri fuq il-bażi ta' prudenza*

L-Eurosistema tista' tieħu l-miżuri li ġejjin fuq il-bażi ta' prudenza:

(a) skont l-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN rispettiv jew mill-BĊE, l-Eurosistema tista' tissospendi, tillimita jew teskludi l-aċċess ta' kontropartijiet individwali għal strumenti ta' politika monetarja;

(b) l-Eurosistema tista' tirrifjuta jew tillimita l-użu ta' jew tapplika haircuts supplimentari għal assi ppreżentati bħala kollateral fl-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema minn kontropartijiet speċifiċi.

#### 2.4.2. *Miżuri wara l-każ ta' inadempjenza*

L-Eurosistema tista' tissospendi, tillimita jew teskludi aċċess għal operazzjonijiet ta' politika monetarja fir-rigward ta' kontropartijiet li jkunu inadempjenti skont arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊNi.

([12]) Meta japplika, fir-rigward ta' sejħiet ta' marġni.

▼B

2.4.3. *Applikazzjoni proporzjonata u mhux diskriminatorja ta' miżuri diskrezzjonali*

Il-miżuri diskrezzjonali kollha biex tiġi żgurata l-ġestjoni tar-riskju prodenti jiġu applikati u kkalibrati mill-Eurosistema b'mod proporzjonat u non-diskriminatorju. Kull miżura diskrezzjonali meħuda fil-konfront ta' kontroparti individwali għandha tkun ġustifikata kif xieraq.

KAPITOLU 3

## OPERAZZJONIJIET TA' SUQ MIFTUĦ

Operazzjonijiet ta' suq miftuħ għandhom rwol importanti fil-politika monetarja tal-Eurosistema. Dawn jintużaw għat-tmexxija ta' rati ta' imgħax, il-ġestjoni tas-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u l-indikazzjoni tal-pożizzjoni tal-politika monetarja. Fir-rigward tal-miri, ir-regolarità u l-proceduri tagħhom, l-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema jistgħu jinqasmu f'erba' kategoriji: operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal, operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali. Fir-rigward tal-istrumenti użati, tranżazzjonijiet irriversjati huma l-istrument ewlieni ta' suq miftuħ tal-Eurosistema u jistgħu jintużaw fl-erba' kategoriji kollha ta' operazzjonijiet, filwaqt li ċertifikati ta' dejn tal-BĊE jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' assorbiment strutturali. L-operazzjonijiet strutturali jistgħu jitwettqu wkoll permezz ta' tranżazzjonijiet diretti jiġifieri xiri u bejgħ. Barra minn dan, l-Eurosistema għandha żewġ strumenti oħra disponibbli għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' rfinar: swaps ta' kambju barrani u l-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss. Fit-taqsimiet li ġejjin, karatteristiċi speċifiċi tat-tipi differenti ta' strumenti tas-suq miftuħ użati mill-Eurosistema huma ppreżentati fid-dettall.

3.1. **Tranżazzjonijiet irriversjati**

3.1.1. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

3.1.1.1. Tip ta' strument

Tranżazzjonijiet irriversjati jirreferu għal operazzjonijiet fejn l-Eurosistema tixtri jew tbiegħ assi eliġibbli taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jew twettaq operazzjonijiet ta' kreditu kontra assi eliġibbli bħala kollateral. Tranżazzjonijiet irriversjati jintużaw għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal. Barra minn hekk, l-Eurosistema tista' tuża tranżazzjonijiet irriversjati għal operazzjonijiet strutturali u ta' rfinar.

3.1.1.2. Natura legali

Il-BĊNi jistgħu jeżegwixxu tranżazzjonijiet irriversjati jew fil-forma ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid (jiġifieri l-proprjetà tal-assi tiġi trasferita lill-kreditur, waqt li l-partijiet jiftiehmu li jirriversjaw t-tranżazzjoni permezz ta' trasferiment mill-ġdid tal-assi lid-debitur f'xi żmien fil-futur) jew bħala self kollateralizzat (jiġifieri imgħax ta' garanzija eżeġwibbli jiġi pprovdut fuq l-assi iżda, filwaqt li jiġi assunt it-twettiq tal-obbligu tad-dejn, il-proprjetà tal-assi tinżamm mid-debitur). Aktar dispożizzjonijiet dwar tranżazzjonijiet irriversjati bbażati fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid huma speċifikati fl-arranġamenti kuntrattwali applikati mill-BĊN rispettiv (jew mill-BĊE). Arranġamenti għal tranżazzjonijiet irriversjati bbażati fuq self ikkollateralizzat iqisu l-proċeduri differenti u l-formalitajiet meħtieġa biex jippermettu l-istabbiliment u t-twettiq sussegwenti ta' interess relevanti fil-kollateral (pereżempju rahan, assenjazzjoni jew piż) li japplikaw f'ġurisżdizzjonijiet differenti.

3.1.1.3. Termini tal-imgħax

Id-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-prezz tax-xiri mill-ġdid fi ftehim ta' xiri mill-ġdid tikkorrispondi għall-imgħax dovut fuq l-ammont ta' flus misluf jew imsellef mal-maturità tal-operazzjoni, jiġifieri l-prezz tax-xiri mill-ġdid jinkludi l-imgħax rispettiv li għandu jitħallas. Ir-rata ta' imgħax fuq tranżazzjoni irriversjata fil-forma ta' self kollateralizzat hija stabbilita bl-applikazzjoni tar-rata speċifika ta' imgħax fuq l-ammont

▼B

ta' kreditu fuq il-maturità tal-operazzjoni. Ir-rata ta' imgħax applikata għal operazzjonijiet ta'suq miftuħ irriversjati tal-Eurosistema hija ta' rata ta' imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum "attwali/360".

3.1.2. *Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin*

L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin huma l-operazzjonijiet ta' suq miftuħ l-aktar importanti mwettqa mill-Eurosistema, li għandhom parti kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-gwida tar-rati ta' imgħax, il-ġestjoni tas-sitwazzjoni ta' likwidità fis-suq u l-indikazzjoni tal-pożizzjoni tal-politika monetarja.

Il-karatterisitiċi operattivi tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) huma operazzjonijiet irriversjati li jipprovdu likwidità;

(b) huma eżegwiti regolarment ta' kull ġimgħa ([13]);

(c) normalment ikollhom maturità ta' ġimgħa ([14]);

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(e) huma eżegwiti permezz ta' sejħiet għal offerti standard (kif speċifikat fit-Taqsima 5.1);

(f) il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà (kif speċifikat fit-Taqsima 2.1) jistgħu jagħmlu offerti għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin; u

(g) assi negozjabbli u mhux negozjabbli (kif speċifikat fil-Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi sottostanti għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin.

3.1.3. *Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal*

L-Eurosistema teżegwixxi wkoll operazzjonijiet regolari ta' rifinanzjament, normalment b'maturità ta' tliet xhur, li huma mmirati li jipprovdu rifinanzjament addizzjonali fuq żmien itwal lis-settur finanzjarju. F'dawn l-operazzjonijiet, l-Eurosistema m'għandhiex il-ħsieb, bħala regola, li tibgħat sinjali lis-suq u għalhekk normalment taġixxi bħala dik li tieħu r-rata. Minħabba dan, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal huma normalment eżegwiti fil-forma ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli u, minn żmien għal żmien, il-BĊE jindika il-volum ta' operazzjonijiet li għandu jiġi allokat fis-sejħiet għal offerti li jkun imiss. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Eurosistema tista' teżegwixxi wkoll operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal permezz ta' sejħiet għal offerti b'rati fissi.

Il-karatteristiċi operattivi ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin fuq żmien itwal jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) huma operazzjonijiet irriversjati li jipprovdu likwidità;

(b) huma eżegwiti regolarment kull xahar ([15]);

(c) normalment ikollhom maturità ta' tliet xhur ([16]);

(d) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(e) huma eżegwiti permezz ta' sejħiet għal offerti standard (kif speċifikat fit-Taqsima 5.1);

([13]) L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal huma eżegwiti skont il-kalendarju ta' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti imħabbar minn qabel tal-Eurosistema (ara wkoll it-Taqsima 5.1.2), li jista' jinstab fuq is-sit elettroniku www.ecb.europa.eu, kif ukoll fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema (ara l-Appendiċi 5).

([14]) Il-maturità tal-operazzjonijiet ewlenin u f'terminu itwal ta' żmien ta' rifinanzjament jistgħu kultant ivarjaw skont, fost ħwejjeġ oħra, il-btajjel tal-banek fl-Istati Membri.

([15]) L-operazzjoniniet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal huma eżegwiti skont il-kalendarju tal-operazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti mħabbrin minn qabel tal-Eurosistema (ara wkoll it-Taqsima 5.1.2) li jistgħu jinstabu fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu kif ukoll fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema (Ara l-Appendiċi 5).

([16]) Il-maturità tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal jistgħu jvarjaw okkażjonalment billi jiddependi, fost l-oħrajn, fuq il-btajjel bankarji fl-Istati Membri.

▼B

(f) il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà (kif speċifikat fit-Taqsima 2.1) jistgħu jagħmlu offerti għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal; u

(g) assi negozjabbli u mhux negozjabbli (kif speċifikat fil-Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi sottostanti għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal.

3.1.4. *Operazzjonijiet irriversjati ta' irfinar*

L-Eurosistema tista' teżegwixxi operazzjonijiet ta' rfinar fil-forma ta' tranżazzjonijiet irriversjati ta' suq miftuħ. Operazzjonijiet ta' rfinar huma intiżi għall-ġestjoni tas-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u t-tmexxija tar-rati ta' mgħax, b'mod partikolari sabiex jitwittew l-effetti fuq ir-rati tal-imgħax li jinqalgħu minn flutwazzjonijiet ta' likwidità mhux mistennija fis-suq. L-operazzjonijiet ta' rfinar jistgħu jitwettqu fl-aħħar jum ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva biex jagħmlu tajjeb għall-iżbilanċi ta' likwidità li setgħu akkumulaw mill-allokazzjoni tal-aħħar operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija. Il-ħtieġa potenzjali għal azzjoni mgħaġġla fil-każ ta' żviluppi mhux mistennija tas-suq tqanqal ix-xewqa li jinżamm grad għoli ta' flessibilità fl-għażla ta' proċeduri u karatteristiċi operattivi fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet:

Il-karatteristiċi operattivi ta' operazzjonijiet ta' rfinar irriversjati jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) huma jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità jew li jassorbu l-likwidità;

(b) il-frekwenza tagħhom mhijiex standardizzata;

(c) il-maturità tagħhom mhijiex standardizzata;

(d) tranżazzjonijiet irriversjati ta' rfinar li jipprovdu likwidità huma normalment eżegwiti permezz ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla, għalkemm il-possibbiltà li jintużaw proċeduri bilaterali mhix eskluża (ara l-Kapitolu 5);

(e) tranżazzjonijiet irriversjati ta' rfinar li jassorbu l-likwidità huma eżegwiti, bħala regola, permezz ta' proċeduri bilaterali (kif speċifikat fit-Taqsima 5.2);

(f) huma normalment eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi (il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi illi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet bilaterali irriversjati ta' rfinar jistgħu jiġu eżegwiti mill-BĊE);

(g) l-Eurosistema tista' tagħżel, skont il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' rfinar irriversjati; u

(h) assi negozjabbli u mhux negozjabbli (kif speċifikat fil-Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi sottostanti għal operazzjonijiet ta' rfinar irriversjati.

3.1.5. *Operazzjonijiet irriversjati strutturali*

L-Eurosistema tista' teżegwixxi operazzjonijiet strutturali fil-forma ta' tranżazzjonijiet irriversjati ta' suq miftuħ immirati li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju.

Il-karatteristiċi operattivi ta' dawn l-operazzjonijiet jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) huma operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità;

(b) il-frekwenza tagħhom tista' tkun regolari jew mhux regolari;

(c) il-maturità tagħhom mhix standardizzata *a priori*;

(d) huma eżegwiti permezz ta' sejħiet għal offerti standard (kif speċifikat fit-Taqsima 5.1);

▼B

(e) huma eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi;

(f) il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ġenerali eliġibbli kollha (kif speċifikat fit-Taqsima 2.1) jistgħu jibagħtu offerti għal sejħiet għal offerti għal operazzjonijiet irriversjati strutturali; u

(g) assi negozjabbli u mhux negozjabbli (kif speċifikat fil-Kapitolu 6) huma eliġibbli bħala assi sottostanti għal operazzjonijiet irriversjati strutturali.

3.2. **Tranżazzjonijiet diretti**

3.2.1. *Tip ta' strument*

Tranżazzjonijiet diretti ta' suq miftuħ tirreferi għal operazzjonijiet fejn l-Eurosistema tixtri jew tbiegħ assi eliġibbli direttament fis-suq. Dawn l-operazzjonijiet isiru għal skopijiet strutturali biss.

3.2.2. *Natura legali*

Tranżazzjoni diretta timplika trasferiment sħiħ ta' proprjetà mill-bejjiegħ lix-xerrej b'ebda trasferiment irriversjat konness ta' proprjetà. It-tranżazzjonijiet huma eżegwiti skont il-konvenzjonijiet tas-suq għall-istrument tad-dejn użat fit-tranżazzjoni.

3.2.3. *Kundizzjonijiet tal-prezzijiet*

Fil-kalkolazzjoni tal-prezzijiet, l-Eurosistema taġixxi skont il-konvenzjoni tas-suq l-aktar aċċettata għall-istrumenti tad-dejn użati fit-tranżazzjoni.

3.2.4. *Karatteristiċi operattivi oħrajn*

Il-karatteristiċi operattivi ta' tranżazzjonijiet diretti tal-Eurosistema jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet ta' provvista ta' likwidità (xiri dirett) jew ta' assorbiment ta' likwidita (bejgħ dirett);

(b) il-frekwenza tagħhom mhijiex standardizzata;

(c) huma eżegwiti permezz ta' proċeduri bilaterali (kif speċifikat fit-Taqsima 5.2);

(d) huma normalment eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi (il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, tranżazzjonijiet diretti jistgħux jiġu eżegwiti mill-BĊE);

(e) ebda restrizzjonijiet ma huma imqegħdin *a priori* fuq il-firxa ta' kontropartijiet għal tranżazzjonijiet diretti; u

(f) assi negozjabbli biss (kif speċifikat fil-Kapitolu 6) jintużaw bħala assi sottostanti fi tranżazzjonijiet diretti.

3.3. **Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE**

3.3.1. *Tip ta' strument*

Il-BĊE jista' joħroġ ċertifikati tad-dejn bil-għan li jaġġusta l-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju sabiex joħloq (jew ikabbar) nuqqas ta' likwidità fis-suq.

3.3.2. *Natura legali*

Iċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE jikkostitwixxu obbligu ta' dejn tal-BĊE fil-konfront tad-detentur taċ-ċertifikat. Dawn jinħarġu u jinżammu fil-forma ta' daħla fil-ktieb f'depożiti ta' titoli fiż-żona tal-euro. Il-BĊE ma jimponi l-ebda restrizzjoni fuq it-trasferibbiltà taċ-ċertifikati. Aktar dispożizzjonijiet marbutin maċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE għandhom jiddaħħlu fit-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn iċ-ċertifikati.

▼B

3.3.3. *Termini tal-imgħax*

Iċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE jinħarġu bi skont, jiġifieri jinħarġu taħt l-ammont nominali u jinfdew mal-maturità fl-ammont nominali. Id-differenza bejn l-ammont tal-ħruġ bi skont u l-ammont tal-fidi hija ugwali għall-imgħax akkumulat fuq l-ammont tal-ħruġ bi skont, bir-rata miftiehma ta' mgħax, fuq il-maturità taċ-ċertifikat. Ir-rata ta' imgħax applikata hija rata ta' imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum "attwali/360". Il-kalkolu tal-ammont tal-ħruġ bi skont jidher fil-Kaxxa 1.

KAXXA 1

**Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE**

L-ammont tal-ħruġ bi skont huwa:

$$P_T = N \times \frac{1}{1 + \frac{r_I \times D}{36\,000}}$$

fejn:

N = ammont nominali taċ-ċertifikat tad-dejn tal-BĊE

$r_I$ = rata ta' imgħax (f'%)

D = maturità taċ-ċertifikat tad-dejn tal-BĊE (f'jiem)

$P_T$= ammont ta' ħruġ bi skont taċ-ċertifikat tad-dejn tal-BĊE

3.3.4. *Karatteristiċi operattivi oħrajn*

Il-karatteristiċi operattivi tal-ħruġ ta' ċertifikat tad-dejn tal-BĊE jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) iċ-ċertifikati jinħarġu sabiex jassorbu l-likwidità mis-suq;

(b) iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu fuq bażi regolari jew mhux regolari;

(c) iċ-ċertifikati għandhom maturità ta' anqas minn 12-il xahar;

(d) iċ-ċertifikati jinħarġu permezz ta' sejħiet għal offerti standard (kif speċifikat fit-Taqsima 5.1);

(e) iċ-ċertifikati joħorġu b'sejħa għal offerti u jiġu rregolati b'mod deċentralizzat mill-BĊNi; u

(f) il-kontropartijiet kollha li jikkonformaw mal-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà (kif speċifikat fit-Taqsima 2.1) jistgħu jibagħtu offerti għall-abbonament fiċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE.

3.4. **Swaps tal-kambju barrani**

3.4.1. *Tip ta' strument*

Swaps tal-kambju barrani eżegwiti għall-finijiet ta' politika monetarja jikkonsistu fi tranżazzjonijiet simultanji fil-mument u bil-quddiem fl-euro kontra valuta barranija. Huma użati għal finijiet ta' rfinar, prinċipalment bil-għan li jiġġestixxu s-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq u fil-gwida ta' rati tal-imgħax.

3.4.2. *Natura legali*

Swaps tal-kambju barrani eżegwiti għall-finijiet ta' politika monetarja jirreferu għal operazzjonijiet fejn l-Eurosistema tixtri (jew tbiegħ) euro fil-mument kontra valuta barranija u, fl-istess waqt, tbiegħ (jew tixtri) lura fi tranżazzjoni bil-quddiem f'data speċifikata ta' xiri lura. Aktar dispożizzjonijiet għal swaps ta' kambju barrani huma speċifikati fl-arranġamenti kuntrattwali applikati mill-BĊN rispettiv (jew mill-BĊE).

3.4.3. *Valuta u termini tar-rata tal-kambju*

Bħala regola, l-Eurosistema topera biss f'valuti negozjati f'firxa wiesa' u skont il-prattika tas-suq standard. F'kull operazzjoni ta' swap tal-kambju barrani, l-Eurosistema u l-kontropartijiet jiftiehmu dwar il-punti ta' swap

▼B

għat-tranżazzjoni. Il-punti ta' swap huma d-differenza bejn ir-rata tal-kambju tat-tranżazzjoni bil-quddiem u r-rata tal-kambju tat-tranżazzjoni fil-mument. Il-punti ta' swap tal-euro fil-konfront tal-valuta barranija huma kkwotati skont konvenzjonijiet tas-suq ġenerali. It-termini tar-rata tal-kambju ta' swaps tal-kambju huma speċifikati fil-Kaxxa 2.

3.4.4. *Karatteristiċi operattivi oħrajn*

Il-karatteristiċi operativi ta' swaps tal-kambju barrani jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) huma jistgħu jieħdu l-forma ta' operazzjonijiet li jipprovdu l-likwidità jew li jassorbu l-likwidità;

(b) il-frekwenza tagħhom mhijiex standardizzata;

(c) il-maturità tagħhom mhijiex standardizzata;

(d) huma eżegwiti permezz ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali (ara l-Kapitolu 5);

(e) huma normalment eżegwiti b'mod deċentralizzat mill-BĊNi (il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, swaps ta' kambju barrani bilaterali jistgħux jiġu eżegwiti mill-BĊE);

(f) l-Eurosistema tista' tagħżel, skont il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2 u l-Appendiċi 3, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fi swaps tal-kambju barrani.

KAXXA 2

**Swaps tal-kambju barrani**

S = fil-mument (spot) (fid-data tat-tranżazzjoni ta' swap ta' kambju barrani) tar-rata tal-kambju bejn l-euro (EUR) u valuta barranija ABC

$$S = \frac{x \times ABC}{1 \times EUR}$$

FM = rata tal-kambju bil-quddiem bejn l-euro u l-valuta barranija ABC fuq id-data tax-xiri mill-ġdid ta' swap (M)

$$F_M = \frac{y \times ABC}{1 \times EUR}$$

ΔM = punti bil-quddiem bejn l-euro u l-valuta barranija ABC fid-data tax-xiri mill-ġdid ta' swap (M)

$$\Delta_M = F_M - S$$

N(.) = valuta f'ammont fil-mument (spot); $N(.)_M$ huwa l-ammont tal-valuta bil-quddiem:

$$N\ (ABC) = N\ (EUR) \times S \text{ jew } N(EUR) = \frac{N(ABC)}{S}$$

$$N\ (ABC)_M = N\ (EUR)_M \times F_M \text{ jew } N(EUR)_M = \frac{N(ABC)_M}{F_M}$$

3.5. **Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss**

3.5.1. *Tip ta' strument*

L-Eurosistema tista' tistieden kontropartijiet biex iqiegħdu depożiti ta' terminu fiss remunerati mal-BĊN fl-Istat Membru li fih il-kontroparti tkun stabbilita. Il-ġbir ta' depositi b'terminu fiss huwa maħsub biss għall-finijiet ta' rfinar sabiex tiġi assorbita l-likwidità fis-suq.

3.5.2. *Natura legali*

Id-depożiti aċċettati mill-kontopartijiet huma għal terminu fiss ta' żmien u b'rata fissa ta' imgħax. L-ebda kollateral ma jingħata mill-BĊN bi skambju għad-depożiti.

▼B

3.5.3. *Termini tal-imgħax*

Ir-rata ta' imgħax applikata għad-depożitu hija rata ta' mgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum "attwali/360". L-imgħax jitħallas mal-maturità tad-depożitu.

3.5.4. *Karatteristiċi operattivi oħrajn*

Il-karatteristiċi operattivi tal-ġbir tad-depożiti fuq terminu fiss ta' żmien jistgħu jingħadu fil-qosor kif ġej:

(a) id-depożiti jinġabru sabiex jassorbu l-likwidità;

(b) il-frekwenza li biha jinġabru d-depożiti mhix standardizzata;

(c) il-maturità tad-depożiti mhijiex standardizzata;

(d) il-ġbir tad-depożiti huwa normalment eżegwit permezz ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla, għalkemm il-possibbiltà tal-użu ta' proċeduri bilaterali mhix eskluża (ara l-Kapitolu 5);

(e) il-ġbir tad-depożiti huwa normalment eżegwit b'mod deċentralizzat mill-BĊNi (il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi jekk, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-ġbir bilaterali ta' depożiti b'terminu fiss ([17]) jistax jiġi eżegwit mill-BĊE); u

(f) l-Eurosistema tista' tagħżel skont il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2, numru limitat ta' kontropartijiet għall-ġbir ta' depożiti b'terminu fiss.

KAPITOLU 4

## FAĊILITAJIET PERMANENTI

### 4.1. **Il-faċilità ta' self marġinali**

4.1.1. *Tip ta' strument*

Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità ta' self marġinali biex jiksbu likwidità overnight minn BĊNi b'rata ta' mgħax speċifikata minn qabel kontra assi eliġibbli (kif stabbilit fil-Kapitolu 6). Il-faċilità hija maħsuba biex tissodisfa l-ħtiġijiet temporanji ta' likwidità tal-kontropartijiet. F'ċirkustanzi normali, ir-rata ta' imgħax fuq il-faċilità tipprovdi għal limitu tar-rata ta' mgħax tas-suq overnight. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilità huma identiċi maż-żona tal-euro kollha.

4.1.2. *Natura legali*

Il-BĊNi jistgħu jipprovdu likwidità taħt il-faċilità ta' self marġinali jew fil-forma ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid overnight (jiġifieri l-proprjetà tal-assi tiġi ttrasferita lill-kreditur, waqt li l-partijiet jiftehmu li jirriversjaw it-tranżazzjoni permezz ta' trasferiment mill-ġdid tal-assi lid-debitur fl-ewwel jum tan-negozju li jkun imiss) jew bħala self kollateralizzat overnight (jiġifieri mgħax ta' garanzija eżegwibbli jiġi pprovdut fuq l-assi iżda, filwaqt li jiġi assunt l-obbligu tad-dejn, il-proprjetà tal-assi tinżamm mid-debitur). Aktar dispożizzjonijiet għall-ftehim ta' xiri mill-ġdid huma speċifikati fl-arranġamenti kuntrattwali applikati mill-BĊN. Arranġamenti biex tiġi pprovduta likwidità fil-forma ta' self kollateralizzat iqisu l-proċeduri differenti u formalitajiet meħtieġa biex jippermettu l-istabbiliment u r-realizzazzjoni sussegwenti tal-imgħax relevanti fil-kollateral (rahan, assenjazzjoni jew piż) li japplikaw f'ġurisżdizzjonijiet differenti.

([17]) Depożiti b'terminu fiss huma miżmuma f'kontijiet mal-BĊNi; dan ikun il-każ ukoll jekk dawk l-operazzjonijiet kellhom ikunu eżegwiti b'mod ċentralizzat mill-BĊE.

▼B

4.1.3. *Kundizzjonijiet ta' aċċess*

Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-kontroparti ġenerali speċifikati fit-Taqsima 2.1 jista' jkollhom aċċess għall-faċilità tas-self marġinali. L-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali jingħata permezz tal-BĊN fl-Istat Membru li fih l-istituzzjoni hija stabbilita. L-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali jingħata biss f'jiem meta t-TARGET2 ([18]) huwa operattiv ([19]). Fil-jiem meta l-SSSs mhumiex operattivi, l-aċċess għall-faċilitajiet tas-self marġinali jingħata skont l-assi sottostanti li jkunu diġà ġew iddepożitati minn qabel mal-BĊNi.

Fl-aħħar ta' kull jum tax-xogħol, il-pożizzjonijiet tad-dejn tal-kontropartijiet fir-rigward tal-kont ta' saldu mal-banek ċentrali nazzjonali jiġu kkunsidrati awtomatikament li huma talba għar-rikors għall-faċilità ta' self marġinali. Il-proċeduri għall-aċċess fi tmiem il-jum għall-faċilità marġinali ta' self huma speċifikati fit-Taqsima 5.3.3.

Kontroparti tista' tingħata wkoll aċċess għall-faċilità ta' self marġinali billi tintbagħat talba lill-BĊN fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kontroparti. Biex il-BĊN ikun jista' jipproċessa t-talba fl-istess jum fit-TARGET2, it-talba għandha tiġi rċevuta mill-bank ċentrali nazzjonali tal-anqas 15-il minuta wara l-ħin tal-għeluq tat-TARGET2 ([20]) ([21]). Bħala regola ġenerali, it-TARGET2 jagħlaq fis-6 p.m. ħin tal-BĊE (CET). L-iskadenza biex jintalab l-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali hija posposta bi 15-il minuta fl-aħħar jum tax-xogħol tal-Eurosistema ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva. It-talba għandha tispeċifika l-ammont ta' kreditu u, jekk l-assi sottostanti għat-tranżazzjoni għadhom ma ġewx iddepożitati minn qabel mal-BĊN, l-assi sottostanti li għandhom jiġu kkunsinjati għat-tranżazzjoni.

Minbarra l-ħtieġa li jiġu ppreżentati assi eliġibbli sottostanti suffiċjenti, ma hemm l-ebda limitu għall-ammont ta' fondi li għandu jiġi avanzat taħt il-faċilità ta' self marġinali.

4.1.4. *Maturità u termini tal-imgħax*

Il-maturità ta' kreditu estiż taħt il-faċilità hija overnight. Għal kontropartijiet li jipparteċipaw direttament fit-TARGET2, il-kreditu jitħallas lura l-jum ta' wara meta t-TARGET2; u (ii) l-SSSs rilevanti huma operattivi, fil-ħin li fih dawk is-sistemi jiftħu.

Ir-rata ta' imgħax titħabbar bil-quddiem mill-Eurosistema u hija kkalkulata bħala imgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum "attwali/360". Il-BĊE jista' jibdel ir-rata ta' imgħax f'kull żmien, b'effett, l-aktar kmieni, mill-jum tax-xogħol tal-Eurosistema li jmiss ([22]) ([23]). L-imgħax taħt il-faċilità jitħallas mal-ħlas lura tal-kreditu.

([18]) Mid-19 ta' Mejju 2008, l-infrastruttura teknika deċentralizzata tat-TARGET inbidlet bit-TARGET2. It-TARGET2 jikkonsisti f'pjattaforma maqsuma waħda (li permezz tagħha l-ordnijiet kollha ta' ħlas jiġu sottomessi u pproċessati u li permezz tagħhom jiġu rċevuti ħlasijiet bl-istess mod tekniku) u, meta japplikaw, is-sistemi ta' kontijiet domestiċi partikolari tal-BĊNi.

([19]) Barra minn dan, l-aċċess għall-faċilità ta' self marginali jingħata biss lill-kontropartijiet b'aċċess għal kont mal-BĊN fejn tista' titħallas it-tranżazzjoni, pereżempju fil-pjattaforma maqsuma waħda tat-TARGET2.

([20]) F'xi Stati Membri, il-BĊN jew uħud mill-fergħat tiegħu jistgħu ma jkunux miftuħin għall-iskop li jhaddmu operazzjonijiet tal-politika monetarja f'ċerti jiem tax-xogħol tal-Eurosistema minħabba btajjel pubbliċi nazzjonali jew reġjonali. F'każijiet bħal dawn, il-BĊN huwa responsabbli biex jinforma lill-kontropartijiet bil-quddiem bl-arranġamenti li għandhom isiru għall-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali f'jum ta' btala pubblika.

([21]) Il-jiem ta' għeluq tat-TARGET2 jitħabbru fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu, u fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema (ara l-Appendiċi 5).

([22]) F'dan id-dokument kollu, il-kliem 'jum tax-xogħol tal-Eurosistema' jirriferi għal kull jum meta l-BĊE u tal-anqas bank ċentrali nazzjonali wieħed ikunu miftuħin biex iħaddmu l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

([23]) Il-Kunsill Governattiv is-soltu jiddeċiedi fuq tibdil fir-rata tal-imgħax meta jikkunsidra l-pożizzjoni tal-politika monetarja fl-ewwel laqgħa tiegħu tax-xahar. Is-soltu dawn id-deċiżjonijiet isiru effettivi biss mill-bidu tal-perijodu l-ġdid taż-żamma ta' riżerva.

▼B

4.1.5. *Sospensjoni tal-faċilità*

L-aċċess għall-faċilità jingħata biss skont l-għanijiet u l-konsiderazzjonijiet tal-politika monetarja ġenerali tal-BĊE. Il-BĊE jista' jadatta l-kundizzjonijiet tal-faċilità jew jissospendiha f'kull żmien.

## 4.2. **Il-faċilità ta' depożitu**

4.2.1. *Tip ta' strument*

Il-kontropartijiet jistgħu jużaw il-faċilità ta' depożitu biex jagħmlu depożiti overnight mal-BĊNi. Id-depożiti huma remunerati b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel. F'ċirkustanzi normali, ir-rata ta' imgħax fuq il-faċilità tipprovdi l-limitu l-aktar baxx għal rata ta' imgħax tas-suq overnight. It-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilità ta' depożitu huma identiċi fiż-żona tal-euro kollha ([24]).

4.2.2. *Natura legali*

Id-depożiti overnight aċċettati mill-partijiet huma remunerati b'rata ta' imgħax fissa. L-ebda kollateral ma jingħata lill-kontroparti bi skambju mad-depożiti.

4.2.3. *Kundizzjonijiet tal-aċċess* ([25])

Istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-kontroparti ġenerali speċifikati fit-Taqsima 2.1 jista' jkollhom aċċess għall-faċilità ta' depożitu. L-aċċess għall-faċilità ta' depożitu jingħata permezz tal-BĊN fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni hija stabbilita. Aċċess għal faċilità ta' depożitu jingħata biss fil-jiem meta t-TARGET2 ikun miftuħ ([26])

Biex kontroparti tingħata aċċess għall-faċilità ta' depożitu, il-kontroparti għandha tibgħat talba lill-BĊN fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kontroparti. Biex il-BĊN jkun jista' jipproċessa t-talba fl-istess jum fit-TARGET2, it-talba għandha tiġi rċevuta mill-BĊN tal-anqas 15-il minuta wara l-ħin tal-għeluq tat-TARGET2, li, bħala regola ġenerali, jkun fis-6 p.m. ħin tal-BĊE (CET) ([27]), ([28]). L-iskadenza biex jintalab l-aċċess għall-faċilità tas-self marġinali hija posposta bi 15-il minuta addizzjonali fl-aħħar jum tax-xogħol tal-Eurosistema ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva. It-talba għandha tispeċifika l-ammont li għandu jiġi ddepożitat taħt din il-faċilità.

Ma hemmx limitu għall-ammont li kontroparti tista' tiddepożita taħt il-faċilità.

4.2.4. *Maturità u termini tal-imgħax*

Il-maturità ta' depożiti taħt il-faċilità hija overnight. Għal kontropartijiet li jipparteċipaw direttament fit-TARGET2, id-depożiti miżmumin fil-faċilità jimmaturaw l-għada meta t-TARGET2 jkun operattiv, fil-ħin meta din is-sistema tiftaħ.

---

([24]) Differenzi operattivi li jirriżultaw mill-eżistenza ta' strutturi differenti tal-kontijiet fost il-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jeżistu fil-pajjiżi taż-żona tal-euro.

([25]) Minħabba l-eżistenza ta' strutturi differenti fost il-banek ċentrali nazzjonali, il-BĊE jista' jippermetti lill-banek ċentrali nazzjonali li japplikaw kundizzjonijiet ta' aċċess li huma xi ftit differenti minn dawk imsemmija hawnhekk. Il-banek ċentrali nazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar kull devjazzjoni tali mill-kundizzjonijiet ta' aċċess deskritti f'dan id-dokument.

([26]) Barra minn dan, l-aċċess għall-faċilità ta' depożitu jingħata biss lill-kontropartijiet b'aċċess għal kont mal-BĊN fejn tista' tiġi rregolata t-tranżazzjoni, pereżempju fil-pjattaforma maqsuma waħda tat-TARGET2.

([27]) Barra minn dan, l-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali jingħata biss lill-kontropartijiet b'aċċess għal kont mal-BĊN fejn tista' titħallas it-tranżazzjoni, pereżempju fil-pjattaforma maqsuma waħda tat-TARGET2.

([28]) F'dan id-dokument kollu, il-kliem "jum tax-xogħol tal-Eurosistema" jirreferi għal kull jum meta l-BĊE u tal-anqas bank ċentrali nazzjonali wieħed ikunu miftuħin biex iħaddmu l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

▼B

Ir-rata ta' imgħax titħabbar bil-quddiem mill-Eurosistema u hija kkalkolata bħala rata ta' mgħax sempliċi bbażata fuq il-konvenzjoni tal-għadd ta' kull jum "attwali/360". Il-BĊE jista' jibdel ir-rata ta' imgħax f'kull żmien, b'effett, l-aktar kmieni, mill-jum tax-xogħol tal-Eurosistema li jmiss ([29]). L-imgħax fuq id-depożiti jitħallas mal-maturità tad-depożitu.

4.2.5. *Sospensjoni tal-faċilità*

L-aċċess għall-faċilità jingħata biss skont l-għanijiet u l-konsiderazzjonijiet tal-politika monetarja ġenerali tal-BĊE. Il-BĊE jista' jadatta l-kundizzjonijiet tal-faċilità jew jissospendiha f'kull żmien.

KAPITOLU 5

## PROĊEDURI

### 5.1. Proċeduri ta' sejħiet għal offerti

5.1.1. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

Operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema huma normalment eżegwiti f'forma ta' sejħiet għal offerti. Il-proċeduri għal sejħiet għal offerti tal-Eurosistema isiru f'sitt passi operattivi kif speċifikat fil-Kaxxa 3.

L-Eurosistema tiddistingwi bejn iż-żewġ tipi differenti ta' proċeduri għal sejħiet għal offerti: sejħiet għal offerti standard u sejħiet għal offerti mgħaġġla. Il-proċeduri għal sejħiet għal offerti mgħaġġla u standard huma identiċi ħlief għall-perijodu ta' żmien u l-firxa tal-kontropartijiet.

5.1.1.1. Sejħiet għal offerti standard

Għal sejħiet għal offerti standard, jgħaddu massimu ta' 24 siegħa mit-tħabbir tas-sejħa għal offerti għaċ-ċertifikazzjoni tar-riżultat tal-allokazzjoni (fejn iż-żmien bejn l-iskadenza għas-sottmissjoni u t-tħabbir tar-riżultat tal-allokazzjoni huwa ta' bejn wieħed u ieħor sagħtejn). Ċart 1 tagħti ħarsa ħafifa lejn l-iskeda normali ta' żmien għall-passi operattivi għal sejħiet għal offerti standard. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-iskeda taż-żmien f'operazzjonijiet individwali, jekk jitqies xieraq.

L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal u operazzjonijiet strutturali (bl-eċċezzjoni ta' tranżazzjonijiet diretti) huma eżegwiti dejjem f'forma ta' sejħiet għal offerti standard. Il-kontropartijiet li jikkonformaw mal-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà speċifikati fl-Artikolu 2.1 jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għal offerti standard.

5.1.1.2. Sejħiet għal offerti mgħaġġla

Sejħiet għal offerti mgħaġġla huma eżegwiti normalment fi żmien 90 minuta mit-tħabbir tas-sejħa għal offerti, biċ-ċertifikazzjoni ssir minnufih wara li jitħabbar ir-riżultat tal-allokazzjoni. L-iskeda taż-żmien normali għall-passi operattivi għal sejħiet għal offerti mgħaġġla hija speċifikata f'Ċart 2. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jaġġusta l-iskeda taż-żmien f'operazzjonijiet individwali, jekk jitqies xieraq. Sejħiet għal offerti mgħaġġla jintużaw biss għall-eżekuzzjoni ta' operazzjonijiet ta' rfinar. L-Eurosistema tista' tagħżel, skont il-kriterji u l-proċeduri speċifikati fit-Taqsima 2.2, numru limitat ta' kontropartijiet biex jipparteċipaw fis-sejħiet għal offerti mgħaġġla.

5.1.1.3. Sejħiet għal offerti b'rata fissa u b'rata varjabbli

L-Eurosistema għandha l-għażla li tagħmel jew sejħiet għal offerti b'rata fissa (volum) jew b'rata varjabbli (imgħax). F'sejħa għal offerti b'rata fissa, il-BĊE jispeċifika r-rata ta' imgħax bil-quddiem u l-kontropartijiet

([29]) Il-Kunsill Governattiv solitament jiddeċiedi fuq it-tibdil tar-rata tal-imgħax meta jivvaluta l-pożizzjoni tal-politika monetarja tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu tax-xahar. Is-soltu dawn id-deċiżjonijiet isiru effettivi biss mill-bidu tal-perijodu taż-żamma ta' riżerva li jmiss.

▼B

li jipparteċipaw joffru l-ammont ta' flus li jridu jinnegozjaw bir-rata fissa ta' imgħax ([30]). F'sejħa għal offerti b'rata varjabbli, il-kontropartijiet joffru l-ammonti ta' flus u r-rati ta' imgħax li bihom jixtiequ li jidħlu fi tranżazzjonijiet mal-BĊNi ([31]).

KAXXA 3

**Passi operattivi għall-proċeduri ta' sejħiet għal offerti**

| | |
|---|---|
| Pass 1 | *Tħabbir ta' sejħa għal offerti*<br>a. Tħabbir mill-BĊE permezz ta' mezzi tal-aħbarijiet pubbliċi u s-sit elettroniku tal-BĊE<br>b. Tħabbir mill-BĊNi permezz tas-servizzi nazzjonali tal-aħbarijiet u direttament lill-kontropartijiet individwali (jekk jitqies meħtieġ) |
| Pass 2 | *Preparazzjoni tal-kontropartijiet u sottomissjoni ta' offerti* |
| Pass 3 | *Ġbir tal-offerti mill-Eurosistema* |
| Pass 4 | *Allokazzjoni tal-offerti u t-tħabbir tar-riżultati tal-offerti*<br>a. Deċiżjoni ta' allokazzjoni tal-BĊE<br>b. Tħabbir tar-riżultati tal-allokazzjoni permezz ta' mezzi tal-aħbarijiet pubbliċi u s-sit elettroniku tal-BĊE |
| Pass 5 | *Ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-allokazzjoni individwali* |
| Pass 6 | *Saldu tat-tranżazzjonijiet (ara t-Taqsima 5.3)* |

5.1.2. *Kalendarju ta' operazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti*

5.1.2.1. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal

L-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal huwa eżegwiti skont kalendarju indikattiv ippubblikat mill-Eurosistema ([32]). Il-kalendarju jiġi ppublikat tal-anqas tliet xhur qabel il-bidu tas-sena li għaliha jkun validu. Il-jiem normali tal-kummerċ għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal huma speċifikati fit-Tabella 2. Il-BĊE jimmira li jassigura li l-kontropartijiet fl-Istati Membri kollha jistgħu jipparteċipaw fl-operazzjonijiet operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq żmien itwal. Għalhekk, meta jiġi kompilat il-kalendarju għal dawn l-operazzjonijiet, il-BĊE jagħmel aġġustamenti xierqa għall-iskeda normali sabiex jitqiesu l-btajjel tal-banek fl-Istati Membri individwali.

5.1.2.2. Operazzjonijiet strutturali

Operazzjonijiet strutturali permezz ta' sejħiet għal offerti standard mhumiex eżegwiti skont kwalunkwe kalendarju speċifikat minn qabel. Iżda, dawn normalment jitwettqu u jitlestew biss fil-jiem li huma jiem tan-negozju tal-BĊN ([33]) fl-Istati Membri kollha.

([30]) F'sejħiet għal offerti ta' swap ta' valuta barranija b'rata fissa, il-BĊE jiffissal-punti ta' swap tal-operazzjoni u l-kontropartijiet joffru l-ammont tal-valuta miżmum fiss li jixtiequ li jbiegħu (u jixtru lura) jew jixtru (u jbiegħu lura) b'dik ir-rata.

([31]) F'sejħiet għal offerti swap ta' valuta barranija b'rata varjabbli, il-kontropartijiet joffru l-ammont tal-valuta miżmum fiss u l-kwotazzjoni tal-punt ta' swap li fih jixtiequ jidħlu fl-operazzjoni.

([32]) Il-kalendarju għall-operazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti tal-Eurosistema jista' jinstab fis-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu, kif ukoll fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema (ara l-Appendiċi 5).

([33]) Matul dan id-dokument kollu, l-espressjoni "jum tan-negozju BĊN" tirreferi għal kull jum li fih il-bank ċentrali nazzjonali ta' Stat Membru speċifiku jkun miftuħ bl-iskop li jwettqu operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema. F'xi Stati Membri l-fergħat tal-bank ċentrali nazzjonali jistgħu jkunu magħluqa fil-ġranet tan-negozju tal-BĊN minħabba btajjel bankarji lokali jew reġjonali. F'dawk il-każijiet, il-bank ċentrali nazzjonali relevanti huwa responsabbli biex javża lill-kontropartijiet bil-quddiem bl-arranġamenti li għandhom isiru għal tranżazzjonijiet li jinvolvu dawk il-fergħat.

▼B

5.1.2.3. O p e r a z z j o n i j i e t t a ' r f i n a r

Operazzjonijiet ta' rfinar ma jiġux eżegwiti skont xi kalendarju speċifikat minn qabel. Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jwettaq operazzjonijiet ta' rfinar f'kull jum tan-negozju tal-Eurosistema. Il-BĊNi biss tal-Istati Membri fejn il-jum tal-kummerċ, il-jum li fih isir is-saldu u l-jum li fih isir r-rimborż huma jiem tan-negozju tal-BĊN jipparteċipaw f'dawk l-operazzjonijiet.

*Ċart 1*

**Perijodu ta' żmien normali għall-passi operattivi f'sejħiet għal offerti standard**

*(ħinijiet kif jissemmew fil-ħin tal-BĊE (CET))*




*Nota*: Il-figuri jirriferu għall-passi operattivi kif definiti fil-Kaxxa 3.

*Ċart 2*

**Perijodu ta' żmien normali għall-passi operattivi fis-sejħiet għal offerti mgħaġġla**




*Note*: Il-figuri jirriferu għall-passi operattivi kif definiti fil-Kaxxa 3.

*Tabella 2*

**Jiem tal-kummerċ normali għal operazzjonijiet ewlenin u ta' rifinanzjament fuq żmien itwal**

| Tip ta' operazzjoni | Jum tal-kummerċ normali (T) |
|---|---|
| Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin | Kull nhar ta' Tlieta |
| Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal | L-aħħar Erbgħa ta' kull xahar kalendarju (1) |

(1) Minħabba l-perijodu tal-Milied, l-operazzjoni ta' Diċembru normalment tinġieb 'il quddiem b'ġimgħa, jiġifieri għall-Erbgħa ta' qabel tax-xahar.

▼B

5.1.3. *Tħabbir ta' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti*

Sejħiet għal offerti standard tal-Eurosistema jitħabbru pubblikament permezz ta' servizzi tal-aħbarijiet u s-sit elettroniku tal-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru l-operazzjoni ta' sejħa għal offerti direttament lill-kontropartijiet mingħajr aċċess għas-servizzi tal-aħbarijiet. Il-messaġġ li jħabbar is-sejħa pubblika għal offerti normalment ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' referenza tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(b) id-data tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(c) it-tip ta' operazzjoni (provvista jew assorbiment ta' likwidità u t-tip ta' strument ta' politika monetarja li għandu jintuża);

(d) il-maturità tal-operazzjoni;

(e) it-tip ta' rkant (sejħa għal offerti b'rata fissa jew b'rata varjabbli);

(f) il-metodu ta' allokazzjoni (irkant "Olandiż" jew "Amerikan", kif definit fit-Taqsima 5.1.5);

(g) il-volum ta' operazzjoni maħsub (normalment fil-każijiet biss ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal);

(h) il-punt ta' rata/prezz/swap tal-imgħax tas-sejħa għal offerti (fil-każ ta' sejħiet għal offerti b'rata fissa);

(i) il-punt ta' rata/prezz/swap tal-imgħax aċċettat minimu/massimu tas-sejħa għal offerti (jekk applikabbli);

(j) id-data tal-bidu u d-data tal-maturità tal-operazzjoni (jekk applikabbli) jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità tal-istrument (fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE);

(k) il-valuti involuti u l-valuta, li l-ammont tagħha jinżamm fiss (fil-każ ta' swaps ta' kambju barrani);

(l) ir-rata tal-kambju ta' referenza fil-mument li għandha tintuża għall-kalkolu tal-offerti (fil-każ ta' swaps tal-kambju barrani);

(m) il-limitu massimu tal-offerta (jekk ikun hemm);

(n) l-ammont minimu individwali tal-allokazzjoni (jekk ikun hemm);

(o) il-proporzjon minimu ta' allokazzjoni (jekk ikun hemm);

(p) l-iskeda taż-żmien għas-sottomissjoni tal-offerti;

(q) id-denominazzjoni taċ-ċertifikati (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE); u

(r) il-kodiċi ISIN tal-ħruġ (fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE).

Bil-ħsieb li tittejjeb it-trasparenza fl-operazzjonijiet ta' rfinar tagħha, l-Eurosistema normalment tħabbar pubblikament bil-quddiem sejħiet għal offerti mgħaġġla. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-BĊE jista' jiddeċiedi li ma jħabbarx pubblikament bil-quddiem sejħiet għal offerti mgħaġġla. It-tħabbir ta' sejħiet għal offerti mgħaġġla isegwi l-istess proċeduri bħal dawk għal sejħiet għal offerti standard. F'sejħa għal offerti mgħaġġla li normalment ma titħabbarx pubblikament bil-quddiem, il-kontropartijiet magħżula jiġu kkuntattjati direttament mill-BĊNi. F'sejħa għal offerti mgħaġġla, li titħabbar pubblikament, il-BĊN jista' jikkuntattja l-kontropartijiet magħżula direttament.

▼M1

Il-BĊE jirriżerva d-dritt li jieħu kull azzjoni illi jqis xierqa sabiex jikkoreġi żball fl-avviż tas-sejħa għall-offerti, inkluż it-tħassir jew l-interruzzjoni tal-esekuzzjoni ta' sejħa għall-offerti.

▼B

5.1.4. *Preparazzjoni u sottomissjoni ta' offerti mill-kontropartijiet*

L-offerti tal-kontropartijiet għandhom ikunu f'forma li ssegwi l-eżempju ta' pro forma provduta mill-BĊNi għall-operazzjoni relevanti. L-offerti għandhom jintbagħtu lill-BĊN tal-Istat Membru li fih l-istituzzjoni jkollha stabbiliment (uffiċċju prinċipali jew fergħa). L-offerti ta' istituzzjoni jistgħu jintbagħtu biss minn stabbiliment wieħed (jew l-uffiċċju prinċipali jew fergħa nominata) f'kull Stat Membru.

F'sejħiet għal offerti b'rata fissa, il-kontropartijiet għandhom fl-offerti tagħhom jiddikjaraw l-ammont ta' flus li huma lesti jinnegozjaw mal-BĊNi ([34]).

F'sejħiet għal offerti b'rata varjabbli, il-kontropartijiet jistgħu jibagħtu offerti sa 10 livelli differenti ta' rati ta' imgħax/prezzijiet/punti ta' swaps. F'ċirkustanzi eċċezzjonali l-Eurosistema tista' timponi limitu fuq in-numru ta' offerti li jistgħu jiġu sottomessi fir-rigward tas-sejħiet b'rata varjabbli. F'kull offerta, il-kontropartijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' flus li huma lesti jinnegozjaw mal-BĊNi u r-rata ta' imgħax rilevanti ([35]), ([36]). L-offerta tar-rati ta' imgħax għandha tiġi espressa f'multipli ta' punti ta' perċentwali ta' 0,01. Fil-każ ta' sejħa għal offerti ta' swaps ta' kambju barrani b'rata varjabbli, il-punti tas-swaps għandhom ikunu kkwotati skont il-konvenzjonijiet standard tas-suq u l-offerti għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' 0,01 ta' punti ta' swaps.

Għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, l-ammont minimu ta' offerta huwa EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu dan l-ammont għandhom jiġu espressi bħala multipli ta' EUR 100 000. L-istess offerta minima u ammonti multipli huma applikati fl-operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali. L-ammont minimu tal-offerta huwa applikat għal kull rata ta' imgħax/prezz/punt ta' swap individwali.

Għal operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal, kull BĊN jiddefinixxi ammont ta' offerta minima ta' firxa bejn EUR 10 000 sa EUR 1 000 000. Offerti li jeċċedu l-ammont minimu tal-offerta għandhom ikunu espressi bħala multipli ta' EUR 10 000. L-ammont minimu tal-offerta huwa applikat għal kull livell ta' rata individwali ta' imgħax.

Il-BĊE jista' jimponi limitu massimu tal-offerta sabiex jipprevjeni offerti sproporzjonament kbar. Kull limitu għal offerta massima bħal dak għandu dejjem jiġi speċifikat fil-messaġġ ta' tħabbir tas-sejħa għal offerti pubblika.

Il-kontropartijiet huma dejjem mistennija li jkunu f'pożizzjoni li jkopru l-ammonti allokati lilhom b'ammont suffiċjenti ta' assi eliġibbli sottostanti ([37]). L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN rilevanti jippermettu l-impożizzjoni ta' pieni jekk kontroparti tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċjenti ta' assi sottostanti jew flus kontanti biex jitħallas l-ammont li tkun ġiet allokata f'operazzjoni tas-sejħa għal offerti.

L-offerti huma revokabbli sal-iskadenza tas-sottomissjoni tas-sejħa għal offerti. Offerti mibgħutin wara l-iskadenza speċifikata fil-messaġġ ta' tħabbir tas-sejħa għal offerti huma invalidi. L-osservanza tal-iskadenza hija ġġudikata mill-BĊNi. Il-BĊNi jiskartaw l-offerti kollha ta' kontroparti jekk l-ammont aggregat ta' offerta jeċċedi kwalunkwe limitu massimu stabbilit ta' offerta stabbilit mill-BĊE. Il-BĊNi jiskartaw ukoll kull offerta li tkun taħt l-ammont minimu tal-offerta jew li tkun

([34]) Fi swaps tal-kambju barrani b'rata fissa, l-ammont tal-valuta miżmum fiss li l-kontroparti tkun lesta li tinnegozja mal-Eurosistema għandu jiġi ddikjarat.

([35]) Fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE, il-BĊE jista' jiddeċiedi li l-offerti jiġu espressi fil-forma ta' prezz pjuttost milli f'rata ta' mgħax. F'dawk il-każijiet, il-prezzijiet għandhom ikunu kkwotati bħala persentaġġi tal-ammont nominali.

([36]) Fi swaps tal-kambju barrani, għandu jiġi ddikjarat l-ammont tal-valuta miżmum fiss li l-kontroparti hija lesta li tinnegozja mal-Eurosistema u l-livell tal-punt ta' swap rilevanti.

([37]) Jew li jħallsu fi flus kontanti fil-każ ta' operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

▼B

taħt xi minimu jew 'il fuq minn xi massimu aċċettat ta' rata ta' imgħax/-prezz/punt ta' swap. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jiskartaw offerti li huma inkompleti jew li ma jsegwux l-eżempju tal-pro forma. Jekk offerta tiġi skartata, il-BĊN rispettiv jinforma lill-kontroparti dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel l-allokazzjoni tas-sejħa għal offerti.

5.1.5. *Proċeduri ta' allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti*

5.1.5.1. Operazzjonijiet ta' sejħa għal offerti b'rata fissa

Fl-allokazzjoni ta' sejħa għal offerti b'rata fissa, l-offerti riċevuti mill-kontropartijiet jiżdiedu flimkien. Jekk l-ammont aggregat tal-offerta jeċċedi l-ammont totali ta' likwidità li għandu jiġi allokat, l-offerti mibgħuta jiġu sodisfatti pro rata, skont il-proporzjon tal-ammont li għandu jiġi allokat tal-offerta tal-ammont aggregat (ara l-Kaxxa 4). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb euro. Iżda, il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont/proporzjon minimu li kull min jagħmel offerta f'sejħiet għal offerti b'rata fissa.

KAXXA 4

**Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata fissa**

Il-persentaġġ tal-allokazzjoni huwa:

$$all\ \% = \frac{A}{\sum_{i=1}^{n} a_i}$$

L-ammont allokat lill-kontroparti *i*th huwa:

$$all_i = all\ \% \times (a_i)$$

fejn:

| | |
|---|---|
| A | = l-ammont totali allokat |
| n | = nunmru totali ta' kontropartijiet |
| $a_i$ | = ammont tal-offerta tal-kontroparti *i*th |
| all% | = persentaġġ tal-allokazzjoni |
| $all_i$ | = ammont totali allokat lill-kontroparti *i*th |

5.1.5.2. Sejħiet għal offerti b'rata varjabbli f'euro

Fl-allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità fl-euro, l-offerti huma elenkati f'ordni dixxendenti ta' rati ta' imgħax offruti. Offerti bil-livelli l-aktar għoljin ta' rati ta' imgħax jiġu sodisfatti l-ewwel u offerti sussegwenti b'rati iktar baxxi ta' imgħax suċċessiv huma aċċettati sakemm il-likwidità totali li għandha tiġi assorbita tiġi eżawrita. Jekk, fil-livell tal-inqas rata ta' imgħax aċċettat (jiġifieri r-rata ta' imgħax marġinali), l-ammont aggregat totali tal-offerta jeċċedi l-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat, l-ammont li jibqa' għandu jiġi allokat pro rata fost l-offerti skont il-proporzjon tal-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat għall-offerta tal-ammont totali bir-rata ta' imgħax marġinali (ara l-Kaxxa 5). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

Fl-allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli li jassorbu l-likwidità (li jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE u l-ġbir ta' depożiti għal terminu fiss), l-offerti huma elenkati f'ordni axxendenti ta' rati ta' imgħax offruti (jew f'ordni dixxendenti ta' prezzijiet offruti). Offerti bil-livelli l-aktar baxxi ta' rata ta' imgħax (l-ogħla prezz) jiġu sodisfatti l-ewwel u offerti sussegwenti b'rati ogħla ta' imgħax suċċessiv (offerti bi prezzijiet aktar baxxi) huma aċċettati sakemm il-likwidità totali li għandha tiġi assorbita tiġi eżawrita. Jekk, fil-livell tal-ogħla rata ta' imgħax aċċettat (l-aktar prezz baxx) (jiġifieri r-rata/prezz ta' imgħax marġinali), l-ammont aggregat totali tal-offerta jeċċedi l-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat, l-ammont li jibqa' għandu jiġi allokat pro rata fost l-offerti skont il-proporzjon tal-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta b'rata/prezz ta' imgħax marġinali (ara l-Kaxxa 5). Għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' dejn tal-BĊE, l-ammont

▼B

allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb multiplu tad-denominazzjoni taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE. Għal operazzjonijiet oħra li jassorbu l-likwidità, l-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jalloka ammont minimu lil kull oblatur li jirbaħ fis-sejħiet għal offerti b'rata varjabbli.

KAXXA 5

**Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbi f'euro**

*(l-eżempju jirrferi għal offerti kkwotati fil-forma ta' rati ta' imgħax)*

Il-persentaġġ tal-allokazzjoni bir-rata ta' imgħax marġinali huwa:

$$all\ \%(r_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)}{a(r_m)}$$

L-allokazzjoni lill-kontroparti *i*th bir-rata ta' imgħax marġinali huwa:

$$all\ (r_m)_i = all\%(r_m) \times a(r_m)_i$$

L-ammont totali allokat lill-kontroparti *i*th huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(r_s)_i + all(r_m)_i$$

fejn:

| | |
|---|---|
| A | = ammont totali allokat |
| $r_s$ | = offerta tar-rata ta' imgħax sth mill-kontropartijiet. |
| n | = numru totali ta' kontropartijiet |
| $a(r_s)_i$ | = offerta ta' ammont bir-rata ta' imgħax *s*th ($r_s$) mill-kontroparti *i*th |
| $a(r_s)$ | = offerta tal-ammont totali bir-rata tal-imgħax *s*th ($r_s$) $$a(r_s) = \sum_{i=1}^{n} a(r_s)_i$$ |
| $r_m$ | = rata ta' imgħax marġinali: $r_1 \geq r_s \geq r_m$ għal sejħa ta' offerti li tipprovdi l-likwidità; $r_m \geq r_s \geq r_1$ għal sejħa ta' offerti li tassorbi l-likwidità |
| $r_{m-1}$ | = rata ta' imgħax qabel ir-rata tal-imgħax marġinali (l-aħħar rata ta' imgħax fejn l-offerti jiġu sodisfatti kompletament): $r_{m-1} > r_m$ għal sejħa ta' offerti li tipprovdi l-likwidità; $r_m > r_{m-1}$ għal sejħa ta' offerti li tassorbi l-likwidità |
| $all\%(r_m)$ | = persentaġġ tal-allokazzjoni bir-rata ta' imgħax marġinali |
| $all(r_s)_i$ | = allokazzjoni lill-kontroparti *i*th bir-rata tal-imgħax *s*th |
| $all_i$ | = ammont totali allokat lill-kontroparti *i*th |

▼B

5.1.5.3. Sejħiet għal offerti swap ta' kambju barrani b'rata varjabbli

Fl-allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti swap ta' kambju barrani b'rata varjabbli li jipprovdu likwidità, l-offerti huma elenkati f'ordni axxendenti tal-kwotazzjonijiet tal-punt ta' swap ([38]). L-offerti bi kwotazzjonijiet l-aktar baxxi tal-punti ta' swap huma sodisfatti l-ewwel u kwotazzjonijiet b'punt ta' swap suċċessivament ogħla huma aċċettati sakemm l-ammont kollu ta' valuta fissa li għandha tiġi allokata jintlaħaq. Jekk, fil-livell tal-ogħla punt ta' swap aċċettat (jiġifieri il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali), l-ammont aggregat totali tal-offerta jeċċedi l-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat, l-ammont li jibqa' għandu jiġi allokat pro rata fost l-offerti skont il-proporzjon tal-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta tal-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali (ara l-Kaxxa 6). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

Fl-allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti ta' kambju barrani b'rata varjabbli li jassorbu likwidità, l-offerti huma elenkati f'ordni dixxendenti ta' kwotazzjonijiet tal-punt ta' swap offruti. L-offerti bl-ogħla kwotazzjonijiet tal-punti ta' swap huma sodisfatti l-ewwel u kwotazzjonijiet b'punt ta' swap suċċessivament aktar baxxi huma aċċettati sakemm l-ammont kollu ta' valuta fissa li għandha tiġi allokata jintlaħaq. Jekk, fil-livell tal-kwotazzjoni tal-punt aktar baxx ta' swap aċċettat (jiġifieri l-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali), l-ammont aggregat totali tal-offerta jeċċedi l-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat, l-ammont li jibqa' għandu jiġi allokat pro rata fost l-offerti skont il-proporzjon tal-ammont li jibqa' li għandu jiġi allokat għall-ammont totali tal-offerta fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali (ara l-Kaxxa 6). L-ammont allokat lil kull kontroparti jiġi aġġustat sal-eqreb euro.

5.1.5.4. Tip ta' rkant

Gal sejħiet għal offerti b'rata varjabbli, l-Eurosistema tista' tapplika jew rata waħda jew rata multipla għall-proċeduri tal-irkant. F'irkant b'rata waħda (irkant Olandiż), l-allokazzjoni tar-rata ta' imgħax/prezz/punt ta' swap applikata għall-offerti kollha sodisfatti hija ugwali għar-rata marġinali ta' imgħax/prezz/punt ta' swap (jiġifieri dak fejn l-allokazzjoni totali tkun ttieħdet). F'irkant b'rata multipla (irkant Amerikan), l-allokazzjoni tar-rata ta' imgħax/prezz/punt ta' swap hija ugwali għar-rata ta' imgħax/-prezz punt ta' swap offrut għal kull offerta individwali.

KAXXA 6

**Allokazzjoni ta' sejħiet għal offerti swap ta' valuta barranija**

Il-persentaġġ tal-allokazzjoni fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali huwa:

$$all\ \%(\Delta_m) = \frac{A - \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)}{a(\Delta_m)}$$

([38]) Kwotazzjonijiet tal-punt ta' swap huma elenkati f'ordni axxendenti waqt li jitiqies is-sinjal tal-kwotazzjoni, li jiddependi fuq is-sinjal tar-rata ta' mgħax differenzjali bejn il-valuta barranija u l-euro. Jekk, għall-maturità tal-*i*swap ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun ogħla mir-rata ta' mgħax li tikkorrispondi għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' skambju hija pożittiva (jiġifieri l-euro kkwotat bi premium kontra l-valuta barranija). Bil-maqlub, jekk ir-rata ta' mgħax tal-valuta barranija tkun aktar baxxa mir-rata ta' mgħax li tikkorrispondi għall-euro, il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap hija negattiva (jiġifieri l-euro huwa kkwotat bi skont kontra l-valuta barranija).

▼B

L-allokazzjoni lill-kontroparti *i*th fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali huwa:

$$all\ (\Delta_m)_i = all\%\ (\Delta_m) \times a(\Delta_m)_i$$

L-ammont totali allokat lill-kontroparti *i*th huwa:

$$all_i = \sum_{s=1}^{m-1} a(\Delta_s)_i + all(\Delta_m)_i$$

fejn:

| | |
|---|---|
| A | = ammont totali allokat |
| $\Delta_s$ | = offerta ta' punt ta' swap *s*th mil-kontropartijiet |
| n | = numru totali tal-kontropartijiet |
| $a(\Delta_s)_i$ | = offerta ta' ammont fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap ($\Delta_s$) mill-kontroparti *i*th |
| $a(\Delta_s)$ | = offerta ta' ammont totali fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap *s*th ($\Delta_s$) $$a(\Delta_s) = \sum_{i=1}^{n} a(\Delta_s)_i$$ |
| $\Delta_m$ | = kwotazzjoni tal-punt swap marinali: $\Delta_m \geq \Delta_s \geq \Delta_1$ għal swap ta' kambju barrani li jipprovdi likwidità; $\Delta_1 \geq \Delta_s \geq \Delta_m$ għal swap ta' kambju barrani li jipprovdi likwidità |
| $\Delta_{m-1}$ | = kwotazzjoni tal-punt ta' swap qabel il-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali (l-aħħar kwotazzjoni tal-punt ta' swap fejn l-offerti jiġu sodisfatti għal kollox), $\Delta_m > \Delta_{m-1}$ għal swap ta' kambju barrani li jipprovdi likwidità; $\Delta_{m-1} > \Delta_m$ għal swap ta' kambju barrani li jipprovdi likwidità |
| $all\%(\Delta_m)$ | = persentaġġ ta' allokazzjoni fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap marġinali |
| $all(\Delta_s)_i$ | = allokazzjoni lill-kontroparti *i*th fil-kwotazzjoni tal-punt ta' swap *s*th |
| $all_i$ | = ammont totali allokat lill-kontroparti *i*th |

5.1.6. *Tħabbir tar-riżultati tas-sejħiet għal offerti*

Ir-riżultati tas-sejħiet għal offerti standard u mgħaġġla jitħabbru pubblikament permezz ta' servizzi tal-aħbarijiet u s-sit elettroniku tal-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊNi jistgħu jħabbru r-riżultat tal-allokazzjoni direttament lill-kontropartijiet mingħajr aċċess għas-servizzi tal-aħbarijiet. Il-messaġġ tar-riżultat tas-sejħa għal offerti pubblika normalment ikun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' referenza tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(b) id-data tal-operazzjoni tas-sejħa għal offerti;

(c) it-tip ta' operazzjoni;

(d) il-maturità tal-operazzjoni;

(e) l-ammont totali tal-offerta tal-kontropartijiet tal-Eurosistema;

(f) in-numru ta' oblaturi;

(g) il-valuti involuti (fil-każ ta' swaps tal-kambju barrani);

▼B

(h) l-ammont totali allokat;

(i) il-persentaġġ ta' allokazzjoni (fil-każ ta' sejħiet għal offerti b'rata fissa);

(j) ir-rata tal-kambju tal-mument (fil-każ ta' swaps tal-kambju barrani);

(k) ir-rata ta' imgħax marġinali/prezz/punt ta' swap aċċettat u l-persentaġġ ta' allokazzjoni fir-rata ta' imgħax marġinali/prezz/punt ta' swap (fil-każ ta' sejħiet għal offerti b'rata varjabbli);

(l) ir-rata minima tal-offerta, ir-rata massima tal-offerta u r-rata tal-allokazzjoni medja peżata (fil-każ ta' rkantijiet b'rata multipla),

(m) id-data tal-bidu u d-data tal-maturità tal-operazzjoni (jekk applikabbli) jew id-data tal-valur u d-data tal-maturità tal-istrument (fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE);

(n) l-ammont minimu individwali tal-allokazzjoni (jekk ikun hemm);

(o) il-proporzjon ta' allokazzjoni minimu (jekk ikun hemm);

(p) id-denominazzjoni taċ-ċertifikati (fil-każ ta' ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE); u

(q) il-kodiċi ISIN tal-ħruġ (fil-każ tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE).

Il-BĊNi jiċċertifikaw direttament ir-riżultat tal-allokazzjoni individwali lill-kontropartijiet li jirbħu l-offerta.

▼M1

Jekk ir-riżultat tas-sejħa għall-offerti jkun fih informazzjoni żbaljata fir-rigward ta' kwalunkwe mill-fuq imsemmija, il-BĊE jirriżerva d-dritt li jieħu kull azzjoni li jqis xierqa biex tiġi korretta din l-informazzjoni żbaljata.

▼B

5.2. **Proċeduri għall-operazzjonijiet bilaterali**

5.2.1. *Konsiderazzjonijiet ġenerali*

Il-BĊNi jistgħu jeżegwixxu operazzjonijiet fuq il-bażi ta' proċeduri bilaterali. Dawn il-proċeduri bilaterali jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' rfinar f'suq miftuħ u operazzjonijiet diretti strutturali ([39]). Dawn huma definiti f'sens wiesa' bħala proċeduri fejn l-Eurosistema twettaq tranżazzjoni ma' kontroparti waħda jew uħud minnhom mingħajr sejħa għal offerti. F'dan ir-rigward, żewġ tipi ta' proċeduri bilaterali jistgħu jintagħrfu: operazzjonijiet fejn il-kontropartijiet jiġu kkuntattjati direttament mill-Eurosistema, u l-operazzjonijiet eżegwiti permezz ta' boroż u aġenti tas-suq.

5.2.2. *Kuntatt dirett mal-kontropartijiet*

F'din il-proċedura, l-BĊNi jikkuntattjaw direttament kontroparti waħda domestika jew uħud minnhom, li jintgħażlu skont il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2. Skont l-istruzzjonijiet preċiżi mogħtija mill-BĊE, il-BĊNi jiddeċiedu dwar jekk jidħlux f'negozju mal-kontropartijiet. It-tranżazzjonijiet jiġu ffinalizzati permezz tal-BĊNi.

Jekk il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jkollu jiddeċiedi li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, operazzjonijiet bilaterali jistgħu jkunu eżegwiti wkoll mill-BĊE nnifsu (jew minn BĊN wieħed jew xi uħud mill-BĊNi li jaġixxu bħala l-fergħa operattiva tal-BĊE), il-proċeduri għal dawk l-operazzjonijiet għandhom ikunu adattati b'dan il-mod. F'dan il-każ, il-BĊE (jew il-/BĊN(i) li jaġixxi/u bħala l-fergħa operattiva tal-BĊE) jikkuntattjaw direttament kontroparti waħda jew uħud minnhom fiż-żona tal-euro, magħżula skont il-kriterji speċifikati fit-Taqsima 2.2. Il-BĊE (jew il-bank/BĊN(i) li jaġixxi/u bħala l-fergħa ta' operazzjoni tal-BĊE) jiddeċiedu jekk jidħlux f'negozju mal-kontropartijiet. It-tranżazzjonijiet għandhom madanakollu jitlestew b'mod deċentralizzat permezz tal-BĊNi.

([39]) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeċiedi li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn l-operazzjonijiet bilaterali ta' rfinar jistgħux jiġu eżegwiti mill-BĊE nnifsu.

▼B

Operazzjonijiet bilaterali permezz ta' kuntatt dirett ma' kontropartijiet jistgħu jiġu applikati għal tranżazzjonijiet irriversjati, tranżazzjonijiet diretti, swaps tal-kambju barrani u l-ġbir ta' depożiti b'terminu fiss.

5.2.3. *Operazzjonijiet eżegwiti permezz ta' boroż u aġenti tas-suq*

Il-BĊNi jistgħu jeżegwixxu tranżazzjonijiet diretti permezz ta' boroż u aġenti tas-suq. Għal dawn l-operazzjonijiet, il-firxa tal-kontropartijiet mhijiex ristretta *a priori* u l-proċeduri huma adattati għal konvenzjonijiet tas-suq għall-istrumenti tad-dejn innegozjati.

5.2.4. *Tħabbir ta' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti*

Operazzjonijiet bilaterali m'humiex normalment imħabbra pubblikament bil-quddiem. Barra minn dan, il-BĊE jista' jiddeċiedi li ma jħabbarx pubblikament ir-riżultati ta' operazzjonijiet bilaterali.

5.2.5. *Jiem ta' operazzjoni*

Il-BĊE jista' jiddeċiedi li jwettaq operazzjonijiet bilaterali ta' rfinar f'kull jum tan-negozju tal-Eurosistema. Il-BĊNi biss tal-Istati Membri fejn il-jum tal-kummerċ, il-jum li fih isir is-saldu u l-jum li fih jsiru r-rimborżi huma jiem tan-negozju tal-BĊE jipparteċipaw f'dawk l-operazzjonijiet.

Operazzjonijiet bilaterali diretti għal finijiet strutturali huma normalment imwettqa u mitmuma biss fil-jiem li huma jiem tan-negozju tal-BĊN fl-Istati Membri kollha.

5.3. **Proċeduri ta' saldu**

5.3.1. *Konsiderazzjonijiet Ġenerali*

Tranżazzjonijiet tal-flus dwar l-użu tal-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema jew għall-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ jiġu mħallsa fil-kontijiet tal-kontropartijiet mal-BĊNi jew fil-kontijiet tal-banek tas-saldu li jipparteċipaw fit-TARGET2. Tranżazzjonijiet fi flus jiġu rregolati biss wara (jew fil-mument ta') t-trasferiment finali tal-assi sottostanti l-operazzjoni. Dan jimplika li l-assi sottostanti jinħtieġu jew li jkunu ġew depożitati minn qabel f'kont ta' kustodja sigura fil-BĊNi jew li jitħallsu fuq bażi ta' intraday kunsinna-kontra-ħlas mal-banek ċentrali msemmijin. It-trasferiment tal-assi sottostanti huwa eżegwit permezz tal-kontijiet ta' saldu ta' titoli tal-kontropartijiet mal-SSSs li jissodisfaw l-istandards minimi tal-BĊE ([40]). Il-kontropartijiet mingħajr kont ta' kustodja sigura ma' BĊN jew ma' kont ta' saldu tat-titoli ma' SSS li jissodisfa l-istandards minimi tal-BĊE jistgħu jirregolaw it-tranżazzjonijiet tal-assi sottostanti permezz tal-kont ta' saldu ta' titoli jew il-kont ta' kustodja sigura ta' istituzzjoni ta' kreditu korrispondenti.

Aktar dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' proċeduri ta' saldu huma definiti fl-arranġamenti kuntrattwali applikati mill-BĊNi (jew l-BĊE) għall-istrumenti speċifiċi ta' politika monetarja. Il-proċeduri ta' saldu jistgħu jkunu ftit differenti bejn il-BĊNi minħabba d-differenzi fil-liġi nazzjonali jew il-prattiċi operattivi.

*Tabella 3*

**Dati normali għal saldu ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema** ([1])

| Strument tal-politika monetarja | Data ta' saldu għal operazzjonijiet ibbażati fuq sejħiet għal offerti standard | Data ta' saldu għal operazzjonijiet ibbażati fuq sejħiet għal offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali |
|---|---|---|
| Tranżazzjonijiet irriversjati | T + 1 ([2]) | T |

([40]) Id-deskrizzjoni tal-istandards għall-użu ta' SSSs eliġibbli fiż-żona tal-euro u lista aġġornata tar-rabtiet eliġibbli bejn dawn is-sistemi tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.int.

▼B

| Strument tal-politika monetarja | Data ta' saldu għal operazzjonijiet ibbażati fuq sejħiet għal offerti standard | Data ta' saldu għal operazzjonijiet ibbażati fuq sejħiet għal offerti mgħaġġla jew proċeduri bilaterali |
|---|---|---|
| Tranżazzjonijiet diretti | — | Skont il-konvenzjoni tas-suq għal assi sottostanti |
| Ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | T + 2 | — |
| Swaps tal-kambju barrani | — | T, T + 1 or T + 2 |
| Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss | — | T |

(1) T tirriferi għal jum ta' negozju. Id-data tas-saldu tirreferi għall-jiem tan-negozju tal-Eurosistema.

(2) Jekk id-data tas-saldu normali għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin jew fit-tul tikkoinċidi ma' btala bankarja, il-BĊE jista' jiddeċiedi li japplika data ta' ħlas differenti, bl-għażla ta' saldu fl-istess jum. Id-dati tas-saldu għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin huma speċifikati bil-quddiem fil-kalendarju ta' operazzjonijiet tas-sejħiet għal offerti tal-Eurosistema (ara t-Taqsima 5.1.2).

5.3.2. *Saldu ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ*

Operazzjonijiet ta' suq miftuħ ibbażati fuq sejħiet għal offerti standard (jiġifieri l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq perijodu itwal u operazzjonijiet strutturali) normalment jiġu regolati fl-ewwel jum li jiġi wara l-jum tal-kummerċ li fih it-TARGET2 u l-SSSs relevanti kollha huma miftuħin. Iżda, il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE jiġi rregolat fit-tieni jum wara l-jum tal-kummerċ meta t-TARGET2 u l-SSSs rilevanti kollha jkunu miftuħin. Bħala punt ta' prinċipju, l-Eurosistema timmira li tirregola t-tranżazzjonijiet kollha relatati mal-operazzjonijiet tagħha ta' suq miftuħ fl-istess żmien fl-Istati Membri kollha mal-kontropartijiet kollha li jkunu pprovdew assi sottostanti suffiċjenti. Iżda, minħabba l-limiti operattivi u l-karatterisitiċi tekniċi tal-SSSs, il-ħin fil-jum tas-saldu ta' operazzjonijiet ta' suq miftuħ jista' jvarja ġewwa ż-żona tal-euro. Il-ħin tas-saldu tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin u fuq perijodu itwal normalment jikkoinċidi mal-ħin tar-rimborż ta' operazzjoni ta' qabel ta' maturità korrispondenti.

L-Eurosistema għandha l-għan li tirregola operazzjonijiet ta' suq miftuħ ibbażati fuq sejħiet għal offerti mgħaġġla u proċeduri bilaterali fil-jum tal-kummerċ. Iżda, l-Eurosistema tista' tapplika kultant għal raġunijiet operattivi dati ta' saldu oħrajn għal dawn l-operazzjonijiet, partikolament għal tranżazzjonijiet diretti u swaps ta' valuta barranija (ara t-Tabella 3).

5.3.3. *Proċeduri tat-tmiem il-jum*

Il-proċeduri tat-tmiem il-jum huma speċifikati fid-dokumentazzjoni li għandhom x'jaqsmu mat-TARGET2. Bħala regola ġenerali, it-TARGET2 jagħlaq fis-6 p.m. ħin tal-BĊE (CET). L-ebda ordnijiet oħra ta' ħlas ma jiġu aċċettati għall-ipproċessar fit-TARGET2 wara l-ħin tal-għeluq, għalkemm l-ordnijiet ta' ħlas aċċettati qabel il-ħin tal-għeluq xorta jiġu pproċessati. It-talbiet tal-kontropartijiet għall-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali jew għall-faċilità ta' depożitu għandhom jintbagħtu lill-BĊN rispettiv mhux aktar tard minn 15-il minuta wara l-ħin tal-għeluq tat-TARGET2. L-iskadenza biex jintalab l-aċċess għall-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema hija posposta bi 15-il minuta oħra fl-aħħar jum tan-negozju tal-Eurosistema ta' perijodu ta' żamma ta' riżerva minima.

Kull bilanċ negattiv fil-kontijiet ta' saldu fit-TARGET2 ta' kontropartijiet eliġibbli li jibqgħu wara l-finalizzazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll tal-aħħar jum tax-xogħol jiġi awtomatikament ikkunsidrat bħala talba għar-rikors għal self marġinali (ara t-Taqsima 4.1).

▼B

KAPITOLU 6

## ASSI ELIĠIBBLI

### 6.1. Konsiderazzjonijiet ġenerali

L-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jippermetti lill-BĊE u lill-BĊNi li jagħmlu tranżazzjonijiet fis-swieq finanzjarji billi jixtru u jbiegħu assi sottostanti direttament jew skont ftehim ta' xiri mill-ġdid u jeħtieġ li l-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema jkunu bbażati fuq kollateral adegwat. Għaldaqstant, l-operazzjonijiet kollha tal-Eurosistema li jipprovdu likwidità huma bbażati fuq assi sottostanti provduti mill-kontropartijiet jew fil-forma ta' trasferiment ta' proprjetà tal-assi (fil-każ ta' tranżazzjonijiet diretti jew ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid) jew fil-forma ta' rahan, assenjazzjoni jew piż mogħti fuq assi rilevanti (fil-każ ta' self kollateralizzat) ([41]).

Bl-għanijiet li l-Eurosistema tiġi protetta milli tagħmel telf fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tagħha, u jiġi assigurat trattament ugwali tal-kontropartijiet u titjieb fl-effiċjenza u t-trasparenza operattiva, l-assi sottostanti għandhom jikkonformaw ma' ċerti kriterji sabiex ikunu eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. L-Eurosistema żviluppat qafas wieħed għal assi eliġibbli komuni għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Dan il-qafas wieħed, imsejjaħ 'lista Waħda' wkoll, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 u ħa post is-sistema b'żewġ saffi li kien ilu fis-seħħ mill-bidu tat-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.

Il-qafas wieħed jikkomprendi żewġ klassijiet ta' assi distinti, assi negozjabbli u assi mhux negozjabbli. Ma ssir ebda distinzjoni bejn iż-żewġ klassijiet ta' assi fir-rigward tal-kwalità tal-assi u l-eliġibbiltà tagħhom għat-tipi varji ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, ħlief li assi mhux negozjabbli ma jintużawx mill-Eurosistema għal tranżazzjonijiet diretti. L-assi eliġibbli għall-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema jistgħu jintużaw ukoll bħala assi sottostanti għal kreditu intraday.

Il-kriterji tal-eliġibbiltà għaż-żewġ klassijiet ta' assi huma uniformi fiż-żona tal-euro u jidhru fit-Taqsima 6.2 ([42]). Biex jiġi żgurat li ż-żewġ klassijiet ta' assi jikkonformaw mal-istess standards ta' kreditu, twaqqaf qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF), li jiddependi minn sorsi ta' valutazzjoni ta' kreditu differenti. Il-proċeduri u r-regoli li jistabbilixxu u jikkontrollaw il-ħtieġa tal-Eurosistema ta' "standards ta' kreditu għoljin" għall-kollateral eliġibbli kollu huma mniżżlin fit-Taqsima 6.3. Il-miżuri ta' kontroll ta' riskju u l-prinċipji ta' valutazzjoni gall-assi sottostanti huma stabbiliti fit-Taqsimiet 6.4 u 6.5. Il-kontropartijiet tal-Eurosistema jistgħu jużaw assi eliġibbli fuq bażi transkonfinali (ara t-Taqsima 6.6).

---

([41]) Operazzjonijiet diretti li jassorbu l-likwidità u operazzjonijiet irriversjati f'suq miftuħ huma ibbażati wkoll fuq assi sottostanti. Għal assi sottostanti użati f'operazzjonijiet irriversjati f'suq miftuħ li jassorbu l-likwidità, il-kriterji ta' eliġibbiltà huma identiċi għal dawk applikati u għal assi sottostanti użati f'operazzjonijiet irriversjati ta' suq miftuħ li jipprovdu l-likwidità. Iżda, l-ebda valutazzjoni ta' *haircuts* ma tiġi applikata għal operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

([42]) Matul il-perijodu provviżorju sal-2013 għal klassi ta' assi speċifika ta' assi mhux negozjabbli, klejms ta' kreditu, u numru limitat ta' kriterji ta' eliġibbiltà u operattivi jistgħu jkunu differenti fiż-żona tal-euro (ara t-Taqsima 6.2.2).

▼B

6.2. **Speċifikazzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-assi sottostanti**

Il-BĊE jistabbilixxi, iżomm u jippubblika lista ta' assi negozjabbli eliġibbli ([43]). L-Eurosistema għandha tagħti biss parir lill-kontropartijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà bħala kollateral tal-Eurosistema, jekk assi negozjabbli li jkunu inħarġu diġà jew assi mhux negozjabbli pendenti jiġu sottomessi lill-Eurosistema bħala kollateral. Għaldaqstant m'għandu jkun hemm l-ebda parir ta' qabel il-ħruġ;

6.2.1. *Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi negozjabbli*

Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE u ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊNi qabel id-data tal-adozzjoni tal-euro fl-Istati Membru rispettiv huma eliġibbli.

Biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà ta' assi negozjabbli oħrajn, il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin huma applikati (ara wkoll it-Tabella 4):

▼M1

6.2.1.1. Tip ta' attiv

1. Rekwiżiti komuni għall-eliġibbiltà

Huwa għandu jkun strument ta' dejn li jkollu:

(a) ammont prinċipali li huwa fiss u mingħajr kundizzjoni ([44]); u

(b) kupun li ma jistax jirriżulta fi fluss negattiv ta' flus kontanti u huwa wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) kupuni fissi, żero, u multi-step, i.e. strumenti bi skeda ta' kupuni predefinita u valuri tal-kupun predefiniti;

(ii) kupuni flat varjabbli marbutin ma' indiċi wieħed biss li jikkorrispondi ma' rata tas-suq tal-flus tal-euro eż. EURIBOR, LIBOR u indiċijiet simili, jew rata kostanti ta' tpartit ta' maturità, eż. indiċijiet CMS, EIISDA, EUSA;

(iii) kupuni varjabbli marbutin ma' indiċi wieħed biss li jikkorrispondi ma' rata tas-suq tal-flus tal-euro eż. EURIBOR, LIBOR u indiċijiet simili, jew rata kostanti ta' tpartit ta' maturità, eż. indiċijiet CMS, EIISDA, EUSA;

(iv) kupuni varjabbli, flat, leveraged u de-leveraged marbutin mar-rendiment ta' bond tal-gvern taż-żona tal-euro li għandu maturità ta' sena jew anqas (jew indiċi jew rendiment tal-punt ta' referenza gross);

(v) floaters tal-inflazzjoni flat marbutin ma' indiċijiet tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro, li ma fihom ebda discrete range, range accrual, ratchet jew strutturi komplessi simili.

---

([43]) Din il-lista hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu. Assi negozjabbli maħruġin minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji mingħajr klassifika minn istituzzjoni ta' valutazzjoni ta' kreditu estern (ECAI) għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti mhumiex inklużi fil-lista pubblikaa ta' assi negozjabbli eliġibbli. Għal dawn l-istrumenti ta' dejn, l-istatus ta' elibibbiltà jiddependi fuq il-valutazzjoni ta' kreditu jew is-sors tal-valutazzjoni ta' kreditu magħżul mill-kontroparti rispettiva skont ir-regoli ECAF applikabbli għall-klejms ta' kreditu kif previst fit-Taqsima 6.3.3.

([44]) Bonds b'mandati jew drittijiet simili oħrajn annessi magħhom mhumiex eliġibbli.

▼M1

L-istrutturi ta' kupun li ġejjin huma esklużi: il-floaters kollha marbutin ma' rati ta' imgħax ta' valuta barranija, indiċijiet u rati ta' imgħax ta' komoditajiet u ekwitajiet, dual floaters u floaters marbutin ma' firxiet ta' tpartit (swap spreads) jew ma' kombinazzjoni oħra ta' indiċijiet, u kull tip ta' ratchet u kupuni ta' range accrual, kif ukoll floaters inversi u kupuni li jiddependu fuq klassifikazzjoni tal-kreditu. Barra minn dan, huma esklużi strutturi ta' termini kumplessi bħal ma huma target redemption notes u opzjonijiet biex jinbidel it-tip ta' kupun permezz tal-użu ta' drittijiet ta' bejgħ addizzjonali.

Kupuni eliġibbli m'għandhomx ikollhom opzjonijiet għall-emittent, jiġifieri m'għandhomx jawtorizzaw bidliet fid-definizzjoni ta' kupun matul il-ħajja tal-istrument li huma kontinġenti fuq deċiżjoni talemittent. Barra minn dan, jekk jeżistu limiti minimi jew massimi, dawn għandhom ikunu fissi u predefiniti. Il-klassifikazzjoni ta' strument fir-rigward tal-kupun tiegħu, f'każ li l-kupun huwa multi-step, għandha tkun ibbażata fuq perspettiva li tħares 'il quddiem.

In-nonkonformità mal-fuq imsemmija kriterji ta' eliġibbiltà tipprekludi wkoll assi milli jkunu eliġibbli anke jekk japplikaw biss għal partijiet tal-istruttura ta' remunerazzjoni (bħal ma huwa premium) u anke jekk ħlas ta' kupun li mhuwiex negattiv u l-ħlas lura ta' millanqas l-ammont prinċipali huma espliċitament iggarantiti.

Ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1(a) u (b) japplikaw sakemm l-obbligu jkun twettaq. Strumenti ta' dejn ma jistgħux jirriżultaw fi drittijiet għallkapital u/jew l-imgħax li jkunu subordinati għad-drittijiet ta' detenturi ta' strumenti ta' dejn oħrajn tal-istess emittent.

2. Kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali applikabbli għal titoli ggarantiti minn assi

Għall-finijiet tal-qafas legali tal-Eurosistema fir-rigward tal-politika monetarja, bonds koperti mhumiex meqjusin bħala titoli ggarantiti minn assi.

Paragrafu 1(a) ma japplikax għal titoli ggarantiti minn assi. L-Eurosistema tivvaluta l-eliġibbiltà ta' titoli ggarantiti minn assi filkonfront tal-kriterji addizzjonali stabbiliti f'din it-Taqsima.

It-titoli li jiġġeneraw il-fluss ta' kontanti li jiggarantixxu t-titoli ggarantitii minn assi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-akkwist ta' dawn l-assi għandu jkun irregolat mil-liġi ta' Stat Membu tal-UE;

(b) huma għandhom jinkisbu mill-oriġinatur jew mingħand intermedjarju permezz tal-istrument ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali b'mod li l-Eurosistema tqis bħala "bejgħ ta' veru" li huwa inforzabbli kontra kull terza persuna, u lil hinn mill-kontroll taloriġinatur u l-kredituri tiegħu jew tal-intermedjarju u l-kredituri tiegħu, inkluż f'każ ta' insolvenza tal-oriġinatur jew tal-intermedjarju ([45]);

(c) huma għandhom joriġinaw u jinbiegħu lill-emittent minn oriġinatur inkorporat fiż-ŻEE u, jekk applikabbli, intermedjarju inkorporat fiż-ŻEE;

([45]) Titolu ggarantit minn assi m'għandux jitqies eliġibbli jekk kwalunkwe mill-assi, li huma parti mill-assi li ġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti li jappoġġaw it-titoli ggarantiti minn assi oriġinaw direttament permezz tal-Istrument ta' Titolizzazzjoni b'Għan Speċjali (SPV) li joħroġ in-noti ABS.

▼M1

(d) huma m'għandhomx jikkonsistu, kollha kemm huma jew parzjalment, attwalment jew potenzjalment, minn segmenti ta' titoli ggarantiti minn assi oħrajn [46], Barra minn dan, huma m'għandhomx jikkonsistu, kollha kemm huma jew parzjalment, minn noti marbutin mal-kreditu, swaps jew strumenti oħra ta' derivati [47] jew titoli sintetiċi;

(e) jekk huma talbiet ta' kreditu, l-obbliganti u l-kredituri għandhom ikunu inkorporati (jew, jekk persuni naturali, residenti) fiż-ŻEE u, jekk relevanti, it-titolu relatat għandu jkun fiż-ŻEE. Il-liġi li tirregola dawk it-talbiet ta' kreditu għandha tkun il-liġi ta' pajjiż taż-ŻEE. Jekk ikunu bonds, l-emittenti għandhom ikunu inkorporati fiż-ŻEE, għandhom jinħarġu f'pajjiż taż-ŻEE taħt il-liġi ta' pajjiż taż-ŻEE u kull titolu relatat għandu jkun fiż-ŻEE.

Kif stabbilit Fit-Taqsima 6.2.1.7, l-emittent ta' titolu ggarantit minn assi għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE.

F'każijiet fejn oriġinaturi jew, jekk applikabbli, intermedjarji, kienu inkorporati fiż-żona tal-euro, jew fir-Renju Unit, l-Eurosistema vverifikat illi ma kien hemm ebda dispożizzjonijiet clawback severi f'dawk il-ġuriżdizzjonijiet. Jekk l-oriġinatur jew, jekk applikabbli, l-intermedjarju, huwa inkorporat f'pajjiż ieħor taż-ŻEE, it-titoli ggarantiti minn assi jistgħu jiġu meqjusa bħala eliġibbli biss jekk l-Eurosistema tigura illi d-drittijiet tagħha jkunu protetti b'mod xieraq kontra dispożizzjonijiet clawback meqjusin relevanti mill-Eurosistema taħt il-liġi tal-pajjiż taż-ŻEE relevanti. Għal dan il-għan, għandha tiġi pprezentata valutazzjoni legali indipendenti f'forma aċċettabbli lill-Eurosistema li tistipula r-regoli clawback applikabbli fil-pajjiż, qabel ma t-titoli ggarantiti minn assi jkunu jistgħu jitqiesu eliġibbli. Biex tiddeċiedi jekk id-drittijiet tagħha humiex protetti b'mod xieraq kontra r-regoli clawback, l-Eurosistema tista' titlob dokumenti oħrajn, inkluż ċertifikat ta' solvenza mingħand id-destinatarju tat-trasferiment, għall-perijodu suspettat. Regoli clawback li l-Eurosistema tqis li huma severi u għalhekk mhux aċċettabbli jinkludu regoli li taħthom il-bejgħ ta' assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus u li jappoġġaw it-titoli sostnuti minn assi jista' jkun invalidat mill-likwidatur abbażi biss li jkun ġie konkluż fi żmien ċertu perijodu (perijodu suspettat) qabel id-dikjarazzjoni tal-insolvenza tal-bejjiegħ (oriġinatur/intermedjarju), jew fejn din l-invalidazzjoni tista' titwaqqaf biss mid-destinatarju tat-trasferiment jekk ikun jista' juri illi ma kienx jaf bl-insolvenza tal-bejjiegħ (oriġinatur/intermedjarju) fil-ħin tal-bejgħ.

Fi ħdan ħruġ strutturat, sabiex ikun eliġibbli, segment (jew sub-segment) ma jistax ikun subordinat għal segmenti oħrajn tal-istess ħruġ. Porzjon ta' ishma (jew sub-porzjon) jitqies bħala mhux subordinat fil-konfront ta' porzjonijiet oħra (jew sub-porzjonijiet) tal-istess ħruġ jekk, skont il-prijorità ta' pagament applikabbli wara l-konsenja ta' avviż ta' infurzar, kif stabbilit fiċ-ċirkolari tal-offerta, ebda porzjon (jew sub-porzjon) ieħor ma jingħata prijorità fuq dak il-porzjon jew sub-porzjon fir-rigward tar-riċevuta ta' ħlas (kapital u imgħax), u b'hekk dak il-porzjoni (jew sub-porzjon) ikun l-aħħar wieħed li jġarrab telf fir-rigward tal-porzjonijiet jew sub-porzjonijiet differenti ta' ħruġ strutturat. Għal ħarġiet strutturati fejn il-prospett

[46] Dan ir-rekwiżit ma jeskludix titoli ggarantiti minn assi fejn l-istruttura tal-ħruġ tinkludi żewġ strumenti ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali u r-rekwiżit ta' "bejgħ ta' veru" huwa sodisfatt fir-rigward ta' dawk l-istrumenti ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali b'mod li l-istrumenti ta' dejn maħruġin mit-tieni strument ta' titolizzazzjoni jiġu direttament jew indirettament iggarantiti mill-pul oriġinali ta' assi u l-fluss kollha ta' flus kontanti mill-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti jiġi ttrasferiti mill-ewwel għat-tieni strument ta' titolizzazzjoni b'għan speċjali.

[47] Din ir-restrizzjoni ma tinkludix *swaps* użati fi tranżazzjonijiet ta' titoli ggarantiti minn assi strettament għal finijiet ta' *hedging*.

▼M1

jistipula l-konsenja ta’ avviż ta’ aċċelerazzjoni u wieħed ta’ infurzar, li porzjon (jew sub-porzjon) mhuwiex subordinat għandu jkun żgurat taħt il-prijorità ta’ ħlasijiet marbutin kemm mal-avviż ta’ aċċelerazzjoni kif ukoll ma’ dak ta’ infurzar.

Biex titoli ggarantiti minn assi jsiru jew jibqgħu eliġibbli għal operazzjonijet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, l-Eurosistema teħtieġ li dejta komprensiva u standardizzata tal-livell ta’ self fuq il-pul ta’ assi li jiġġeneraw il-fluss ta’ flus kontanti sottostanti għal titolu ggarantit minn assi tiġi ppreżentata mill-partijiet konċernati fit-titolu ggarantit minn assi, b’konformità ma’ Appendiċi 8.

Biex tiġi determinata l-eliġibbiltà ta’ titoli ggarantiti minn assi, l-Eurosistema tikkunsidra d-dejta mdaħħla fl-oqsma obbligatorji tal-mudell għar-rapportar ta’ dejta dwar il-livell ta’ self relevanti, fl-ambitu tat-tifsira ta’ Appendiċi 8. Fil-valutazzjoni tagħha tal-eliġibbiltà l-Eurosistema tqis: (a) kull nuqqas li tiġi kkonsenjata d-dejta; u (b) il-frekwenza li fiha jinstab li l-oqsma ta’ dejta individwali dwar il-livell ta’ self ma fihom ebda dejta sinifikanti.

▼M2

Sabiex ikun eliġibbli, titolu ggarantit minn assi għandu jkun iggarantit minn assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti li l-Eurosistema tqis li huma omoġenji, jiġifieri li l-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti li jappoġġaw titolu ggarantit minn assi jappartjenu għal tip wieħed biss tal-klassijiet tal-assi li ġejjin: (a) ipoteki residenzjali; (b) ipoteki kummerċjali fuq proprjetà immobbli; (c) self lil impriżi żgħar u ta' daqs medju; (d) self għax-xiri ta' karozzi; (e) self għal finanzjament tal-konsumatur; (f) ammonti riċevibbli għal kiri; jew (ġ) ammonti riċevibbli fuq kard ta' kreditu. Titoli ggarantiti minn assi mhumiex eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema jekk il-pul ta' assi sottostanti għalihom jikkonsisti minn assi eteroġenji.

▼M1

L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob mingħand kwalunkwe terza persuna, eż l-emittent, l-oriġinatur jew min jagħmel l-arranġamenti, kwalunkwe kjarifika u/jew konferma legali li jidhrilha meħtieġa biex tivvaluta l-eliġibbiltà ta’ titoli ggarantiti minn assi u fir-rigward tal-provvista ta’ dejta fuq il-livell ta’ self.. Nonkonformità ma’ talbiet bħal dawn tista’ twassal għal sospensjoni ta’ jew ċaħda tal-għoti ta’ eliġibbiltà lit-tranżazzjoni tat-titolu ggarantit minn assi kkonċernat.

3. Kriterji ta’ eliġibbiltà addizzjonali applikabbli lil bonds koperti.

Mill-31 ta’ Marzu 2013, bonds koperti huma suġġetti għall-ħtiġijiet addizzjonali li ġejjin:

Il-pul ta’ kopertura ta’ bond kopert m’għandux ikun fiha titoli ggarantiti minn assi, bl-eċċezzjoni ta’ titoli ggarantiti minn assi li:

(a) jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fir-rigward ta’ titoli ggarantiti minn assi f’bonds koperti;

(b) kienu oriġinati minn membru tal-istess grupp ikkonsolidat li tiegħu huwa wkoll membru l-emittent tal-bonds koperti jew minn entità affiljata mal-istess organu ċentrali li miegħu huwa affiljat ukoll l-emittent tal-bonds koperti;

▼M1

(c) jintużaw bħala għodda teknika biex jiġu ttrasferiti ipoteki jew self iggarantit fuq fond immobbli mill-entità li minnha joriġinaw għal ġol-pul ta’ kopertura.

Bonds koperti li kienu fuq il-lista ta’ titoli ggarantiti minn assi eliġibbli mit-28 ta’ Novembru 2012 u li ma kenux jikkonformaw ma’ rekwiżiti (a) sa (c) ser jibqgħu eliġibbli sat-28 ta’ Novembru 2014.

▼B

6.2.1.2. Standards ta’ kreditu

L-istrument ta’ dejn għandu jissodisfa standards ta’ kreditu għolja speċifikati fir-regoli ECAF għal assi negozzjabbli, kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.2.

6.2.1.3. Post tal-ħruġ

►M2 L-istrument ta' dejn irid jinħareġ fiż-ŻEE ma' bank ċentrali jew mad-depożitarju ta' titoli ċentrali (CSD) li ġie vvalutat b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni deskritti fil-“Qafas għall-valutazzjoni ta' sistemi ta' saldu ta' titoli u links biex jiddeterminaw l-eligibbiltà tagħhom għall-użu tal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema” (minn hawn 'il quddiem “il-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema”) ([48]) ([49]). ◄ Fil-każ ta’ strument ta’ dejn negozjabbli maħruġ minn korporazzjoni mhux finanzjarja ([50]) li mhijiex kklassifikata minn istituzzjoni ta’ valutazzjoni ta’ kreditu estern aċċettat (ECAI), il-post tal-ħruġ għandu jkun iż-żona tal-euro.

6.2.1.4. Proċeduri ta’ saldu

▼M2

L-istrument ta' dejn irid ikun trasferibbli permezz ta' entrata fil-kotba. Irid jinżamm u jiġi rregolat fiż-żona tal-euro permezz ta' kont mal-Eurosistema jew ma' SSS li jkun ivvalutat b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont il-proċeduri ta' valutazzjoni u tal-istandards deskritti fil-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema, sabiex il-perfezzjoni u r-realizzazzjoni tal-kollateral ikunu suġġetti għal-liġi ta' Stat Membru.

Jekk is-CSD fejn jinħareġ l-assi u s-CSD fejn l-assi hija miżmuma mhumiex identiċi, imbagħad iż-żewġ CSDs iridu jiġu konnessi permezz ta' link ivvalutata b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni u fil-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema ([51]).

([48]) Il-Qafas għall- Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema huwa ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu/paym/coll/coll/ssslinks/html/index.en.html.

([49]) Titoli ta' dejn internazzjonali f'forma bearer globali maħruġa fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara, permezz tal-ICSDs Euroclear Bank (Belgium) u Clearstream Banking Lussemburgu iridu, sabiex ikunu eliġibbli, jinħarġu fil-forma ta' noti globali ġodda u jridu jiġu ddepożitati għand konsenjatarju komuni li huwa ICSD jew, jekk ikun il-każ, CSD li jkun ġie vvalutat b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni u deskritti fil-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema. Titoli ta' dejn internazzjonali f'forma bearer globali li nħarġu f'forma ta' noti globali klassiċi qabel l-1 ta' Jannar 2007 u titoli funġibbli maħruġin taħt l-istess kodiċi ISIN f'dik id-data jew wara jibqgħu eliġibbli sal-maturità. Titoli ta' dejn internazzjonali maħruġin f'forma reġistrata globali permezz ta' ICSDs Euroclear Bank (Belgium) u Clearstream Banking Lussemburgu wara t-30 ta' Settembru 2010 iridu, sabiex ikunu eliġibbli, jinħarġu taħt l-istruttura ġdida ta' konsenjatarju għat-titoli ta' dejn internazzjonali. Titoli ta' dejn internazzjonali f'forma reġistrata globali maħruġa qabel jew f'dik id-data jibqgħu eliġibbli sal-maturità tagħhom. Titoli ta' dejn internazzjonali f'forma ta' nota individwali ma jibqgħux aktar eliġibbli jekk maħruġin wara t-30 ta' Settembru 2010. Titoli ta' dejn internazzjonali f'forma ta' nota individwali maħruġa qabel jew f'dik id-data jibqgħu eliġibbli sal-maturità tagħhom.

([50]) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma ddefiniti bħala European System of Accounts [Sistema Ewropea ta’ Kontijiet] 1995 (ESA 95).

([51]) Il-lista ta' links eliġibbli hija ppubblikata fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu/paym/coll/coll/ssslinks/html/index.en.html.

▼B

6.2.1.5. Swieq aċċettabbli

▼M2

L-istrument ta' dejn irid jiġi ammess għan-negozjar f'suq regolat kif definit fid-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE ([52]), jew innegozjati f'ċerti swieq mhux regolati kif speċifikat mill-BĊE ([53]). Il-valutazzjoni ta' swieq mhux regolati mill-Eurosistema hija bbażata fuq tliet prinċipji — sigurtà, trasparenza u aċċessibbiltà ([54]).

▼B

6.2.1.6. Tip ta' emittent/garanti

L-istrument ta' dejn jista' jinħareġ jew jiġi ggarantit mill-banek ċentrali tal-Istati Membri tal-UE, entitajiet tas-settur pubbliku, entitajiet tas-settur privat, jew istituzzjonijiet internazzjonali jew sovranazzjonali.

6.2.1.7. Post ta' stabbiliment tal-emittent/il-garanti

*L-emittent* għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE jew f'wieħed mill-pajjiżi tal-G10 ([55]) ►M1 ————— ◄ li mhux fiż-ŻEE. F'dan l-aħħar każ, l-istrumenti ta' dejn jistgħu jiġu kkunsidrati eliġibbli biss jekk l-Eurosistema tiżgura li d-drittijiet tagħha jkunu protetti b'mod xieraq, kif determinat mill-Eurosistema, taħt il-liġijiet tal-pajjiż G10 li mhux fiż-ŻEE rispettiv. Għal dan l-iskop, valutazzjoni legali f'forma u b'sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema għandha tiġi ppreżentata qabel ma l-assi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli. Fil-każ ta' titolu sostnut minn assi, l-emittent għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE.

Il-*garanti* għandu jkun stabbilit fiż-ŻEE, sakemm ma tkunx meħtieġa garanzija biex tistabbilixxi l-istandards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli, kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.2.

Istituzzjonijiet internazzjonali jew sovranazzjonali huma dawk li jagħmlu il-ħruġ/il-garanti eliġibbli irrispettivament mill-post fejn huma stabbiliti. Fil-każ li strument ta' dejn negozjabbli jinħareġ minn korporazzjoni mhux finanzjarja li mhijiex ikklassifikata minn ECAI, l-emittent/il-garanti għandu jkun stabbilit fiż-żona tal-euro.

6.2.1.8. Valuta ta' denominazzjoni

L-istrument ta' dejn għandu jkun denomnat f'euro ([56])

6.2.2. *Kriterji ta' eliġibbiltà għal assi mhux negozjabbli*

Tliet tipi ta' assi mhux negozjabbli huma eliġibbli bħala kollateral fil-qafas wieħed għal assi eliġibbli: depożiti b'terminu fiss minn kontropartijiet eliġibbi, klejms ta' kreditu u strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli (RMBDs) ►M1 ————— ◄.

([52]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 06, Vol. 007, p. 263-306.

([53]) Tiġi ppubblikata lista ta' swieq mhux regolati aċċettabbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu u tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena.

([54]) "Sigurtà", "trasparenza" u "aċċessibiltà" huma ddefiniti mill-Eurosistema esklussivament f'termini tal-prestazzjoni tal-funzjoni ta' ġestjoni tal-kollateral tal-Eurosistema. Il-proċess tal-għażla mhuwiex immirat lejn il-valutazzjoni tal-kwalità intrinsika tas-swieq diversi. Il-prinċipji iridu jiġu mifhuma kif ġej. Sigurtàtinftiehem bħala li tfisserċertezza fir-rigward tat-tranżazzjonijiet, partikolarment ċertezza fuq il-validità u l-eżegwibbiltà tat-tranżazzjonijiet. Trasparenza tinftiehem bħala li tfisser aċċess mingħajr xkiel għall-informazzjoni fuq ir-regoli ta' proċedura u l-operazzjoni tas-suq, il-karatteristiċi finanzjarji tal-assi, il-mekkaniżmu tal-formazzjoni tal-prezz, u l-prezzijiet u l-kwantitajiet rilevanti (kwoti, rati tal-imgħax, volumi tan-negozju, ammonti pendenti, eċċ.). Aċċessibbiltàtirriferi għall-abbiltà tal-Eurosistema biex tipparteċipa fi u jkollha aċċess għas-suq; suq huwa aċċessibbli għall-finijiet ta' ġestjoni tal-kollateral jekk ir-regoli tal-proċedura u l-operat tagħha jippermettu lill-Eurosistema biex tikseb informazzjoni u tmexxi tranżazzjonijiet meta meħtieġ għal dawn il-finijiet.

([55]) Pajjiżi li mhumiex tal-G10 bħalissa jinkludu l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u l-Iżvizzera.

([56]) Espressi bħala tali jew fid-denominazzjonijiet nazzjonali tal-euro.

▼B

6.2.2.1. Klejms ta' kreditu

Biex tkun eliġibbli, klejm ta' kreditu ([57]) għandu jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin (ara wkoll it-Tabella 4):

(a) *Tip ta' assi:* Għandu jkun klejm ta' kreditu li huwa obbligu ta' dejn ta' debitur fil-konfront ta' kontroparti tal-Eurosistema. Huma eliġibbli wkoll klejms tal-kreditu li għandhom "bilanċ ta' tnaqqis" (jiġifieri fejn il-kapital u l-imgħax jitħallsu skont skeda miftiehma minn qabel). Linji ta' kreditu mhux użati (eż faċilitajiet mhux użati ta' klejms ta' kreditu revolving), overdrafts ta' kont kurrenti u ittri ta' kreditu (li jawtorizzaw l-użu ta' kreditu imma mhumiex klejms ta' kreditu *per se*) mhumiex eliġibbli. Is-sehem ta' istituzzjoni ta' membru ta' sindakat f'self sindakat huwa kkunsidrat tip eliġibbli ta' klejm ta' kreditu. Il-klejms ta' kreditu jistgħu ma jagħtux drittijiet għall-kapital/jew għall-imgħax li huwa subordinat lid-drittijiet tad-detenturi ta' klejms ta' kreditu oħra (jew tranches jew subtranches oħra fl-istess self sindikat) jew strumenti ta' dejn tal-istess persuna li tagħmel il-ħruġ.

▼M1

(b) *It-talba għal kreditu għandha jkollha:* (i) ammont prinċipali fiss u mingħajr kundizzjoni; u (i) rata' ta' imgħax li ma tistax tirriżulta fi fluss negattiv ta' fluss kontanti. Dawn il-karatterisitiċi għandhom jinżammu sakemm jinfeda l-obbligu. Barra minn dan, ir-rata ta' imgħax għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin: (i) tat-tip kupun żero; (ii) fiss; (iii) b'rata mhux fissa marbuta ma' rata ta' imgħax ta' referenza oħra. Barra minn dan, talbiet għal kreditu bir-rata ta' imgħax tagħhom marbuta mar-rata ta' inflazzjoni huma wkoll eliġibbli.

▼B

(c) *Tip ta' debitur/garanti*: Debituri u garanti eliġibbli huma korporazzjonijiet mhux finanzjarji ([58]), entitajiet fis-settur pubbliku u istituzzjonijiet internazzjonali jew sovranazzjonali. Kull debitur huwa responsabbli individwalment u solidarment għall-ħlas lura sħiħ tal-klejm ta' kreditu konċernat (huma esklużi kodebituri responsabbli flimkien għal klejms ta' kreditu individwali).

(d) *Post ta' stabbiliment tad-debitur u tal-garanti*: Id-debitur għandu jkun stabbilit fiż-żona tal-euro. Il-garanti għandu jkun stabbilit ukoll fiż-żona tal-euro, sakemm ma tkunx meħtieġa garanzija biex tistabbilixxi standards ta' kreditu għoljin għal assi mhux negozjabbli, kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.3. Din il-ħtieġa ma tapplikax għal istituzzjonijiet internazzjonali jew sovranazzjonali.

(e) Standard*s ta' kreditu:* Il-kwalità ta' klejms ta' kreditu hija vvalutata permezz tal-affidabbiltà finanzjarja sottostanti tad-debitur jew tal-garanti. Il-klejms għandhom jissodisfaw l-istandards ta' kreditu għolja speċifikati fir-regoli tal-ECAF għal assi mhux negozjabbli, kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.3.

▼M1

(f) *Daqs minimu:* Fil-ħin meta tiġi ppreżentata biex tintuża bħala kollateral (tressiq) mill-kontroparti, it-talba għal kreditu għandha tissodisfa limitu minimu fid-daqs. Kull BĊN jista' japplika daqs minimu tal-għażla tiegħu għal talbiet għal kreditu domestiċi. Għal użu transkonfinali, huwa applikabbli limitu minimu komuni ta' EUR 500 000.

▼B

(g) *Proċeduri tal-ipproċessar:* Il-klejm ta' kreditu għandha tiġi pproċessata skont il-proċeduri tal-Eurosistema kif iddefinit fid-dokumentazzjoni nazzjonali rispettiva.

([57]) Klejms ta' kreditu huma msejħin ukoll bħala self mill-bank. *Schuldscheindarlehen* u klejms privati reġistrati Olandiżi fuq il-gvern jew debituri eliġibbli oħrajn li huma koperti minn garanzija tal-gvern (eż. assoċjazzjonijiet tad-djar) huma kkunsidrati li huma ekwivalenti għall-klejms ta' kreditu.

([58]) Kif definit fl-ESA 95.

▼B

(h) *Liġijiet li jirregolaw:* Il-ftehim ta' klejm ta' kreditu u l-ftehim bejn il-kontroparti u l-BĊN li jimmobilizza l-klejm ta' kreditu bħala kollateral ("ftehim ta' mobilizzazzjoni") għandhom ikunu rregolati t-tnejn bil-liġi ta' Stat Membru. Barra minn hekk, in-numru totali ta' liġijiet differenti li jirregolaw li huma applikabbli għal (i) il-kontroparti; (ii) il-kreditur; (iii) id-debitur; (iv) il-garanti (jekk ikun rilevanti); (v) il-ftehim ta' klejm ta' kreditu; u (vi) il-ftehim ta' mobilizzazzjoni m'għandux jaqbeż tnejn.

(i) *Valuta ta' denominazzjoni*: Il-klejm ta' kreditu għandu jkun denominata f'euro ([59]).

6.2.2.2. Strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteka bl-imnut mhux negozjabbli

Il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin huma applikati għar-RMBDs (ara wkoll it-Tabella 4):

(a) *Tip ta' assi:* Għandu jkun strument ta' dejn (*promissory note* jew kambjala) li jkun ggarantit minn grupp ta' ipoteki residenzjali u li ma jasalx sal-livell tat-titolizzazzjoni sħiħa. Is-sostituzzjoni tal-assi fil-grupp sottostanti għandha tkun possibbli u għandu jkun hemm mekkaniżmu fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-Eurosistema tgawdi prijorità fuq kredituri li mhumiex dawk eżentati għal raġunijiet ta' politika pubblika ([60]).

(b) L-RMBD għandu jkollu (i) ammont prinċipali inkundizzjonat fiss; u (ii) rata ta' imgħax li ma tistax tirriżulta fi fluss negattiv ta' kontanti.

(c) Standard*s ta' kreditu:* L-RMBD għandu jilħaq standards ta' kreditu għoljin, li huma vvalutati permezz tal-parti tal-ECAF li tindirizza RMBDs, kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.3.

(d) *Tip ta' persuna li tagħmel il-ħruġ*: Dawk li jagħmlu l-ħruġ eliġibbli huma istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kontropartijiet eliġibbli.

(e) *Post ta' stabbiliment tal-emittent:* L-emittent għandu jkun stabbilit fiż-żona tal-euro.

(f) *Proċeduri tal-ipproċessar:* L-RMBD għandu jiġi pproċessat skont il-proċeduri tal-Eurosistema kif iddefinit fid-dokumentazzjoni nazzjonali rispettiva.

(g) *Valuta ta' denominazzjoni:* L-RMBD għandu jkun denomnat f'euro ([61]).

6.2.3. *Ħtiġijiet addizzjonali għall-użu ta' assi eliġibbli*

▼M1

Minkejja l-eliġibbiltà tagħhom, banek ċentrali nazzjonali jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx l-assi negozjabbli jew mhux negozjabbli li ġejjin bħala kollateral mingħand kontroparti:

(a) strumenti ta' dejn li jsiru dovuti fil-futur immedjat; u

(b) strumenti ta' dejn bi fluss ta' introjtu, eż ħlas ta' kupun, li jseħħ fil-futur immedjat.

▼B

6.2.3.1. Ħtiġijiet legali addizzjonali għal klejms ta' kreditu

Biex jiġi żgurat li jkun hemm garanzija valida fuq il-klejms ta' kreditu u li l-klejm ta' kreditu jista' jitwettaq malajr fil-każ ta' inadempjenza tal-kontroparti, iridu jiġu sodisfatti ħtiġijiet legali addizzjonali. Dawn il-ħtiġijiet legali jirrigwardaw:

(a) il-verifika tal-eżistenza ta' klejms ta' kreditu;

([59]) Espressa bħala tali jew fid-denominazzjonijiet nazzjonali tal-euro.
([60]) Bħalissa *promissory notes* sostnuti minn ipoteki Irlandiżi huma l-uniċi strumenti f'din il-klassi ta' assi.
([61]) Espressa b'tali mod jew fid-denominazzjonijiet nazzjonali tal-euro.

▼B

(b) in-notifika lid-debitur dwar il-mobilizzazzjoni tal-klejm ta' kreditu jew ir-reġistrazzjoni ta' din il-mobilizzazzjoni;

(c) in-nuqqas ta' restrizzjonijiet li jirrigwardaw is-segretezza u l-kunfidenzjalità bankarja;

(d) in-nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq il-mobilizzazzjoni tal-klejm ta' kreditu;

(e) in-nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq it-twettiq tal-klejm ta' kreditu.

Il-kontenut ta' dawn il-ħtiġijiet legali huwa stabbiliti fl-Appendiċi 7. Aktar dettalji tal-karatteristiċi speċifiċi tal-ġurisżdizzjonijiet nazzjonali huma pprovduti fid-dokumentazzjoni nazzjonali rispettiva.

▼M1

6.2.3.2. Regoli għall-użu ta' assi eliġibbli

Assi mhux negozjabbli jistgħu jintużaw bħala assi sottostanti għal tranżazzjonijiet b'lura f'suq miftuħ u għall-faċilità ta' self marġinali. Huma ma jintużawx fi tranżazzjonijiet diretti tal-Eurosistema. L-assi negozjabbli u mhux negozjabbli kollha jistgħu jintużaw ukoll bħala assi sottostanti għal kreditu intraday.

Irrispettivament mill-fatt li attiv negozjabbli jew mhux negozjabbli jissodisfa l-kriterji kollha ta' eliġibbiltà, kontroparti ma tistax tippreżenta bħala kollateral attiv maħruġ jew iggarantit minnu nnifsu jew minn entità oħra li magħha għandha rabtiet mill-qrib ([62]).

"Rabtiet mill-qrib" tfisser kwalunkwe mis-sitwazzjonijiet li ġejjin fejn il-kontroparti hija marbuta ma' emittent/debitur/garanti ta' assi eliġibbli:

(a) il-kontroparti tippossjedi direttament, jew indirettament, permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-emittent/tad-debitur/tal-garanti;

(b) l-emittent/id-debitur/il-garanti jippossjedi direttament, jew indirettament, permezz ta' impriża waħda jew aktar, 20 % jew aktar tal-kapital tal-kontroparti;

(c) terza persuna tippossjedi aktar minn 20 % tal-kapital tal-kontroparti u aktar minn tal-kapital tal-emittent/tad-debitur/tal-garanti, jew direttament jew indirettament, permezz ta' impriża waħda jew aktar.

Għal finijiet ta' implimentazzjoni ta' politika monetarja, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli għall-użu ta' assi eliġibbli fir-rigward ta' rabtiet mill-qrib, l-Eurosistema internament taqsam tagħrif dwar investimenti kapitali mogħti minn awtoritajiet superviżorji għal dan il-għan. It-tagħrif huwa suġġett għall-istess standards ta' segretezza applikati minn awtoritajiet superviżorji.

---

([62]) F'każ li kontroparti tuża assi li, minħabba identità mal-emittent/mad-debitur/mal-garanti jew l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib, ma tistax jew ma tistax tibqa' tużahom biex tikseb kreditu pendenti, hija obbligata li tinnotifika immedjatament dwar dan lill-bank ċentrali nazzjonali relevanti. L-assi jingħataw valur ta' żero fid-data tal-valutazzjoni li jmiss u jista' jiġi skattat appell għaż-żamma tal-marġini (ara wkoll Appendiċi 6). Barra minn dan, il-kontroparti għandha tneħħi l-attiv fl-aktar data bikrija possibbli.

▼M1

Id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija dwar ir-rabtiet mill-qrib ma japplikawx lil: (a) rabtiet mill-qrib bejn il-kontroparti u entità fis-settur pubbliku taż-ŻEE li għandha d-dritt timponi taxxi, jew fil-każ fejn strument ta' dejn huwa ggarantit minn entità fis-settur pubbliku taż-ŻEE li għandha d-dritt timponi taxxi; (b) bonds tal-banek koperti maħruġin skont il-kriterji stipulati f'Parti 1, punti 68 sa 70 ta' Anness VI tad-Direttiva 2006/.48/KE; (c) każijiet fejn strumenti ta' dejn huma protetti minn salvagwardji legali paragunabbli ma' dawk l-istrumenti msemmijin f'(b) bħal ma huwa fil-każ ta: (i) RMBDS mhux negozjabbli li mhumiex titoli; jew (ii) bonds tal-banek koperti li jikkonformaw mal-kriterji kollha stipulati f'Parti 1, punti 68 sa 70 ta' Anness VI tad-Direttiva 2006/48/KE, ħlief għal-limiti fuq is-self garantit fil-pul ta' kopertura.

Barra minn dan, kontroparti ma tistax tippreżenta bħala kollateral kwalunkwe titolu ggarantit minn assi jekk il-kontroparti (jew kwalunkwe terza persuna li magħha għandha rabtiet mill-qrib) tipprovdi hedge ta' munita lit-titolu ggarantit minn assi billi tidħol fi tranżazzjoni ta' hedge ta' munita mal-emittent bħala kontroparti ta' hedge jew tipprovdi appoġġ ta' likwidità għal 20 % jew aktar mill-ammont li għad irid jitħallas tat-titolu abbażi ta' assi.

L-assi kollha negozjabbli u mhux negozjabbli għandhom ikunu jistgħu jintużaw f'kuntest transkonfinali fiż-żona tal-euro kollha. Dan jimplika illi l-kontropartijiet kollha tal-Eurosistema għandhom ikunu jistgħu jużaw assi eliġibbli jew permezz ta' rabtiet mal-SSSs domestiċi tagħhom f'każ ta' assi negozjabbli jew permezz ta' arranġamenti eliġibbli oħra biex jirċievu kreditu mill-BĊN tal-Istat Membru li fih il-kontroparti huwa stabbilit (ara Taqsima 6.6).

Kontroparti li tippreżenta titolu ggarantit minn assi li għandu rabtiet mill-qrib mal-oriġinatur tal-assi sottostanti tat-titolu ggarantit minn assi għandu jinforma lill-Eurosistema b'kull modifika ppjanata lil dak it-titolu ggarantit minn assi li jista' jkollha impatt potenzjali fuq il-kwalità tal-kreditu tiegħu, eż bidla fir-rata ta' imgħax dovuta fuq in-noti, bidla fil-ftehim tas-*swap*, bidliet fil-kompożizzjoni tas-self sottostanti li mhux stipulati fil-prospett, bidliet fil-prijorità ta' ħlasijiet. L-Eurosistema għandha tingħata preavviż ta' xahar għal kull modifika li ser issir lil titolu ggarantit minn assi li jkun ġie ppreżentat. Barra minn dan, meta jiġi ppreżentat it-titolu ggarantit minn assi, il-kontroparti għandha tagħti tagħrif dwar kull modifika li seħħet fis-sitt xhur preċedenti. Skont Taqsima 6.2, l-Eurosistema ma tagħtix preavviż dwar modifika.

*Tabella 4*

**Assi eliġibbli għal operazzjonijiet tal-politika monetarja tal Eurosistema**

▼M2

| Kriterji ta' eliġibbiltà | Assi negozjabbli (1) | Assi mhux negozjabbli (2) | |
|---|---|---|---|
| Tip ta' attiv | Ċertifikati ta' dejn tal-BĊE<br>Strumenti ta' dejn negozjabbli oħrajn (3) | Klejms ta' kreditu | RMBDs |
| Standards ta' kreditu | L-attiv għandu jissodisfa standards ta' kreditu għoljin. L-istandards ta' kreditu għoljin jiġu vvalutati bl-użu tar-regoli ECAF għal assi negozjabbli. (3) | Id-debitur/garanti irid jissodisfa l-istandards ta' kreditu għoljin. L-affidabbiltà tal-kreditu tiġi vvalutata bl-użu ta' regoli ECAF għall-klejms ta' kreditu. | L-attiv għandu jissodisfa standards ta' kreditu għoljin. L-istandards ta' kreditu għoljin jiġu vvalutati bl-użu tar-regoli ECAF għal RMBDs. |
| Post tal-ħruġ | ŻEE (3) | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

▼M2

| Kriterji ta' eliġibbiltà | Assi negozjabbli [1] | Assi mhux negozjabbli [2] | |
|---|---|---|---|
| Proċeduri ta' saldu/ipproċessar | Post tas-saldu: żona tal-euro<br>L-istrumenti jridu jiġu ddepożitati ċentralment f'forma ta' entrata fil-kotba mal-BĊNi jew SSS ivvalutati b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni deskritti fil-Qafas għal Valutazzjoni tal-Utenti tal-Eurosistema | Proċeduri tal-Eurosistema | Proċeduri tal-Eurosistema |
| Tip ta' emittent/debitur/garanti | BĊNi<br>Settur pubbliku<br>Settur privat<br>Istituzzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali | Settur pubbliku<br>Korporazzjonijet mhux finanzjarji<br>Istituzzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali | Istituzzjonijiet ta' kreditu |
| Post ta' stabbiliment tal-emittent, tad-debitur u tal-garanti | Emittent [3]: Pajjiżi tal-G10 taż-ŻEE u mhux taż-ŻEE<br>Debitur: ŻEE<br>Garanti [3]: ŻEE | Żona tal-euro | Żona tal-euro |
| Swieq aċċettabbli | Swieq regolati<br>Swieq mhux regolati aċċettati mill-BĊE | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Munita | Euro | Euro | Euro |
| Daqs minimu | Mhux applikabbli | Limitu tad-daqs minimu fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-klejm ta' kreditu<br>— għall-użu domestiku: għażla tal-BĊN,<br>— għall-użu transkonfinali: limitu komuni ta' EUR 500 000. | Mhux applikabbli |
| Liġijiet li jirregolaw: | Għal titoli ggarantiti minn assi l-akkwist tal-assi sottostanti għandu jkun irregolat mil-liġi ta' Stat Membu tal-UE. Il-liġi li tirregola klejms ta' kreditu sottostanti għandha tkun il-liġi ta' pajjiż taż-ŻEE | Il-liġi li tirregola l-ftehim tal-klejm ta' kreditu u l-mobilizzazzjoni: il-liġi ta' Stat Membru<br>In-numru totali ta' liġijiet differenti applikabbli għal<br>(a) il-kontroparti;<br>(b) il-kreditur;<br>(c) id-debitur;<br>(d) il-garanti (jekk relevanti);<br>(e) il-ftehim ta' klejm ta' kreditu; u<br>(f) il-ftehim ta' mobilizzazzjoni<br>m'għandux ikun iżjed minn tnejn | Mhux applikabbli |
| Użu transkonfinali | Iva | Iva | Iva |

(1) Aktar dettalji huma stipulati fit-Taqsima 6.2.1.
(2) Aktar dettalji huma stipulati fit-Taqsima 6.2.2.
(3) L-istandard tal-kreditu ta' strumenti ta' dejn negozzjabbli mhux ikklassifikati maħruġin jew iggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji huwa ddeterminat fuq il-bażi tas-sors għall-valutazzjoni ta' kreditu magħżul mill-kontroparti rilevanti skont ir-regoli ECAF applikabbli għal klejms ta' kreditu, kif stipulat fit-Taqsima 6.3.3. Fil-każ ta' dawn l-istrumenti ta' dejn negozjabbli, il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin għal assi negozjabbli ġew emendati: post ta' stabbiliment tal-emittent/garanti: żona tal-euro; post tal-ħruġ: żona tal-euro.

▼B

## 6.3. Qafas tal-valutazzjoni ta’ kreditu tal-Eurosistema

### 6.3.1. *Ambitu u elementi*

Il-qafas ta’ valutazzjoni ta’ kreditu tal-Eurosistema (ECAF) jiddefinixxi l-proċeduri, r-regoli u t-tekniċi li jiżguraw li l-ħtieġa tal-Eurosistema għal standards ta’ kreditu għoli għall-assi kollha eliġibbli iiġi sodisfatta.

Fil-qafas ġenerali, fit-twaqqif ta’ standards ta’ kreditu għoli, l-Eurosistema tagħmel differenza bejn assi negozjabbli u mhux negozjabbli (ara Taqsima 6.3.2 u 6.3.3) biex tiġi kkunsidrata n-natura legali differenti ta’ dawn l-assi u għal raġunijiet ta’ effiċjenza operattiva.

Fil-valutazzjoni tal-istandard tal-kreditu ta’ assi eliġibbli, l-Eurosistema tikkunsidra informazzjoni dwar valutazzjoni ta’ kreditu mis-sistemi tal-valutazzjoni ta’ kreditu li tappartjeni għal wieħed minn erba’ sorsi, jiġifieri istituzzjonijiet ta’ valutazzjoni ta’ kreditu estern (ECAIs), sistemi ta’ valutazzjoni ta’ kreditu in-house tal-BĊNi (ICASs), sistemi bbażati fuq klassifiki interni (IRB) jew għodod ta’ klassifika ta’ fornituri terzi (RTs). Barra minn dan, fil-valutazzjoni tal-istandard ta’ kreditu, l-Eurosistema tikkunsidra kriterji istituzzjonali u karatteristiċi li jiggarantixxu protezzjoni simili għad-detentur tal-istrument bħal garanziji.

Fir-rigward tas-sors ECAI, il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq klassifika pubblika. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob kull kjarifika li tqis meħtieġa. Għal titoli sostnuti minn assi, il-klassifika għandha tiġi spjegata f’rapport tal-klassifika tal-kreditu disponibbli pubblikament, jiġifieri rapport ta’ qabel il-bejgħ jew ħarġa ġdida, inkluża, fost l-oħrajn, analiżi komprensiva ta’ aspetti strutturali u legali, valutazzjoni dettaljata tal-grupp kollaterali, analiżi tal-parteċipanti tat-tranżazzjoni, kif ukoll analiżi ta’ kull detall rilevanti ieħor ta’ tranżazzjoni. Barra minn dan, l-ECAIs għandhom jippubblikaw rapporti regolari ta’ sorveljanza għal titoli sostnuti minn assi. Il-pubblikazzjoni ta’ dawn ir-rapporti għandha tkun skont il-frekwenza u l-ħin tal-ħlas tal-kupuni. Dawn ir-rapporti għandhom ta’ lanqas jinkludu aġġornament tad-data tat-tranżazzjoni prinċipali (eż. il-kompożizzjoni tal-grupp tal-kollateral, il-parteċipanti tat-tranżazzjoni, l-istruttura tal-kapital), kif ukoll id-data tal-prestazzjoni.

Il-punt ta’ referenza tal-Eurosistema biex jiġi stabbilit ir-rekwiżit minimu għal standards ta’ kreditu għoljin (“il-limitu ta’ kwalità tal-kreditu”) huwa ddefinit bħala valutazzjoni ta’ kreditu tat-tip pass 3 fl-iskala ta’ klassifika armonizzata tal-Eurosistema ([63]). L-Eurosistema tikkunsidra PD ta’ 0,40 % fuq medda ta’ sena bħala ekwivalenti għal valutazzjoni ta’ kreditu tat-tip pass 3, bla ħsara għal rivalutazzjoni regolari. L-ECAF issegwi d-definizzjoni ta’ ġrajja ta’ inadempjenza mogħtija fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (CRD) ([64]). L-Eurosistema tippubblika l-aktar klassifika baxxa li tissodisfa l-limitu ta’ kwalità ta’ kreditu meħtieġ għal kull ECAI aċċettat, mingħajr ma tassumi responsabbiltà għall-valutazzjoni tagħha tal-ECAI, ukoll suġġetta għal valutazzjoni regolari. Fir-rigward ta’ titoli sostnuti minn assi, il-punt ta’ referenza tal-Eurosistema biex tistabbilixxi l-ħtiġijiet minimi tagħha għal standards ta’ kreditu għoljin huwa definit f’termini ta’ valutazzjoni ta’ kreditu “triple

([63]) ►M2 L-iskala ta' klassifika armonizzata tal-Eurosistema hija ppubblikata fil-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu. Valutazzjoni ta' kreditu step 3 tal-kwalità tal-kreditu tfisser klassifika minima ta' “BBB-” fit-tul minn Fitch jew Standard & Poor's, ta' “Baa3” minn Moody, jew ta' “BBL” minn DBRS. ◄

([64]) Is-CRD tikkomprendi d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar il-bidu u is-segwiment tan-negozju ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (riformulazzjoni) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1) u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-kumpaniji tal-investiment u l-istituzzjonijiet tal-kreditu (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201).

▼B

A" [65] fil-ħruġ. Matul il-ħajja tat-titolu sostnut minn assi, għandu jinżamm il-livell minimu tal-Eurosistema ta' kreditu ta' kwalità tat-tip pass 2 tal-iskala ta' klassifika armonizzata tal-Eurosistema ("single A") [66]. Fir-rigward ta' RMBDs, il-punt ta' referenza tal-Eurosistema biex tiġi stabbilita il-ħtieġa minima għal standards ta' kreditu għoljin huwa ddefinit bħala valutazzjoni ta' kreditu tat-tip pass 2 fl-iskala ta' klassifika armonizzata tal-Eurosistema ("single A"). L-Eurosistema tikkunsidra PD ta' 0,10 % fuq medda ta' sena bħala ekwivalenti għal valutazzjoni ta' kreditu tat-tip pass 2, bla ħsara għal rieżami regolari.

L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddetermina jekk ħarġa, l-emittent, debitur, jew garanti jissodisfax il-ħtiġijiet tagħha għal standards ta' kreditu għoljin fuq il-bażi ta' informazzjoni li tista' tikkunsidra rilevanti u tista' tirrifjuta, tillimita l-użu ta' assi jew tapplika haircuts supplimentari fuq dawn il-motivi jekk tkun meħtieġa protezzjoni ta' riskju adegwat tal-Eurosistema skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu applikati wkoll għal kontropartijiet speċifiċi, b'mod partikolari jekk il-kwalità tal-kreditu tal-kontroparti tidher li tkun qed turi korrelazzjoni għolja mal-kwalità tal-kreditu tal-assi kollaterali mogħtija mill-kontroparti. F'dan il-każ, iċ-ċaħda hija bbażata fuq informazzjoni prudenti, u l-użu tagħha trażmess jew minn kontropartijiet jew minn superviżuri, għandha tkun strettament skont, u meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema fit-tħaddim tal-politika monetarja.

Assi maħruġin jew iggarantiti minn entitajiet suġġetti għal iffriżar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni taħt l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stat Membru tal-UE li jirrestrinġi l-użu tal-fondi tagħhom, jew li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ħa deċiżjoni li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema, jistgħu jiġu esklużi mil-lista ta' assi eliġibbli.

6.3.2. *Twaqqif ta' standards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli*

L-istandards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli huma stabbiliti fuq il-bażi tas-sett ta' kriterji li ġejjin:

(a) *Valutazzjoni ta' kreditu ECAI:* Tal-inqas valutazzjoni ta' kreditu waħda minn ECAI aċċettat (kif stabbilit fit-Taqsima 6.3.4) għall-ħruġ (jew, fin-nuqqas tiegħu, għall-emittent) għandha tkun konformi mal-limitu ta' kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema [67] ►M1 ———— ◄. Il-BĊE jippubblika l-limitu tal-kwalità tal-kreditu għal kull ECAI aċċettat, kif stabbilit taħt it-Taqsima 6.3.1 [68].

[65] ►M2 "Triple A" tfisser klassifika fit-tul ta' "AAA" minn Fitch, Standard & Poor's jew DBRS, jew "Aaa" minn Moody's. ◄

[66] "Single A" tfisser klassifika fit-tul minima ta' "A-" minn Fitch jew Standard & Poor's, jew "A30" minn Moody, jew "AL" minn DBRS.

[67] Jekk diversi valutazzjonijiet tal-ECAI li jistgħu jkunu konfliġġenti huma disponibbli għall-istess persuna li tagħmel il-ħruġ/debitur jew garanti, tiġi applikata r-regola tal-aħjar l-ewwel (jiġifieri l-aħjar valutazzjoni ta' kreditu tal-ECAI disponibbli).

[68] Dan it-tagħrif huwa ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

▼B

(b) *Valutazzjoni ta' kreditu ECAI ta' titoli sostnuti minn assi*: Għal titoli sostnuti minn assi maħruġin fi jew wara l-1 ta' Marzu 2010, l-Eurosistema teħtieġ tal-inqas żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu minn kwalunkwe ECAI aċċettat għall-ħruġ. Biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà ta' dawn it-titoli, tiġi applikata r-"regola tat-tieni l-aħjar" li tfisser li mhux biss l-aħjar, imma wkoll il-valutazzjoni ta' kreditu ECAI tat-tieni l-aħjar għandha tikkonforma mal-limitu tal-kwalità tal-kreditu għal titoli sostnuti minn assi. Fuq il-bażi ta' din ir-regola, l-Eurosistema teħtieġ kemm għaż-żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu livell "AAA"/"Aaa" mal-ħruġ u livell "single A" matul il-ħajja tat-titolu biex it-titoli jkunu eliġibbli.

Mill-1 ta' Marzu 2011 it-titoli kollha sostnuti minn assi, irrispettivament mid-data tal-ħruġ tagħhom, għandu jkollhom mill-inqas żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu minn kull ECAI aċċettat għall-ħruġ, u r-regola tat-tieni l-aħjar għandha tiġi sodisfatta biex it-titoli jibqgħu eliġibbli.

Fir-rigward tat-titoli sostnuti minn assi qabel l-1 ta' Marzu 2010 li għandhom valutazzjoni ta' kreditu waħda, għandha ssir it-tieni valutazzjoni qabel l-1 ta' Marzu 2011. Għal titoli sostnuti minn assi qabel l-1 ta' Marzu 2009 iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu għandhom jikkonformaw mal-livell "single A" matul il-ħajja tat-titolu. Għal titoli sostnuti minn assi maħruġin bejn l-1 ta' Marzu 2009 u t-28 ta' Frar 2010, l-ewwel valutazzjoni ta' kreditu għandha tikkonforma mal-livell "AAA"/"Aaa" mal-ħruġ u l-livell "single A" matul il-ħajja tat-titolu, filwaqt li t-tieni valutazzjoni ta' kreditu għandha tikkonforma mal-livell "single A" kemm mal-ħruġ ([69]) kif ukoll matul il-ħajja tat-titolu.

Ħruġ funġibbli tap ta' titoli sostnuti minn assi huwa kkunsidrat li huwa ħruġ ġdid ta' titoli sostnuti minn assi. It-titoli kollha sostnuti mill-assi maħruġin taħt l-istess kodiċi ISIN għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà fis-seħħ fid-data tal-aħħar ħruġ funġibbli tap. Għal ħruġ funġibbli tap ta' titoli sostnuti minn assi li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' eliġibbiltà fis-seħħ fid-data tal-aħħar ħruġ funġibbli tap, it-titoli kollha sostnuti minn assi maħruġin taħt l-istess kodiċi ISIN huma kkunsidrati bħala mhux eliġibbli. Din ir-regola m'għandhiex tapplika fil-każ ta' ħruġ funġibbli tap ta' titoli sostnuti minn assi li kienu fuq il-lista ta' assi eliġibbli tal-Eurosistema fl-10 ta' Ottubru 2010 jekk l-aħħar ħruġ funġibbli tap seħħ qabel dik id-data. Ħruġ mhux funġibbli tap huwa kkunsidrat li huwa differenti minn titoli sostnuti minn assi.

(c) *Garanziji*: Fin-nuqqas ta' valutazzjoni ta' kreditu ECAI (aċċettabbli) tal-emittent, jistgħu jiġu stabbiliti standards ta' kreditu ogħla fuq il-bażi ta' garanziji provduti minn garanti finanzjarjament sodi. Is-sodizza finanzjarja tal-garanti tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI li tissodisfa l-limitu ta' kwalità ta' kreditu tal-Eurosistema. Il-garanti għandu jissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin:

(i) Garanzija titqies aċċettabbli jekk il-garanti jkun inkundizzjonatament u irrevokabbilment iggarantixxa l-obbligi tal-emittent fir-rigward tal-ħlas tal-kapital, imgħax u kull ammonti oħra dovuti skont l-istrumenti ta' dejn lid-detenturi tagħhom sakemm jitħallsu għal kollox.

(ii) Il-garanzija għandha tkun pagabbli mal-ewwel talba (indipendentement mill-obbligu tad-dejn sottostanti). Garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi intitolati jiġbru t-taxxi jew għandhom ikunu pagabbli mal-ewwel talba jew inkella jipprovdu għal ħlas

([69]) Dwar it-tieni valutazzjoni ECAI, il-valutazzjoni ta' kreditu mal-ħruġ jirriferi għall-valutazzjoni ta' kreditu meta tinħareġ l-ewwel jew tiġi ppubblikata mill-ECAI.

▼B

fil-pront u puntwali wara l-inadempjenza. L-obbligi tal-garanti taħt il-garanzija għandhom ikunu kklassfikati tal-inqas daqs u pari passu mal-obbligi mhux garantiti l-oħrajn kollha tal-garanti.

(iii) Il-garanzija għandha tiġi rregolata bil-liġi ta' Stat Membru tal-UE u tkun valida legalment, u vinkolanti u eżegwibbli kontra l-garanti.

(iv) Konferma legali li tikkonċerna l-validità legali, l-effett vinkolanti u l-eżegwibbiltà tal-garanzija għandha tiġi sottomessa f'forma u b'sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema qabel ma l-assi sostnut mill-garanzija jista' jiġi kkunsidrat eliġibbli. Jekk il-garanti huwa stabbilit f'ġurisżdizzjoni li ma tkunx dik tal-liġi li tirregola l-garanzija, il-konferma legali għandha tikkonferma wkoll li l-garanzija hija valida u eżegwibbli skont il-liġi li tirregola t-twaqqif tal-garanti. Il-konferma legali għandha tintbagħat għal rieżami lill-bank ċentrali li qed jirrapporta ċertu assi sostnuti minn garanzija għall-inklużjoni fil-lista ta' assi eliġibbli ([70]). Il-bżonn għal konferma legali ma japplikax għal garanziji mogħtijin fir-rigward ta' strumenti ta' dejn bi klassifika individwali ta' assi jew għal garanziji mogħtijin minn entitajiet pubbliċi intitolati li jiġbru t-taxxa. Il-ħtieġa ta' eżegwibbiltà hija suġġetta għal-liġijiet tal-insolvenza jew tal-falliment, prinċipji ġenerali ta' ekwità u liġijiet u prinċipji simili applikabbli għall-garanti u li ġeneralment jaffettwaw id-drittijiet tal-kredituri kontra l-garanti.

Fin-nuqqas ta' valutazzjoni ta' kreditu tal-ECAI għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, l-istandards ta' kreditu għoljin huma stabbiliti kif ġej:

(a) *L-emittenti jew il-garanti tas-settur pubbliku taż-żona tal-euro:* Jekk assi negozjabbli jinħarġu jew jiġu ggarantiti minn gvern reġjonali, awtorità lokali jew entità fis-settur pubbliku (PSE) stabbiliti fiż-żona tal-euro kif definit fis-CRD, tapplika l-proċedura li ġejja:

(i) L-emittent jew il-garanti jiġi allokat waħda mit-tliet klassijiet skont is-CRD ([71]) kif spjegat fit-Tabella 5.

(ii) Valutazzjoni ta' kreditu impliċita għal emittent jew garanti li jappartjenu għall-klassijiet 1 u 2 jiġi mill-valutazzjoni ta' kreditu ECAI tal-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn l-emittent jew il-garanti huwa stabbilit. Il-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu għandu jissodisfa l-limitu ta' kwalità ta' kreditu tal-Eurosistema. L-ebda valutazzjoni ta' kreditu impliċitu ma jirriżulta minn emittent/garanti li jappartjenu għall-klassi 3.

(b) *L-emittent jew il-garanti ta' kumpanniji mhux finanzjarji taż-żona tal-euro:* Jekk l-istandards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli li jinħarġu/jiġu ggarantiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji ([72]) stabbiliti fiż-żona tal-euro ma jistgħux jiġu stabbilti fuq il-bażi ta' valutazzjoni ta' kreditu ECAI għall-ħruġ, l-emittent jew il-garanti, ir-regoli ECAF għall-klejms ta' kreditu ikunu applikabbli u l-kontropartijiet huma permessi li jużaw is-sistema IRB tagħhom stess,

---

([70]) Il-bank ċentrali nazzjonali li jirrapporta ċertu assi normalment huwa l-bank ċentrali nazzjonali fejn assi jiġu ammessi għan-negozju/jiġu nnegozjati f'suq aċċettabbli. Fil-każ li assi jiġu ammessi għan-negozju/jiġu nnegozjati fis-swieq multipli, kwalunkwe mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Eligible Assets Hotline tal-BĊE (Eligible-Assets.-hotline@ecb.int).

([71]) Listi ta' entitajiet li jappartjenu lit-tliet klassijiet, kif ukoll kriterji għall-klassifikazzjoni ta' emittent, debituri jew garanti fit-tliet klassijiet huma mistennija li jkunu disponibbli, flimkien ma' *links* mas-siti elettroniċi rilevanti tal-awtoritjaiet superviżorji nazzjonali, fis-sit elettroniku tal-Committee of European Banking Supervisors [Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej] (CEBS): http://www.c-ebs.org/SD/Rules_AdditionalInformation.htm

([72]) Korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma ddefiniti bħall-European Sistem of Accounts 1995 (ESA 95).

▼B

is-sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu in-house tal-BĊNi jew għodod ta' klassifika ta' terzi. L-istrumenti tad-dejn negozjabbli mhux klassifikati maħruġin minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji mhumiex inklużi fil-lista pubblika ta' assi negozjabbli eliġibbli.

*Tabella 5*

**Valutazzjonijiet ta' kreditu impliċiti għall-gvern reġjonali taż-żona tal-euro, l-emittent tal-awtorità lokali u tas-settur pubbliku, debituri jew garanti mingħajr valutazzjoni ta' kreditu ECAI**

| | Allokazzjoni tal-emittent, debituri jew garanti skont is-CRD | Derivazzjoni ECAF tal-valutazzjoni ta' kreditu impliċitu tal-emittent, debitur jew garanti li jappartjeni għall-klassi korrispondenti |
|---|---|---|
| Klassi 1 | Gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u PSEs li, skont l-awtoritajiet superviżorji kompetenti, jistgħu jiġu ttrattati ugwalment mal-gvern ċentrali għall-finijiet tal-ħtiġijiet kapitali | Allokati l-valutazzjoni ta' kreditu ta' ECAI tal-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn huwa stabbilit |
| Klassi 2 | Gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u PSEs li, skont l-awtoritajiet superviżorji kompetenti, jistgħu jiġu ttrattati ugwali bħall-istituzzjonijiet [ta' kreditu] għall-finijiet tal-ħtiġijiet kapitali | Allokati l-valutazzjoni ta' kreditu pass ta' kwalità ta' kreditu wieħed ([1]) taħt il-valutazzjoni ta' kreditu ECAI tal-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn huwa stabbilit |
| Klassi 3 | PSEs oħrajn | Ittrattati bħall-emittent jew id-debituri tas-settur privat |

([1]) Informazzjoni fuq il-passi tal-kwalità ta' kreditu hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.BĊE.europa.eu.

6.3.3. *Twaqqif ta' standards ta' kreditu għoljin għal assi negozjabbli*

6.3.3.1. Klejms ta' kreditu

Biex tiġi stabbilita l-ħtieġa għal standards ta' kreditu għoljin għad-debituri jew garanti tal-klejms ta' kreditu, il-kontropartijiet għandhom jagħżlu sors ta' valutazzjoni ta' kreditu ewlieni wieħed minn fost dawk li huma disponibbli u aċċettati mill-Eurosistema. Kontroparti tagħżel sistema waħda minn sors ta' valutazzjoni ta' kreditu disponibbli, ħlief fil-każ ta' ECAIs, fejn jistgħu jintużaw sistemi ECAI aċċettati kollha.

Il-kontropartijiet għandhom jibqgħu mas-sors magħżul għal perijodu minimu ta' sena biex jiġi prekluż il-"qbiż" bejn valutazzjonijiet ta' kreditu (jiġifieri għall-aħjar valutazzjoni ta' kreditu li jiggarantixxi l-eliġibbiltà fost is-sorsi jew sistemi kollha disponibbli fuq bażi ta' minn debitur għal debitur). Kontropartijiet li jixtiequ jibdlu sorsi ta' valutazzjoni ta' kreditu wara perijodu minimu ta' sena għandhom jissottomettu talba motivata lill-BĊN rilevanti.

Il-kontropartijiet jistgħu jitħallew jużaw aktar minn sistema waħda jew sors mas-sottomissjoni ta' talba motivata. Is-sors ewlieni ta' valutazzjoni ta' kreditu magħżul huwa mistenni li jkopri l-ikbar numru ta' debituri sottomessi minn kontroparti. L-użu ta' aktar minn sors jew sistema waħda ta' valutazzjoni ta' kreditu għandu jiġi appoġġat bl-eżistenza ta' każ tan-negozju adegwat. Fil-prinċipju, każ bħal dan jista' jirriżulta minn nuqqas ta' kopertura suffiċjenti tas-sors jew sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu primarju.

Il-kontropartijiet għandhom jinfurmaw lill-BĊN minnufih b'kull każ ta' kreditu, inkluż dewmien fil-ħlasijiet mid-debituri sottomessi, li jkun magħruf lill-kontroparti u, jekk ikun meħtieġ jirtiraw jew jissostitwixxu l-assi. Barra minn hekk, il-kontropartijiet huma responsabbli biex jiġi

▼B

żgurat li jużaw l-aġġornamenti tal-valutazzjoni ta' kreditu l-aktar riċenti disponibbli mis-sistema jew sors ta' valutazzjoni ta' kreditu magħżula għad-debituri ([73]) jew garanti ta' assi sottomessi.

*Valutazzjonijeit ta' kreditu ta' debituri/garanti:* L-istandards ta' kreditu għoljin tad-debituri jew garanti tal-klejms ta' kreditu huma stabbiliti skont ir-regoli li jagħmlu differenza bejn is-settur pubbliku u debituri/-garanti ta' kumpanniji mhux finanzjarji:

(a) *Debituri jew garanti tas-settur pubbliku:* Ir-regoli li ġejjin jiġu applikati f'ordni sekwenzjali:

(i) Valutazzjoni ta' kreditu mis-sistema jew is-sors magħżul mill-kontroparti teżisti u tintuża biex jiġi stabbilit jekk id-debitur jew il-garanti tas-settur pubbliku jissodisfax il-limitu tal- kwalità tal-kreditu.

(ii) Fin-nuqqas ta' valutazzjoni ta' kreditu taħt (i), tintuża valutazzjoni ta' kreditu ECAI tad-debitur jew il-garanti ([74]).

(iii) Jekk ma jkunx hemm disponibbli valutazzjoni ta' kreditu taħt jew (i) jew (ii), tapplika l-istess proċedura bħal tal-assi negozjabbli:

— Id-debitur jew il-garanti jiġi allokat waħda mit-tliet klassijiet skont is-CRD ([75]) kif spjegat fit-Tabella 5.

— Valutazzjoni ta' kreditu impliċita għal debituri jew garanti li jappartjenu għall-klassijiet 1 u 2 tiġi mill-valutazzjoni ta' kreditu ECAI tal-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn id-debitur jew il-garanti huwa stabbilit. Il-valutazzjoni impliċita għandha tissodisfa l-limitu ta' kwalità ta' kreditu tal-Eurosistema.

Jekk il-valutazzjoni ta' kreditu mis-sistema jew sors magħżula mill-kontroparti (jew minn ECAI fil-każ ta' (ii) minn debituri jew garanti tas-settur publiku) teżisti imma hija taħt il-livell ta' kwalità ta' kreditu, id-debitur jew il-garanti jkun ineliġibbli.

(b) *Debituri jew garanti ta' kumpanniji mhux finanzjarji:* Jekk is-sors magħżul mill-kontroparti jipprovdi valutazzjoni ta' kreditu daqs jew li jeċċedi l-livell ta' kwalità ta' kreditu, id-debitur jew il-garanti huwa eliġibbli ([76]), ([77]).

Jekk valutazzjoni ta' kreditu mis-sistema jew sors magħżula mill-kontroparti teżisti imma hija taħt il-livell ta' kwalità ta' kreditu, id-debitur jew il-garanti huwa ineliġibbli. Jekk l-ebda valutazzjoni ta' kreditu ma hija disponibbli biex jiġu stabbiliti standards ta' kreditu, id-debitur jew il-garanti huwa kkunsidrat ineliġibbli.

([73]) Fil-każ ta' assi negozjabbli maħruġin minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji imma li mhumiex ikklassifikati minn ECAI aċċettat, din il-ħtieġa tapplika għall-valutazzjoni ta' kreditu mill-emittent.

([74]) Jekk diversi valutazzjonijiet tal-ECAI li jistgħu jkunu kunfliġġenti huma disponibbli għall-emittent/id-debitur jew il-garanti, tiġi applikata r-regola tal-aħjar l-ewwel (jiġifieri l-aħjar valutazzjoni ta' kreditu tal-ECAI disponibbli).

([75]) Huwa mistenni li lista ta' korpi li jappartjenu lit-tliet klassijiet, kif ukoll il-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-emittenti, id-debituri jew il-garanti fit-tliet klassijiet tkun disponibbli, flimkien ma *links* għal sit elettroniċi rilevanti tal-awtoritajiet ta' supreviżjoni nazzjonali, fis-sit elettroniku tal-EBA f'www.eba.europa.eu.

([76]) Jekk il-kontroparti għażlet ECAI bħala sors ta' valutazzjoni ta' kreditu, tista' tuża r-regola l-aħjar tal-ewwel: jekk valutazzjonijiet ECAI multipli u possibbiliment kunfliġenti huma disponibbli għall-istess emittent/debitur jew garanti, tiġi applikata l-aħjar valutazzjoni ta' kreditu ECAI disponibbli.

([77]) Għal sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu speċifiċi, il-livell ta' kwalità ta' kreditu jista' jiġi aġġustat skont il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni (ara t-Taqsima 6.3.5).

▼B

*Garanziji*: Garanzija għandha tissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin:

(a) Garanzija titqies aċċettabbli jekk il-garanti jkun inkundizzjonatament u irrevokabbilment iggarantixxa l-obbligi tad-debitur fir-rigward tal-ħlas tal-kapital, imgħax u kull ammont ieħor dovut skont il-klejm ta' kreditu lid-detentur tagħhom sakemm jitħallsu għal kollox. F'dan ir-rigward, garanzija kkunsidrata aċċettabbli ma jkollhiex għalfejn tkun speċifika għall-klejm ta' kreditu imma tista' tapplika għad-debitur biss, sakemm tkopri wkoll il-klejm ta' kreditu in kwistjoni.

(b) Il-garanzija għandha tkun pagabbli mal-ewwel talba (indipendentement mill-klejm ta' kreditu sottostanti). Garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi intitolati jiġbru t-taxxi jew għandhom ikunu pagabbli mal-ewwel talba jew inkella jipprovdu għal ħlas fil-pront u puntwali wara l-inadempjenza. L-obbligi tal-garanti taħt il-garanzija għandhom ikunu kklassfikati tal-inqas daqs u pari passu mal-obbligi mhux garantiti l-oħrajn kollha tal-garanti.

(c) Il-garanzija għandha tiġi rregolata bil-liġi ta' Stat Membru tal-UE u tkun valida legalment, u torbot u eżegwibbli kontra l-garanti.

(d) Konferma legali li tikkonċerna l-validità legali, l-effett vinkolanti u l-eżegwibbiltà tal-garanzija għandha tiġi sottomessa f'forma u b'sustanza aċċettabbli għall-Eurosistema qabel ma l-assi sostnuti mill-garanzija jistgħu jiġu kkunsidrati eliġibbli. Il-konferma legali għandha ssemmi wkoll li l-garanzija mhijiex waħda personali, eżegwibbli biss mill-kreditur tal-klejm ta' kreditu. Jekk il-garanti huwa stabbilit f'ġurisżdizzjoni li ma tkunx dik tal-liġi li tirregola l-garanzija, il-konferma legali għandha tikkonferma wkoll li l-garanzija hija valida u eżegwibbli skont il-liġi li tirregola t-twaqqif tal-garanti. Il-konferma legali għandha tiġi sottomessa għall-valutazzjoni lill-BĊN fil-ġurisżdizzjoni tal-liġi li tirregola il-klejm ta' kreditu. Il-bżonn għal konferma legali ma tapplikax għal garanziji mogħtija minn entitajiet pubbliċi intitolati biex jiġbru t-taxxi. Il-ħtieġa ta' eżegwibbiltà hija suġġetta għal-liġijiet tal-insolvenza jew tal-falliment, prinċipji ġenerali ta' ekwità u liġijiet u prinċipji simili applikabbli għall-garanti u ġeneralment li jaffettwaw id-drittijiet tal-kredituri kontra l-garanti.

6.3.3.2. Strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteka bl-imnut mhux negozjabbli

L-istandards ta' kreditu għolja għal RMBDs mhux negozjabbli għandhom ikunu skont il-pass 2 tal-kwalità ta' kreditu tal-iskala ta' klassifika armonizzata tal-Eurosistema ([78]). Qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu mhux speċifku għal ġurisżdizzjoni għal dawn l-istrumenti ta' dejn ser ikun speċifikat mill-BĊNi fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

6.3.4. *Kriterji ta' aċċettazzjoni għal sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu*

L-ECAF jibni fuq informazzjoni ta' valutazzjoni ta' kreditu minn erba' sorsi. Taħt kull sors, jista' jkun hemm sett ta' sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu.

L-ECAIs, ICASs u RTs terzi aċċettati u l-fornituri tagħhom huma elenkati fis-sit elettroniku tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu ([79]).

---

([78]) Kif speċifikat fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema, ippubblikata fis-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

([79]) L-Eurosistema tippubblika biss l-informazzjoni flimkien mal-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema u ma tassumi l-ebda responsabbiltà għall-valutazzjoni tagħha tas-sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu aċċettat.

▼B

6.3.4.1. Sors ta' istituzzjoni tal-valutazzjoni ta' kreditu estern

Is-sors ECAI jinkludi dawk l-istituzzjonijiet li l-valutazzjoni ta' kreditu tagħhom jistgħu jintużaw mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għad-determinazzjoni tal-piż tar-riskju ta' skoperturi skont is-CRD ([80]). Għall-finijiet tal-ECAF, il-kriterji ta' aċċettazzjoni ġenerali għall-ECAIs huma dawn li ġejjin:

(a) ECAIs għandhom ikunu rikonoxxuti formalment mill-awtorità ta' superviżjoni tal-Unjoni għall-pajjiżi taż-żona tal-euro fejn ser jintużaw, skont is-CRD.

(b) L-ECAIs għandhom jissodisfaw kriterji operattivi u jipprovdu kopertura relevanti sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tal-ECAF. B'mod partikolari, l-użu tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom huwa suġġett għad-disponibbiltà għall-Eurosistema ta' informazzjoni fuq dawn il-valutazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni għall-paragun u l-assenjazzjoni (immappjar) tal-valutazzjonijiet mal-passi ta' kwalità ta' kreditu ECAF u l-livell ta' kwalità ta' kreditu u għall-implimentazzjoni ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni (ara t-Taqsima 6.3.5).

L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tiddeċiedi jekk taċċettax ECAI għall-operazzjonijiet tas-self tagħha, billi jsir użu, fost fatturi oħrajn, tal-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħha.

▼M1

ECAI li tipparteċipa fl-ECAF hija suġġetta għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Eurosistema (ara Taqsima 6.3.5). Flimkien mad-dejta dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni li tiġi ppreżentata, għandha tiġi ppreżentata wkoll ċertifikazzjoni ffirmata miċ-CEO, jew minn firmatarju awtorizzat li huwa responsabbli għall-funzjoni tal-verifika jew tal-konformità fi ħdan l-ECAI, tal-ECAI li tikkonferma l-preċiżjoni u l-validità tat-tagħrif dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni.

▼B

6.3.4.2. Sors tal-BĊN tas-sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu in-house

Is-sors ICAS bħalissa jikkonsisti minn erba' sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu operati mid-Deutsche Bundesbank, il-Banco de España, il-Banque de France u l-Oesterreichische Nationalbank. Il-BĊNi li jiddeċiedu li jiżviluppaw l-ICAS tagħhom stess ikunu suġġetti għal proċedura ta' validazzjoni mill-Eurosistema. ICASs huma suġġetti għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Eurosistema (ara t-Taqsima 6.3.5).

Barra minn hekk, il-kontroparti għandha tinforma lill-BĊN tal-ICAS minnufih dwar każ ta' kreditu li huma magħruf mill-kontroparti biss, inkluż dewmien fil-ħlasijiet minn debituri sottomessi.

Barra minn dan, f'pajjiżi fejn l-RMBDs huma mobilizzati, il-BĊN rispettiv jimplimenta qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu għal dan it-tip ta' assi skont l-ECAF. Dawn l-oqsfa huma suġġetti għal proċess ta' monitoraġġ annwali ta' kull sena.

6.3.4.3. Sors ta' sistema bbażata fuq klassifikazzjoni interna

Kontroparti li fiħsiebha tuża sistema IRB biex tivvaluta l-kwalità ta' kreditu tad-debituri, emittenti jew garanti eliġibbli għal strumenti ta'

([80]) ECAIs huma msejħa komunement bħala aġenziji ta' klassifika fis-swieq finanzjarji.

▼B

dejn eliġibbli għandha tikseb permess mill-BĊN tagħha. Għal dak l-iskop, għandha tagħmel talba, flimkien mad-dokumenti li ġejjin ([81]):

(a) kopja tad-deċiżjoni tal-awtorità superviżorja bankarja rilevanti ġewwa l-Unjoni li tawtorizza lill-kontroparti li tuża s-sistema IRB tagħha għall-finijiet tal-ħtiġijiet kapitali fuq bażi konsolidata jew mhux konsolidata, flimkien ma' kull kundizzjoni speċifika għal dan l-użu. Kopja bħal din mhijiex mitluba meta din l-informazzjoni tiġi trażmessa direttament mill-awtorità superviżorja rilevanti lill-BĊN rilevanti.

(b) informazzjoni fuq l-approċċ tagħha li tassenja probabbiltajiet ta' inadempjenza lid-debituri, kif ukoll data fuq il-gradi ta' klassifika u probabbiltajiet ta' sena ta' inadempjenza assoċjati użati għad-determinazzjoni tal-gradi ta' klassifika eliġibbli.

(c) kopja tal-informazzjoni tal-Pilastru 3 (dixxiplina tas-suq) li l-kontroparti hija meħtieġa tippubblika fuq bażi regolari skont il-ħtiġijiet fuq id-dixxiplina tas-suq taħt il-Pilastru 3 tal-qafas ta' Basel II u s-CRD.

(d) l-isem u l-indirizz kemm tas-superviżur bankarju kompetenti u tal-awditur estern.

It-talba għandha tiġi ffirmata mill-uffiċjal eżekuttiv ewlieni tal-kontroparti (CEO), l-uffiċjali finanzjarju ewlieni (CFO) jew maniġer anzjan simili, jew minn firmatarju awtorizzat f'isem wieħed minnhom.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq japplikaw għall-kontropartijiet kollha irrispettivament mill-istatus tagħhom – parent, sussidjarja jew fergħa – u irrispettivament minn jekk l-approvazzjoni tas-sistema IRB tiġix mis-superviżur fl-istess pajjiż (għal kumpannija parent u possibbilment sussidjarji) jew minn superviżur fil-pajjiż domestiku tal-parent (għal fergħat u possibbilment għal sussidjarji).

Kull fergħa jew sussidjarja ta' kontroparti tista' tiddependi fuq is-sistema tal-IRB tal-parent tagħha jekk l-Eurosistema aċċettat l-użu tas-sistema IRB għall-finijiet tal-ECAF.

Kontropartijiet li jużaw sistema IRB kif deskritt hawn fuq huma suġġetti wkoll għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Eurosistema (ara t-Taqsima 6.3.5). Flimkien mal-ħtiġijiet tal-informazzjoni għal dan il-proċess, il-kontroparti għandha l-obbligu li tikkomunika l-informazzjoni li ġejja fuq bażi annwali (jew skont kif ikun meħtieġ mill-BĊN rilevanti) sakemm din l-informazzjoni ma tiġix trażmessa direttament mill-awtorità superviżorja rilevanti lill-BĊN rilevanti:

(a) kopja tal-valutazzjoni l-aktar aġġornata tas-sistema IRB tal-kontroparti mis-superviżur tal-kontroparti tradotta f'lingwa tax-xogħol tal-BĊN domestiku;

(b) kull bidla lis-sistema tal-IRB tal-kontroparti rakkommandata jew meħtieġa mis-superviżur, flimkien mal-iskadenza li sa dakinhar ikun irid jiġi implimentat dak it-tibdil;

(c) l-aġġornament annwali tal-Pilastru 3 (dixxiplina tas-suq) li l-kontroparti hija meħtieġa tippubblika fuq bażi regolari skont il-ħtiġijiet tal-qafas ta' Basel II u s-CRD;

(d) informazzjoni fuq is-superviżur bankarju kompetenti u l-awditur estern.

([81]) Jekk ikun hemm bżonn, id-dokumentazzjoni elenkata għandha tiġi tradotta f'lingwa tax-xogħol li juża l-BĊN domestiku.

▼B

Din il-komunikazzjoni annwali għandha tiġi ffirmata mis-CEO, CFO jew maniġer anzjan simili tal-kontroparti, jew minn firmatarju awtorizzat f'isem wieħed minnhom. Is-superviżur rilevanti u, meta jkun il-każ, l-awditur estern tal-kontroparti jirċievu kopja ta' din l-ittra mill-Eurosistema.

6.3.4.4. Sors tal-għodda ta' klassifika ta' terz

Is-sors RT jikkonsisti minn entitajiet li jivvalutaw l-kwalità ta' kreditu tad-debituri billi jużaw primarjament mudelli kwantitattivi b'mod sistematiku u mekkaniku, filwaqt li joqogħdu fuq informazzjoni oħra dwar kontijiet ivverifikati, u li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom mhumiex intiżi biex jiġu żvelati lill-pubbliku ġenerali. Fornitur RT li jixtieq jipparteċipa fl-ECAF għandu jissottometti talba lill-BĊN tal-pajjiż fejn huwa inkorporat, bl-użu tal-galvu provdut mill-Eurosistema, issupplimentat b'dokumentazzjoni addizzjonali kif speċifikat fil-galvu. Kontropartijiet li jixtiequ jużaw fornitur RT speċifiku għall-finijiet ECAF li mhuwiex aċċettat mill-Eurosistema għandhom jissottomettu talba lill-BĊN tal-pajjiż fejn huma inkorporati, bl-użu ta' galvu provdut mill-Eurosistema, miżjud b'dokumentazzjoni addizzjonali kif speċifikat fil-galvu. L-Eurosistema tiddeċiedi taċċettax il-fornitur RT fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji ta' aċċettazzjoni ffissati mill-Eurosistema ([82]).

Barra minn hekk, il-kontroparti għandha tinforma lill-fornitur RT dwar każ ta' kreditu li huwa magħruf mill-kontroparti biss, inkluż dewmien fil-ħlasijiet minn debituri sottomessi.

▼M1

Fornitur RT li jipparteċipa fl-ECAF jeħtieġ li jissuġġetta ruħu permezz ta' ftehim għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Eurosistema ([83]) (ara Taqsima 6.3.5). Il-fornitur RT huwa obbligat li jistabbilixxi u jżomm l-infrastruttura neċessarja għall-monitoraġġ tal-pul statiku. Il-kostruzzjoni u l-valutazzjoni tal-pul statiku jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti ġenerali dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni taħt l-ECAF. Il-fornitur RT irid jintrabat li jinforma lill-Eurosistema bir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni malli tkun twettqet mill-fornitur RT. Flimkien mad-dejta dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni li tiġi ppreżentata, għandha tiġi ppreżentata wkoll ċertifikazzjoni ffirmata miċ-CEO, jew minn firmatarju awtorizzat li huwa responsabbli għall-funzjoni tal-verifika jew tal-konformità fi ħdan l-RT, li tikkonferma l-preċiżjoni u l-validità tat-tagħrif dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni. Huma għandhom jintrabtu li jżommu rekords interni dwar il-puls statiċi u d-dettalji tal-inadempjenzi għal ħames snin.

6.3.5. *Monitoraġġ tal-prestazzjoni għal sistemi ta' valutazzjoni tal-kreditu*

Is-sistemi kollha ta' valutazzjoni tal-kreditu huma suġġetti għal monitoraġġ tal-prestazzjoni fi ħdan l-ECAF. Għal kull sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu, il-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF jikkonsisti minn paragun annwali ex post ta: (a) ir-rati ta' inadempjenza osservati għall-entitajiet kollha eliġibbli u l-istrumenti kklassifikati mis-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu, fejn dawn l-entitajiet u l-istrumenti huma miġburin f'puls statiċi ibbażati fuq ċerti karatteristiċi, eż. klassifikazzjoni tal-kreditu, klassi ta' assi, settur tal-industrija, mudell ta' valutazzjoni tal-kreditu; u (b) il-limitu minimu xieraq tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema mogħti mill-punt ta' referenza PD (żewġ punti ta' referenza PD huma meqjusa: PD

([82]) Il-kriterji ta' aċċettazzjoni huma elenkati fis-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.
([83]) Il-kontroparti għandha tinforma lill-fornitur RP minnufih b'kull avveniment kreditizju li jista' jindika deterjorazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

▼M1

ta' 0,10 % fuq żmien sena li huwa meqjus ekwivalenti għal valutazzjoni tal-kreditu ta' step 3 tal-kwalità tal-kreditu tal-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema). L-għan ta' dan il-proċess huwa li jiżgura illi l-immappjar tal-klassifikazzjonijiet mogħtija mis-sistema tal-valutazzjoni tal-kreditu lill-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema jibqgħu xierqa u li r-riżultati mill-valutazzjonijiet tal-kredtu huma paragunabbli bejn is-sistemi u s-sorsi.

L-ewwel element tal-proċess huwa l-kompilazzjoni annwali mill-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu tal-lista ta' entitajiet u strumenti b'valutazzjonijiet tal-kreditu li jissodisfaw il-limitu minimu tal-kwalità tal-kreditu tal-Eurosistema fil-bidu tal-perijodu ta' monitoraġġ. Din il-lista għandha mbagħad tkun ippreżentata mill-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu lill-Eurosistema, permezz tal-galvu pprovdut mill-Eurosistema, li jinkludi oqsma fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni u l-valutazzjoni. It-tieni element tal-proċess iseħħ fl-aħħar tal-perijodu ta' monitoraġġ ta' 12-il xahar meta l-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu jaġġorna d-dejta dwar il-prestazzjoni għall-entitajiet u l-istrumenti fuq il-lista. L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li titlob kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jitwettaq monitoraġġ tal-prestazzjoni.

Ir-rata ta' inadempjenza osservata tal-puls statiċi ta' sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu rreġistrata fuq perijodu ta' sena sservi bħala kontribut għall-proċess ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ECAF, li jinkludi regola annwali u valutazzjoni ta' aktar minn perijodu wieħed. F'każ ta' devjazzjoni sinifikanti bejn ir-rata ta' inadempjenza osservata tal-puls statiċi u l-limitu minimu tal-kwalità tal-kreditu fuq perijodu annwali u/jew multi-annwali. L-Eurosistema tikkonsulta mal-fornitur tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu biex tivvaluta r-raġunijiet għal dik id-devjazzjoni. Din il-proċedura tista' tirriżulta f'korrezzjoni tal-limitu minimu tal-kwalità tal-kreditu applikabbli lis-sistema in kwistjoni.

L-Eurosistema tista' tiddeċiedi li tissospendi jew teskludi s-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu fejn l-ebda titjib fil-prestazzjoni ma jiġi osservat fuq numru ta' snin. Barra minn dan, f'każ ta' ksur tar-regoli dwar l-ECAF, is-sistema tal-valutazzjoni tal-kreditu tiġi eskluża mill-ECAF. Jekk tagħrif mhux preċiż jew mhux komplut jiġi mogħti minn rappreżentant tas-sistema ta' valutazzjoni tal-kreditu għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni, l-Eurosistema tista' tastjeni mill-esklużjoni f'każ ta' irregolaritajiet minuri.

▼B

## 6.4. Miżuri għall-kontroll tar-riskju

### 6.4.1. *Prinċipji ġenerali*

Miżuri ta' kontroll tar-riskju huma applikati għall-assi sottostanti ta' operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema sabiex jipproteġu l-Eurosistema kontra r-riskju ta' telf finanzjarju jekk l-assi sottostanti jkollhom jitwettqu minħabba inadempjenza tal-kontroparti. Il-miżuri tal-kontroll tar-riskju għad-dispożizzjoni tal-Eurosistema huma deskritti fil-Kaxxa 7.

L-Eurosistema tapplika miżuri ta' kontroll ta' riskju speċifiki skont it-tipi ta' assi sottostanti offruti mill-kontroparti. Il-BĊE jiddetermina l-miżuri ta' kontroll tar-riskju xierqa kemm għall-assi eliġibbli negozjabbli kif ukoll

▼B

għal dawk mhux negozjabbli. Il-miżuri ta' kontroll tar-riskju huma armonizzati b'mod wiesa' fi ħdan iż-żona tal-euro ([84]) u għandhom jiżguraw kundizzjonijiet konsistenti, trasparenti u mhux diskriminatorji għal kull tip ta' assi eliġibbli fi ħdan iż-żona tal-euro.

L-Eurosistema tirriżerva d-dritt li tapplika miżuri ta' kontroll tar-riskju addizzjonali jekk jenħtieġ, biex tiżgura l-protezzjoni adegwata tar-riskju tal-Eurosistema skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ. Dawn il-miżuri ta' kontroll tar-riskju, li għandhom ikunu applikati b'manjiera konsistenti, trasparenti u mhux diskriminatorja, jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell ta' kontropartijiet individwali jekk jenħtieġ, biex tiġi żgurata din il-protezzjoni.

KAXXA 7

**Miżuri għall-kontroll tar-riskju**

L-Eurosistema tapplika l-miżuri ta' kontroll tar-riskju li ġejjin:

(a) *Haircuts tal-valutazzjoni*

L-Eurosistema tapplika "haircuts tal-valutazzjoni" fil-valutazzjoni tal-assi sottostanti. Dan jimplika li l-valur tal-assi sottostanti huwa kkalkolat bħala l-valur tas-suq tal-assi mnaqqas b'ċertu persentaġġ (haircut).

(b) *Marġni ta' varjazzjoni (immarkar għas-suq)*

L-Eurosistema teħtieġ li jinżamm matul perijodu ta' żmien il-valur tas-suq aġġustat b'haircut tal-assi sottostanti użati fit-tranżazzjonijiet irriversjati tagħha li jipprovdu likwidità. Dan jimplika li jekk il-valur, imkejjel fuq bażi regolari, tal-assi sottostanti jaqa' taħt ċertu livell, il-BĊN jitlob lill-kontroparti biex tforni assi jew flus kontanti addizzjonali (jiġifieri jagħmel sejħa ta' marġini). Bl-istess mod, jekk il-valur tal-assi sottostanti, wara l-valutazzjoni tagħhom mill-gdid, jeċċedi ċertu livell, il-kontroparti tista' tirkupra l-assi jew flus kontanti żejda. (Il-kalkoli relevanti għall-eżekuzzjoni tas-sejħiet ta' marġni huma ppreżentati fil-Kaxxa 8.)

(c) *Limiti fir-rigward tal-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti*

L-Eurosistema tapplika limiti għall-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti kif deskritt fit-Taqsima 6.4.2.

Il-miżuri għall-kontroll tar-riskju li ġejjin jistgħu jiġu applikati wkoll mill-Eurosistema fi kwalunkwe żmien jekk ikun meħtieġ biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra r-riskju għall-Eurosistema skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ:

(d) *Marġni inizjali*

L-Eurosistema tista' tapplika marġni inizjali fit-tranżazzjonijiet tagħha rriversjati li jipprovdu l-likwidità. Dan jimplika li l-kontropartijiet huma meħtieġa li jipprovdu assi sottostanti b'valur tal-anqas daqs il-likwidità provduta mill-Eurosistema miżjuda bil-valur tal-marġni inizjali.

---

([84]) Minħabba differenzi operattivi ġewwa l-Istati Membri, jista' jkun hemm xi differenzi f'termini ta' miżuri ta' kontroll tar-riskju. Pereżempju, fir-rigward tal-proċeduri għall-kunsinna mill-kontropartijiet ta' assi sottostanti lill-BĊNi (fil-forma ta' ġabra ta' garanziji mirhuna lill-BĊN, jew bħala ftehim ta' xiri mill-ġdid ibbażati skont assi individwali speċifikati għal kull tranżazzjoni), jista' jkun hemm differenzi żgħar fir-rigward taż-żmien tal-valutazzjoni u l-karatteristiċi operattivi oħra tal-qafas tal-kuntroll tar-riskju. Barra minn dan, fil-każ ta' assi mhux negozjabbli, il-preċiżjoni tat-teknici ta' valutazzjoni tista' tvarja, li hija riflessa fil-livell globali tal-*haircuts* (ara t-Taqsima 6.4.3).

▼B

(e) *Limiti li għandhom x'jaqsmu mal-emittenti/id-debituri jew il-garanti*

L-Eurosistema tista' tapplika limiti addizzjonali, ħlief għal dawk applikati għall-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti, għar-riskju fil-konfront tal-emittenti/id-debituri jew il-garanti. Dawn il-limiti jistgħu jiġu applikati wkoll lil kontropartijiet speċifiċi, partikolarment jekk il-kwalità tal-kreditu tal-kontroparti tidher li turi korrelazzjoni għolja mal-kwalità tal-kreditu tal-garanzija ppreżentata mill-kontroparti.

(f) *Applikazzjoni ta' haircuts supplimentari*

L-Eurosistema tista' tapplika haircuts supplimentari jekk huma meħtieġa biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra r-riskju għall-Eurosistema skont l-Artikolu 18.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

(g) *Garanziji addizzjonali*

L-Eurosistema tista' titlob garanziji addizzjonali minn entitajiet finanzjarjament sodi sabiex taċċetta ċerti assi.

(h) *Esklużjoni*

L-Eurosistema tista' teskludi ċerti assi mill-użu fl-operazzjonijiet tagħha ta' politika monetarja. Din l-esklużjoni tista' tiġi applikata wkoll lil kontropartijiet speċifiċi, partikolarment jekk il-kwalità tal-kreditu tal-kontroparti tidher li turi korrelazzjoni għolja mal-kwalità tal-kreditu tal-garanzija ppreżentata mill-kontroparti.

6.4.2. *Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi negozjabbli*

Il-qafas tal-kontroll tar-riskju għal assi negozjabbli eliġibbli jinkludi l-elementi prinċipali li ġejjin:

(a) Assi negozjabbli eliġibbli huma allokati għal waħda minn ħames kategoriji ta' likwidità, ibbażati skont il-klassifika tal-emittent u t-tip ta' assi. L-allokazzjoni hija deskritta fit-Tabella 6.

(b) Strumenti ta' dejn individwali huma suġġetti għal haircuts ta' valutazzjoni speċifiċi. Il-haircuts huma applikati billi jitnaqqas ċertu persentaġġ mill-valur tas-suq tal-assi sottostanti. Il-haircuts applikati għall-istrumenti ta' dejn inklużi fil-kategoriji I sa IV jvarjaw skont il-maturità reżidwa u l-istruttura tal-kupun tal-istrumenti ta' dejn kif deskritti fit-Tabella 7 għal strumenti ta' dejn negozjabbli eliġibbli b'kupun fiss jew kupun żero ([85]).

(c) L-Eurosistema tillimita l-użu ta' strumenti ta' dejn mhux garantiti maħruġin minn istituzzjoni ta' kreditu jew minn kull entità oħra li magħha istituzzjoni ta' kreditu għandha rabtiet mill-qrib kif iddefinit fit-Taqsima 6.2.3. Dawn l-assi jistgħu jintużaw biss bħala kollateral minn kontroparti sa fejn il-valur allokat lill-kollateral mill-Eurosistema wara l-applikazzjoni ta' haircuts ma jaqbiżx il-5 % tal-valur totali tal-kollateral sottomess minn dik il-kontroparti wara l-haircuts. Dan il-limitu ma japplikax għal dawk l-assi li huma garantiti minn entità fis-settur pubbliku li jkollha dritt tiġbor it-taxxi, jew jekk il-valur wara l-haircuts tal-assi ma jaqbiżx EUR 50 miljun. F'każ ta' għaqda bejn żewġ emittenti jew iżjed ta' dawn l-assi jew it-twaqqif ta' rabta mill-qrib bejn dawn l-emittenti, dawn tal-aħħar jiġu ttrattati bħala grupp wieħed emittent, fil-kuntest ta' din il-limitazzjoni, sa sena biss wara d-data tal-għaqda jew it-twaqqif tar-rabta mill-qrib.

([85]) Il-livelli ta' *haircuts* ta' valutazzjoni applikati għal strumenti ta' dejn ta' kupun fiss japplikaw ukoll għal strumenti ta' dejn, li l-kupun tagħhom jintrabat ma' bidla fil-klassifika tal-emittent innifsu jew ma' bonds indiċjati mal-inflazzjoni.

▼B

(d) Strumenti ta' dejn individwali inklużi fil-kategorija V huma suġġetti għal haircut unika ta' 16 % irrispettivament mill-maturità jew l-istruttura tal-kupun.

(e) Titoli sostnuti minn assi individwali, bonds tal-banek koperti (bonds tal-banek koperti jumbo, bonds tal-banek koperti tradizzjonali u bonds tal-banek koperti oħrajn) u strumenti ta' dejn mhux iggarantiti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li teoretikament huma vvalutati skont it-Taqsima 6.5 huma suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni addizzjonali. Din il-haircut hija applikata direttament fil-livell ta' valutazzjoni teoretika tal-istrument ta' dejn individwali f'forma ta' tnaqqis fil-valutazzjoni ta' 5 %.

*Tabella 6*

**Kategoriji ta' likwidità għal assi negozjabbli** (1)

| Kategorija I | Kategorija II | Kategorija III | Kategorija IV | Kategorija V |
|---|---|---|---|---|
| Strumenti ta' dejn tal-gvern ċentrali | Strumenti ta' dejn tal-gvern lokali u reġjonali | Bonds tal-bank koperti tradizzjonali | Strumenti ta' dejn ta' istituzzjoni ta' kreditu (mhux garantiti) | Titoli sostnuti minn assi |
| Strumenti ta' dejn maħruġin minn banek centrali (2) | Bonds tal-bank koperti jumbo (3) | Strumenti ta' dejn maħruġin minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji u emittenti oħrajn (4) | Strumenti ta' dejn maħruġin minn korporazzjonijiet finanzjarji li ma jkunux istituzzjonijiet ta' kreditu (mhux garantiti) | |
| | Strumenti ta' dejn ta' aġenzija (4) | Bonds tal-bank koperti oħrajn (5) | | |
| | Strumenti ta' dejn sovranazzjonali | | | |

(1) B'mod ġenerali, il-klassifika tal-emittent tiddetermina l-kategorija tal-likwidità. Iżda, it-titoli kollha sostnuti minn assi huma inklużi fil-kategorija V, irrispettivament mill-klassifika tal-emittent, u l-bonds tal-bank koperti jumbo huma inklużi fil-kategorija II, filwaqt li bonds tal-bank koperti tradizzjonali, bonds tal-bank koperti oħrajn u strumenti ta' dejn oħrajn maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' kreditu huma inklużi fil-kategorija III u IV.
(2) Ċertifikati ta' dejn maħruġin mill-BĊE u strumenti ta' dejn maħruġin mill-BĊNi qabel l-adozzjoni tal-euro fl-Istat Membru rispettiv tagħhom huma inklużi fil-kategorija ta' likwidità I.
(3) Strumenti b'volum ta' ħruġ ta' mill-inqas EUR 1 biljun biss, li għalihom tal-inqas tliet market-makers jipprovdu offerti regolari u jitolbu stimi, jaqgħu fil-klassi tal-assi ta' bonds tal-bank koperti jumbo.
(4) Assi negozjabbli maħruġin biss minn emittenti li jkunu ġew ikklassifikati bħala aġenziji mill-BĊE huma nklużi fil-kategorija ta' likwidità II. Assi negozjabbli maħruġin minn aġenziji oħrajn huma nklużi fil-kategorija ta' likwidità III jew IV, skont l-emittent u t-tip tal-assi.
(5) Bonds tal-bank koperti li ma jikkonformawx mal-UCITS, inklużi kemm bonds tal-bank koperti strutturati u bonds koperti ta' maħruġin minn emittenti varji huma nklużi fil-kategorija ta' likwidità III.

▼M1

__________

▼B

(g) Il-haircut applikata għal strumenti ta' dejn negozjabbli inklużi fil-kategoriji ta' likwidità I sa IV b'kupuni b'rata varjabbli (86) hija dik applikata lill-bucket ta' maturità żero-sa-sena ta' strumenti ta' kupun fiss fil-kategorija ta' likwidità u l-kategorija ta' kwalità ta' kreditu li jiġi assenjat l-istrument.

(86) Kupun ta' ħlas huwa kkunsidrat ħlas ta' rata varjabbli jekk il-kupun huwa marbut ma' rata ta' imgħax ta' referenza u jekk il-perijodu ta' risettjar li jikkorrespondi ma' dan il-kupun ma jkunx ta iżjed minn sena. Ħlasijiet ta' kupuni li għalihom il-perijodu ta' risettjar huwa itwal minn sena jiġu ttrattati bħala ħlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti għall-*haircut* tkun il-maturità reżidwa tal-istrument tad-dejn.

▼B

(h) Il-miżuri ta' kontroll tar-riskju applikati għal strument ta' dejn negozjabbli inklużi fil-kategoriji I sa IV b'aktar minn tip wieħed ta' imgħax jiddependu biss fuq il-ħlasijiet tal-imgħax matul il-bqija tal-ħajja li jkun fadal tal-istrument. Il-haircut ta' valutazzjoni applikata għal dak l-istrument hija daqs l-ogħla haircut applikabbli għal strumenti ta' dejn bl-istess maturità reżidwa, u jitqiesu l-imgħaxijiet ta' kwalunkwe waħda mit-tipi li jseħħu fil-bqija tal-ħajja li jkun fadal tal-istrument.

(i) L-ebda haircut ta' valutazzjoni ma tiġi applikata għal operazzjonijiet li jassorbu l-likwidità.

(j) Skont is-sistemi kemm ta' ġurisżdizzjoni u dawk ta' operazzjoni nazzjonali, il-BĊNi jippermettu li l-assi sottostanti jitqiegħdu fi grupp u/jew jeħtieġu li l-assi użati f'kull tranżazzjoni individwali jiġu rriservati. F'sistemi ta' gruppi, il-kontroparti tagħmel grupp ta' assi sottostanti suffiċjenti disponibbli għall-bank ċentrali biex ikopri l-krediti relatati rċevuti mill-bank ċentrali, b'hekk jiġi implikat li l-assi individwali mhumiex marbuta ma' operazzjonjiet speċifiċi ta' kreditu. B'kuntrast, f'sistema ta' riżerva, kull operazzjoni ta' kreditu hija marbuta ma' assi identifikabbli speċifiċi.

(k) ►M2 L-assi huma suġġetti għall-valutazzjoni ta' kul jum. Fuq bażi ta' kuljum, il-BĊNi ([87]) jikkalkolaw il-valur meħtieġ tal-assi sottostanti billi jitqiesu bidliet fil-kont għall-volumi ta' kreditu pendenti, il-prinċipji ta' valutazzjoni delineati fit-Taqsima 6.5 u t-telf impost meħtieġ fil-valutazzjoni. ◄

*Tabella 7*

**Livelli ta' haircuts ta' valutazzjoni applikati għal assi negozjabbli eliġibbli**

| Kreditu Kwalità | Maturità reżidwa (snin) | Kategoriji ta' likwidità | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kategorija I | | Kategorija II (*) | | Kategorija III (*) | | Kategorija IV (*) | | Kategorija V (*) |
| | | kupun fiss | kupun żero | Kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | kupun fiss | kupun żero | |
| Passi 1 and 2 (AAA sa A-) (**) | 0-1 | 0,5 | 0,5 | 1,0 | 1,0 | 1,5 | 1,5 | 6,5 | 6,5 | 16 |
| | 1-3 | 1,5 | 1,5 | 2,5 | 2,5 | 3,0 | 3,0 | 8,5 | 9,0 | |
| | 3-5 | 2,5 | 3,0 | 3,5 | 4,0 | 5,0 | 5,5 | 11,0 | 11,5 | |
| | 5-7 | 3,0 | 3,5 | 4,5 | 5,0 | 6,5 | 7,5 | 12,5 | 13,5 | |
| | 7-10 | 4,0 | 4,5 | 5,5 | 6,5 | 8,5 | 9,5 | 14,0 | 15,5 | |
| | > 10 | 5,5 | 8,5 | 7,5 | 12,0 | 11,0 | 16,5 | 17,0 | 22,5 | |
| Pass 3 (BBB + sa BBB-) (**) | 0-1 | 5,5 | 5,5 | 6,0 | 6,0 | 8,0 | 8,0 | 15,0 | 15,0 | Mhux eliġibbli |
| | 1-3 | 6,5 | 6,5 | 10,5 | 11,5 | 18,0 | 19,5 | 27,5 | 29,5 | |
| | 3-5 | 7,5 | 8,0 | 15,5 | 17,0 | 25,5 | 28,0 | 36,5 | 39,5 | |
| | 5-7 | 8,0 | 8,5 | 18,0 | 20,5 | 28,0 | 31,5 | 38,5 | 43,0 | |
| | 7-10 | 9,0 | 9,5 | 19,5 | 22,5 | 29,0 | 33,5 | 39,0 | 44,5 | |
| | > 10 | 10,5 | 13,5 | 20,0 | 29,0 | 29,5 | 38,0 | 39,5 | 46,0 | |

(*) Titoli individwali sostnuti minn assi, bonds tal-banek koperti (bonds tal-banek koperti jumbo, bonds tal-banek koperti tradizzjonali u bonds tal-banek koperti oħrajn) u bonds tal-banek mhux koperti li teoretikament huma vvalutati skont it-Taqsima 6.5 huma suggetti għal haircut ta' valutazzjoni addizzjonali. Din il-haircut hija applikata direttament fil-livell ta' valutazzjoni teoretika tal-istrument ta' dejn individwali f'forma ta' tnaqqis ta' valutazzjoni ta' 5 %.

(**) Klassifiki kif speċifikati fl-iskala ta' klassifikazzjoni armonizzata tal-Eurosistema, ippubblikati fis-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

([87]) Meta jkunu qed jintużaw servizzi triparty, il-proċess ta' valutazzjoni jiġi ddelegat lit-TPA, fuq il-bażi ta' informazzjoni mibgħuta mill-BĊN relevanti lit-TPA.

▼M1

---

▼B

(l) Jekk, wara valutazzjoni, l-assi sottostanti ma jaqblux mal-ħtiġijiet kif kalkolati għal dak il-jum, jitwettqu sejħiet ta' marġni simmetriċi. Sabiex titnaqqas il-frekwenza tas-sejħiet ta' marġni, il-BĊNi jistgħu japplikaw punt ta' attivazzjoni. Jekk applikat, dan il-punt ta' attivazzjoni huwa ta' 0,5 % tal-ammont ta' likwidità provduta. Skont il-ġuriżdizzjoni, il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li sejħiet ta' marġni jiġu effettwati permezz tal-provvista ta' assi addizzjonali jew permezz ta' ħlasijiet fi flus kontanti. Dan jimplika li jekk il-valur tal-assi sottostanti jaqa' taħt il-punt l-aktar baxx ta' attivazzjoni, il-kontropartijiet għandhom jipprovdu assi addizzjonali (jew flus kontanti). Bl-istess mod, jekk il-valur tas-suq tal-assi sottostanti, wara l-valutazzjoni mill-ġdid tagħhom, kellu jeċċedi l-punt ta' fuq ta' attivazzjoni, il-BĊN għandu jagħti lura l-assi eċċessivi (jew flus kontanti) lill-kontroparti (ara l-Kaxxa 8).

(m) F'sistemi ta' gruppi, il-kontropartijiet jistgħu jissostitwixxu l-assi sottostanti fuq bażi ta' kull jum.

(n) F'sistemi ta' riżerva, is-sostituzzjoni tal-assi sottostanti tista' tkun permessa mill-BĊNi.

(o) Il-BĊE jista' f'kull żmien jiddeċiedi li jneħħi strumenti individwali tad-dejn mill-lista ppubblikata ta' assi negozjabbli eliġibbli ([88]).

KAXXA 8

**Kalkolu tas-sejħiet ta' marġni**

L-ammont totali ta' assi eliġibbli J (għal j = 1 sa J; valur $C_{j,t}$ fi żmien *t*) li kontroparti għandha tipprovdi għal sett ta' operazzjonijiet li jipprovdu likwidità I (għal i = 1 sa I; ammont $L_{i,t}$ fi żmien *t*) huwa determinat mill-formula li ġejja:

$$\sum_{i=1}^{I} L_{i,t} \leq \sum_{j=1}^{J} (1 - h_j) C_{j,t} \qquad (1)$$

fejn:

$h_j$ hija l-haircut ta' valutazzjoni applikata għall-assi eliġibbli *j*.

$\tau$ għandu jkun il-perijodu ta' żmien bejn ir-rivalutazzjonijiet. Il-bażi ta' sejħa ta' marġni fiż-żmien $t + \tau$ jekwivali:

$$M_{t+\tau} = \sum_{i=1}^{I} \mathrm{L}_{i,t+\tau} - \sum_{j=1}^{J} (1 - h_j) \mathrm{C}_{j,t+\tau} \qquad (2)$$

Skont il-karatterisitiċi operattivi tas-sistemi ta' ġestjoni tal-kollateral tal-BĊNi, il-BĊNi jistgħu jikkunsidraw ukoll l-imgħax li jinġabar fuq likwidità pprovduta f'operazzjonijiet pendenti fil-kalkolu tal-bażi ta' sejħa ta' marġni.

Sejħiet ta' marġni jsiru biss jekk il-bażi ta' sejħa ta' marġni teċċedi ċertu livell ta' punt ta' attivazzjoni.

---

([88]) Jekk, fiż-żmien tal-esklużjoni mil-lista ta' assi negozjabbli eliġibbli, strument ta' dejn ikun qed jintuża f'operazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema, ikollu jitneħħa kemm jista jkun malajr.

▼B

$k = 0{,}5\ \%$ ifisser l-attivazzjoni. F'sistema ta' riżerva ($I = 1$), sejħa ta' marġni ssir meta:

$M_{t+\tau} > k \cdot L_{i,t+\tau}$ (il-kontroparti tħallas is-sejħa ta' marġni lill-BĊN); jew

$M_{t+\tau} < -k \cdot L_{i,t+\tau}$ (il-BĊN iħallas is-sejħa ta' marġni lill-kontroparti).

F'sistema ta' gruppi, il-kontroparti jkollha ġġib aktar assi fil-grupp jekk:

$$M_{t+\tau} > k \cdot \sum_{i=1}^{I} L_{i,t+\tau}$$

Għall-kuntrarju, l-ammont ta' kreditu intraday (IDC) disponibbli lill-kontroparti f'sistema ta' gruppi jista' jiġi espress kif ġej:

$$IDC = -M_{t+\tau} > k \cdot \sum_{i=1}^{I} L_{i,t+\tau} \text{ (jekk pożittiv)}$$

Kemm f'sistemi ta' riżerva u ta' gruppi, is-sejħiet ta' marġni għandhom jiżguraw li r-relazzjoni espressa f'(1) aktar 'il fuq tiġi stabbilita mill-ġdid.

6.4.3. *Miżuri ta' kontroll ta' riskju għal assi mhux negozjabbli*

6.4.3.1. Klejms ta' kreditu

Il-qafas tal-kontroll tar-riskju għal assi negozjabbli eliġibbli jinkludi l-elementi prinċipali li ġejjin:

(a) Klejms ta' kreditu individwali huma suġġetti għal haircuts ta' valutazzjoni speċifiċi. Il-haircuts huma differenti skont il-maturità reżidwa, tip ta' ħlas ta' imgħax (fiss jew varjabbli), il-kategorija ta' kwalità ta' kreditu u l-metodoloġija ta' valutazzjoni applikata mill-BĊN (ara t-Taqsima 6.5), kif deskritt fit-Tabella 9 ([89]).

(b) Il-haircut applikata għal klejms ta' kreditu bi ħlasijiet ta' imgħax varjabbli hija dik applikata lill-klejms ta' kreditu bi ħlasijiet ta' imgħax fiss ikklassifikati fil-bucket ta' maturità żero-sa-sena li jikkorrespondi għall-istess kwalità ta' kreditu u l-istess metodoloġija ta' valutazzjoni (valutazzjoni bbazata fuq prezz teoretiku allokat mill-BĊN jew fuq l-ammont pendenti allokat mill-BĊN). Ħlas ta' imgħax huwa meqjus bħala ħlas ta' rata varjabbli jekk huwa marbut ma' rata ta' imgħax ta' referenza u jekk il-perijodu ta' risettjar li jikkorrespondi ma' dan il-ħlas ma jkunx itwal minn sena. Ħlasijiet ta' imgħax li għalihom il-perijodu ta' risettjar huwa itwal minn sena jiġu ttrattati bħala hlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti għall-haircut tkun il-maturità reżidwa tal-klejm ta' kreditu.

(c) Il-miżuri ta' kontroll ta' riskju applikati lil klejm ta' kreditu b'iżjed minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax jiddependu biss fuq ħlasijiet ta' imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-klejm ta' kreditu. Jekk hemm aktar minn tip wieħed ta' ħlas ta' imgħax matul il-ħajja li jkun fadal tal-klejm ta' kreditu, il-ħlasijiet tal-imgħax li jibqa' jiġu kkunsidrati bħala ħlasijiet b'rata fissa, bil-maturità rilevanti tal-haircut tkun il-maturità reżidwa tal-klejm ta' kreditu.

(d) Il-BĊNi japplikaw l-istess punt ta' attivazzjoni (jekk ikun il-każ) għall-eżekuzzjoni ta' sejħiet ta' marġni għal assi negozjabbli u mhux negozjabbli.

([89]) Il-*haircuts* ta' valutazzjoni applikati lil klejms ta' kreditu bi ħlasijiet ta' imgħax b'rata fissa japplikaw ukoll għal klejms ta' kreditu li l-ħlasjiet ta' imgħax taghhom huma marbutin mar-rata ta' inflazzjoni.

▼B

*Tabella 9*

**Livelli ta' haircuts ta' valutazzjoni applikati għal klejms ta' kreditu bi ħlasijiet ta' imgħax fiss**

| Kwalità ta' kreditu | Maturità reżidwa (snin) | Metodoloġija ta' valutazzjoni | |
|---|---|---|---|
| | | Ħlas u valutazzjoni ta' imgħax fiss ibbażat fuq prezz teoretiku allokat minn BĊN | Ħlas u valutazzjoni ta' imgħax fiss ibbażat fuq ammont pendenti allokat minn BĊN |
| Passi 1 u 2 (AAA to A-) | 0-1 | 8,0 | 10,0 |
| | 1-3 | 11,5 | 17,5 |
| | 3-5 | 15,0 | 24,0 |
| | 5-7 | 17,0 | 29,0 |
| | 7-10 | 18,5 | 34,5 |
| | > 10 | 20,5 | 44,5 |
| Pass 3 (BBB + to BBB-) | 0-1 | 15,5 | 17,5 |
| | 1-3 | 28,0 | 34,0 |
| | 3-5 | 37,0 | 46,0 |
| | 5-7 | 39,0 | 51,0 |
| | 7-10 | 39,5 | 55,5 |
| | > 10 | 40,5 | 64,5 |

6.4.3.2. Strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteka bl-imnut mhux negozjabbli

Strumenti ta' dejn sostnuti minn ipoteki bl-imnut mhux negozjabbli huma suġġetti għal haircut ta' valutazzjoni ta' 24 %.

6.4.3.3. Depożiti ta' terminu fiss

Depożiti ta' terminu fiss ma huma suġġetti għal ebda haircut ta' valutazzjoni.

6.5. **Prinċipji ta' valutazzjoni ta' assi sottostanti**

Meta jiġi stabbilit il-valur ta' assi sottostanti użati fi tranżazzjonijiet irriversjati, l-Eurosistema tapplika l-prinċipji li ġejjin:

6.5.1. *Assi negozjabbli*

▼M1

(a) Għal kull attiv negozjabbli eliġibbli, l-Eurosistema tiddefinixxi l-aktar prezz rappreżentattiv li għandu jintuża għall-kalkolazzjoni tal-valur tas-suq.

(b) Il-valur ta' attiv negozjabbli huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-aktar rpezz rappreżentattiv fil-jum tan-negozju li jippreċedi d-data tal-valutazzjoni. Fin-nuqqas ta' prezz rappreżentattiv għal attiv partikolari fil-jum tan-negozju li jippreċedi d-data tal-valutazzjoni, l-Eurosistema tiddefinixxi prezz teoretiku.

▼B

(c) Il-valur tas-suq jew teoretiku ta' strument tad-dejn huwa kalkolat li jinkludi l-imgħax akkumulat.

(d) Skont id-differenzi fis-sistemi nazzjonali legali u l-prattiċi ta' operazzjoni, it-trattament ta' flussi ta' dħul (per eżempju kupuni ta' ħlas) relatat ma' assi li huma rċevuti matul il-ħajja ta' tranżazzjoni

▼B

irriversjata jistgħu jvarjaw bejn il-BĊNi. Jekk il-fluss ta' dħul jiġi ttrasferit lill-kontroparti, il-BĊNi jiżguraw li l-operazzjonijiet relevanti jibqgħu kollha kemm huma koperti b'ammont suffiċjenti ta' assi ewlenin qabel ma jseħħ it-trasferiment tad-dħul. Il-BĊNi jimmiraw li jassiguraw li l-effett ekonomiku tat-trattament ta' flussi ta' dħul jkun ekwivalenti għal sitwazzjoni li fiha d-dħul jiġi ttrasferit lill-kontroparti fil-jum tal-ħlas ([90]).

6.5.2. *Assi mhux negozzjabbli*

Assi mhux negozjabbli jingħataw valur li jikkorrespondi jew mal-prezz teoretiku jew mal-ammont pendenti.

Jekk il-BĊN jagħżel il-valutazzjoni li tikkorrispondi mal-ammont pendenti, l-assi mhux negozjabbli jistgħu jkunu suġġetti għal haircuts ogħla (ara t-Taqsima 6.4.3).

6.6. **Użu transkonfinali ta' assi eliġibbli**

Il-kontropartijiet tal-Eurosistema jistgħu jużaw assi eliġibbli fuq bażi transkonfinali, jiġifieri jistgħu jiksbu fondi mill-BĊN tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti billi jagħmlu użu mill-assi li jinsabu fi Stat Membru ieħor. Assi sottostanti għandhom ikunu utilizzabbli fuq bażi transkonfinali fiż-żona tal-euro kollha għall-ġestjoni tat-tipi kollha ta' operazzjonijiet fejn l-Eurosistema tipprovdi likwidità kontra assi eliġibbli.

▼M2

Ġie żviluppat mekkaniżmu mill-BĊNi (u mill-BĊE) biex jiġi żgurat li l-assi eliġibbli kollha jistgħu jintużaw fuq bażi transkonfinali. Dan huwa s-CCBM, li taħtu l-BĊNi jaġixxu bħala kustodji ("korrispondenti") għal xulxin (u għall-BĊE) fir-rigward ta' assi aċċettati fid-depożitarju lokali, fit-TPA jew fis-sistema ta' saldu tagħhom. Jistgħu jintużaw soluzzjonijiet speċifiċi għal assi mhux negozjabbli, jiġifieri klejms ta' kreditu u RMBDs, li ma jistgħux jiġu ttrasferiti permezz ta' SSS ([91]). Is-CCBM jista' jintuża biex jikkollateralizza kull xorta ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Flimkien mas-CCBM, il-kontropartijiet jistgħu jużaw links eliġibbli bejn l-SSSs għat-trasferiment transkonfinali ta' assi negozjabbli mal-SSS lokali tagħhom ([92]); il-kontropartijiet jistgħu jużaw ukoll dawn il-links eliġibbli bejn l-SSSs flimkien mas-CCBM (CCBM bil-links — ara t-Taqsima 6.6.3). Barra minn hekk, is-CCBM (inkluż is-CCBM bil-links) huwa użat bħala bażi għall-użu transkonfinali tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty.

▼B

6.6.1. *Mudell tas-sistema bankarja ċentrali korrispondenti*

Il-mudell tas-sistema bankarja ċentrali korrispondenti jidher fiċ-Ċart 3 hawn taħt.

([90]) Il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jaċċettawx strumenti ta' dejn bi fluss ta' dħul (eż. ħlas ta' kupun) li jseħħ fil-perijodu sad-data tal-maturità tal-operazzjoni tal-politika monetarja bħala assi sottostanti fi tranżazzjonijiet irriversjati (ara t-Taqsima 6.2.3).

([91]) Id-dettalji jinsabu fil-fuljett bl-isem "Correspondent central banking model procedure for Eurosystem counterparties [Mudell tal-proċedura tas-sistema bankarja korrispondenti għall-kontropartijiet tal-Eurosistema] (CCBM)", li huwa ppubblikat fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

([92]) Assi eliġibbli jistgħu jintużaw permezz ta' kont ta' bank ċentrali f'SSS li jkun jinsab f'pajjiż li ma jkunx dak tal-bank ċentrali in kwistjoni jekk l-Eurosistema tkun approvat l-użu ta' dak il-kont. Sa mill-1999, De Nederlandsche Bank ġie awtorizzat li juża l-kont tiegħu ma' Euroclear Bank biex jirregola tranżazzjonijiet ta' kollateral f'Eurobonds maħruġin f'dik l-ICSD. Sa minn Awwissu 2000, Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland ġie awtorizzat biex jiftaħ kont bħal dak ma' Euroclear Bank. Dan il-kont jista' jintuża għall-assi eliġibbli kollha miżmuma fil-Euroclear Bank, jiġifieri inkluż l-assi eliġibbli ttrasferiti lill-Euroclear Bank permezz ta' links eliġibbli.

▼B

*Ċart 3*

**Il-mudell tal-bank ċentrali korrispondenti**




Il-BĊNi kollha jżommu kontijiet ta' titoli ma' xulxin għall-fini tal-użu transkonfinali ta' assi eliġibbli. Il-proċedura preċiża tas-CCBM tiddependi fuq jekk l-assi eliġibbli humiex riżervati għal kull tranżazzjoni individwali jew jekk humiex miżmumin fi grupp ta' assi sottostanti ([93]).

(a) F'sistema ta' riżerva, hekk kif offerta ta' kontroparti għal kreditu tiġi aċċettata mill-bank ċentrali nazzjonali tal-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kontroparti (jiġifieri l-"BĊN domestiku"), il-kontroparti tagħti struzzjonijiet (permezz tal-kustodju tagħha, jekk ikun meħtieġ) lill-SSS fil-pajjiż fejn huma miżmumin l-assi negozjabbli biex jiġu ttrasferiti lill-bank ċentrali ta' dak il-pajjiż għall-kont tal-BĊN domestiku. Malli l-BĊN domestiku jkun ġie infurmat mill-bank ċentrali korrispondenti li l-kollateral ikun ġie riċevut, dan jittrasferixxi l-fondi lill-kontroparti. Il-BĊNi ma jipprovdux fondi sakemm ma jkunux ċerti li l-assi negozjabbli tal-kontropartijiet jkunu ġew riċevuti mill-bank ċentrali korrispondenti. Fejn meħtieġ biex jitħarsu l-iskadenzi tas-saldu, il-kontropartijiet ikunu jistgħu jiddepożitaw minn qabel assi mal-banek ċentrali korrispondenti fil-kont tal-BĊN domestiku bl-użu tal-proċeduri CCBM.

(b) Fis-sistema ta' gruppi, il-kontroparti tista' f'kull żmien tipprovdi lill-BĊN korrispondenti b'assi negozjabbli fil-kont tal-BĊN domestiku. Malli l-BĊN domestiku jkun ġie infurmat mill-bank ċentrali korrispondenti li l-assi negozjabbli ġew riċevuti, huwa jżid dawn it-titoli fil-kont tal-grupp tal-kontroparti.

Proċeduri speċifiċi għall-użu transkonfinali ġew żviluppati għal assi mhux negozjabbli, jiġifieri klejms ta' kreditu u RMBDs ([94]). Meta l-klejms ta' kreditu jintużaw bħala kollateral f'kuntest transkonfinali, varjant CCBM jiġi applikat għall-klejms ta' kreditu, li huwa bbażat fuq trasferiment ta' proprjetà lil, assenjazzjoni lil, rahan favur il-BĊN domestiku, jew ħlas favur bank ċentrali korrispondenti li jaġixxi bħala aġent għall-bank ċentrali domestiku. Ġie implimentat varjant *ad hoc* ieħor ibbażat fuq il-ħlas favur bank ċentrali korrispondenti li jaġixxi bħala l-aġent għall-BĊN domestiku biex jiġi permess l-użu transkonfinali ta' RMBDs.

([93]) Id-dettalji jinsabu f'fuljett bl-isem "Correspondent central banking model procedure for Eurosystem counterparties [Mudell tal-proċedura tas-sistema bankarja korrispondenti għall-kontropartijiet tal-Eurosistema] (CCBM)", li huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

([94]) Id-dettalji jinsabu f'fuljett bl-isem "Correspondent central banking model procedure for Eurosystem counterparties [Mudell tal-proċedura tas-sistema bankarja korrispondenti għall-kontropartijiet tal-Eurosistema] (CCBM)", li huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

▼M2

Is-CCBM huwa disponibbli għal kontropartijiet (kemm għall-assi negozjabbli kif ukoll għal dawk mhux negozjabbli) mill-inqas mid-9 a.m. sal-4 p.m. CET f'kull jum tan-negozju tat-TARGET2. Kontroparti li jixtieq jagħmel użu mis-CCBM irid jagħti parir lil BĊN li minnu jixtieq li jirċievi kreditu, jiġifieri il-BĊN domestiku tiegħu, qabel l-4 p.m. CET. Barra minn hekk, il-kontroparti jrid jiżgura li l-kollateral biex jiġu assikurati l-operazzjonijiet tal-politika monetarja jiġi kkunsinjat fil-kont tal-bank ċentrali korrispondenti sa mhux iktar tard mill-4.45 p.m. CET. Struzzjonijiet jew kunsinni li ma jirrispettawx din l-iskadenza se jiġu trattati biss fuq bażi tal-aħjar sforz u jistgħu jiġu kkunsidrati għall-kreditu mogħti fil-jum tan-negozju tat-TARGET2 ta' wara. Meta l-kontropartijiet jipprevedu ħtieġa għall-użu tas-CCBM tard fil-jum, huma għandhom, fejn possibbli, jikkunsinjaw l-assi bil-quddiem (jiġifieri jiddepożitawhom minn qabel). F'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun meħtieġ għal skopijiet ta' politika monetarja, il-BĊE jista' jiddeċiedi li jestendi l-ħin tal-għeluq tas-CCBM sal-ħin tal-għeluq tat-TARGET2, f'kooperazzjoni mas-CSDs fir-rigward tad-disponibbiltà tagħhom li jestendu l-ħinijiet tal-għeluq għall-assi negozjabbli.

▼B

6.6.2. *Rabtiet bejn sistemi ta' saldu ta' titoli*

▼M2

Flimkien mas-CCBM, jistgħu jintużaw links eliġibbli bejn l-SSSs taż-ŻEE għat-trasferiment transkonfinali ta' assi negozjabbli.

Link diretta jew mgħoddija bejn żewġ SSSs tippermetti parteċipant f'SSS wieħed li jżomm it-titoli f'SSS ieħor mingħajr ma jkun parteċipant f'dak l-SSS l-ieħor ([95]). Qabel ma dawn il-links jistgħu jintużaw biex jitrasferixxu kollateral għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, huma għandhom jiġu vvalutati u approvati mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni deskritti fil-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema ([96]).

Mill-perspettiva tal-Eurosistema, is-CCBM u l-links bejn l-SSSs taż-ŻEE jissodisfaw l-istess rwol li jippermettu lill-kontropartijiet li jużaw kollateral fuq bażi transkonfinali, jiġifieri t-tnejn jippermettu lill-kontropartijiet li jużaw kollateral biex jiksbu kreditu mill-BĊN domestiku, anki jekk dan il-kollateral inħareġ f'SSS ta' pajjiż ieħor. Is-CCBM u l-links bejn l-SSSs iwettqu din il-funzjoni b'modi differenti. Fis-CCBM, ir-relazzjoni transkonfinali hija bejn il-BĊNi. Huma jaġixxu bħala kustodji għal xulxin. Bl-użu tal-links, ir-relazzjoni transkonfinali hija bejn l-SSSs. Huma jiftħu kontijiet omnibus ma' xulxin. Assi ddepożitati ma' bank ċentrali korrispondenti jistgħu jintużaw biss biex jikkollateralizzaw operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Assi miżmumin permezz ta' link jistgħu jintużaw għal operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema kif

([95]) Link bejn żewġ SSSs tikkonsisti minn sett ta' proċeduri u arranġamenti għat-trasferiment transkonfinali ta' titoli permezz ta' proċess ta' entrata fil-kotba. Link għandha l-forma ta' kont omnibus miftuħ minn SSS (l-SSS investitur) f'SSS ieħor (l-SSS emittent). Link diretta timplika li ma jeżisti ebda intermedjarju bejn iż-żewġ SSSs. Links mgħoddija bejn l-SSSs jistgħu jintużaw ukoll għat-trasferiment transkonfinali ta' titoli lill-Eurosistema. Link mgħoddija hija arranġament kuntrattwali u tekniku li jippermetti lil żewġ SSSs mhux konnessi direttament ma' xulxin biex ikunu jistgħu jiskambjaw tranżazzjonijiet ta' titoli jew trasferimenti permezz ta' SSS terza li taġixxi bħala intermedjarju.

([96]) Il-lista ta' links eliġibbli hija ppubblikata fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu/paym/coll/coll/ssslinks/html/index.en.html.

▼M2

ukoll għal kull għan ieħor magħżul mill-kontroparti. Meta jintużaw links bejn l-SSSs, il-kontroparijiet iżommu l-assi f'isimhom stess mal-SSS domestiku u ma jeħtiġux kustodju.

▼B

*Ċart 4*

**Rabtiet bejn sistemi ta' saldu ta' titoli**




▼M2

6.6.3. *CCBM bil-links*

Huwa possibbli wkoll għall-kontropartijiet li jużaw links diretti u mgħoddija msemmija fit-Taqsima 6.6.2 flimkien mas-CCBM sabiex jimmobilizzaw l-assi negozjabbli eliġibbli fuq bażi transkonfinali.

Meta jintużaw links bejn l-SSSs flimkien mas-CCBM, il-kontropartijiet iżommu l-assi maħruġa fl-emittent SSS f'kont mal-SSS investitur direttament jew permezz ta' kustodju. F'każ ta' links mgħoddija, it-tielet SSS jista' jaġixxi bħala SSS intermedjarju.

Dawn l-assi jistgħu jinħarġu f'CSD taż-ŻEE li mhux fiż-żona tal-euro, sakemm il-link bejn l-SSS Emittent u l-SSS Investitur tkun ġiet evalwata b'mod pożittiv mill-Eurosistema skont l-istandards u l-proċeduri tal-valutazzjoni deskritti fil-Qafas għall-Valutazzjoni ta' Utenti tal-Eurosistema.

*Ċart 5*

**Il-mudelltal-bank ċentrali korrispondenti bil-links**

***L-użu tal-assi eliġibbli maħruġa fl-SSS ta' pajjiż Ċ u miżmuma fl-SSS ta' pajjiż B minn kontroparti stabbilita f'pajjiż A permezz ta' link dirett bejn l-SSSs f'pajjiżi B u Ċ sabiex jiksbu kreditu mill-BĊN ta' pajjiż A***



▼M2

Fejn assi eliġibbli jridu jiġu ttrasferiti permezz ta' CCBM bil-links, il-kontropartijiet għandhom jiżguraw li t-titoli jiġu kkonsenjati f'kont fl-SSS Investitur relevanti sal-4 p.m. CET fid-data tas-saldu sabiex jiġi żgurat is-saldu ta' operazzjonijiet tal-istess valur għall-istess ġurnata. Kull talba għall-mobilizzazzjoni riċevuta mill-BĊNi domestiċi mingħand il-kontropartijiet tagħhom wara l-4 p.m., jew kull talba għall-kunsinna tal-assi eliġibbli f'kont fis- CSD Investitur rilevanti wara l-4 p.m. CET huwa ttrattat fuq il-bażi tal-aħjar sforz, skont il-ħinijiet tal-għeluq tas-CSDs involuti.

6.6.4. *Is-CCBM bis-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty*

Is-CCBM (inkluż is-CCBM bilr-links) huwa użat ukoll bħala bażi għall-użu transkonfinali tas-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty, fejn il-BĊN tal-Istat Membru, fejn is-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty huma offruti għall-użu transkonfinali tal-Eurosistema, se jaġixxi bħala CCB għall-BĊNi fi Stati Membri oħra li l-kontropartijiet tagħhom talbu biex jużaw is-servizzi rispettivi ta' ġestjoni tal-kollateral triparty fuq bażi transkonfinali. It-TPA relevanti għandu jiġu vvalutat b'mod pożittiv mill-Eurosistema.

Is-servizzi transkonfinali ta' ġestjoni tal-kollateral triparty jippermettu lill-kontropartijiet biex iżidu jew inaqqsu l-ammont ta' kollateral li jipprovdu lill-BĊN domestiku tagħhom (minn hawn 'il quddiem l-"ammont globali").

*Ċart 6*

**Servizzi transkonfinali triparty**

***Użu ta'assieliġibbli miżmuma fit-TPA ta' pajjiż B minn kontroparti stabbilit f'pajjiż A sabiex jikseb kreditu mill-BĊN ta' pajjiż A.***




Nota: Il-vleġġa "Informazzjoni dwar il-kollateral" bejn il-kontroparti A u l-BĊN A tista' ma tkunx relevanti ma' ċerti TPAs (jiddependi fuq il-mudell kuntrattwali magħżul) u f'dan il-każ il-kontroparti ma jibgħatx struzzjoni lill-BĊN A jew jirċievi konferma mingħand il-BĊN A.

▼B

6.7. **Aċċettazzjoni ta' kollateral mhux iddenominat f'euro f'kontinġenzi**

F'ċerti sitwazzjonijiet il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li jaċċetta bħala kollateral eligibbli, certi strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġin minn gvern ċentrali tal-G10 barra ż-żona tal-euro, jew aktar minn gvern wieħed minn dawn, fil-valuta domestika tagħhom. Malli tittieħed din id-deċiżjoni l-kriterji applikabbli għandhom ikunu kkjarifikati, u l-proċeduri li għandhom ikunu applikati għall-għażla u l-mobilizzazzjoni ta' kollla-teral barrani, inklużi s-sorsi u l-prinċipji ta' valutazzjoni, il-miżuri ta' kontroll tar-riskju u l-proċeduri ta' saldu, għandhom ikunu kkomunikati wkoll lill-kontropartijiet.

▼B

Minkejja d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 6.2.1, dawn l-assi jistgħu jiġu ddepożitati/rreġistrati (maħrugin), miżmumin u regolati barra ż-ŻEE u, kif intqal hawn fuq, jistgħu jiġu ddenominati f'valuti minbarra l-euro. Dawn l-assi kollha użati minn xi kontroparti għandhom ikunu proprjetà tal-kontroparti.

Kontropartijiet li huma ferghat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati barra ż-ŻEE jew l-Iżvizzera ma jistgħux jużaw dawn l-assi bħala kollateral.

KAPITOLU 7

**RIŻERVI MINIMI** (97)

7.1. **Konsiderazzjonijiet ġenerali**

Il-BĊE jeħtieġ li istituzzjonijiet ta' kreditu jżommu riżervi minimi fuq kontijiet mal-BĊNi fil-qafas tas-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema. Il-qafas legali għal din is-sistema huwa stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Istatut tas-SEBĊ, ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament BĊE/2003/9. L-applikazzjoni tar-Regolament BĊE/2003/9 tiżgura li t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema jkunu uniformi maż-żona tal-euro kollha.

L-ammont ta' riżervi li għandu jinżamm minn kull istituzzjoni huwa stabbilit b'relazzjoni mal-bażi tiegħu ta' riżerva. Is-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema tippermetti lill-kontropartijiet li jagħmlu użu mid-dispożizzjonijiet li jwasslu għall-medja, li timplika li l-konformità mal-ħtiġijiet tar-riżervi hija stabbilita fuq il-bażi tal-medja tal-bilanċi fit-tmiem tal-jum kalendarju fuq il-kontijiet tar-riżervi tal-kontropartijiet matul perjodu ta' żamma ta' xahar. Investimenti tal-istituzzjonijiet ta' riżervi meħtieġa huma remunerati bir-rata tal-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tal-Eurosistema.

Is-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema primarjament issegwi l-funzjonijiet monetarji li ġejjin:

(a) Stabbilizzazzjoni tar-rati ta' imgħax fis-suq monetarju

Id-dispożizzjoni tal-medja tas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema timmira biex tikkontribwixxi għal-istabbilizzazzjoni tar-rati tal-imgħax fis-suq monetarju billi tagħti lill-istituzzjonijiet inċentiv biex iwittu l-effett tal-flutwazzjonijiet tal-likwidità temporanji.

(b) Il-ħolqien jew it-tkabbir ta' nuqqas ta' likwidita strutturali

Is-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema tikkontribwixxi għall-ħolqien jew għat-tkabbir ta' nuqqas ta' likwidità strutturali. Dan jista' jkun ta' għajnuna sabiex tittejjeb l-abbiltà tal-Eurosistema li topera b'mod effiċjenti bħala fornitriċi tal-likwidità.

Fl-applikazzjoni tar-riżervi minimi, il-BĊE huwa marbut li jaġixxi skont l-għanijiet tal-Eurosistema kif definiti fl-Artikolu 127(1) tat-Trattat u l-Artikolu 2 tal-Istatut tas-SEBĊ, li jimplika, fost ħwejjeġ oħra, il-prinċipju li ma tiġix indotta delokazzjoni jew disintermedjazzjoni sinjifikanti mhux mixtieqa.

7.2. **Istituzzjonijiet suġġetti għall-obbligu tar-riżerva minima**

Skont l-Artikolu 19.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jeħtieġ li istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fl-Istati Membri jżommu riżervi minimi. Dan jimplika li ferghat fiż-żona tal-euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux inkorporati fiż-żona tal-euro huma wkoll suġġetti għas-sistema tar-riżervi

(97) Il-kontenut ta' dan il-Kapitolu huwa pprovdut biss għall-finijiet ta' informazzjoni.

▼B

minimi tal-Eurosistema. Madankollu, fergħat stabbiliti barra ż-żona tal-euro ta' istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati fiż-żona tal-euro mhumiex suġġetti għal din is-sistema.

Istituzzjonijiet ikunu awtomatikament eżentati mir-rekwiżiti tar-riżerva mill-bidu tal-perijodu ta' żamma li fih l-awtorizzazzjoni tagħhom hija rtirata jew ċeduta, jew li fih deċiżjoni biex l-istituzzjoni tiġi sottomessa għall-proċeduri ta' stralċ tittieħed minn awtorità ġudizzjarja jew awtorità kompetenti oħra ta Stat Membru. Skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 u r-Regolament BĊE/2003/9, il-BĊE jista' jeżenta wkoll istituzzjonijiet mill-obbligi tagħhom taħt is-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema fuq bażi mhux diskriminatorja jekk huma suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni jew l-iffrizar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni taħt l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stat Membru li jirrestrinġi l-użu tal-fondi tagħhom jew li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ikun ħareg deċiżjoni li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema jew jekk l-għanijiet tas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema ma jiġux sodisfatti bl-impożizzjoni ta' dawn l-obbligi fuq dawk l-istituzzjonijiet partikolari. Jekk id-deċiżjoni tiegħu fuq kull eżenzjoni bħal din hija bbażata fuq l-għanijiet tas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema, il-BĊE jikkunsidra wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni hija awtorizzata taqdi funzjonijiet b'għanijiet speċjali biss;

(b) l-istituzzjoni hija pprojbita milli teżerċita funzjonijiet bankarji attivi f'kompetizzjoni ma' istituzzjonijiet oħra ta' kreditu u/jew,

(c) l-istituzzjoni hija taħt obbligu legali li jkollha d-depożiti kollha tagħha mmarkati għal skopijiet relatati ma' assistenza reġjunali u/jew ma' assistenza ta' żvilupp internazzjonali.

Il-BĊE jistabbilixxi u jżomm lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema. Il-BĊE jippubblika wkoll lista ta' istituzzjonijiet eżentati mill-obbligi tagħhom taħt din is-sistema għal raġunijiet li mhumiex dawk li huma suġġetti għal miżuri ta' riorganizzazzjoni jew l-iffrizar ta' fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-Unjoni taħt l-Artikolu 75 tat-Trattat jew minn Stat Membru li jirrestrinġi l-użu tal-fondi tagħhom jew li fir-rigward tagħhom il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ħareg deċiżjoni li tissospendi jew teskludi l-aċċess tagħhom għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew il-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema ([98]). Il-kontropartijiet jistgħu joqgħodu fuq dawn il-listi meta jiddeċiedu dwar jekk il-passiv tagħhom huwiex dovut lil istituzzjoni oħra li tkun hi stess suġġetta għal ħtiġijiet tar-riżerva. Il-listi, disponibbli għall-pubbliku wara t-tmiem tal-jum ta' negozju fl-aħħar jum tan-negozju tal-Eurosistema ta' kull xahar kalendarju, huma validi għall-kalkolu tal-bażi ta' riżerva għall-perijodu ta' żamma li jibda fix-xahar kalendarju li jiġi xahrejn wara. Per eżempju, il-lista ppubblikata fl-aħħar ta' Frar tkun valida għall-kalkolu tal-bażi ta' riżerva għall-perijodu ta' żamma li jibda f'April.

## 7.3. Determinazzjoni ta' riżervi minimi

### 7.3.1. *Bażi tar-riżerva u proporzjonijiet tar-riżerva*

Il-bażi tar-riżerva ta' istituzzjoni huwa definit fir-rigward tal-elementi tal-karta tal-bilanċ tagħha. It-tagħrif mill-karta tal-bilanċ huwa rapportat lill-BĊNi fi ħdan il-qafas ġenerali tal-istatistika monetarja u bankarja tal-BĊE (ara t-Taqsima 7.5) ([99]). Għal istituzzjonijiet suġġetti għal rappurtar sħiħ, it-tagħrif mill-karta tal-bilanċ li jirreferi għall-aħħar ta' xahar kalendarju partikolari jintuża biex jistabblixxi l-bażi tar-riżervi għall-perjodu

([98]) Il-listi huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu.

([99]) Il-qafas ta' rappurtar għall-istatistika monetarja u bankarja tal-BĊE huwa presentat fl-Appendiċi 4.

▼B

ta' żamma li jibda fix-xahar kalendarju xahrejn wara. Pereżempju, il-bażi ta' riżerva kkalkulata mill-karta tal-bilanċ fl-aħħar ta' Frar tintuża għall-kalkolu tal-ħtiġijiet ta' riżerva li għandha tiġi sodisfatta mill-kontropartijiet fil-perijodu ta' żamma li jibda f'April.

Il-qafas tar-rappurtar għall-istatistika monetarja u bankarja tal-BĊE jinkludi l-possibbiltà li istituzzjonijiet żgħar jinħelsu xi ftit mill-piż tar-rappurtar. Istituzzjonijiet li għalihom tapplika din id-dispożizzjoni huma meħtieġa biss li jirrapportaw sett limitat ta' tagħrif mill-karta tal-bilanċ fuq bażi trimestrali (bħala tagħrif tal-aħħar trimestru) u bi skadenza ta'rappurtar li hija itwal minn dik iffissata għal istituzzjonijiet akbar. Għal dawn l-istituzzjonijiet, it-tagħrif mill-karta tal-bilanċ rapportat għal trimestru speċifiku jintuża biex jistabbilixxi, b'xahar b'lura, l-bażi tar-riżervi għal tliet perjodi konsekuttivi taż-żamma ta' riżervi. Pereżempju, il-karta tal-bilanċ fl-aħħar tal-ewwel trimestru – Marzu – tkun valida għall-kalkolu tal-bażi ta' riżerva għall-perijodi ta' żamma li jibdew f'Ġunju, Lulju u Awwissu.

Skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98 il-BĊE huwa intitolat li jinkludi passiv li jirriżulta mill-aċċettazzjoni ta' fondi flimkien ma' passiv li jirriżulta minn partiti li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-bażi tar-riżerva ta' istituzzjonijiet. Fis-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema, il-kategoriji ta' passiv "depożiti", u "titoli ta' dejn maħruġin" huma attwalment inklużi fil-bażi tar-riżerva (ara l-Kaxxa 9).

Passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet oħra inkluż fil-lista ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema u l-passiv fil-konfront tal-BĊE u l-BĊNi parteċipanti mhumiex inklużi fil-bażi tar-riżerva. F'dan ir-rigward, għall-kategorija tal-passiv "titoli ta' dejn maħruġin", l-emittent għandu jipprova l-ammont attwali ta' dawn l-istrumenti miżmumin minn istituzzjonijiet oħrajn suġġetti għas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema sabiex ikunu intitolati li jnaqqsuhom mill-bażi tar-riżerva. Jekk dik il-prova ma tkunx tista' tiġi ppresentata, l-emittenti jistgħu japplikaw tnaqqis standardizzat ta' persentaġġ fiss ([100]) għal din il-partita fil-karta tal-bilanċ.

Il-proporzjonijiet ta' riżerva huma ddeterminati mill-BĊE bla ħsara għal-limitu massimu speċifikat fir-Regolament (KE) Nru 2531/98. Il-BĊE japplika proporzjon ta' riżerva mhux żero uniformi mal-maġġoranza tal-partiti inklużi fil-bażi ta' riżerva. Dan il-proporzjon ta' riżerva huwa speċifikat fir-Regolament BĊE/2003/9. Il-BĊE jiffissa proporzjon ta' riżerva żero fil-kategoriji ta' passiv li ġejjin: "depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn", "depożiti li jinfdew b'notifika ta' aktar minn sentejn", "repos" u "titoli ta' dejn b'maturità oriġinali ta' aktar minn sentejn" (ara l-Kaxxa 9). Il-BĊE jista' f'kull żmien jibdel il-proporzjonijiet tar-riżervi. Bidliet fil-proporzjonijiet tar-riżerva jitħabbru mill-BĊE bil-quddiem tal-ewwel perijodu ta' żamma li għalih il-bidla hija effettiva.

7.3.2. *Kalkoli tal-ħtiġijiet ta' riżerva*

Il-ħtieġa tar-riżerva għal kull istituzzjoni individwali hija kalkolata bl-applikazzjoni, mal-ammont ta' passiv eliġibbli, il-proporzjonijiet tar-riżerva għall-kategoriji ta' passiv korrispondenti.

([100]) Ara r-Regolament BĊE/2003/9. Aktar informazzjoni dwar il-proporzjon ta' tnaqqis standardizzat jista' jinstab fuq is-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu, kif ukoll fuq is-siti elettroniċi tal-Eurosistema (ara l-Appendiċi 5).

▼B

Kull istituzzjoni tnaqqas *allowance* uniformi ta' EUR 100 000 mill-ħtieġa ta' riżerva f'kull Stat Membru li fih ikollha stabbiliment. L-għoti ta' *allowance* bħal dik għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi legali ta' istituzzjonijiet suġġetti għas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema ([101]).

Il-ħtieġa ta' riżerva għal kull perjodu ta' żamma hija aġġustata għall-eqreb euro.

KAXXA 9

**Bażi tar-riżerva u proporzjonijiet tar-riżerva**

A. ***Passiv inkluż fil-bażi tar-riżerva u li għalihom jiġi applikat il-proporzjon ta' riżerva pożittiv***

Depożiti (*)

— Depożiti overnight

— Depożiti b'maturità miftiehma sa u li tinkludi wkoll sentejn

— Depożiti li jistgħu jinfdew b'notifika sa u li tinkludi wkoll sentejn

Titoli ta' dejn maħruġin

— Titoli ta' dejn b'maturità oriġinali sa u li tinkludi wkoll sentejn

B. ***Passiv inklużi fil-bażi tar-riżerva u li għalihom jiġi applikat il-proporzjon ta' riżerva żero***

Depożiti (*)

— Depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn

— Depożiti mifdija b'notifika ta' aktar minn sentejn

— Repos

Titoli ta' dejn maħruġin

— Titoli ta' dejn b'maturità oriġinali ta' aktar minn sentejn

C. ***Passiv eskluż mill-bażi tar-riżerva***

— Passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet oħra suġġetti għas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema

— Passiv fil-konfront tal-BĊE u l-BĊNi parteċipanti

([101]) Għal istituzzjonijiet li huma permessi li jirrapportaw id-dejta statistika bħala grupp fuq bażi aggregata skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas għar-rappurtar tal-istatistika monetarja u bankarja tal-BĊE (ara l-Appendiċi 4), għandha tingħata konċessjoni waħda biss bħal dik lill-grupp kollu kemm hu, sakemm l-istituzzjonijiet ma jipprovdux dejta dwar il-bażi tar-riżervi u investimenti ta' riżerva b'mod suffiċjentement dettaljat li jkun jippermetti li l-Eurosistema tivverifika l-eżattezza u l-kwalità tagħhom u li tistabbilixxi l-ħtiġijiet rispettiv tar-riżervi ta' kull istituzzjoni individwali inkluża fil-grupp.

(*) Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2008/32) (ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14) espliċitament jeħtieġ ir-rappurtar ta' passiv fid-depożiti f'valur nominali. Valur nominali jfisser l-ammont ta' kapital li debitur huwa obbligat kuntrattwalment li jħallas lil kreditur. Din l-emenda kienet saret meħtieġa għaliex id-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1) giet emendata fis-sens li ċerti strumenti finanzjarji jistgħu jkollhom prezz gust.

▼B

### 7.4. Żamma ta' investimenti ta' riżerva

#### 7.4.1. *Perjodu ta' żamma*

Il-BĊE jippubblika kalendarju tal-perijodi ta' żamma ta' riżerva tal-inqas tliet xhur qabel il-bidu ta' kull sena ([102]). Il-perijodu ta' żamma jibda fil-jum ta' saldu tal-ewwel operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija wara l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv, fejn il-valutazzjoni ta' kull xahar tal-pożizzjoni tal-politika monetarja hija skedata minn qabel. F'ċirkustanzi speċjali, il-kalendarju ppubblikat jista' jiġi emendat, jiddependi, fost l-oħrajn, fuq tibdil fl-iskeda ta' laqgħat tal-Kunsill Governattiv.

#### 7.4.2. *Investimenti ta' riżerva*

Kull istituzzjoni għandha żżomm ir-riżervi minimi tagħha f'kont wieħed jew aktar ta' riżerva mal-BĊN fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita. Għal istituzzjonijiet b'aktar minn stabbiliment wieħed fi Stat Membru, l-uffiċċju prinċipali huwa responsabbli li jħares l-aggregat tar-riżervi minimi tal-istabbilimenti domestiċi kollha tal-istituzzjoni ([103]). Istituzzjoni bi stabbilimenti f'aktar minn Stat Membru wieħed hija meħtiega li żżomm riżervi minimi mal-BĊN ta' kull Stat Membru li fih ikollha stabbiliment, b'rabta mal-bażi tar-riżervi tagħha fl-Istat Membru korrispondenti.

Il-kontijiet ta' saldu ta' istituzzjonijiet mal-BĊNi jistgħu jintużaw bħala kontijiet ta' riżerva. Investimenti ta' riżerva miżmumin f'kontijiet ta' saldu jistgħu jintużaw għal finijiet ta' saldu intraday. L-investiment ta' riżerva ta' kuljum ta' istituzzjoni huwa kalkolat bħala l-bilanċ tat-tmiem il-jum fil-kont tagħha tar-riżerva.

Istituzzjoni tista' tapplika mal-BĊN fl-Istat Membru li fih tkun residenti l-istituzzjoni għall-permess biex iżżomm ir-riżervi minimi kollha tagħha indirettament permezz ta' intermedjarju. Il-possibbiltà li jinżammu r-riżervi minimi permezz ta' intermedjarju hija bħala regola ristretta għal istituzzjonijiet li huma kkostitwiti sabiex parti mill-amministrazzjoni (per eżempju l-amministrazzjoni tat-teżor) normalment issir minn intermedjarju (per eżmpju netwerks ta' banek tat-tfaddil u kooperattivi ta' banek jistgħu jiċċentralizzaw l-investimenti ta' riżerva tagħhom). L-investiment f'riżervi minimi permezz ta' intermedjarju huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet speċifikati fir-Regolament BĊE/2003/9.

#### 7.4.3. *Remunerazzjoni ta' investimenti f'riżervi*

Investimenti f'riżervi meħtieġa huma remunerati bil-medja, matul il-perijodu ta' żamma, tar-rata tal-BĊE (ippeżati skont in-numru ta' jiem kalendarji) fuq operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, ikkalkulata bl-użu tal-formula speċifikata fil-Kaxxa 10. Investimenti f'riżerva li jeċċedu r-riżervi minimi mhumiex remunerati. Ir-remunerazzjoni għandha titħallas fit-tieni jum ta' negozju tal-BĊN li jiġi wara li jintemm il-perijodu taż-żamma li fih tkun dovuta dik ir-remunerazzjoni.

---

([102]) Il-kalendarju huwa normalment imħabbar fi stqarrija għall-istampa tal-BĊE, li tinsab fis-sit elettroniku tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu. Barra minn dan, kalendarju bħal dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-siti elettroniċi tal-Eurosistema (ara l-Appendiċi 5).

([103]) Jekk istituzzjoni ma jkollhiex uffiċċju prinċipali fi Stat Membru li fih tkun stabbilita, għandha tinnomina fergħa prinċipali li allura tkun responsabbli biex tikkonforma mal-aggregat tar-riżervi minimi tal-istabbilimenti kollha tal-istituzzjoni fl-Istat Membru relevanti.

▼B

KAXXA 10

**Kalkolu tar-remunerazzjoni ta' investimenti ta' riżervi meħtieġa**

L-investiment ta' riżervi meħtieġa huwa remunerat skont il-formula li ġejja:

$$R_t = \frac{H_t \cdot n_t \cdot r_t}{100 \cdot 360}$$

$$r_t = \sum_{i=1}^{n_t} \frac{MR_i}{n_t}$$

fejn:

$R_t$ = ir-remunerazzjoni li għandha titħallas għal investimenti ta' riżervi obbligatorji għall-perjodu tal-żamma *t*;

$H_t$ = il-medja ta' investimenti ta' kuljum ta' riżervi obbligatorji għall-perjodu tal-żamma *t*;

$n_t$ = in-numru ta' ġranet kalendarji fil-perjodu tal-żamma *t*;

$r_t$ = ir-rata ta' remunerazzjoni għal investimenti ta' riżervi obbligatorji għall-perjodu taż-żamma *t*. Għandu jsir aġġustament standardizzat tar-rata ta' remunerazzjoni għal żewġ punti deċimali;

*i* = *i*th tal-jum kalendarju tal-perjodu taż-żamma *t*;

$MR_i$ = ir-rata ta' interess marġinali għall-operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija l-aktar riċenti imħallsa fil-jum kalendarju *i* jew qabilha.

7.5. **Rappurtar, rikonoxximent u verifika tal-bażi tar-riżerva**

Il-partiti tal-bażi tar-riżervi għall-applikazzjoni tar-riżervi minimi huma kalkolati mill-istituzzjonijiet suġġetti huma stess għar-riservi minimi u huma rapportati lill-BĊNi fi ħdan il-qafas ġenerali tal-istatistika monetarja u bankarja tal-BĊE (ara l-Appendiċi 4). L-Artikolu 5 tar-Regolament BĊE/2003/9 jiddefinixxi l-proċeduri għan-notifika u r-rikonoxximent tal-bażi ta' riżerva u l-ħtieġa ta' riżerva tal-istituzzjoni.

Il-proċedura għan-notifika u r-rikonoxximent tar-riżervi minimi ta' istituzzjoni hija din li ġejja. Jew il-BĊN rilevanti jew l-istituzzjoni tieħu l-inizjattiva biex tikkalkola r-riżervi minimi ta' dik l-istituzzjoni għall-perijodu ta' żamma rilevanti. Ir-riżervi minimi kkalkulati huma notifikati mill-parti li tagħmel il-kalkolu fl-aħħar tlett ijiem tal-BĊN qabel il-bidu tal-perijodu ta' żamma. Il-BĊN rilevanti jista' jispeċifika data aktar qabel bħala limitu ta' żmien għan-notifika tar-riżervi minimi. Jista' wkoll jispeċifika limiti oħra ta' żmien biex l-istituzzjoni tinnotifika kwalunkwe reviżjonijiet magħmula lill-bażi tar-riżerva, u kwalunkwe reviżjonijiet magħmula lir-riżervi minimi nnotifikati. Il-parti nnotifikata għandha tikkonferma r-riżervi minimi kkalkulati mhux aktar tard minn dak il-jum ta' negozju tal-BĊN li jiġi qabel ma jibda l-perijodu taż-żamma. Jekk il-parti nnotifikata ma tkunx wieġbet għan-notifika sal-aħħar ta' dak il-jum ta' negozju tal-BĊN li jiġi qabel ma jibda l-perijodu taż-żamma,

▼B

tiġi meqjusa li tkun ikkonfermat l-ammont tar-riżervi minimi tal-istituzzjoni għall-perijodu taż-żamma relevanti. Ladarba jkunu kkonfermati, ir-riżervi minimi tal-istituzzjoni għall-perjodu taż-żamma relevanti ma jistgħux jiġu riveduti.

Għal istituzzjonijiet li huma permessi jaġixxu bħala intermedjarji għal investimenti ta' riżerva indiretti ta' istituzzjonijiet oħrajn, hemm speċifikati ħtiġijiet ta' rappurtar speċifiċi fir-Regolament BĊE/2003/9. L-investiment f'riżervi permezz ta' terz ma jibdilx l-obbligi tar-rappurtar statistiku ta' istituzzjonijiet li jkollhom riżervi permezz ta' intermedjarju.

Il-BĊE u l-BĊNi għandhom id-dritt, fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 2531/98, li jivverifikaw il-preċiżjoni u l-kwalità tat-tagħrif miġbur.

## 7.6. Nonkonformità mal-obbligu tar-riżerva minima

Tirriżulta nonkonformità mal-obbligi tar-riżervi minimi jekk il-bilanċ medju fit-tmiem il-jum kalendarju ta' istituzzjoni fil-konti(jiet) tar-riżervi tagħha matul il-perjodu ta' żamma jkun anqas mill-ħtieġa tagħha ta' riżervi għall-perjodu ta' żamma korrispondenti.

Meta istituzzjoni tonqos milli tikkonforma mal-ħtieġa tar-riżerva għal kollox jew parzjalment, il-BĊE jista', skont ir-Regolament (KE) Nru 2531/98, jimponi xi waħda minn dawn is-sanzjonijiet:

(a) ħlas sa 5 punti perċentwali 'l fuq mir-rata tas-self marġinali, applikata għall-ammont tal-ħtieġa ta' riżerva li l-istituzzjoni relevanti naqset li tipprovdi; jew

(b) ħlas sad-doppju tar-rata tas-self marġinali, applikat għall-ammont tal-ħtieġa tar-riżerva li l-istituzzjoni relevanti naqset li tipprovdi; jew

(c) il-ħtieġa għall-istituzzjoni relevanti li tistabbilixxi depożiti li ma jkollhomx imgħax mal-BĊE jew mal-BĊNi sa tliet darbiet l-ammont tal-ħtieġa tar-riżervi li l-istituzzjoni relevanti tkun naqset li tipprovdi. Il-maturità tad-depożitu m'għandhiex teċċedi l-perijodu li matulu l-istituzzjoni tkun naqset li tikkonforma mal-ħtieġa tar-riżervi.

Fejn istituzzjoni tonqos li tikkonforma ma' obbligi oħrajn taħt ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet tal-BĊE relatati mas-sistema tar-riżervi minimi tal-Eurosistema (per eżempju jekk it-tagħrif relevanti ma jintbagħatx fil-ħin jew ma jkunx eżatt), il-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 2532/98 u r-Regolament BĊE/1999/4. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jispeċifika u jippubblika l-kriterji fejn dan japplika s-sanzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2531/98 ([104]).

Barra minn hekk, fil-każ ta' ksur serju tal-ħtiġijiet tar-riżerva minima, l-Eurosistema tista' tissospendi l-kontropartijiet mill-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' suq miftuħ.

([104]) Dawn il-kriterji ġew ippubblikati f'avviż bl-isem "*Notice of the European Central Bank on the imposition of sanctions for breaches of the obligation to hold minimum reserves*" [Avviż tal-Bank Ċentrali Ewropew fuq l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur tal-obbligu biex jinżammu riżervi minimi] (ĠU C 39, 11.2.2000, p. 3)

▼B

*Appendiċi 1*

**EŻEMPJI TA' OPERAZZJONIJIET TAL-POLITIKA MONETARJA U PROĊEDURI**

**Lista ta' eżempji**

Eżempju 1 Tranżazzjoni rriversjata li tipprovdi likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata fissa

Eżempju 2 Tranżazzjoni rriversjata li tipprovdi likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli

Eżempju 3 Ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli

Eżempju 4 Swap ta' kambju barrani li jassorbi l-likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli

Eżempju 5 Swap ta' kambju barrani li jipprovdi l-likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli

Eżempju 6 Miżuri għall-kontroll tar-riskju

EŻEMPJU 1

**Tranżazzjoni rriversjata li tipprovdi likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata fissa**

Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq permezz ta' tranżazzjoni rriversjata organizzata bi proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata fissa.

Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontroparti | Offerta |
|---|---|
| Bank 1 | 30 |
| Bank 2 | 40 |
| Bank 3 | 70 |
| Total | 140 |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka total ta' EUR 105 miljuni.

Il-persentaġġ ta' allokazzjoni huwa:

$$\frac{105}{30 + 40 + 70} = 75\ \%$$

L-allokazzjoni lill-kontropartijiet hija:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontroparti | Offerta | Allokazzjoni |
|---|---|---|
| Bank 1 | 30 | 22,5 |
| Bank 2 | 40 | 30,0 |
| Bank 3 | 70 | 52,5 |
| Total | 140 | 105,0 |

EŻEMPJU 2

**Tranżazzjoni rriversjata li tipprovdi likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq permezz ta' tranżazzjoni rriversjata organizzata bi proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli.

▼B

Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| Rata ta' imgħax (%) | Ammont (EUR miljuni) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Offerti totali | Offerti kumulattivi |
| 3,15 | | | | 0 | 0 |
| 3,10 | | 5 | 5 | 10 | 10 |
| 3,09 | | 5 | 5 | 10 | 20 |
| 3,08 | | 5 | 5 | 10 | 30 |
| 3,07 | 5 | 5 | 10 | 20 | 50 |
| 3,06 | 5 | 10 | 15 | 30 | 80 |
| 3,05 | 10 | 10 | 15 | 35 | 115 |
| 3,04 | 5 | 5 | 5 | 15 | 130 |
| 3,03 | 5 | | 10 | 15 | 145 |
| Total | 30 | 45 | 70 | 145 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 94 miljun, bl-implikazzjoni ta' rata ta' imgħax marġinali ta' 3,05 %.

L-offerti kollha 'l fuq minn 3,05 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 80 miljun) huma sodisfatti kollha. B'persentaġġi ta' 3,05 % l-allokazzjoni hija:

$$\frac{94 - 80}{35} = 40\ \%$$

L-allokazzjoni għall-Bank 1 bir-rata ta' imgħax marġinali hija, per eżempju:

$$0{,}4 \times 10 = 4$$

L-allokazzjoni totali għall-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 4 = 14$$

Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jingħadu fil-qosor skont kif ġej:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontropartijiet | Ammont | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| Offerti totali | 30,0 | 45,0 | 70,0 | 145 |
| Allokazzjoni totali | 14,0 | 34,0 | 46,0 | 94 |

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) b'rata waħda, ir-rata ta' imgħax applikata lill-ammonti allokati lill-kontropartijiet hija 3,05 %.

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) b'rata multipla, l-ebda rata ta' imgħax waħda ma tiġi applikata għall-ammonti allokati lill-kontropartijiet; pereżempju, Bank 1 jirċievi EUR 5 miljuni bi 3,07 %, EUR 5 miljuni bi 3,06 % u EUR 4 miljuni bi 3,05 %.

EŻEMPJU 3

**Ħruġ ta' ċertifikati tad-dejn tal-BĊE permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi likwidità mis-suq bill-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn bl-użu ta' proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli.

▼B

Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| Rata ta' imgħax (%) | Ammont (EUR miljuni) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 3,00 | | | | 0 | 0 |
| 3,01 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 3,02 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 3,03 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 3,04 | 10 | 5 | 10 | 25 | 65 |
| 3,05 | 20 | 40 | 10 | 70 | 135 |
| 3,06 | 5 | 10 | 10 | 25 | 160 |
| 3,08 | 5 | | 10 | 15 | 175 |
| 3,10 | | 5 | | 5 | 180 |
| Total | 55 | 70 | 55 | 180 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka ammont nominali ta' EUR 124,5 miljun, bl-implikazzjoni ta' rata ta' imgħax marġinali ta' 3,05 %.

L-offerti kollha taħt 3,05 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 65 miljun) huma sodisfatti kollha. B'persentaġġ ta' 3,05 % l-allokazzjoni hija:

$$\frac{124{,}5 - 65}{70} = 85\ \%$$

L-allokazzjoni għall-Bank 1 bir-rata ta' imgħax marġinali hija, per eżempju:

$$0{,}85 \times 20 = 17$$

L-allokazzjoni totali għall-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 17 = 42$$

Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jingħadu fil-qosor skont kif ġej:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontropartijiet | Ammont | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| Offerti totali | 55,0 | 70,0 | 55,0 | 180,0 |
| Allokazzjoni totali | 42,0 | 49,0 | 33,5 | 124,5 |

EŻEMPJU 4

**Swap ta' kambju barrani li jassorbi l-likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jassorbi likwidità mis-suq billi jeżegwixxi swap ta' kambju barrani fuq ir-rata EUR/USD premezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli. (Nota: L-euro huwa nnegozjat bi premium f'dan l-eżempju.)

Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| Punti ta' swap (× 10 000) | Ammont (EUR miljuni) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,84 | | | | 0 | 0 |
| 6,80 | 5 | | 5 | 10 | 10 |

▼B

| Punti ta' swap (× 10 000) | Ammont (EUR miljuni) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,76 | 5 | 5 | 5 | 15 | 25 |
| 6,71 | 5 | 5 | 5 | 15 | 40 |
| 6,67 | 10 | 10 | 5 | 25 | 65 |
| 6,63 | 25 | 35 | 40 | 100 | 165 |
| 6,58 | 10 | 20 | 10 | 40 | 205 |
| 6,54 | 5 | 10 | 10 | 25 | 230 |
| 6,49 | | 5 | | 5 | 235 |
| Total | 65 | 90 | 80 | 235 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 158 miljun euro, bl-implikazzjoni ta' 6,63 punti ta' swap marġinali. L-offerti kollha 'l fuq minn 6,63 % (għal ammont kumulattiv ta' EUR 65 miljun) huma sodisfatti kollha. B'6,63 il-persentaġġ ta' allokazzjoni huwa:

$$\frac{158 - 65}{100} = 93\ \%$$

L-allokazzjoni għall-Bank 1 bil-punti marġinali ta' swap hija, per eżempju:

$$0.93 \times 25 = 23,25$$

L-allokazzjoni totali għall-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 5 + 10 + 23,25 = 48,25$$

Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jingħadu fil-qosor skont kif ġej:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontropartijiet | Ammont | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| Offerti totali | 65,0 | 90,0 | 80,0 | 235,0 |
| Allokazzjoni totali | 48,25 | 52,55 | 57,20 | 158,0 |

Il-BĊE jiffissa r-rata tal-kambju fil-mument EUR/USD għall-operazzjoni f'1,1300.

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) b'rata waħda, fid-data tal-bidu tal-operazzjoni l-Eurosistema tixtri EUR 158 000 000 miljun u tbiegħ USD 158 000 000. Fid-data tal-maturità tal-operazzjoni, l-Eurosistema tixtri EUR 158 000 000 u tbiegħ USD 178 644 754 (ir-rata tal-kambju bil-quddiem hija 1,130663 = 1.1300 + 0,000663).

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) ta' rata multipla, l-Eurosistema tiskambja l-ammonti ta' euro u dollari Amerikani kif jidher fit-tabella li ġejja:

| Tranżazzjoni tal-mument | | | Tranżazzjoni bil-quddiem | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-iskambju | Ixtri EUR | Biegħ USD | Rata tal-kambju | Biegħ EUR | Ixtri USD |
| 1,1300 | | | 1,130684 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130680 | 10 000 000 | 11 306 800 |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130676 | 15 000 000 | 16 960 140 |
| 1,1300 | 15 000 000 | 16 950 000 | 1,130671 | 15 000 000 | 16 960 065 |

▼B

| Tranżazzjoni tal-mument | | | Tranżazzjoni bil-quddiem | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-iskambju | Ixtri EUR | Biegħ USD | Rata tal-kambju | Biegħ EUR | Ixtri USD |
| 1,1300 | 25 000 000 | 28 250 000 | 1,130667 | 25 000 000 | 28 266 675 |
| 1,1300 | 93 000 000 | 105 090 000 | 1,130663 | 93 000 000 | 105 151 659 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| 1,1300 | | | 1,130654 | | |
| 1,1300 | | | 1,130649 | | |
| Total | 158 000 000 | 178 540 000 | | 158 000 000 | 178 645 339 |

EŻEMPJU 5

**Swap ta' kambju barrani li jipprovdi l-likwidità permezz ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli**

Il-BĊE jiddeċiedi li jipprovdi likwidità lis-suq billi jeżegwixxi swap ta' kambju barrani fuq ir-rata EUR/USD premezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti b'rata varjabbli. (Nota: L-euro huwa nnegozjat bi premium f'dan l-eżempju.)

Tliet kontropartijiet jissottomettu l-offerti li ġejjin:

| Punti ta' swap (× 10 000) | Ammont (EUR miljuni) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total | Offerti kumulattivi |
| 6,23 | | | | | |
| 6,27 | 5 | | 5 | 10 | 10 |
| 6,32 | 5 | | 5 | 10 | 20 |
| 6,36 | 10 | 5 | 5 | 20 | 40 |
| 6,41 | 10 | 10 | 20 | 40 | 80 |
| 6,45 | 20 | 40 | 20 | 80 | 160 |
| 6,49 | 5 | 20 | 10 | 35 | 195 |
| 6,54 | 5 | 5 | 10 | 20 | 215 |
| 6,58 | | 5 | | 5 | 220 |
| Total | 60 | 85 | 75 | 220 | |

Il-BĊE jiddeċiedi li jalloka EUR 197 miljun euro, bl-implikazzjoni ta' 6,54 punti ta' swap marġinali. L-offerti kollha taħt 6,54 (għal ammont kumulattiv ta' EUR 195 miljun) huma sodisfatti kollha. B'6,54 il-persentaġġ ta' allokazzjoni huwa:

$$\frac{197 - 195}{20} = 10\ \%$$

L-allokazzjoni għall-Bank 1 bil-punti marġinali ta' swap hija. per eżempju:

$$0{,}10 \times 5 = 0{,}5$$

L-allokazzjoni totali għall-Bank 1 hija:

$$5 + 5 + 10 + 10 + 20 + 5 + 0{,}5 = 55{,}5$$

Ir-riżultati tal-allokazzjoni jistgħu jingħadu fil-qosor skont kif ġej:

*(f'EUR miljuni)*

| Kontropartijiet | Ammont | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Bank 1 | Bank 2 | Bank 3 | Total |
| Offerti totali | 60,0 | 85,0 | 75,0 | 220 |
| Allokazzjoni totali | 55,5 | 75,5 | 66,0 | 197 |

▼B

Il-BĊE jiffissa r-rata tal-kambju fil-mument EUR/USD għall-operazzjoni f'1,1300.

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Olandiż) b'rata waħda, fid-data tal-bidu tal-operazzjoni l-Eurosistema tbiegħ EUR 197 000 000 miljun u tixtri USD 222 610 000. Fid-data tal-maturità tal-operazzjoni, l-Eurosistema tixtri EUR 197 000 000 u tbiegħ USD 2 226 738 838 (ir-rata tal-kambju bil-quddiem hija 1,130654 = 1,1300 + 0,000654).

Jekk il-proċedura ta' allokazzjoni ssegwi rkant (Amerikan) ta' rata multipla. l-Eurosistema tiskambja l-ammonti ta' euro u dollari US kif jidher fit-tabella li ġejja:

| Tranżazzjoni fil-mument | | | Tranżazzjoni bil-quddiem | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Rata tal-iskambju | Biegħ EUR | Ixtri USD | Rata tal-kambju | Ixri EUR | Biegħ USD |
| 1,1300 | | | 1,130623 | | |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130627 | 10 000 000 | 11 306 270 |
| 1,1300 | 10 000 000 | 11 300 000 | 1,130632 | 10 000 000 | 11 306 320 |
| 1,1300 | 20 000 000 | 22 600 000 | 1,130636 | 20 000 000 | 22 612 720 |
| 1,1300 | 40 000 000 | 45 200 000 | 1,130641 | 40 000 000 | 45 225 640 |
| 1,1300 | 80 000 000 | 90 400 000 | 1,130645 | 80 000 000 | 90 451 600 |
| 1,1300 | 35 000 000 | 39 550 000 | 1,130649 | 35 000 000 | 39 572 715 |
| 1,1300 | 2 000 000 | 2 260 000 | 1,130654 | 2 000 000 | 2 261 308 |
| 1,1300 | | | 1,130658 | | |
| Total | 197 000 000 | 222 610 000 | | 197 000 000 | 222 736 573 |

EŻEMPJU 6

**Miżuri għall-kontroll tar-riskju**

Dan l-eżempju juri l-qafas tal-kontrol tar-riskju applikat għall-assi sottostanti użati fl-operazzjonijiet li jipprovdu likwidità tal-Eurosistema ([105]). L-eżempju huwa bbażat fuq l-assunzjoni li kontroparti tipparteċipa fl-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema li ġejjin:

(a) operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija li bdiet fit-28 ta' Lulju 2004 u spiċċat fl-4 ta' Awwissu 2004 fejn il-kontroparti hija allokata EUR 50 miljun b'rata ta' imgħax ta' 4,24 %;

(b) ooperazzjoni ta' rifinanzjament fit-tul li bdiet fid-29 ta' Lulju 2004 u spiċċat fil-21 ta' Ottubru 2004 fejn il-kontroparti hija allokata EUR 45 miljun b'rata ta' imgħax ta' 4,56 %; u

(c) operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija li bdiet fl-4 ta' Awwissu 2004 u spiċċat fil-11 ta' Awwissu 2004 fejn il-kontroparti hija allokata EUR 35 miljun b'rata ta' imgħax ta' 4,26 %.

Il-karatteristiċi tal-assi negozjabbli sottostanti użati mill-kontroparti biex ikopru dawn l-operazzjonijiet huma speċifikat fit-Tabella 1 hawn taħt.

([105]) L-eżempju huwa bbażat fuq l-assunzjoni li, fil-kalkolu għal ħtieġa ta' sejħa marġinali, għandu jitqies l-imgħax akkumulat fuq il-likwidità provduta u huwa applikat punt ta' attivazzjoni ta' 0,5 % tal-likwidità provduta.

▼B

*Tabella 1*

**Assi negozjabbli sottostanti użati fit-tranżazzjonijiet**

| Karatterisitiċi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem | Klassi tal-assi | Data ta' maturità | Definizzjoni tal-kupun | Frekwenza tal-kupun | Maturità reżidwa | Haircut |
| Assi A | Bond tal-bank kopert jumbo | 30.8.2008 | Rata fissa | 6 xhur | 4 snin | 3,50 % |
| Assi B | Bond tal-gvern ċentrali | 19.11.2008 | Rata varjabbli | 12-il xahar | 4 snin | 0,50 % |
| Assi C | Bond ta' kumpannija | 12.5.2015 | Rata kupun żero | | > 10 snin | 15,00 % |
| **Prezzijiet f'persentaġġi (inkluż imgħax akkumulat)** (*) | | | | | | |
| 28.7.2004 | 29.7.2004 | 30.7.2004 | 2.8.2004 | 3.8.2004 | 4.8.2004 | 5.8.2004 |
| 102,63 | 101,98 | 100,55 | 101,03 | 100,76 | 101,02 | 101,24 |
| | 98,35 | 97,95 | 98,15 | 98,56 | 98,73 | 98,57 |
| | | | | | 55,01 | 54,87 |

(*) Il-prezzijiet murija għal data ta' valutazzjoni speċifika jikkorrespondu mal-prezz l-aktar rappreżentattiv fil-jum tan-negozju ta' qabel din id-data ta' valutazzjoni.

SISTEMA TA' RIŻERVA

L-ewwel nett għandu jiġi assunt li t-tranżazzjonijiet jitwettqu ma' BĊN li juża sistema fejn l-assi sottostanti huma riżervati għal kull tranżazzjoni. Il-valutazzjoni tal-assi sottostanti titwettaq fuq bażi ta' kull jum. Il-qafas tal-kontroll tar-riskju jista' mbagħad jiġi deskritt kif ġej (ara wkoll Tabella 2 hawn taħt):

1. Fit-28 ta' Lulju 2004, il-kontroparti tidħol fi tranżazzjoni ta' xiri mill-ġdid ma' BĊN, li jixtri EUR 50,6 miljun ta' Assi A. Assi A hija bond tal-bank kopert jumbo b'kupun fiss li jimmatura fit-30 ta' Awwissu 2008. Għalhekk għandu maturità reżidwa ta' erba' snin biex b'hekk ikun meħtieġ haircut ta' valutazzjoni ta' 3,5 %. Il-prezz tas-suq ta' Assi A fis-suq ta' referenza tiegħu f'dak il-jum huwa 102,63 %. li jinkludi l-imgħax akkumulat fuq il-kupun. Il-kontroparti hija meħtieġa tipprovdi ammont ta' Assi A, li – wara t-tnaqqis tal-haircut ta' valutazzjoni tat-3,5 % – jaqbeż l-ammont allokat ta' EUR 50 miljun. Il-kontroparti għalhekk tikkonsenja Bond A għal ammont nominali ta' EUR 50,6 miljun, li l-valur tas-suq aġġustat huwa ta' EUR 50 113 203 f'dak il-jum.

2. Fid-29 ta' Lulju 2004, il-kontroparti tidħol fi tranżazzjoni ta' xiri mill-ġdid mal-BĊN, li tixtri EUR 21 miljun ta' Assi A (prezz tas-suq 101,98 %, haircut ta' valutazzjoni 3,5 %) u EUR 25 miljun ta' Assi B (prezz tas-suq 98,35 %). L-Assi B huwa b'bond tal-gvern ċentrali b'ħlasijiet ta' kupun b'rata varjabbli, li għaliha tiġi applikata haircut ta' valutazzjoni ta' 0,5 %. Il-valur tas-suq aġġustat tal-Assi A u l-Assi B f'dak il-jum huwa EUR 45 130 810, biex b'hekk jinqabeż l-ammont meħtieġ ta' EUR 45 000 000.

   Fid-29 ta' Lulju 2004, jiġu valutati mill-ġdid l-assi sottostanti l-operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija li bdiet fit-28 ta' Lulju 2004. B prezz tas-suq ta' 101,98 %. il-valur tas-suq aġġustat bil-haircut ta' Assi A għadu bejn l-ammonti ta' attivazzjoni ta' isfel u ta' fuq. Il-kollateral mirhun inizjalment huwa għaldaqstant ikkunsidrat biex jipprovdi kemm għall-ammont inizjali ta' likwidità pprovdut u l-imgħax akkumulat li jammonta għal EUR 5 889.

3. Fit-30 ta' Lulju 2004 l-assi sottostanti huma valutati mill-ġdid: il-prezz tas-suq ta' Assi A huwa 100,55 % u l-prezz tas-suq tal-Assi B huwa 97,95 %. Imgħax akkumulat jammonta għal EUR 11 778 fuq l-operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija li bdiet fit-28 ta' Lulju 2004 u EUR 5 700 fuq operazzjoni ta' rifinanzjment fit-tul li bdiet fid-29 ta' Lulju 2004. Bħala riżultat, il-valur

▼B

tas-suq aġġustat tal-Assi A fl-ewwel tranżazzjoni jaqa' taħt l-ammont tat-tranżazzjoni li għandu jiġi kopert (jiġifieri l-likwidità pprovduta flimkien mal-imgħax akkumulat) b'EUR 914 218. imma wkoll taħt il-livell ta' attivazzjoni ta' EUR 49 761 719. Il-kontroparti tikkonsenja EUR 950 000 tal-Assi A f'termini ta' valur nominali, li – wara t-tnaqqis ta' haircut ta' 3,5 % mill-valur tas-suq ibbażat fuq prezz ta' 100,55 % – jerġa' jipprovdi biżżejjed kopertura kollaterali ([106]).

Sejħa ta' marġni hija meħtieġa wkoll fit-tieni tranżazzjoni billi l-valur tas-suq aġġustat tal-assi sottostanti użati f'din it-tranżazzjoni (EUR 44 741 520) huwa taħt il-livell ta' attivazzjoni (EUR 44 780 672). Għalhekk il-kontroparti tipprovdi EUR 270 000 tal-Assi B b'valur tas-suq aġġustat ta' EUR 263 143.

4. Fit-2 u t-3 ta' Awwissu, l-assi sottostanti huma vvalutati mill-ġdid, mingħajr ma jirriżultaw f'sejħa ta' marġni għal tranżazzjonijiet eżegwiti fit-28 u d-29 ta' Lulju 2004.

5. Fl-4 ta' Awwissu, il-kontroparti tħallas il-likwidità provduta taħt l-operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija li bdiet fit-28 ta' Lulju 2004, inkluż l-imgħax akkumulat ta' EUR 41 222. Il-BĊN jagħti lura EUR 51 550 000 ta' Assi A f'valur nominali.

   Fl-istess jum il-kontroparti teżegwixxi tranżazzjoni ta' xiri mill-ġdid għal darb'oħra mal-BĊN, li jixtri EUR 75 miljun ta' Assi C f'termini ta' valur nominali. Billi Assi C huwa bond tal-kumpanniji kupun żero b'maturità reżidwa ta' aktar minn għaxar snin li teħtieġ haircut ta' valutazzjoni ta' 15 %, il-valur tas-suq aġġustat b'haircut korrispondenti f'dak il-jum huwa ta' EUR 35 068 875.

   Il-valutazzjoni mill-ġdid tal-assi sottostanti l-operazzjoni ta' rifinanzjament fit-tul li bdiet fid-29 ta' Lulju 2004 turi li l-valur tas-suq aġġustat tal-assi pprovdut jaqbeż il-livell ta' attivazzjoni ta' fuq minn bejn wieħed u ieħor EUR 262 000 u jwassal għall-BĊN li jagħti lura EUR 262 000 tal-Assi B fil-valur nominali tal-kontroparti ([107]).

SISTEMA TA' GRUPPI

It-tieni nett, wieħed jassumi li t-tranżazzjonijiet kollha jitwettqu ma' BĊN li juża sistema ta' gruppi. L-assi inklużi fil-grupp ta' assi użati mill-kontroparti mhumiex riżervati għal tranżazzjonijiet speċifiċi.

L-istess sistema ta' tranżazzjonijiet hija użata f'dan l-eżempju bħal l-eżempju ta' hawn fuq li juri sistema ta' riżerva. Id-differenza prinċipali hija li, fid-dati tar-rivalutazzjoni, il-valur tas-suq aġġustat tal-assi kollha fil-grupp għandu jkopri l-ammont totali tal-operazzjonijiet pendenti kollha tal-kontroparti mal-BĊN. Is-sejħa ta' marġni ta' EUR 1 178 398 li seħħet fit-30 ta' Lulju 2004 hija identika f'dan l-eżempju ma' dik meħtieġa fil-każ tas-sistema ta' riżerva. Il-kontroparti tikkonsenja EUR 1 300 000 ta' Assi A f'termini ta' valur nominali, li, wara t-tnaqqis ta' haircut ta' 3,5 % mill-valur tas-suq ibbażat fuq prezz ta' 100,55 %, jagħti lura kopertura kollaterali suffiċjenti.

Barra minn hekk, fl-4 ta' Awwissu 2004, meta l-operazzjoni ta' rifinanzjament ewlenija magħmula fit-28 ta' Lulju 2004 timmatura, il-kontroparti tista' żżomm l-assi fil-kont ta' rahan tagħha. Assi jistgħu jinbidlu ma' assi oħrajn kif jidher fl-eżempju, fejn EUR 51,9 miljun ta' Assi A f'valur nominali jinbidlu b'EUR 75,5 miljun ta' Assi C f'valur nominali biex tiġi koperta l-likwidità u l-imgħax akkumulat taħt operazzjonijiet ta' rifinanzjament.

Il-qafas tal-kontroll tar-riskju fis-sistema ta' gruppi huwa deskritt fit-Tabella 3.

---

([106]) Il-BĊNi jistgħu jwettqu sejħiet ta' marġni fi flus kontanti pjuttost milli f'titoli.

([107]) Jekk il-marġni kellu jitħallas lill-kontroparti mill-bank ċentrali nazzjonali fir-rigward tat-tieni tranżazzjoni, marġni bħal dak seta', f'ċerti każijiet, jingħata valur nett bil-marġni mħallas lill-bank ċentrali nazzjonali mill-kontroparti fir-rigward tal-ewwel tranżazzjoni. Bħala riżultat, ikun hemm bis saldu ta' marġni wieħed.

▼B

*Tabella 2*

**Sistema ta' riżerva**

| Data | Tranżazzjonijiet pendenti | Data ta' bidu | Data tat-tmiem | Rata ta' imgħax | Likwidità provduta | Imgħax akkumulat | Ammont totali biex jiġi kopert | Ammont ta' attivazzjoni ta' isfel | Ammont ta' attivazzjoni ta' fuq | Valur tas-suq aġġustat | Sejħa ta' marġni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | — | 50 000 000 | 49 750 000 | 50 250 000 | 50 113 203 | — |
| 29.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 5 889 | 50 005 889 | 49 755 859 | 50 255 918 | 49 795 814 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | — | 45 000 000 | 44 775 000 | 45 225 000 | 45 130 810 | — |
| 30.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 11 778 | 50 011 778 | 49 761 719 | 50 261 837 | 49 097 560 | –914 218 |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 5 700 | 45 005 700 | 44 780 672 | 45 230 729 | 44 741 520 | –264 180 |
| 2.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 29 444 | 50 029 444 | 49 779 297 | 50 279 592 | 50 258 131 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 22 800 | 45 022 800 | 44 797 686 | 45 247 914 | 45 152 222 | — |
| 3.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 35 333 | 50 035 333 | 49 785 157 | 50 285 510 | 50 123 818 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 28 500 | 45 028 500 | 44 803 358 | 45 253 643 | 45 200 595 | — |
| 4.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 | — | 35 000 000 | 34 825 000 | 35 175 000 | 35 068 875 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 34 200 | 45 034 200 | 44 809 029 | 45 259 371 | 45 296 029 | 261 829 |
| 5.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 | 4 142 | 35 004 142 | 34 829 121 | 35 179 162 | 34 979 625 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 39 900 | 45 039 900 | 44 814 701 | 45 265 100 | 45 043 420 | — |

▼B

*Tabella 3*

**Sistema ta' gruppi**

| Data | Tranżazzjonijiet pendenti | Data ta' bidu | Data ta' tmiem | Rata ta' imgħax | Likwidità provduta | Imgħax akkumulat | Ammont totali li għandu jiġi kopert | Ammont ta' attivazzjoni ta' isfel (*) | Ammont ta' attivazzjoni ta' fuq (**) | Valur tas-suq aġġustat | Sejħa ta' marġni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 28.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | — | 50 000 000 | 49 750 000 | Ma japplikax | 50 113 203 | — |
| 29.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 5 889 | 95 005 889 | 94 530 859 | Ma japplikax | 94 926 624 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | — | | | | | |
| 30.7.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 11 778 | 95 017 478 | 94 542 390 | Ma japplikax | 93 839 080 | –1 178 398 |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 5 700 | | | | | |
| 2.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 29 444 | 95 052 244 | 94 576 983 | Ma japplikax | 95 487 902 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 22 800 | | | | | |
| 3.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 28.7.2004 | 4.8.2004 | 4,24 | 50 000 000 | 35 333 | 95 063 833 | 94 588 514 | Ma japplikax | 95 399 949 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 28 500 | | | | | |
| 4.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 | — | 80 034 200 | 79 634 029 | Ma japplikax | 80 333 458 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 34 200 | | | | | |
| 5.8.2004 | Rifinanzjament ewlieni | 4.8.2004 | 11.8.2004 | 4,26 | 35 000 000 | 4 142 | 80 044 042 | 79 643 821 | Ma japplikax | 80 248 396 | — |
| | Rifinanzjament fuq żmien itwal | 29.7.2004 | 27.10.2004 | 4,56 | 45 000 000 | 39 900 | | | | | |

(*) F'sistema ta' gruppi, l-ammont ta' attivazzjoni ta' isfel huwa l-limitu l-aktar baxx għal sejħiet ta' marġni. Fil-prattika l-maġġoranza ta' banek ċentrali nazzjonali jeħtieġu kollateral addizzjonali kull meta l-valur tas-suq aġġustat ta' *haircut* tal-kollateral jinżel taħt l-ammont totali li għandu jiġi kopert.

(**) F'sistema ta' gruppi, il-kunċett ta' ammont ta' attivazzjoni ta' fuq mhuwiex rilevanti, billi l-kontroparti timmira kontinwament lejn ammont fl-eċċess ta' kollateral provdut biex jiġu mminimizzati tranżazzjonijiet operattivi.

▼B

*Appendiċi 2*

**GLOSSARJU**

*Aġent ta' saldu:* istituzzjoni li tiġġestixxi l-proċess ta' saldu (eż. id-determinazzjoni ta' pożizzjonijiet ta' saldu, il-monitoraġġ ta' skambji ta' ħlas, eċċ) għal sistemi ta' trasferiment jew arranġamenti oħrajn li jeħtieġu saldu.

*Ammont ta' allokazzjoni minima:* il-limitu l-aktar baxx tal-ammont li jiġi allokat lil kontropartijiet individwali f'operazzjoni ta' sejħa għal offerti. L-Eurosistema tista' tiddeċiedi li talloka ammont minimu lil kull kontroparti fl-operazzjonijiet tagħha ta' sejħiet għal offerti.

*Attwali/360:* Il-konvenzjoni tal-għadd tal-jiem applikata għall-kalkolu tal-imgħax fuq il-kreditu, li jimplika li l-imgħax huwa kalkolat fuq in-numru attwali ta' jiem kalendarji li fuqhom ikun mifrux il-kreditu, fuq il-bażi ta' sena ta' 360 jum. Din il-konvenzjoni tal-għadd tal-jiem tiġi applikata f'operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

*Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN):* tirreferi f'dan id-dokument għal bank ċentrali ta' Stat Membru tal-Unjoni.

*Bażi ta' riżerva:* is-somma tal-partiti fil-karta tal-bilanċ tikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-ħtieġa ta' riżerva ta' istituzzjoni ta' kreditu.

*Bond ta' kupun żero:* titolu li jħallas fluss ta' flus kontanti darba biss matul il-ħajja tiegħu. Għall-finijiet ta' dan id-dokument, bonds ta' kupun żero jinkludu titoli maħruġin bi skont u titoli li jagħtu kupun wieħed mal-maturità. Strip huwa tip speċjali ta' bond ta' kupun żero.

*Bucket ta' maturità:* klassi ta' assi, li l-maturità reżidwa li minnha hija f'ċertu medda ta' valuri, eż. il-bucket ta' maturità minn tliet-snin-sa-ħames-snin.

*Data ta' bidu:* id-data li fiha l-ewwel parti ta' operazzjoni ta' politika monetarja tiġi rregolata. Id-data ta' bidu tikkorrispondi mad-data ta' xiri għal operazzjonijiet ibbażati fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid u swaps tal-kambju barrani.

*Data tal-kummerċ (T):* id-data li fiha jsir negozju (jiġifieri ftehim dwar tranżazzjoni finanzjarja bejn żewġ kontropartijiet). Id-data tal-kummerċ tista' tikkoinċidi mad-data ta' saldu għal tranżazzjoni (saldu fl-istess jum) jew tippreċedi d-data ta' saldu b'numru speċifikat ta' jiem tan-negozju (id-data tas-saldu hija speċifikata bħala T + il-lag tas-saldu).

*Data ta' maturità:* id-data li fiha tiskadi operazzjoni ta' politika monetarja. Fil-każ ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew ta' swap, id-data tal-maturità tikkorrispondi mad-data tax-xiri mill-ġdid.

*Data tas-saldu:* id-data li fiha tranżazzjoni tiġi rregolata. Is-saldu jista' jseħħ fl-istess jum bħall-kummerċ (saldu fl-istess jum) jew f'jum wieħed jew wara diversi jiem mill-kummerċ (id-data ta' saldu hija speċifikata bħala d-data tal-kummerċ (T) + lag tas-saldu).

*Data ta' valutazzjoni:* id-data li fiha l-assi sottostanti għal operazzjonijiet ta' kreditu huma valutati.

▼B

*Data ta' xiri:* id-data li fiha l-bejgħ ta' assi mixtrija mill-bejjiegħ lix-xerrej isir effettiv.

*Data ta' xiri mill-ġdid:* id-data li fiha x-xerrej huwa obbligat li jbiegħ lura assi lill-bejjiegħ fir-rigward ta' tranżazzjoni taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid.

*Dematerjalizzazzjoni:* l-eliminazzjoni ta' ċertifikati fiżiċi jew dokumenti ta' titolu li jirrappreżentaw proprjetà ta' assi finanzjarji sabiex l-assi finanzjarji jeżistu biss bħala rekords tal-kontijiet.

*Depożitarju:* aġent bi rwol primarju li jirrekordja titoli jew fiżikament jew elettronikament u li jżomm ir-rekords tal-proprjetà ta' dawn it-titoli.

*Depożiti b'maturità miftiehma:* il-kategorija ta' strument li tikkonsisti l-aktar ta' depożiti ta' żmien b'maturità partikolari li, skont il-prattiċi nazzjonali, jistgħu jkunu jew ma jkunux konvertibbli qabel il-maturità jew konvertibbli biss suġġett għal penalità. Din il-kategorija tinkludi wkoll xi strumenti ta' dejn mhux negozjabbli, bħal ċertifikati ta' depożitu (bl-imnut) mhux negozjabbli.

*Depożiti li jinfdew b'avviż:* il-kategorija ta' strumenti li tikkonsisti minn depożiti li għalihom id-detentur għandu jirrispetta perijodu fiss ta' avviż qabel ma jkun jista' jirtira l-fondi. F'ċerti każijiet. hemm il-possibbiltà li jiġi rtirat ċertu ammont fiss f'perijodu speċifikat jew irtirar aktar qabel suġġett għall-ħlas ta' penalità.

*Depożitorju tat-titoli ċentrali (CSD):* entità li żżomm u tamministra titoli jew assi finanzjarji oħrajn. iżżomm il-kontijiet ta' ħruġ, u tippermetti li t-tranżazzjoniniet jiġu pproċessati bid-dħul fil-kotba. L-assi jistgħu jeżistu jew fiżikament (imma mobilizzati fi ħdan is-CSD) jew f'forma dematerjalizzata (jiġifieri bħala rekords elettroniċi biss).

*Dispożizzjoni biex issir il-medja:* dispożizzjoni li tippermetti lill-kontropartijiet li jwettqu l-ħtiġijiet ta' riżervi tagħhom fuq il-bażi tal-investimenti ta' riżerva medja ta' riservi tagħhom matul perjodu ta' żamma. Id-dispożizzjoni biex issir il-medja tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tar-rati ta' imgħax tas-suq tal-flus billi tagħti lill-istituzzjonijiet inċentiv biex jiġu kkontrollati l-effetti tal-flutwazzjonijiet ta' likwidità temporanja. Is-sistema ta' riservi minimi tal-Eurosistema tippermetti biex issir il-medja.

*Emittent:* l-entità li hija obbligata fuq titolu jew strument finanzjarju ieħor.

*Eurosistema:* il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-BĊNi. Il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-Eurosistema huma l-Kunsill Governattiv u l-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

*Faċilità permanenti:* faċilità ta' bank ċentrali disponibbli lill-kontropartijiet fuq inizjattiva tagħhom stess. L-Eurosistema toffri żewġ faċilitajiet permanenti overnight: il-faċilità ta' self marġinali u l-faċilità ta' depożitu.

*Faċilità ta' depożitu:* faċilità permanenti tal-Eurosistema li l-kontropartijiet jistgħu jużaw biex jagħmlu depożiti overnight f'BĊN. li huma remunerati b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel.

*Faċilità ta' self marġinali:* faċilità permanenti tal-Eurosistema li l-kontropartijiet jistgħu jużaw biex jirċievu kreditu overnight minn BĊN b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel kontra assi eliġibbli.

*Ftehim ta' xiri mill-ġdid:* arranġament li bih l-assi jinbiegħ waqt li l-bejjiegħ simultanjament jikseb id-dritt u l-obbligu li jixtrih mill-ġdid bi prezz speċifiku f'data futura jew fuq talba. Dak il-ftehim huwa simili għal self kollateralizzat, bid-differenza li l-proprjetà tat-titoli ma tinżammx mill-bejjiegħ. L-Eurosistema tuża ftehim ta' xiri mill-ġdid b'maturità fissa fit-tranżazzjonijiet irriversjati tagħha.

*Ġbir ta' depożiti b'terminu fiss:* strument ta' politika monetarja li jista' jintuża mill-Eurosistema għal finijiet ta' rfinar, fejn l-Eurosistema toffri remunerazzjoni fuq depożiti b'terminu fiss tal-kontropartijiet fuq kontijiet mal-BĊNi biex tiġi assorbita likwidità mis-suq.

▼B

*Għodod ta' klassifika (RTs):* sors ta' valutazzjoni ta' kwalità ta' kreditu provdut fl-ECAF li jiġi pprovdut minn dawk l-entitajiet li jivvalutaw il-kwalità ta' kreditu tad-debituri primarjament bl-użu ta' mudelli kwantitattivi b'mod sistematiku u mekkaniku, billi joqogħdu, fost informazzjoni oħra, fuq kontijiet ivverifikati, u li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom mhumiex intizi biex jiġu żvelati lill-pubbliku in ġenerali. Dawn l-entitajiet għandhom jigu aċċettati individwalment mill-Eurosistema qabel ma jsiru parti mill-ECAF.

*Haircut:* ara *haircut ta' valutazzjoni.*

*Haircut ta' valutazzjoni:* miżura ta' kontroll tar-riskju applikata għal assi sottostanti użata fi tranżazzjonijiet irriversjati, li timplika li l-bank ċentrali jikkalkula l-valur tal-assi sottostanti bħala l-valur fis-suq tal-assi mnaqqas b'ċertu persentaġġ (haircut). L-Eurosistema tapplika haircuts ta' valutazzjoni li jirriflettu karatteristiċi tal-assi speċifiċi, bħal ma hija l-maturità reżidwa.

*Ħtieġa ta' riżerva:* il-ħtieġa li istituzzjonijiet iżommu riżervi minimi mal-bank ċentrali. Fis-sistema ta' riżervi minimi tal-Eurosistema, il-ħtieġa tar-riżerva ta' istituzzjoni ta' kreditu hija kkalkolata bil-multiplikazzjoni tal-proporzjon ta' riżerva għal kull kategorija ta' partiti fil-bażi tar-riżerva bl-ammont ta' dawk il-partiti fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni u billi titnaqqas minn dan l-ammont il-konċessjoni rċevuta minn kull istituzzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament BĊE/2003/9.

*Ibbankjar korrispondenti:* arranġament fejn istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi ħlas u servizzi oħrajn lil istituzzjoni ta' kreditu oħra. Ħlasijiet permezz ta' korrispondenti huma ta' spiss mwettqa permezz ta' kontijiet reċiproċi (kontijiet nostro u loro), li magħhom jistgħu jintrabtu linji permanenti ta' kreditu.. Servizzi bankarji korrispondenti jingħataw primarjament bejn fruntieri internazzjonali imma huma magħrufin ukoll bħala relazzjonijiet ta' aġenzija f'ċerti kuntest domestiċi. Kont loro huwa t-terminu użat minn korrispondent biex jiddeskrivi kont miżmum f'isem istituzzjoni ta' kreditu barranija; l-istituzzjoni ta' kreditu barranija min-naħa tagħha tikkunsidra dan il-kont bħala kont nostro

*Immarkar għas-suq:* ara *marġni ta' varjazzjoni.*

*Investimenti ta' riżerva:* l-investimenti tal-kontropartijiet fil-kontijiet tar-riżervi tagħhom li jservu biex jitwettqu l-ħtiġijiet tar-riżervi.

*Irkant Amerikan:* ara *Irkant b'rata multipla.*

*Irkant b'rata multipla (Irkant Amerikan):* irkant li fih ir-rata ta' imgħax ta' allokazzjoni (jew il-prezz/punt ta' swap) tkun ugwali għar-rata ta' imgħax offruta f'kull offerta individwali.

*Irkant b'rata waħda (irkant Olandiż):* irkant li fih ir-rata ta' imgħax tal-allokazzjoni (jew tal-prezz/punt ta' swap) applikata għall-offerti sodisfatti kollha hija ugwali għar-rata ta' imgħax marġinali.

*Irkant Olandiż:* ara *irkant b'rata waħda.*

*Istituzzjoni monetarja finanzjarja (MFI):* klassi waħda ta' istituzzjonijiet finanzjarji li flimkien jiffurmaw is-settur tal-ħruġ tal-flus taż-żona tal-euro. Dawn jinkludu banek ċentrali tal-Istati Membri tal-UE, istituzzjonijiet ta' kreditu residenti, kif definiti fil-liġijiet tal-Komunità, u l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti minn entitajiet oħra għajr l-MFIs u li, għall-kontijiet tagħhom (għall-inqas f'termini ekonomiċi) jikkonċedu kreditu u/jew jinvestu f'titoli.

*Istituzzjoni ta' kreditu:* istituzzjoni ta' kreditu skont it-tifsira tal-Artikoli 2 u 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([108]), kif implimentata fil-liġi nazzjonali, li huwa suġġett għas-supervizjoni minn awtorità kompetenti.

([108]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

▼B

*Istituzzjoni tal-valutazzjoni ta' kreditu estern (ECAI):* sors ta' valutazzjoni ta' kwalità tal-kreditu provdut fil-qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF) li jikkomprendi dawk l-istituzzjonijiet li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom jistgħu jintużaw minn istituzzjonijiet ta' kreditu għad-determinazzjoni ta' skoperturi ta' piż ta' riskju skont id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital. Dawn l-istituzzjonijiet huma suġġetti għal rikonoxximent formali u proċess ta' validazzjoni mis-superviżuri nazzjonali.

*Jum tan-negozju tal-BĊN:* kull jum li fih il-BĊN ta' Stat Membru speċifiku jkun miftuħ sabiex jagħmel operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. F'xi Stati Membri, il-fergħat tal-BĊN jistgħu jkunu magħluqa fil-ġranet tan-negozju tal-BĊN minħabba btajjel bankarji lokali jew reġjonali. F'dawk il-każijiet, il-BĊN relevanti huwa responsabbli biex javża l-kontropartijiet bil-quddiem bl-arranġamenti li għandhom isiru għal tranżazzjonijiet li jinvolvu lil dawk il-fergħat.

*Jum tan-negozju tal-Eurosistema:* kull jum meta l-BĊE u tal-inqas BĊN wieħed ikunu miftuħin biex isiru l-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

*Każ ta' inadempjenza:* każ imsemmi fil-Qafas ta' Valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF) li huwa kopert bid-definizzjoni li tinsab fid-Direttiva 2006/48/KE u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-kumpaniji tal-investiment u l-istituzzjonijiet tal-kreditu ([109]) (flimkien msejħin bħala "Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital" (CRD)). B'hekk, każ ta' inadempjenza jiġri meta "(a) l-istituzzjoni ta' kreditu tikkunsidra li d-debitur x'aktarx mhux ser iħallas l-obbligi tal-kreditu kollha tiegħu lill-istituzzjoni tal-kreditu, l-impriża parent jew lil xi waħda mis-sussidjarji tagħha, mingħajr ma l-istituzzjoni ta' kreditu tirrikorri għal azzjonijiet bħar-realizzazzjoni tat-titolu (jekk miżmum)," u/jew "(b) id-debitur huwa moruż aktar minn 90 jum fuq kull obbligu ta' kreditu materjali mal-istituzzjoni ta' kreditu, l-impriża parent jew kwalunkwe sussidjarja tagħha."

*Konċessjoni f'somma waħda:* ammont fiss li istituzzjoni tnaqqas fil-kalkolu tal-ħtiġijiet tar-riżervi tagħha fill-qafas ta' riżerva minima tal-Eurosistema.

*Kont ta' kustodja f'sigurtà:* kont ta' titoli amministrat mill-bank ċentrali li fih istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jqiegħdu titoli meqjusin adattati biex isostnu operazzjoni ta' bank ċentrali.

*Kont ta' riżerva:* kont mal-BĊN li fuqu huma miżmumin l-investimenti ta' riżerva ta' kontroparti. Il-kontijiet ta' saldu tal-kontropartijiet mal-BĊN jistgħu jintużaw bħala kontijiet ta' riserva.

*Kont ta' saldu:* kont li jinżamm minn parteċipant dirett fit-TARGET2 mal-bank ċentrali għall-iskop tal-ipproċessar ta' ħlasijiet.

*Kontroparti:* il-parti opposta fi tranżazzjoni finanzjarja (jiġifieri fi tranżazzjoni ma' bank ċentrali).

*Konvenzjoni dwar l-għadd tal-jiem:* il-konvenzjoni li tirregola n-numru ta' jiem inklużi fil-kalkolu ta' imgħax fuq il-krediti. L-Eurosistema tapplika l-konvenzjoni tal-għadd tal-jiem attwali/360 fl-operazzjonijiet tagħha ta' poltika monetarja.

*Kreditu intraday:* kreditu estiż għal perijodu ta' inqas minn jum wieħed ta' negozju. Jista' jiġi estiż minn BĊNi biex jitwittew irregolaritajiet f'saldu ta' ħlas u jista' jieħu l-forma ta': (i) overdraft kollateralizzat, jew (ii) operazzjoni ta' self kontra rahan jew fi ftehim ta' xiri mill-ġdid.

*Kupun pre-fiss:* kupun fuq strumenti f'rata mhix fissa li huwa stabbilit fuq il-bażi tal-valuri meħudin mill-indiċi ta' referenza f'ċerta data (jew dati) qabel il-bidu tal-perijodu ta' akkumulazzjoni tal-kupun.

*Kupun post-fiss:* kupun fuq strumenti b'rata mhux fissa li huwa stabbilit fuq il-bażi tal-valuri meħudin mill-indiċi ta' referenza f'ċerta data (jew dati) matul il-perjodu ta' akkumulazzjoni tal-kupun.

([109]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

▼B

*Kustodju:* entità li twettaq is-salvagwardja u l-amministrazzjoni ta' titoli u assi finanzjarji oħrajn għan-nom ta' oħrajn.

*Kwotazzjoni ta' punt ta' swap marġinali:* il-kwotazzjoni ta' punt swap li fih l-allokazzjoni tas-sejħa għal offerti totali tintuża kollha.

*Limitu massimu ta' offerta:* il-limitu fuq l-ogħla offerta aċċettabbli minn kontropartijiet individwali f'operazzjoni ta' sejħa għal offerti. L-Eurosistema tista' timponi limiti massimi ta' offerti sabiex tevita offerti sproporzjonatament kbar minn kontropartijiet individwali.

*Marġni inizjali:* miżura ta' kontroll tar-riskju tista' tiġi applikata mill-Eurosistema fi tranżazzjonijiet irriversjati li timplika li l-kollateral meħtieġ għal tranżazzjoni huwa ugwali għall-kreditu estiż lill-kontroparti flimkien mal-valur tal-marġni inizjali.

*Marġni ta' varjazzjoni (immarkar għas-suq):* ċertu livell tal-valur tas-suq tal-assi sottostanti użati fit-tranżazzjonijiet irriversjati li jipprovdu likwidità tal-Eurosistema li l-Eurosistema teħtieġ li tinżamm matul iż-żmien. Dan jimplika li jekk il-valur, imkejjel fuq bażi regolari, tal-assi sottostanti jaqa' taħt ċertu livell, il-BĊN jitlob lill-kontroparti biex tipprovdi assi jew flus kontanti addizzjonali (jigifieri jagħmel sejħa ta' margini). Bl-istess mod, jekk il-valur tal-assi sottostanti, wara l-valutazzjoni tagħhom mill-ġdid, jeċċedi ċertu livell, il-kontroparti tista' tirkupra l-assi jew flus kontanti zejda. Ara wkoll it-Taqsima 6.4.

*Maturità reżidwa:* iż-żmien li jifdal sad-data tal-maturità ta' strument ta' dejn.

*Mudell ta' banek ċentrali korrispondenti (CCBM):* mekkaniżmu stabbilit mill-Eurosistema bil-għan li jħalli lill-kontropartijiet jużaw l-attiv sottostanti f'kuntest transkonfinali. Fil-CCBM, il-BCNi jagixxu bħala kustodji għal xulxin. Dan ifisser li kull BĊN għandu kont ta' titoli fl-amministrazzjoni tiegħu tat-titoli għal kull wieħed mill-BĊNi l-oħra u għall-BĊE. Il-CCBM huwa disponibbli wkoll għall-kontropartijiet ta' ċerti BĊNi mhux fl-Eurosistema.

*Numru ta' Identifikazzjoni ta' Titoli Internazzjonali (ISIN):* kodiċi internazzjonali ta' identifikazzjoni assenjat lil titoli maħruġin fis-swieq finanzjarji.

*Operazzjoni repo:* tranżazzjoni rriversjata li tipprovdi likwidità bbażata fuq ftehim ta' xiri mill-ġdid.

*Operazzjoni strutturali:* operazzjoni ta' suq miftuħ eżegwita mill-Eurosistema prinċipalment sabiex taġġusta l-pożizzjoni tal-likwidità strutturali tas-settur finanzjarju fil-konfront tal-Eurosistema.

*Operazzjoni ta' rfinar:* operazzjoni ta' suq miftuħ mhux regolari eżegwita mill-Eurosistema prinċipalment sabiex jiġu ttrattati flutwazzjonijiet mhux mistennija ta' likwidità fis-suq.

*Operazzjoni ta' rifinanzjament ewlieni:* operazzjoni ta' suq miftuħ regolari mwettqa mill-Eurosistema fil-forma ta' tranżazzjoni rriversjata. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin huma mwettqa permezz ta' sejħiet għal offerti standard ta' kull ġimgħa u normalment għandhom maturità ta' ġimgħa.

*Operazzjoni ta' rifinanzjament fuq żmien itwal:* operazzjoni ta' suq miftuħ regolari mwettqa mill-Eurosistema fil-forma ta' tranżazzjoni rriversjata. Operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal huma mwettqa kull xahar permezz ta' sejħiet għal offerti standard u normalment għandhom maturità ta' tliet xhur.

*Operazzjoni ta' suq miftuħ:* operazzjoni eżegwita fuq l-inizjattiva tal-bank ċentrali fis-suq finanzjarju. Fir-rigward tal-miri, ir-regolarità u l-proceduri tagħhom, l-operazzjonijiet ta' suq miftuħ tal-Eurosistema jistgħu jinqasmu f'erba' kategoriji: operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin, operazzjonijiet ta' rifinanzjament fuq żmien itwal, operazzjonijiet ta' rfinar u operazzjonijiet strutturali. Fir-rigward tal-istrumenti użati, tranżazzjonijiet irriversjati huma l-istrument ta' suq miftuħ ewlieni tal-Eurosistema u jistgħu jintużaw fl-erba' kategoriji ta' operazzjonijiet kollha. Barra minn dan, il-ħrug ta' ċertifikati ta' dejn u tranżazzjonijiet diretti huma disponibbli għal operazzjonijiet strutturali, filwaqt li swaps ta' valuta barranija u l-ġbir ta' depożiti b'termini fissi huma disponibbli biex jitwettqu l-operazzjonijiet ta' irfinar.

▼B

*Pajjiżi taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropew):* l-Istati Membri tal-Unjoni u l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

*Perijodu ta' żamma:* il-perjodu li fih il-konformità mal-ħtiġijiet tar-riżervi tiġi kkalkolata. Il-BĊE jippubblika kalendarju tal-perijodi ta' żamma ta' riżerva tal-inqas tliet xhur qabel il-bidu ta' kull sena. Il-perijodi ta' żamma jibdew fil-jum tas-saldu tal-ewwel operazzjoni ta' rifinanzjament ewlieni wara l-laqgħa tal-Kunsill Governattiv, fejn il-valutazzjoni ta' kull xahar tal-pożizzjoni tal-politika monetarja hija skedata minn qabel. Normalment jispiċċaw fil-jum ta' qabel jum ta' saldu simili fix-xahar ta' wara. F'ċirkustanzi speċjali, il-kalendarju ppubblikat jista' jiġi emendat, skont, fost l-oħrajn, it-tibdil fl-iskeda ta' laqgħat tal-Kunsill Governattiv.

*Prezz ta' xiri:* il-prezz li bih assi mixtrija jinbiegħu jew għandhom jinbiegħu lix-xerrej mill-bejjiegħ.

*Prezz ta' xiri mill-ġdid:* il-prezz li bih ix-xerrej huwa obbligat li jbiegħ lura l-assi lill-bejjiegħ fir-rigward ta' tranżazzjoni taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-prezz tax-xiri mill-ġdid huwa ugwali għas-somma tal-prezz tax-xiri u d-differenzjal tal-prezz li jikkorrispondi mal-imgħax fuq il-likwidità estiża fuq il-maturità tal-operazzjoni.

*Proċedura bilaterali:* proċedura li biha l-bank ċentrali jittratta direttament ma' kontroparti waħda jew uħud minnhom, mingħajr ma jagħmel użu minn proċeduri għal sejħa għal offerti. Proċeduri bilaterali jinkludu operazzjonijiet eżegwiti permezz ta' boroż jew agenti tas-suq.

*Proporzjoni ta' allokazzjoni minimu:* il-limitu l-aktar baxx, espress f'termini ta' persentaġġi, tal-proporzjon ta' offerti fir-rata marġinali ta' mgħax li għandha tiġi allokata f'operazzjoni ta' sejħa għal offerti. L-Eurosistema tista' tiddeċiedi li tapplika proporzjoni minimu fl-operazzjonijiet tagħha fis-sejħiet għal offerti.

*Proporzjon ta' riżerva:* il-proporzjon definit mill-bank ċentrali għal kull kategorija ta' partiti fil-karta tal-bilanċ inklużi fil-bażi tar-riżerva. Il-proporzjonijiet huma użati biex jiġu kalkolati l-ħtiġijiet ta' riżerva.

*Punt ta' attivazzjoni:* livell speċifikat minn qabel tal-valur tal-likwidità provduta li fih tiġi eżegwita sejħa ta' marġni.

*Punt ta' swap:* id-differenza bejn ir-rata tal-kambju ta' tranżazzjoni bil-quddiem u r-rata tal-kambju ta' tranżazzjoni fil-mument fi swap tal-kambju barrani.

*Qafas tal-valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF):* is-sett ta' proċeduri, regoli u tekniki li jiżgura li tiġi sodisfatta l-ħtieġa tal-Eurosistema ta' standards ta' kreditu għoljin għall-assi eliġibbli kollha. Fl-istabbilment ta' standards ta' kreditu għolijin, l-Eurosistema tagħmel differenza bejn l-assi negozjabbli u dawk mhux negozjabbli. Fil-valutazzjoni tal-istandard tal-kreditu ta' assi eliġibbli, l-Eurosistema tikkunsidra informazzjoni ta' valutazzjoni ta' kreditu mis-sistemi tal-valutazzjoni ta' kreditu li tappartjeni għal wieħed minn erba' sorsi, jiġifieri istituzzjonijiet ta' valutazzjoni ta' kreditu estern (ECAIs), sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu in-house tal-BĊNi (ICASs), sistemi bbażati fuq klassifikazzjonijiet interni (IRB) jew għodod ta' klassifikazzjoni (RTs) ta' fornituri terzi. Barra minn dan, fil-valutazzjoni tal-istandard ta' kreditu, l-Eurosistema tikkunsidra kriterji istituzzjonali u karatteristiċi li jiggarantixxu protezzjoni simili għad-detentur tal-istrument bħal ma huma l-garanziji. Il-punt ta' referenza tal-Eurosistema biex jiġi stabbilit ir-rekwizit minimu għal standards ta' kreditu għoljin (il-limitu ta' kwalità tal-kreditu) huwa ddefinit bħala valutazzjoni ta' kreditu "single A". L-Eurosistema tikkunsidra probabbiltà ta' inadempjenza (PD) ta' 0,10 % fuq firxa ta' sena ekwivalenti għal valutazzjoni ta' kreditu "single A".

*Rabtiet bejn sistemi ta' saldu ta' titoli:* rabta tikkonsisti fil-proċeduri u arranġamenti kollha li jeżistu bejn żewġ sistemi ta' saldu ta' titoli (SSSs) għat-trasferiment ta' titoli bejn iż-żewġ SSSs involuti permezz ta' proċess ta' dħul fil-kotba.

▼B

*Rabtiet mill-qrib:* sitwazzjoni fejn il-kontroparti hija marbuta mal-emittent/debitur/garanti ta' assi eliġibbli minħabba l-fatt li: (a) il-kontroparti għandha direttament, jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew iżjed, 20 % jew iżjed tal-kapital tal-emittent/debitur/garanti; jew (b) l-emittent/debitur/garanti għandu direttament, jew permezz impriża waħda jew iżjed, 20 % jew iżjed tal-kapital tal-kontroparti; jew (c) terza parti għandha iżjed minn 20 % tal-kapital tal-kontroparti u iżjed minn 20 % tal-kapital tal-emittent/debitur/garanti, jew direttament jew indirettament permezz ta' impriża waħda jew iżjed.

*Rata ta' imgħax marġinali:* ir-rata ta' imgħax li fiha l-allokazzjoni tas-sejħa għal offerti totali tintuża kollha.

*Rata ta' offerta massima:* il-limitu ta' fuq ta' rata ta' imgħax li fih il-kontropartijiet jistgħu jibagħtu offerti f'sejħiet għal offerti b'rata varjabbli. Jitwarrbu offerti b'rata għola mir-rata massima ta' offerti mħabbra mill-BĊE.

*Rata ta' offerta minima:* il-limitu l-aktar baxx ta' rati ta' imgħax li fih il-kontropartijiet jistgħu jibagħtu offerti għal sejħiet għal offerti b'rata varjabbli.

*Riskju ta' solvenza:* ir-riskju ta' telf minħabba n-nuqqas (falliment) ta' emittent ta' assi finanzjarji jew minħabba insolvenza tal-kontroparti.

*Saldu transkonfinali:* saldu li jseħħ f'pajjiż li ma jkunx pajjiż jew pajjiżi fejn tinsab jew jinsabu parti waħda jew it-tnejn tal-partijiet fin-negożju.

*Sejħa għal offerti b'rata varjabbli:* proċedura ta' sejħa għal offerti li biha l-kontropartijiet jagħmlu offerta kemm tal-ammont ta' flus li jixtiequ jinnegozjaw mal-bank ċentrali u r-rata ta' imgħax li biha jixtiequ jidħlu fit-tranżazzjoni.

*Sejħa għal offerti b'rata fissa:* proċedura għal sejħa għal offerti fejn ir-rata ta' imgħax hija ffissata bil-quddiem mill-bank ċentrali u kontropartijiet li jipparteċipaw joffru l-ammont ta' flus li jixtiequ biex jinnegozjaw bir-rata fissa ta' imgħax.

*Sejħa għal offerti mgħaġġla:* il-procedura ta' sejħa għal offerti użata mill-Eurosistema għal operazzjonijiet ta' rfinar meta jitqies li jkun aħjar li jkun hemm impatt ta' malajr fuq is-sitwazzjoni tal-likwidità fis-suq. Sejħiet għal offerti mgħaġġla huma normalment eżegwiti f'90 minuta u normalment ristretti għal sett limitat ta' kontropartijiet.

*Sejħa għal offerti ta' volum:* ara sejħa għal offerti b'rata fissa.

*Sejħa għal offerti standard:* proċedura ta' sejħa għal offerti użata mill-Eurosistema fl- operazzjonijiet ta' suq miftuħ regolari tagħha. Sejħiet għal offerti standard huma normalment eżegwiti fi żmien 24 siegħa. Il-kontropartijiet kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali huma intitolati li jissottomettu offerti f'sejħiet għal offerti standard.

*Sejħa ta' marġni:* proċedura relatata mal-applikazzjoni ta' marġnijiet ta' varjazzjoni, li timplika li jekk il-valur, kif regolarment imkejjel, tal-assi sottostanti jaqa' taħt ċertu livell, il-banek ċentrali jistgħu jeħtieġu lill-kontropartijiet li jipprovdu assi addizzjonali (jew flus kontanti). Bl-istess mod, jekk il-valur tal-assi sottostanti, wara r-rivalutazzjoni tagħhom, ikollu jeċċedi l-valur dovut mill-kontropartijiet flimkien mal-marġni ta' varjazzjoni, il-kontroparti tista' titlob lill-banek ċentrali jirritornaw l-assi żejda (jew flus kontanti) lill-kontroparti.

▼B

*Sistema bbażata fuq klassifikazzjoni (IRB) interna:* sors ta' valutazzjoni ta' kwalità tal-kreditu pprovdut fil-qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF) li jikkomprendi s-sistemi interni ta' dawk il-kontropartijiet li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom jistgħu jintużaw minn istituzzjonijiet ta' kreditu għad-determinazzjoni ta' skoperturi ta' piż ta' riskju skont id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital. Dawn is-sistemi huma suġġetti għal rikonoxximent formali u proċess ta' validazzjoni mis-superviżuri nazzjonali.

*Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ):* il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali tal-Istati Membri tal-Unjoni. Għandu jiġi nnutat li l-banek ċentrali tal-Istati Membri tal-UE li l-valuta tagħhom mhijiex l-euro jżommu s-setgħat tagħhom fil-qasam tal-politika monetarja skont il-liġi nazzjonali u għal-hekk mhumiex involuti fit-twettiq tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

*Sistema kunsinna-versus-ħlas jew kunsinna-kontra-ħlas:* mekkaniżmu f'sistema ta' saldu skambju għal-valur li jiżgura li t-trasferiment finali ta' assi (titoli jew strumenti finanzjarji oħrajn) jiġri biss, u biss, jekk iseħħ it-trasferiment finali ta' assi oħrajn.

*Sistema RTGS (saldu gross f'ħin reali):* sistema ta' saldu li fiha l-ipproċessar u s-saldu jseħħu skont bażi ta' ordni b'ordni mingħajr ma jkun hemm *netting* kontinwu f'ħin reali. Ara wkoll TARGET2.

*Sistema ta' dħul fil-kotba:* sistema ta' kontijiet li tippermetti t-trasferiment ta' titoli u assi finanzjarji oħrajn mingħajr iċ-ċaqliq fiżiku ta' dokumenti tal-karta jew ċertifikati (eż. it-trasferiment elettroniku ta' titoli). Ara wkoll dematerjalizzazzjoni.

*Sistema ta' grupp tal-kollateral:* sistema ta' bank ċentrali għall-ġestjoni ta' kollateral, fejn il-kontropartijiet jiftħu kont ta' grupp biex jiġu ddepożitati assi li jikkollateralizzaw it-tranżazzjonijiet tagħhom mal-bank ċentrali. F'sistema ta' gruppi, b'kuntrast ma' sistema ta' riżerva, l-assi sottostanti mhumiex riżervati għal tranżazzjonijiet individwali.

*Sistema ta' gruppi:* ara sistema ta' gruppi kollaterali.

*Sistema ta' riżerva:* sistema għall-amministrazzjoni ta' kollateral tal-BĊNi fejn il-likwidità hija pprovduta kontra assi riżervati għal kull tranżazzjoni individwali.

*Sistema ta' saldu gross:* sistema ta' trasferiment fejn is-saldu ta' fondi jew it-trasferiment ta' titoli jseħħ fuq bażi ta' istruzzjoni b'istruzzjoni.

*Sistema ta' saldu ta' titoli (SSS):* sistema li tippermetti ż-żamma u t-trasferiment ta' titoli jew assi finanzjarji oħrajn, jew ħielsa minn ħlas (FOP) jew kontra ħlas (konsenja kontra ħlas).

*Sistema ta' valutazzjoni ta' kreditu in-house (ICAS):* sors ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu pprovdut fil-qafas ta' valutazzjoni ta' kreditu tal-Eurosistema (ECAF) li bħalissa jinkludi l-erba' sistemi ta' valutazzjoni ta' kreditu mħaddmin mid-Deutsche Bundesbank, il-Banco de España, il-Banque de France u l-Oesterreichische Nationalbank.

*Sostenn ta' likwidità fi tranżazzjoni ABS:* kull karatteristika strutturali li tista' tintuża biex tkopri kwalunkwe nuqqas fil-fluss tal-flus kontanti temporanju li jista' jseħħ matul il-ħajja tat-tranżazzjoni.

▼B

*Stat Membru:* tfisser f'dan id-dokument Stat Membru tal-Unjoni li l-munita tiegħu hija l-euro.

*Strip (negozju separat ta' imgħax u kapital):* bond ta' kupun żero maħluq sabiex jiġu nnegozjati separatament il-klejms fuq flussi ta' flus kontanti ta' titolu u l-kapital tal-istess strument.

*Strument b'rata fissa:* strument finanzjarju li għalih il-kupun huwa ffissat matul il-ħajja kollha tal-istrument.

*Strument b'rata mhux fissa:* strument finanzjarju li għalih il-kupun jiġi perjodikament irrisettjat skont indiċi ta' referenza biex jirrifletti l-bidliet fir-rati ta' imgħax tas-suq f'terminu qasir u medju ta' żmien. Strumenti b'rata mhux fissa jew ikollhom kupuni ffissati minn qabel jew kupuni ffissati wara.

*Strument b'rata mhux fissa inversa:* nota strutturata fejn ir-rata ta' imgħax imħallsa lid-detentur tan-nota tvarja inversament mal-bidliet f'ċerta rata ta' referenza ta' imgħax.

*Swap ta' kambju barrani:* ix-xiri/il-bejgħ simultanju fil-mument u l-bejgħ/ix-xiri bil-quddiem ta' valuta kontra oħra. L-Eurosistema twettaq operazzjonijiet ta' politika monetarja ta' suq miftuħ fil-forma ta' swaps ta' kambju barrani fejn il-BĊNi (jew il-BĊE) jixtru (jew ibiegħu) euro fil-mument kontra valuta barranija u fl-istess waqt ibiegħuha (jew jixtruha) lura f'tranżazzjoni bil-quddiem.

*TARGET:* il-predecessur tas-sistema TARGET2. li jopera fi struttura deċentralizzata u li jgħaqqad flimkien sistemi ta' RTGS nazzjonali u l-mekkanizmu ta' ħlas tal-BĊE. Is-sistema tat-TARGET ġiet issostitwita bis-sistema tat-TARGET2 skont l-iskeda ta' migrazzjoni speċifikata fl-Artikolu 13 tal-Linja Gwida BĊE/2007/2.

*TARGET2 (Trans European Automated Real-time Gross Settement Express Transfer system):* is-sistema ta' saldu f'ħin reali għall-euro, li tipprovdi saldu ta' ħlasijiet f'euro fi flus tal-bank ċentrali. TARGET2 huwa stabbilit u jiffunzjona fuq il-bażi ta' pjattaforma waħda, li permezz tagħha l-ordnijiet kollha ta' ħlas jintbagħtu u jiġu pproċessati u li permezz tagħhom jigu rcevuti bl-istess mod tekniku. TARGET2 għandu l-istruttura legali bħala multipliċità ta' sistemi RTGS (sistemi ta' komponent TARGET2).

*Titoli sostnuti minn assi (ABS):* strumenti ta' dejn li huma sostnuti minn grupp ta' assi finanzjarji *ringfenced* (fissi jew li jduru (revolving)). li jikkonvertu fi flus kontanti f'perijodu ta' żmien iddefinit. Barra minn dan, id-drittijiet jew assi oħra jistgħu jeżistu biex jiżguraw il-manutenzjoni jew id-distribuzzjoni fil-ħin tad-dħul lid-detenturi tat-titolu. B'mod ġenerali, titoli sostnuti minn assi jinħargu b'vettura ta' investiment maħluqa apposta li tkun akkwistat il-grupp tal-assi finanzjarji mill-oriġinatur/il-bejjiegħ. F'dan ir-rigward, il-ħlasijiet fuq it-titoli sostnuti minn assi jiddependu primarjament mill-flussi tal-flus kontanti ġġenerati mill-assi fil-grupp sottostanti u d-drittijiet l-oħra, iddisinjati biex jiżguraw il-ħlas fil-ħin, bħall-faċilitajiet tal-likwidità, il-garanziji jew karatteristiċi oħra magħrufa ġeneralment bħala titjib tal-kreditu.

*Tmiem il-jum:* il-ħin tal-jum ta' negozju wara l-għeluq tat-TARGET2 li fih il-ħlasijiet ipproċessati fit-TARGET2 huma ffinalizzati għal dak il-jum.

*Tnaqqis fil-valutazzjoni:* miżura ta' kontroll tar-riskju applikata għal assi sottostanti użata fi tranżazzjonijiet irriversjati, jiġifieri li l-bank ċentrali japplika tnaqqis tal-valur tas-suq teoretiku tal-attiv b'ċertu persentaġġ qabel ma japplika xi haircut ta' valutazzjoni.

▼B

*Tnaqqis standardizzat:* il-persentaġġ fiss tal-ammont dovut ta' titoli ta' dejn b'maturità miftiehem sa sentejn (inkluż karta tas-suq tal-flus) u li jista' jitnaqqas mill-bażi tar-riżerva mill-emittenti li ma jistgħux jippreżentaw evidenza li dak l-ammont pendenti huwa miżmum minn istituzzjonijiet oħrajn suġġett għas-sistema ta' riżerva minima tal-Eurosistema, mill-BĊE jew minn BĊN.

*Tranżazzjoni diretta:* tranżazzjoni fejn l-assi jinxtraw jew jinbiegħu sal-maturità tagħhom (tal-mument jew bil-quddiem).

*Tranżazzjoni rriversjata:* operazzjoni li biha l-BĊN jixtri jew ibiegħ assi taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jew iwettaq operazzjonijiet ta' kreditu kontra kollateral.

*Tranżazzjoni ta' hedge tal-valuta:* ftehim iffirmat bejn l-emittent u l-kontroparti ta' hedge, li bis-saħħa tiegħu parti mir-riskju tal-valuta li jirriżulta mill-irċevuta ta' flussi ta' flus kontanti f'valuta li mhijiex euro, jittaffa billi jiġu skambjati l-flussi tal-flus kontanti għall-ħlasijiet fil-valuta euro li għandhom isiru mill-kontroparti tal-hedge, inkluża kull garanzija mill-kontroparti tal-hedge ta' dawk il-ħlasijiet.

*Trasferiment finali:* trasferiment irrevokabbli u mingħajr kundizzjoni li jeffettwa l-eżekuzzjoni tal-obbligu li jsir trasferiment.Proċedura ta' sejħa għal offerti: proċedura li biha l-bank ċentrali jipprovdi likwidità għal jew jiġbed likwidità mis-suq fuq il-bażi ta' offerti mibgħuta minn kontropartijiet f'kompetizzjoni ma' xulxin. L-aktar offerti kompetittivi huma sodisfatti l-ewwel sakemm l-ammont totali ta' likwidità li għandu jiġi pprovdut jew miġbud mill-bank ċentrali jintuża kollu.

*Trattat:* it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Żona tal-euro:* iż-żona li tinkludi l-Istati Membri fejn politika monetarja waħda titħaddem taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE.

▼B

*Appendiċi 3*

## GĦAŻLA TA' KONTROPARTIJIET GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' INTERVENT TA' KAMBJU BARRANI U SWAPS TAL-KAMBJU BARRANI GĦAL FINIJIET TA' POLITIKA MONETARJA

L-għażla ta' kontropartijiet għal operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju barrani u swaps tal-kambju barrani għall-finijiet ta' politika monetarja għandhom isegwu approċċ uniformi irrispettivament mill-istruttura organizzattiva magħżula għall-operazzjonijiet esterni tal-Eurosistema. Il-politika tal-għażla ma tfissirx devjazzjoni sostanzjali mill-istandards ta' suq eżistenti, billi tnisslet mill-armonizzazzjoni tal-aħjar prattiċi kurrenti tal-BĊNi. L-għażla tal-kontropartijiet għall-operazzjonijiet ta' intervent tal-kambju barrani tal-Eurosistema għandha tkun ibbażata, primarjament, fuq żewġ settijiet ta' kriterji.

L-ewwel sett tal-kriterji huwa ispirat mill-prinċipju tal-prudenza. L-ewwel kriterju ta' prudenza huwa l-affidabbiltà finanzjarja. li tiġi vvalutata permezz ta' kombinazzjoni ta' metodi differenti (per eżempju bl-użu tal-klassifika ta' kreditu disponibbli minn aġenziji kummerċjali u analiżi interna tal-proporzjonijiet tal-kapital u ta' negozju ieħor); it-tieni kriterju huwa li l-Eurosistema għandha teħtieġ lill-kontropartijiet ta' intervent ta' kambju barrani potenzjali kollha tagħha jkunu suġġetti għal superviżjoni minn superviżur rikonoxxut; u, bħala t-tielet kriterju, il-kontropartijiet ta' intervent tal-kambju barrani kollha tal-Eurosistema jkunu meħtieġa li jsegwu standards għolja etiċi u li jkollhom reputazzjoni tajba.

Malli l-ħtieġa ta' prudenza minima titħares, jiġi applikat it-tieni sett ta' kriterji ispirati minn konsiderazzjonijiet ta' effiċjenza. L-ewwel kriterju ta' effiċjenza huwa relatat mal-aġir dwar il-prezzijiet kompetittvi u l-abbiltà tal-kontroparti li tiġġestixxi volumi kbar, ukoll f'kundizzjonijiet tas-suq imqanqla. Il-kwalità u l-kopertura ta' informazzjoni provduta mill-kontropartijiet jidħru fost kriterji oħrajn ta' effiċjenza.

Il-grupp ta' kontropartijiet potenzjali ta' intervent fil-kambju barrani potenzjali huwa kbir u divers biżżejjed biex jiggarantixxi l-flessibbiltà meħtieġa fl-implimentazzjoni ta' operzzjonijiet ta' intervent. Għandu jippermetti lill-Eurosistema li tagħżel minn fost il-kanali ta' intervent differenti. Sabiex tintervjeni b'mod effiċjenti fil-postijiet ġeografiċi u żoni tal-ħin differenti, l-Eurosistema tista' tuża l-kontropartijiet fi kwalunkwe ċentru finanzjarju internazzjonali. Iżda, fil-prattika, x'aktarx li parti sostanzjali tal-kontropartijiet tkun tinsab fiż-żona tal-euro. Għal swaps ta' kambju barrani eżegwiti għal finijiet tal-politika monetarja, il-firxa ta' kontropartijiet tikkorrispondi mal-kontropartijiet stabbiliti fiż-żona tal-euro li jintgħażlu għal operazzjonijiet ta' intervent ta' kambju barrani tal-Eurosistema.

Il-BĊNi jistgħu japplikaw sistemi bbażati fuq limitu sabiex jikkontrollaw skoperturi ta' kreditu fil-konfront tal-kontropartijiet individwali fi swaps ta' kambju barrani magħmulin għall-finijiet ta' politika monetarja.

▼B

*Appendiċi 4*

# IL-QAFAS TA' RAPPURTAR GĦALL-ISTATISTIKA TAL-FLUS U BANKARJA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW ([110])

## 1. **Introduzzjoni**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([111]) jiddefinixxi l-persuni naturali u legali li huma suġġetti għall-ħtiġijiet ta' rappurtar (l-hekk imsejħa l-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza), ir-reġim ta' konfidenzjalità u d-dispożizzjonijiet adattati għall-eżekuzzjoni skont l-Artikolu 5.4 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentrali Ewropew (Statut tas-SEBĊ). Barra minn hekk, jintitola lill-BĊE li juża s-setgħa regolatorja tiegħu:

(a) biex jispeċifika l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar;

(b) biex jiddefinixxi l-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-BĊE u jimponihom fuq il-popolazzjoni ta' rappurtar attwali tal-Istati Membri;

(c) biex jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-BĊE u l-BĊNi (BĊNi) jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew iwettqu l-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni statistika.

## 2. **Konsiderazzjonijiet ġenerali**

L-għan tar-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanc tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BCE/2008/32) ([112]), huwa li jippermetti lill-BĊE u, skont l-Artikolu 5.2 tal-Istatut tas-SEBĊ, lill-BĊNi – li jwettqu x-xogħol sal-limitu possibbli – biex jiġbru l-materjal statistiku meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ u, b'mod partikolari, il-kompitu li jiddefinixxu u jimplimentaw il-politika monetarja tal-Unjoni skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni statistika miġbura skont ir-Regolament BĊE/2008/32 tintuża biex tistabbilixxi karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI), li l-mira prinċipali tagħha hija li tipprovdi lill-BĊE bi stampa statistika komprensiva ta' żviluppi monetarji li jkopru l-assi aggregati finanzjarji u l-passiv tal-MFIs li jinsabu fl-Istati Membri parteċipanti, li huma meqjusa bħala territorju ekonomiku wieħed.

Għall-għanijiet ta' statistika l-ħtiġijiet ta' rappurtar tal-BĊE fil-kuntest tal-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur MFI huma bbażati fuq tliet konsiderazzjonijiet prinċipali.

L-ewwel nett, il-BĊE għandu jirċievi informazzjoni statistika aġġornata, affidabbli u paragunabbli, li tinġabar taħt termini u kundizzjonijiet paragunabbli fiż-żona tal-euro kollha. Għalkemm id-dejta hija miġbura b'mod deċentralizzat mill-BĊE skont l-Artikolu 5.1 u 5.2 tal-Istatut u, sa fejn hu meħtieġ, b'kombinazzjoni ma' aktar ħtiġijiet ta' statistika għall-Komunità jew finijiet nazzjonali, huma meħtieġa grad suffiċjenti ta' armonizzazzjoni u konformità mal-*i*standard*s* minimi ta' rappurtar minħabba l-ħtieġa li tiġi stabbilita bażi ta' statistika affidabbli għad-definizzjoni u t-twettiq tal-politika monetarja waħda.

It-tieni nett, l-obbligi ta' rappurtar imniżżla fir-Regolament BĊE/2008/32 għandhom josservaw il-prinċipji ta' trasparenza u ċertezza legali. Ir-raġuni għal dan hija li dak ir-Regolament jorbot kollu kemm hu u japplika direttament fiż-żona tal-euro kollha. Jimponi obbligi direttament fuq persuni naturali jew legali li fuqhom il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet kull meta l-ħtiġijiet ta' rappurtar tal-BĊE ma jiġux imħarsa (ara l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98). L-obbligi ta' rappurtar huma għalhekk definiti b'mod ċar u kull diskrezzjoni eżerċitata mill-BĊE fil-verifika jew il-ġbir obbligatorju ta' informazzjoni statistika

([110]) Il-kontenut ta' dan l-appendiċi huwa pprovdut biss għall-finijiet ta' informazzjoni.
([111]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, pp. 23 - 34.
([112]) ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.

▼B

ssegwi prinċipji identifikabbli. It-tielet nett, il-BĊE għandu jimminimizza l-piż ta' rappurtar involut, skont il-prinċipji statistiċi li jirregolaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika mis-SEBĊ (ara l-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98). Dawn il-prinċipji huma definiti aktar fl-impenn pubbliku fuq l-istatistika Ewropea mis-SEBĊ, kif ippubblikat fis-sit elettroniku tal-BĊE.

Għalhekk, il-materjal ta' statistika miġbur mill-BĊNi taħt ir-Regolament (KE) BCE/2008/32 huwa użat ukoll għall-kalkolu tal-bażi tar-riżerva skont ir-Regolament BCE/2003/9.

Ir-Regolament BĊE/2008/32 jiddefinixxi biss, f'termini ġenerali, il-popolazzjoni ta' rappurtar attwali u l-obbligi ta' rappurtar tagħha, u l-prinċipji li skont dawn il-BĊE u l-BĊNi normalment jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom biex jivverifikaw jew jiġbru b'mod obbligatorju l-informazzjoni statistika. Id-dettalji tal-informazzjoni statistika li għandhom ikunu rapportati biex jikkonformaw mal-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-BĊE u l-istandards minimi li għandhom ikunu segwiti huma speċifikati fl-Annessi I sa IV tar-Regolament BĊE/2008/32.

3. **Popolazzjoni ta' rapportar attwali; lista ta' MFIs għall-finijiet ta' statistika**

MFIs jikkomprendu istituzzjonijiet ta' kreditu residenti kif definiti fil-liġijiet tal-Unjoni, u l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti minn entitajiet oħra għajr l-MFIs u li, f'isimhom (għall-inqas f'termini ekonomiċi) jikkonċedu krediti u/jew jinvestu f'titoli. Il-BĊE jistabbilixxi u jżomm lista ta' istituzzjonijiet skont din id-definizzjoni u skont il-prinċipji ta' klassifikazzjoni speċifikati fl-Anness I tar-Regolament BĊE/2008/32. Il-kompetenza biex jistabbilixxi u jżomm din il-lista ta' MFIs għal għanijiet statistiċi hija tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE. Il-popolazzjoni ta' MFIs residenti fiż-żona tal-euro tikkostitwixxi l-popolazzjoni attwali ta' rappurtar. Il-BĊNi huma intitolati li jagħtu derogi lil MFIs żgħar skont l-Artikolu 8 tar-Regolament BĊE/208/32. Dawn id-derogi jippermettu lill-BĊNi li japplikaw l-metodu ta' "cutting off the tail".

4. **Obbligi tar-rappurtar statistiku**

Biex tiġi stabbilita l-karta tal-bilanċ konsolidata, il-popolazzjoni attwali residenti ta' rappurtar għandha tirrapporta informazzjoni statistika relatata mal-karta tal-bilanċ tagħhom fuq bażi ta' kull xahar. Aktar informazzjoni hija meħtieġa fuq bażi trimestrali. L-informazzjoni statistika li għandha tiġi rappurtata hija speċifikata aktar fl-Anness I tar-Regolament BĊE/2008/32. Id-dejta statistika rilevanti tinġabar mill-BĊNi, li għandhom jiddefinixxu l-proċeduri ta' rappurtar li għandhom jiġu segwiti.

Ir-Regolament BĊE/2008/32 ma jżommx lill-BĊNi milli jiġbru, mill-popolazzjoni attwali ta' rappurtar, l-informazzjoni statistika meħtiega biex tikkonforma mal-ħtiġijiet statistiċi tal-BĊE bħala parti minn qafas ta' rappurtar statistiku aktar wiesa' li l-BĊNi jistabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali jew prattika stabbilita u li sservi finijiet oħra ta' statistika. Madankollu, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet statistiċi li hemm fir-Regolament BĊE/2008/32. F'każijiet speċifiċi, il-BĊE jista' jiddependi fuq informazzjoni statistika miġbura għal dawn l-iskopijiet biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tiegħu.

Il-konsegwenza li tingħata deroga minn BĊN kif definit hawn fuq hija li l-MFIs zgħar konċernati jkunu suġġetti għal obbligi mnaqqsa ta' rappurtar (li jimplika, fost ħwejjeg oħra, rappurtar trimestrali biss) li huma obbligatorji fil-kuntest ta' riżervi minimi u huma specifikati fl-Anness III tar-Regolament BĊE/2008/32. Ħtiġijiet għal dawk l-MFIs żgħar li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu jidhru fl-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-MFIs li jkunu ngħataw deroga għandhom l-għażla li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rappurtar sħiħ.

▼B

5. **Użu ta' informazzjoni statistika taħt ir-Regolament BĊE dwar riservi minimi**

Biex jigi mminimizzat il-piż tar-rappurtar u biex tigi evitata kull duplikazzjoni fil-ġbir ta' informazzjoni statistika, l-informazzjoni statistika dwar il-karta ta' bilanċ rappurtata mill-MFIs taħt ir-Regolament BĊE/2008/32 tintuża wkoll biex tiġi kkalkulata l-bażi ta' riżerva taħt ir-Regolament BĊE/2003/9.

Tassew, għall-finijiet ta' statistika, l-aġenti tar-rappurtar għandhom jirrapportaw dejta lill-BĊN rispettiv tagħhom skont il-qafas tat-Tabella 1 aktar 'l isfel, li hija inkluża fl-Anness III tar-Regolament BCE/2008/32. Fit-Tabella 1, il-kaxxi mmarkati b' "*" jintużaw mill-istituzzjonijiet ta' rappurtar biex jikkalkulaw il-bażi ta' riżerva tagħhom (ara l-Kaxxa 9 fil-Kapitolu 7).

Sabiex isir kalkolu korrett tal-bażi tar-riżerva li għaliha huwa applikat proporzjon pożittiv ta' riżerva, tqassim dettaljat huwa meħtieg għal depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn, għal depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' aktar minn sentejn u għal passiv repo ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fil-konfront tad-("domestici" u "Stati Membri parteċipanti oħrajn") "MFIs", "istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal riżervi minimi, il-BĊE u l-BĊNi" u s-setturi tal-"Gvern Ċentrali", u fil-konfront tal-"bqija tad-dinja".

Barra minn dan, skont is-sistemi nazzjonali ta' ġbir u mingħajr preġudizzju għall-konformità sħiħa mad-definizzjonijiet u l-prinċipji ta' klassifika tal-karta tal-bilanċ tal-MFI stabbiliti f'dan ir-Regolament BĊE/2008/32, istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għall-ħtieġa ta' riżervi minimi jistgħu alternattivament jirrappurtaw dejta meħtieġa biex jikkalkolaw il-bażi tar-riżerva, minbarra dawk fi strumenti negozjabbli, skont it-Tabella 1, iżda m'għandhomx jiġu affettwati l-pożizzjonijiet stampati bil-grassett tat-Tabella 1.

L-Anness III tar-Regolament BĊE/2008/32 fih dispożizzjonijiet speċifici u tranżitorji u dispożizzjonijiet dwar għaqdiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu firrigward tal-applikazzjoni tas-sistema ta' riżervi minimi.

L-Anness III tar-Regolament BĊE/2008/32 jinkludi, b'mod partikolari, skema ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-"tail" [denb]. Istituzzjonijiet tal-kreditu fid-"denb" għandhom jirrapportaw, bħala minimu, id-dejta trimestrali meħtieġa għall-kalkolu tal-bażi tar-riżerva skont it-Tabella 1. Dawn l-istituzzjonijiet jiżguraw li r-rappurtar skont it-Tabella 1a huwa konsistenti għal kollox mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet applikabbli fit-Tabella 1. Id-data tal-bażi tar-riżerva tal-istituzzjonijiet tad-denb għal tliet perijodi ta' żamma ta' riżerva huma bbażati fuq data tal-aħħar tat-trimestru miġburin mill-BĊNi.

L-Anness III jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar fuq bażi aggregata bħala grupp mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Meta jirċievu awtorizzazzjoni mill-BĊE, l-istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għar-riżervi minimi ġewwa territorju nazzjonali wieħed jistgħu jirrapportaw dejta statistika dwar il-bażi ta' riżerva konsolidata bħala grupp, sakemm l-istituzzjonijiet kollha kkonċernati jkunu kollha rrinunzjaw għall-benefiċċju ta' kull allowance f'somma waħda mill-ħtieġa ta' riżerva. Il-benefiċċju ta' allowance f'somma waħda jibqa', madankollu, għall-grupp kollu in ġenerali. Jekk grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ħalla jżomm riżervi minimi permezz ta' intermedjarju imma ma jibbenefikax minn dan ir-rappurtar ta' grupp, il-BĊN rilevanti jista' jawtorizza l-intermedjarju biex jagħmel rappurtar statistiku aggregat (li ma jkunx tal-bażi ta' riżerva) f'isem dan il-grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. F'dan il-każ, il-benefiċċju ta' allowance f'somma f'daqqa jibqa' għal kull membru tal-grupp. L-istituzzjonijiet kollha kkonċernati huma inklużi separatament fil-lista tal-MFIs tal-BĊE.

Barra minn hekk, l-anness jinkludi dispożizzjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' għaqdiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu. It-termini "għaqda", "istituzzjonijiet li jingħaqdu" u "istituzzjoni li takkwista" għandhom l-istess tifsira stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament BĊE/2003/9. Għall-perijodu ta' żamma li fih issir għaqda, il-ħtiġijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni li takkwista huma kkalkulati u għandhom jiġu ssodisfatti kif stabbilit fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament. Għal perjodi konsekuttivi ta' żamma ta' riżerva, ir-rekwiżiti tar-riżerva tal-istituzzjoni li takkwista huma kalkolati fuq il-bażi tal-bażi ta' riżerva u

▼B

fuq l-informazzjoni statistika skont ir-regoli speċifiċi (ara t-tabella fl-Anness III tar-Regolament BĊE/1998/16), jekk applikabbli. Jekk le, japplikaw ir-regoli normali għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' riżerva, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament BĊE/2003/9. Barra minn dan, il-BĊN relevanti jista' jawtorizza lill-istituzzjoni li takkwista li twettaq l-obbligi tagħha biex tirrapporta informazzjoni statistika permezz ta' proċeduri temporanji. Din id-deroga mill-proċeduri normali ta' rappurtar għandha tkun limitata għall-anqas żmien possibbli u, f'kull każ, m'għandhiex taqbeż is-sitt xhur minn mindu tkun seħħet l-inkorporazzjoni. Din id-deroga hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-istituzzjoni li takkwista li twettaq l-obbligi tagħha ta' rappurtar skont ir-Regolament BĊE/2008/32 u, jekk applikabbli, l-obbligu tagħha li tassumi l-obbligi tar-rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu.

▼B

*Tabella 1*

**Data meħtieġa biex tiġi pprovduta fi frekwenza ta' kull xahar (stokks) (1)**

| KARTA TA' BILANĊ PARTITI | A. Domestiċi | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs (3) | | | Mhux MFIs | | | | | | | | |
| | | | | Gvern Ġenerali (S.13) | | Setturi residenti oħrajn | | | | | | |
| | | Istituzzjonijiet ta' kreditu | Li minnhom: istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal RRs, BĊE u BĊNi | Gvern Ċentrali (S.1311) | Gvern Ġenerali oħrajn | Total | Intermedjarji finanzjarji oħrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124) | | | Kumpanniji tal-assigurazzjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + istituzzjonijiet mhux għal profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) |
| | | | | | | | | li minnhom: CCP (4) | li minnhom: FVCs | | | |
| | (a) | | (b) | (c) | (d) | (e) | (f) | | | (g) | (h) | (i) |
| PASSIV | | | | | | | | | | | | |
| **8 Valuta fiċ-ċirkulazzjoni** | | | | | | | | | | | | |
| **9 Depożiti** | * | | * | * | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom depożiti trasferibbli | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom sa sentejn | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom self sindakat | | | | | | | | | | | | |
| **9e Euro** | * | | * | | | | | | | | | |
| **9.1e Matul il-lejl** | | | | | * | * | | | | | | |
| li minnhom depożiti trasferibbli | | | | | | | | | | | | |
| **9.2e B'maturita' miftiehma** | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn sena sa sentejn | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn sentejn | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **9.3e Jinfeda b'avviż** | | | | | | | | | | | | |
| sa 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | |
| li minnhom iktar minn sentejn (2) | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **9.4e Repos** | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **9x Valuti barranin** | | | | | | | | | | | | |
| **9.1x Matul il-lejl** | | | | | * | * | | | | | | |
| **9.2x B'maturita' miftiehma** | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn sentejn | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **9.3x Jinfdew b'avviż** | | | | | | | | | | | | |
| sa 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | |
| iktar minn 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | |
| li minnhom iktar minn sentejn (2) | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **9.4x Repos** | * | | * | * | * | * | | | | | | |
| **10 Ishma/Unitajiet MMFs (3)** | | | | | | | | | | | | |
| **11 Titoli ta' dejn maħruġin** | | | | | | | | | | | | |
| 11e Euro | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom sa sentejn u garanzija ta' kapital nominali inqas minn 100 % | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | |
| 11x Valuti barranin | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom sa sentejn u kapital nominali inqas minn 100 % | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | |
| **12 Kapital u riżervi** | | | | | | | | | | | | |
| **13 Passiv li jibqa'** | | | | | | | | | | | | |

▼B

| KARTA TA' BILANĊ PARTITI | B. Stati Membri parteċipanti ohrajn | | | | | | | | | | | | C. Bqija tad-dinja | | | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs (3) | | | Mhux MFIs | | | | | | | | | Total | Banek | Mhux banek | |
| | | Istituzzjoni-jiet ta' kreditu | Li minnhom: istituzzjoni-jiet ta' kreditu suġġetti ghal RRs, BĊE u BĊNi | Gvern Ġenerali (S.13) | | Setturi residenti ohrajn | | | | | | | | | | |
| | | | | Gvern Ċentrali (S.1311) | Gvern Ġenerali ohrajn | Total | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżil-jarji finanzjarji (S.123+S.124) | | | Kumpanniji tal-assiguraz-zjoni u fondi ta' pensjoni (S.125) | Korporazzjo-nijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + isti-tuzzjonijiet mhux ghal profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) | | | | |
| | | | | | | | | li minnhom: CCP (4) | li minnhom: FVCs | | | | | | | |
| | (j) | | (k) | (l) | (m) | (n) | (o) | | | (p) | (q) | (r) | (s) | | | (t) |
| PASSIV | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **8 Valuta fiċ-ċirkulazzjoni** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9 Depożiti** | * | | * | * | | | | | | | | | * | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom depożiti trasferibbli | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom self sindakat | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9e Euro** | * | | * | | | | | | | | | | | | | |
| **9.1e Matul il-lejl** | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| li minnhom depożiti trasferibbli | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9.2e B'maturita' miftiehma** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena sa sentejn | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **9.3e Jinfeda b'avviż** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| li minnhom iktar minn sentejn (2) | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **9.4e Repos** | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **9x Valuti barranin** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **9.1x Matul il-lejl** | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| **9.2x B'maturita' miftiehma** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **9.3x Jinfdew b'avviż** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| iktar minn 3 xhur | | | | | * | * | | | | | | | | | | |
| li minnhom iktar minn sentejn (2) | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **9.4x Repos** | * | | * | * | * | * | | | | | | | * | | | |
| **10 Ishma/Unitajiet MMFs (3)** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **11 Titoli ta' dejn maħruġin** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 11e Euro | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| li minnhom sa sentejn u garanzija ta' kapital nominali inqas minn 100 % | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| 11x Valuti barranin | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| li minnhom sa sentejn u kapital nominali inqas minn 100 % | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | * |
| **12 Kapital u riżervi** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **13 Passiv li jibqa'** | | | | | | | | | | | | | | | | |

▼B

| KARTA TA' BILANĊ PARTITI | A. Domestiċi | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs | Mhux MFIs | | | | | | | | | | | |
| | | | Setturi ta' residenti oħrajn | | | | | | | | | | |
| | | Gvern Ġenerali (S.13) | Total | Intermedjarji finanzjarji oħrajn + awżiljarji oħrajn (S.123+S.124) | | | Kumpanniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + istituzzjonijiet mhux għal profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) | | | | |
| | | | | | li minnhom: CCP ([4]) | li minnhom: FVCs | | | Total | Kreditu għall-konsum | Self għal xiri ta' djar | Self ieħor | |
| | | | | | | | | | | | | | li minnhom: SP/UP ([5]) |
| ASSI | | | | | | | | | | | | | |
| 1 **Flus kontanti** | | | | | | | | | | | | | |
| 1e li minnhom euro | | | | | | | | | | | | | |
| 2 **Self** | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom: self sindakat | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom: repos | | | | | | | | | | | | | |
| 2e li minnhom euro | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom: self revolving u overdrafts | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom kreditu ta' karti ta' kreditu ta' konvenjenza | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom kreditu ta' karti ta' kreditu estiż | | | | | | | | | | | | | |
| 3 **Titoli li mhumiex ishma** | | | | | | | | | | | | | |
| 3e Titoli li mhumiex ishma | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| 3x Valuti barranin | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | |
| 4 **Ishma/unitajiet MMF** | | | | | | | | | | | | | |
| 5 **Ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra** | | | | | | | | | | | | | |
| 6 **Assi fissi** | | | | | | | | | | | | | |
| 7 **Assi li jibqa'** | | | | | | | | | | | | | |

▼B

| KARTA TA' BILANĊ PARTITI | B. Stati Membri parteċipanti oħrajn | | | | | | | | | | | | | C. Bqija tad-dinja | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | MFIs | Mhux MFIs | | | | | | | | | | | | | |
| | | Gvern Ġenerali (S.13) | Setturi ta' residenti oħrajn | | | | | | | | | | | | |
| | | | Total | Intermedjarji finanzjarji oħrajn + awżiljarji oħrajn (S.123+S.124) | | | Kumpanniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + istituzzjonijiet mhux għal profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) | | | | | | |
| | | | | | li minnhom: CCP (4) | li minnhom: FVCs | | | Total | Kreditu għall-konsum | Self għal xiri ta' djar | Self ieħor | li minnhom: SP/UP (5) | | |
| ASSI | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 **Flus kontanti** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1e li minnhom euro | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 **Self** | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn 5 snin | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom: self sindakat | | | | | | | | | | | | | | | |
| li minnhom: repos | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2e li minnhom euro | | | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom: self revolving u overdrafts | | | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom kreditu ta' karti ta' kreditu ta' konvenjenza | | | | | | | | | | | | | | | |
| — li minnhom kreditu ta' karti ta' kreditu estiż | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 **Titoli li mhumiex ishma** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3e Titoli li mhumiex ishma | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3x Valuti barranin | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 **Ishma/unitajiet MMF** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 **Ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 **Assi fissi** | | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 **Assi li jibqa'** | | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Ċelloli markati b'* jiġu użati għall-kalkolu tal-bażi tar-riżerva. Rigward titoli ta' dejn. l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew jippreżentaw prova tal-passiv li jiġi eskluż mill-bażi ta' riżerva jew japplikaw tnaqqis standardizzat tal-persentaġġ fiss speċifikat mill-BĊE. Celloli b'tipa rqiqa jiġu rrappurtati biss minn istituzzjonijiet ta' kreditu bla ħsara għar-rekwiżiti tar-riżervi (RRs). Ara wkoll ir-regoli speċjali fuq l-applikazzjoni ta' riżervi minimi fl-Anness III tar-Regolament BĊE/2008/32.

(2) Ir-rappurtar ta' din il-partita huwa volontarju sa ma jsir avviż ieħor.

(3) Dejta taħt din il-partita tista' tkun suġġetta għall-proċeduri ta' ġbir statistiku differenti. kif jiddeċiedi l-BĊN skont ir-regoli li hemm fl-Anness I, Parti 2 tar-Regolament BĊE/2008/32.

(4) Kontropartijiet ċentrali

(5) Proprjetarji uniċi/soċjetajiet mhux inkorporati.

▼B

*Tabella 1a*

**Rappurtar semplifikat ta' data meħtieġa għall-ħtiġijiet ta' riżerva minima**

| | Bażi ta' riżerva kkalkulata bħala s-somma tal-kolonni li ġejjin fit-Tabella 1 (Passiv): (a)-(b)+(c)+(d)+(e)+(j)-(k)+(l)+(m)+(n)+(s) |
|---|---|
| PASSIV TAD-DEPOŻITI<br>(Euro u valuti barranin ikkombinati) | |
| 9 DEPOŻITI TOTALI<br>9.1e + 9.1 x<br>9.2e + 9.2 x<br>9.3e + 9.3 x<br>9.4e + 9.4 x | |
| li minnhom:<br>9.2e + 9.2 x bil-maturità miftiehma fuq sentejn | |
| li minnhom:<br>9.3e + 9.3 x jinfdew wara avviż fuq sentejn | Rappurtar volontarju |
| li minnhom:<br>9.4e + 9.4 x repos | |
| | Kwistjonijiet pendenti, kolonna (t) fit-Tabella 1 (Passiv) |
| STRUMENTI NEGOZJABBLI<br>(Euro u valuti barranin ikkombinati) | |
| 11 TITOLI TA' DEJN MAĦRUĠIN<br>11 e + 11 x bil-maturità miftiehma sa sentejn | |
| 11 DEBT SECURITIES ISSUED<br>11 e + 11 x bil-maturità miftiehma sa sentejn | |

6. **Verifika u ġbir obbligatorju**

Il-BĊE nnifsu u l-BĊNi normalment jeżercitaw il-kompetenza li jivverifikaw u jiġbru b'mod obbligatorju l-informazzjoni statistika kull meta l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità konċettwali u r-reviżjonijiet ma jkunux imħarsin. Dawn l-istandards minimi huma stabbiliti fl-Anness IV tar-Regolament BĊE/2008/32.

7. **Stati Membri tal-UE li l-valuta tagħhom mhijiex l-euro**

Billi regolament taħt l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-SEBĊ ma jikkonferixxix drittijiet jew ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri b'deroga (l-Artikolu 42.1 tal-Istatut tas-SEBĊ) u fuq id-Danimarka (paragrafu 1 tal-Protokoll dwar ċerti dispozizzjonijiet li jirrigwardaw id-Danimarka) u mhux applikabbli għar-Renju Unit (paragrafu 7 tal-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq), ir-Regolament BĊE/2008/32 japplika biss għall-Istati Membri parteċipanti.

▼B

Madankollu, l-Artikolu 5 tal-Istatut li jikkonċerna l-kompetenza tal-BĊE u l-BĊNi fil-qasam tal-istatistika u r-Regolament (KE) Nru 2533/98 japplikaw fl-Istati Membri kollha. Dan jimplika wkoll, flimkien mat-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat, obbligu fuq l-Istati Membri tal-UE li l-valuta tagħhom mhijiex l-euro biex jiddisinjaw u jimplimentaw fil-livell nazzjonali l-miżuri kollha li huma jqisu xierqa sabiex iwettqu l-ġbir tal-informazzjoni kollha statistika meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-rappurtar statistiku tal-BĊE u l-preparazzjonijiet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika sabiex ikunu jistgħu jsiru Stati Membri. Dan l-obbligu huwa espliċitu fl-Artikolu 4 u l-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dan l-obbligu speċjali jiġi mtenni fil-premessi tar-Regolament BĊE/2008/32.

▼B

*Appendiċi 5*

## IS-SITI ELETTRONIĊI TAL-EUROSISTEMA

| BANK ĊENTRALI | SIT ELETTRONIKU |
|---|---|
| European Central Bank | www.ecb.europa.eu |
| Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | www.nbb.be jew www.bnb.be |
| Deutsche Bundesbank | www.bundesbank.de |
| Eesti Pank | www.eestipank.ee |
| Central Bank of Ireland | www.centralbank.ie |
| Bank of Greece | www.bankofgreece.gr |
| Banco de España | www.bde.es |
| Banque de France | www.banque-france.fr |
| Banca d'Italia | www.bancaditalia.it |
| Central Bank of Cyprus | www.centralbank.gov.cy |
| Banque centrale du Lussemburgu | www.bcl.lu |
| Central Bank of Malta | www.centralbankmalta.org |
| De Nederlandsche Bank | www.dnb.nl |
| Oesterreichische Nationalbank | www.oenb.at |
| Banco de Portugal | www.bportugal.pt |
| Národná banka Slovenska | www.nbs.sk |
| Banka Slovenije | www.bsi.si |
| Suomen Pankki | www.bof.fi |

▼B

*Appendiċi 6*

**PROĊEDURI U SANZJONIJIET LI JIĠU APPLIKATI FIL-KAŻ TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ MAL-OBBLIGI TAL-KONTROPARTI**

▼M1

1. **Penalitajiet Finanzjarji**

Jekk kontroparti tikser ir-regoli dwar sejħiet għal offerti ([113]), tranżazzjonijiet bilaterali ([114]), l-użu ta' assi sottostanti ([115]), proċeduri ta' tmiem il-jum jew kundizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali ([116]), l-Eurosistema tapplika penalitajiet finanzjarji kif ġej:

(a) Għal ksur ta' regoli fir-rigward ta' sejħiet għal offerti, tranżazzjonijiet bilaterali u l-użu ta' assi sottostanti, għall-ewwel u t-tieni ksur li jseħħu fi żmien 12-il xahar għandha tiġi applikata penalità finanzjarja għal kull ksur. Il-penalitajiet finanzjarji huma kkalkolati billi tintuża r-rata ta' self marġinali li kienet applikabbli meta beda l-ksur biż-żieda ta' 2,5 punti ta' persentaġġ.

(i) Għal ksur ta' regoli fir-rigward ta' sejħiet għal offerti u tranżazzjonijiet bilaterali, il-penalitajiet finanzjarji jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont ta' kollateral jew kontanti illi l-kontroparti ma setgħetx tagħmel saldu tagħhom, immoltiplikat bil-koeffiċjenti X/360, fejn X huwa n-numru ta' jiem tal-kalendarju, b'massimu ta' sebgħa, li matulhom il-kontroparti ma setgħetx tikkollateralizza jew tforni l-ammont allokat matul il-maturità ta' operazzjoni. Tapplika penalità fissa ta' EUR 500 fejn il-kalkolazzjoni tirrizulta f'ammont ta' anqas minn EUR 500; u

(ii) Għal ksur ta' regoli fir-rigward tal-użu ta' assi sottostanti ([117]), il-penalitajiet finanzjarji jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont ta' assi ineliġibbli, jew assi li ma jistgħux jintużaw mill-kontroparti, illi huma jew: ipprovduti mill-kontroparti lil BĊN jew lill-BĊE; jew mhux imneħħija mill-kontroparti sa jew qabel il-bidu tat-tmiem jum tal-kalendarju wara li jkun seħħ illi l-assi eliġibbli jsiru ineliġibbli jew ma jistgħux jibqgħu jintużaw mill-kontroparti, immoltiplikat bil-koeffiċjenti X/360. Fejn X huwa n-numru ta' jiem tal-kalendarju, b'massimu ta' sebgħa, li matulhom il-kontroparti kienet qed tikser ir-regoli fir-rigward tal-użu ta' assi sottostanti. Tapplika penalità fissa ta' EUR 500 fejn il-kalkolazzjoni tirrizulta f'ammont ta' anqas minn EUR 500.

([113]) Dan japplika jekk kontroparti tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċenti ta' assi sottostanti jew flus kontanti (fejn applikabbli, fir-rigward ta' appell ta' marġini) biex isir saldu fil-jum tas-saldu, jew biex jiġi kkollateralizzat, sal-maturità tal-operazzjoni permezz ta' appelli ta' marġini korrispondenti, l-ammont ta' likwidità li tkun ġiet allokata f'operazzjoni li tipprovdi l-likwidità, jew jekk tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċenti ta' flus kontanti biex isir saldu tal-ammont li tkun ġiet allokata f'operazzjoni li tassorbi l-likwidità.

([114]) Dan japplika jekk kontroparti tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċenti ta' assi sottostanti eliġibbli jew jekk tonqos milli tittrasferixxi ammont suffiċenti ta' flus kontanti biex isir saldu tal-ammont miftiehem fi tranżazzjonijiet bilaterali, jew jekk tonqos milli tikkollateralizza tranżazzjoni bilaterali li għad trid issir sal-maturità tagħha permezz ta' appelli ta' marġini korrispondenti.

([115]) Dan japplika jekk kontroparti qed tuża assi li huma jew li saru ineliġibbli jew li ma jistgħux jintużaw mill-kontroparti, eż. minħabba rabtiet mill-qrib bejn, jew l-identità ta', l-emittent/il-garanti u l-kontroparti.

([116]) Dan japplika jekk kontroparti jkollha bilanċ negattiv fuq l-ammont tas-saldu fi tmiem il-jum u ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali.

([117]) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll fejn: (a) il-kontroparti qed tuża assi ineliġibbli jew tat informazzjoni li teffettwa l-valur tal-kollateral b'mod negattiv, eż dwar l-ammont li għad irid jitħallas ta' talba ta' kreditu użata li hija jew li kienet falsa jew skaduta; jew (b) il-kontroparti qed tuża assi li huma ineliġibbli minħabba rabtiet mill-qrib bejn l-emittent/il-garanti u l-kontroparti.

▼M1

(b) L-ewwel darba li jinkisru r-regoli għall-proċeduri ta' tmiem il-jum jew għall-aċċess għall-faċilità ta' self marġinali, il-penalitajiet finanzjarji applikabbli jiġu kkalkolati bl-użu tar-rata ta' self marġinali li kienet applikabbli meta beda l-ksur biż-żieda ta 5 punti ta' persentaġġ. Għal ksur repetut, ir-rata ta' imgħax tal-penalità tiżdied b'2,5 punti ta' persentaġġ oħra kull darba li dan iseħħ fi żmien 12-il xahar, ikkalkolata fuq il-bażi tal-ammont tal-aċċess mhux awtorizzat għall-faċilità ta' self marġinali. Tapplika penalità fissa ta' EUR 500 fejn il-kalkolazzjoni tirrizulta f'ammont ta' anqas minn EUR 500.

▼B

2. **Penalitajiet mhux finanzjarji**

L-Eurosistema għandha tissospendi kontroparti għal ksur tar-regoli relatati ma' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti u tranżazzjonijiet bilaterali, tar-regoli dwar l-assi sottostanti kif jingħad hawn taħt:

2.1. *Sospensjoni wara ksur tar-regoli relatati ma' operazzjonijiet ta' sejħiet għal offerti u tranżazzjonijiet bilaterali*

Jekk iseħħ it-tielet ksur tal-istess tip f'perijodu ta' 12-il xahar, l-Eurosistema għandha tissospendi kontropartijiet mill-operazzjoni(jiet) sussegwenti ta' suq miftuħ tal-istess tip u eżegwiti taħt l-istess proċeduri, li għandhom ikunu inizjati matul ċertu perjodu b'żieda ma' penalità finanzjarja kalkolata skont ir-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1. Is-sospensjoni għandha tiġi applikata skont l-iskala li ġejja:

(a) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti huwa sa 40 % tal-kollateral totali jew flus kontanti li għandhom jiġu kkunsinjati fl-okkażjoni tat-tielet ksur, għandha tiġi applikata sospensjoni ta' xahar;

(b) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti huwa bejn 40 % u 80 % tal-kollateral totali jew flus kontanti li għandhom jiġu kkunsinjati fl-okkażjoni tat-tielet ksur, għandha tiġi applikata sospensjoni ta' xahrejn; u

(c) jekk l-ammont ta' kollateral mhux kkunsinjat jew flus kontanti huwa bejn 80 % u 100 % tal-kollateral totali jew flus kontanti li għandhom jiġu kkunsinjati fl-okkażjoni tat-tielet ksur, għandha tiġi applikata sospensjoni ta' tliet xhur.

Dawn il-penalitajiet finanzjarji u l-miżuri ta' sospensjoni għandhom japplikaw ukoll, mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 2.4, għal kull ksur suċċessiv ieħor matul kull perijodu ta' 12-il xahar.

2.2. *Sospensjoni wara ksur tar-regoli dwar assi sottostanti*

Jekk it-tielet ksur iseħħ f'perjodu ta' 12-il xahar, l-Eurosistema għandha tissospendi lill-kontroparti mill-operazzjoni ta' suq miftuħ sussegwenti flimkien ma' penalità finanzjarja kalkolata skont it-Taqsima 1 hawn fuq.

Dawn il-penalitajiet finanzjarji u l-miżuri ta' sospensjoni għandhom japplikaw ukoll, minghajr pregudizzju għat-Taqsima 2.3, għal kull ksur suċċessiv ieħor matul kull perijodu ta' 12-il xahar.

2.3. *Sospensjoni mill-aċċess għall-operazzjonijiet kollha ta' politika monetarja għal ċertu perijodu f'każijiet eċċezzjonali*

F'każijiet eċċezzjonali fejn ikun meħtieġ minħabba n-natura serja tal-każ(ijiet) ta' nonkonformità, u waqt li jitqiesu b'mod partikolari l-ammonti involuti, l-frekwenza jew it-tul tal-każijiet ta' nonkonformità, tista' tiġi kkunsidrata, flimkien mal-penalità finanzjarja kalkolata skont it-Taqsima 1 ta' hawn fuq, is-sospensjoni ta' kontroparti mill-aċċess għal operazzjonijiet tal-politika monetarja futuri għal perijodu ta' tliet xhur.

2.4. *Istituzzjonijiet li jinsabu fi Stati Membri oħrajn*

L-Eurosistema tista' tiddeċiedi wkoll jekk il-miżura ta' sospensjoni proposta li għandha tittieħed fil-konfront tal-kontroparti li ma tkunx konformi għandhiex tapplika wkoll għall-fergħat tal-istess istituzzjoni li tinsab fi Stati Membri oħrajn.

▼M1

*Appendiċi 7*

**ĦOLQIEN TA' TITOLU VALIDU FUQ TALBIET TA' KREDITU**

Biex jiġi żgurat illi jinħoloq interess f'titolu validu fuq talbiet ta' kreditu u li t-talbiet ta' kreditu jistgħu isiru malajr f'każ ta' inadempjenza tal-kontroparti, iridu jiġu sodisfatti r-rekwiżiti legali addizzjonali li ġejjin:

(a) *Verifika tal-eżistenza ta' talbiet ta' kreditu:* Bħala minimu, BĊNi għandhom jużaw il-miżuri addizzjonali li ġejjin biex jivverifikaw l-eżistenza ta' talbiet ta' kreditu ppreżentati lill-Eurosistema bħala kollateral: (i) ċertifikazzjoni minnha stess u l-impenn tal-kontroparti mal-BĊN, tal-anqas kull trimestru, li tikkonferma l-eżistenza ta' talbiet ta' kreditu ppreżentati bħala kollateral, li jistgħu jiġu sostitwiti minn kross-verifiki ta' informazzjoni miżmuma f'reġistri tal-kreditu ċentrali, fejn dawn jeżistu; (ii) verifika ta' darba minn BĊNi, superviżuri jew awdituri esterni tal-proċeduri użati mill-kontroparti biex tippreżenta l-informazzjoni dwar l-eżistenza ta' talbiet ta' kreditu lill-Eurosistema; (iii) verifiki għall-għarrieda mill-BĊNi, reġistri tal-kreditu relevanti, superviżuri jew awdituri esterni dwar l-kwalità u l-preċiżjoni taċ-ċertifikazzjoni minnhom stess.

Iċ-ċertifikazzjoni minnhom stess fuq bażi trimestrali u l-impenn taħt (i) aktar 'il fuq jinkludu r-rekwiżit li l-kontropartijiet tal-Eurosistema jagħmlu dan li ġej bil-miktub:

(i) jikkonfermaw u jiggarantixxu l-konformità ta' talbiet ta' kreditu ppreżentati lil BĊN mal-kriterji tal-eliġibbiltà applikati mill-Eurosistema;

(ii) jikkonfermaw u jiggarantixxu illi ebda talba ta' kreditu ppreżentata bħala attiv sottostanti ma tintuża fl-istess ħin bħala kollateral għall-benefiċċju ta' xi terza persuna u jimpenjaw ruħhom illi l-kontroparti ma tressaqx xi talba għal kreditu bħala kollateral lil xi terza persuna;

(iii) jikkonfermaw u jiggarantixxu illi jikkomunikaw immedjatament lill-BĊN, imma mhux aktar tard minn matul il-jum ta' negozju li jmiss, kull avveniment illi jeffettwa b'mod materjali r-relazzjoni kuntrattwali attwali bejn il-kontroparti u l-BĊN relevanti, b'mod partikolari ħlasijiet lura li huma bikrija, parzjali jew totali, downgrades u bidliet materjali fil-kundizzjonijiet tat-talba ta' kreditu.

Biex dawn il-kontrolli jseħħu skont (ii) u (ii), is-superviżuri, il-BĊNi jew l-awdituri esterni għandhom ikunu awtorizzati biex jagħmlu din l-investigazzjoni, permezz ta' kuntratt jekk meħtieġ jew skont ir-rekwiżiti nazzjonali applikabbli.

(b) *Validità tal-ftehim biex jitressqu talbiet ta' kreditu*; Il-ftehim biex titressaq talba ta' kreditu bħala kollateral trid ukoll tkun valida bejn il-partijiet (min jittrasferixxi u d-destinatarju tat-trasferiment) fil-liġi nazzjonali. Il-formalitajiet legali l-oħra kollha neċessarji biex tiġi żgurata l-validità tal-ftehim u biex jiġi żgurat li talba ta' kreditu titressaq bħala kollateral, minbarra n-notifika u r-reġistrazzjoni, għandhom ikunu sodisfatti.

(c) *Effett sħiħ tat-tressiq fir-rigward ta' terzi persuni:* fir-rigward tan-notifika tad-debitur dwar it-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ġurisdizzjonijiet differenti involuti, huma meħtieġa dawn li ġejjin:

(i) F'ċerti Stati Membri fejn in-notifika ta' debitur tat-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral hija meħtieġa sabiex tkun effettiva bis-sħiħ fir-rigward ta' terzi persuni, u b'mod partikolari għall-prijorità tal-interess tat-titolu tal-BĊN fir-rigward ta' kredituri oħrajn, kif speċifikat mid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli, notifika ex ante tad-debitur hija meħtieġa bil-quddiem jew fil-ħin li jsir it-tressiq attwali tat-talba ta' kreditu bħala kollateral;

▼M1

(ii) Fi Stati Membri oħrajn fejn ir-reġistrazzjoni pubblika tat-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral hija meħtieġa sabiex tkun effettiva bis-sħiħ fir-rigward ta' terzi persuni, u b'mod partikolari għall-prijorità tal-interess tat-titolu tal-BĊN fir-rigward ta' kredituri oħrajn, kif speċifikat mid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli, din ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa bil-quddiem jew fil-ħin li jsir it-tressiq attwali tat-talba ta' kreditu bħala kollateral;

(iii) Finalment, fi Stati Membri fejn notifika ex ante tad-debitur jew ir-reġistrazzjoni pubblika tat-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral mhijiex meħtieġa skont (i) u (ii), kif speċifikat minn dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli, hija meħtieġa notifika ex post tad-debitur. Notifika ex post tad-debitur teħtieġ illi d-debitur jiġi notifikat mill-kontroparti tal-BĊN (kif speċifikat mid-dokumentazzjoni nazzjonali) dwar it-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral mill-kontroparti għall-benefiċċju tal-BĊN immedjatament wara avveniment kreditizju. "Avveniment kreditizju" tfisser inadempjenza jew avvenimenti simili kif definit aktar mid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

Ma hemm l-ebda ħtieġa ta' notifika f'każijiet fejn it-talbiet ta' kreditu huma strumenti bearer li għalihom il-liġi nazzjonali applikabbli ma teħtieġx notifika. F'dawn il-każijiet, il-BĊN konċernat jista' jeħtieġ illi dawn l-istrumenti bearer jiġu trasferiti fiżikament lilu jew lil terza persuna bil-quddiem jew fil-ħin tat-tressiq attwali bħala kollateral.

Il-fuq imsemmija huma rekwiżiti minimi. BĊNi jistgħu jiddeċiedu li jeħtieġu notifika ex ante jew reġistrazzjoni minbarra l-każijiet fuq imsemmija, kif speċifikat minn dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

Il-formalitajiet legali oħrajn neċessarji biex jiġi żgurat it-tressiq ta' talba ta' kreditu bħala kollateral, minbarra n-notifika u r-reġistrazzjoni, għandhom ikunu sodisfatti.

(d) *Assenza ta' restrizzjonijiet marbutin mas-segretezza bankarja u l-kunfidenzjalità:* Il-kontroparti m'għandhiex tkun taħt obbligu biex tikseb l-approvazzjoni tad-debitur għall-iżvelar ta' informazzjoni dwar it-talba ta' kreditu u d-debitur li hija meħtieġa mill-Eurosistema għall-finijiet li jiġi żgurat illi jinħoloq titolu validu fuq talbiet ta' kreditu u li t-talbiet ta' kreditu jistgħu jimmaterjalizzaw b'ħeffa f'każ ta' inadempjenza ta' kotnroparti. Il-kontroparti u d-debitur għandhom jaqblu b'mod kuntrattwali illi d-debitur, mingħajr ebda kundizzjoni, jaċċetta l-iżvelar lill-Eurosistema ta' dawn id-dettalji dwar it-talba ta' kreditu u d-debitur. Ebda provvediment bħal dan ma huwa meħtieġ jekk ma hemm ebda regoli li jirrestrinġu l-għoti ta' informazzjoni bħal din taħt il-liġi nazzjonali, kif speċifikat fid-dokumentazzjoni nazzjonali applikabbli.

(e) *Nuqqas ta' restrizzjonijiet dwar it-tressiq tat-talba ta' kreditu:* Il-kontropartijiet għandhom jiżguraw illi talbiet ta' kreditu huma trasferibbli bis-sħiħ u jistgħu jitressqu mingħajr restrizzjoni bħala kollateral għall-benefiċċju tal-Eurosistema. M'għandu jkun hemm ebda dispożizzjonijiet restrittivi dwar it-tressiq fil-ftehim dwar it-talba ta' kreditu jew f'arranġamenti kuntrattwali oħrajn bejn il-kontroparti u d-debitur, sakemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistipulax illi restrizzjonijiet kuntrattwali bħal dawn huma mingħajr preġudizzju għall-Eurosistema fir-rigward tat-tressiq ta' kollateral.

(f) *Nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq ir-realizzazzjoni tat-talba ta' kreditu:* Il-ftehim dwar it-talba ta' kreditu jew arranġamenti kuntrattwali oħrajn bejn il-kontroparti u d-debitur m'għandhomx ikun fihom restrizzjonijiet fir-rigward tar-realizzazzjoni tat-talba ta'kreditu użata bħala kollateral, inkluż kull forma, ħin jew rekwiżit ieħor fir-rigward tar-realizzazzjoni.

▼M1

*Appendiċi 8*

**REKWIŻITI TA' RAPPORTAR TA' DEJTA DWAR IL-LIVELL TA' SELF GĦAL TITOLI GGARANTITI MINN ASSI**

Dejta dwar il-livell ta' self tiġi ppreżentata lil u ppubblikata elettronikament fir-repożitorju tad-dejta dwar il-livell ta' self b'konformità mar-rekwiżiti tal-Eurosistema, *inter alia*, aċċess miftuħ, kopertura, non-diskriminazzjoni, struttura ta' governanza xierqa, trasparenza, u indikata bħala tali mill-BĊE, skont ir-rekwiżiti stipulati f'dan l-Appendiċi. Għal dan il-għan, jintuza l-galvu relevanti għar-rappurtar ta' dejta dwar il-livell ta' self għal kull tranżazzjoni individwali, skont il-klassi ta' assi li tinkludi l-pul ta' assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti ([118]).

Id-dejta dwar il-livell ta' self għandu jiġi rappurtat tal-anqas fuq bażi trimestrali, mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha hu dovut il-ħlas ta' imgħax fuq it-titolu ggarantit minn assi in kwistjoni. Jekk dejta dwar il-livell ta' self ma tiġix irrappurtata jew aġġornata fi żmien xahar wara id-data tal-ħlas tar-rata ta' imgħax relevanti, allura t-titolu ggarantit minn assi ma jibqax eliġibbli. Sabiex tiġi żgurata konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, ir-repożitorju ta' dejta dwar il-livell ta' self għandu jagħmel kontrolli awtomatizzati tal-konsistenza u l-preċiżjoni fuq rapporti ta' dejta dwar il-livell ta' self li hija ġdida u/jew aġġornata għal kull tranżazzjoni.

Mid-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar ta' dejta dwar il-livell ta' self għal titoli ggarantiti minn assi, jiġifieri il-klassi ta' assi relevanti skont il-galvu, informazzjoni dettaljata fir-rigward tal-pul ta' assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti fuq livell ta' self b'self għandu jingħata biex titolu ggarantit minn assi isir jew jibqa' eliġibbli. Fi żmien tliet xhur it-tiolu ggarantit minn assi għandu jikseb livell ta' konformità minimu obbligatorju, ivvalutat b'referenza għad-disponibbiltà ta' informazzjoni f'oqsma ta' dejta partikolari tal-galvu għar-rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self. Sabiex jinqabdu oqsma li mhumiex disponibbli, sett ta' sitt opzjonijiet "Ebda dejta" (ND –No data) huwa inkluż f'kull galvu ta' dan it-tip u għandhom jintużaw kull meta dejta partikoalri ma tistax tiġi ppreżentata skont il-galvu. Hemm ukoll is-seba' opzjoni ND li tapplika biss għall-galvu CMBS.

L-opzjonijiet ND u t-tifsiriet tagħhom huma stipulati fit-tabella li ġejja:

| Opzjonijiet "Ebda dejta" | Spjegazzjoni |
|---|---|
| ND1 | Dejta mhux miġbura għax mhux meħtieġa mill-kriterji ta' sottoskrizzjoni |
| ND2 | Dejta miġbura fl-applikazzjoni imma mhux mitfuha fis-sistema ta' rapportar meta titlesta. |
| ND3 | Dejta miġbura fl-applikazzjoni imma mitfuha f'sistema separata minn dik ta' rapportar |
| ND4 | Dejta miġbura imma disponibbli biss minn SSSS-XX |
| ND5 | Mhux relevanti |
| ND6 | Mhux applikabbli għall-ġurisdizzjoni |
| ND7 | Għal self CMBS biss b'valur ta' anqas minn EUR 500 000, jiġifieri l-valur tal-bilanċ kollu tas-self kummerċjali meta oriġina |

([118]) Il-verżjonijiet relevanti tal-galvi għar-rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self għall-klassijiet ta' assi speċifiċi huma ppubblikati fil-websajt tal-BĊE.

▼M1

Il-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur li ġej japplika lit-titoli kollha ggarantiti minn assi (ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' dejta dwar il-livell ta' self japplikaw għall-klassi ta' assi relevanti skont id-data):

— l-ewwel trimestru wara d-data li fiha japplikaw ir-rekwiżiti huwa perijodu ta' prova. Dejta dwar il-livell ta' self għandha tiġi rapportata, iżda ma hemm ebda limiti speċifiċi fir-rigward tan-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 sa ND7,

— fit-tieni trimestru, in-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 ma jistgħux jaqbżu 30 % tan-numru totali ta' oqsma obbligatorji u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4 ma jistgħux jaqbżu 40 % tan-numru totali ta' oqsma obbligatorji,

— fit-tieni trimestru, in-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 ma jistgħux jaqbżu 10 % tan-numru totali ta' oqsma obbligatorji u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4 ma jistgħux jaqbżu 20 % tan-numru totali ta' oqsma obbligatorji,

— fi tmiem il-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur, m'għandux ikun hemm oqsma obbligatorji fid-dejta dwar il-livell ta' self li jkun fih valuri ND1, ND2, ND3 jew ND4 għal tranżazzjoni individwali.

Bl-applikazzjoni ta' dawn il-limiti minimi, ir-repożitorju tad-dejta dwar il-livell ta' self ser jiġġenera u jassenja punteġġ lil kull tranżazzjoni ta' titolu ggarantit minn assi malli tiġi ppreżentata u pproċessata d-dejta dwar il-livell ta' self. Dan il-punteġġ ser jirrifletti n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND1 u n-numru ta' oqsma obbligatorji li fihom ND2, ND3 jew ND4, f'kull każ ipparagunati man-numru totali ta' oqsma obbligatorji. F'dan ir-rigward, l-opzjonijiet ND5, ND6 u ND7 jistgħu jintużaw biss jew l-oqsma ta' dejta relevanti fil-galvu għar-rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self jippermettu dan. Il-kombinazzjoni tar-referenzi għaż-żewġ limiti minimi tipproduċi l-firxa li ġejja ta' punteġġi tad-dejta dwar il-livell ta' self:

| Matriċi tal-valur tal-punteġġ | | Oqsma ND1 | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 0 | ≤ 10 % | ≤ 30 % | > 30 % |
| ND2 jew ND3 jew ND4 | 0 | A1 | B1 | C1 | D1 |
| | ≤ 20 % | A2 | B2 | C2 | D2 |
| | ≤ 40 % | A3 | B3 | C3 | D3 |
| | > 40 % | A4 | B4 | C4 | D4 |

Skont il-perijodu tranżitorju stipulat aktar 'il fuq, il-punteġġ għandu jitjieb b'mod gradwali għal kull trimestru, skont il-ħarsa ġenerali li ġejja:

| Kronoloġija | Valur tal-punteġġ (trattament ta' eliġibbiltà) |
|---|---|
| l-ewwel trimestru (preżentazzjoni inizzjali) | (ebda limitu minimu infurzat) |
| it-tieni trimestru | C3 (bħala miminu) |
| it-tielet trimestru | B2 (bħala miminu) |
| mir-raba' trimestru 'l quddiem | A1 |

Għal titoli ggarantiti minn ipoteki residenzjali (RMBS — residential-mortgage backed securities), ir-rekwiżiti ta' informazzjoni self b'self għandhom japplikaw mit-3 ta' Jannar 2013 u l-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur jintemm fit-30 ta' Settembru 2013.

Għal titoli ggarantiti minn assi fejn l-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti jinkludu self lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME), ir-rekwiżiti ta' informazzjoni self b'self ser japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012 u l-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur jintemm fit-30 ta' Settembru 2013.

▼M1

Għal titoli ggarantiti minn ipoteki kummerċjali (CMBS commercial mortgage-backed securities), ir-rekwiżiti ta' informazzjoni self b'self għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu 2013 u l-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur jintemm fit-30 ta' Novembru 2013.

Għal titoli ggarantiti minn assi fejn l-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti jinkludu self lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni self b'self ser japplikaw mill-1 ta' Jannar 2012 u l-perijodu tranżitorju ta' disa' xhur jintemm fit-30 ta' Settembru 2014.

▼M2

Għal titoli ggarantiti minn assi fejn l-assi li jiġġeneraw il-fluss ta' flus kontanti jinkludu ammonti riċevibbli fuq kards ta' kreditu, il-ħtiġijiet ta' informazzjoni self b'self ser japplikaw mill-1 ta' April 2014 u l-perjodu tranżitorju ta' disa' xhur jintemm fil-31 ta' Diċembru 2014.

▼M1

Titoli ggarantiti minn assi maħruġin aktar tard minn disa' xhur wara d-data li fiha japplikaw ir-rekwiżiti ġodda ta' rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self [119] għandhom jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti ta' rapportar sa mil-preżentazzjoni inizzjali ta' dejta dwar il-livell ta' self, jiġifieri mal-ħruġ. Tranżazzjonijiet ta' titoli ggarantiti minn assi li diġa' jeżistu u li ma jikkonformawx ma' xi wieħed mill-galvi għar-rapportar ta' dejta dwar il-livell ta' self ser jibqgħu eliġibbli sal-31 ta' Marzu 2014. L-Eurosistema ser tivvaluta każ b'każ jekk titolu partikolari ggarantit minn assi jistax jibbenefika minn din id-dispożizzjoni ta' anterjorità.

[119] ►M2 jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2013 għal RMBS u l-SMEs, fit-30 ta' Novembru 2013 għas-CMBS, fit-30 ta' Settembru 2014 għal self għax-xiri ta' karozzi, self għall-finanzjament tal-konsumatur u ammonti riċevibbli għal kiri, u l-31 ta' Diċembru 2014 għall-ammonti riċevibbli fuq kards t' kreditu. ◄

▼B

*ANNESS II*

## KARATTERISTIĊI KOMUNI MINIMI ADDIZZJONALI

I. **Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali applikabbli għall-arranġamenti kollha għal operazzjonijiet ta' politika monetarja**

1. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jiżguraw li termini jew kondizzjonijiet standard tiegħu jkunu applikabbli għal operazzjonijiet ta' politika monetarja.

2. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikabbli mill-BĊN għandhom jiżguraw li l-BĊNi ikunu jistgħu jimplimentaw kull emenda għall-qafas tal-politika monetarja mingħajr dewmien żejjed. Għandu jkun hemm il-faċilità biex jiġi kkomunikat avviż ta' dawk il-bidliet, b'ċertezza dwar il-mument li fih ikollu effett legali, lill-kontropartijiet.

3. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jistipulaw li l-ħlasijiet kollha li jirrigwardaw operazzjonijiet ta' politika monetarja (minbarra ħlasijiet f'valuta barranija fi ftehim dwar swaps ta' kambju barrani) għandhom ikunu fl-ewro.

4. Jekk ikun meħtieġ li jiġu kkostitwiti t-tranżazzjonijiet kollha taħt il-ftehim bħala arranġament wieħed kuntrattwali u/jew li jiġi kkostitwit il-ftehim bħala ftehim prinċipali sabiex ikun permess l-għeluq effettiv u l-innettjar tat-terminazzjoni, dik id-dispożizzjoni għandha tkun inkluża.

5. L-arrangamenti kuntrattwali jew regolatorji rilevanti applikati mill-BĊN għandhom jiżguraw li, fir-relazzjoni bejn l-BĊN u l-Kontropartijiet, jkun hemm fis-seħħ regoli adattati u mhux ambigwi li jirrigwardaw l-użu ta' forom (inkluża l-konferma ta' termini ta' tranżazzjonijiet), u dawk li jġorru d-dejta u l-mezzi u l-modi speċifiċi ta' komunikazzjoni.

6. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikabbli mill-BĊN tal-anqas għandhom jipprovdu każijiet ta' inadempjenza li ma jkunux materjalment differenti minn dan li ġej:

   (a) tittieħed deċiżjoni mill-awtorità ġudizzjarja jew awtorità oħra kompetenti għall-implimentazzjoni fir-rigward tal-Kontroparti ta' proċedura għall-istralċ tal-Kontroparti jew il-ħatra ta' stralċjarju jew uffiċjal analogu fuq il-Kontroparti jew xi proċedura oħra analoga; jew

   (b) tittieħed deċiżjoni mill-awtorità ġudizzjarja jew awtorità oħra kompetenti għall-implimentazzjoni fir-rigward tal-Kontroparti ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċedura analoga oħra maħsuba biex tissalvagwardja jew treġġa' lura s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kontroparti u li jiġi evitat li tittieħed deċiżjoni tat-tip imsemmija fl-(a) iktar 'il fuq; jew

   (c) dikjarazzjoni mill-Kontroparti bil-miktub dwar l-inabbiltà tagħha li tħallas id-djun tagħha kollha jew parti minnhom jew li tħares l-obbligi tagħha li joħorġu fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' politika monetarja, jew ftehim volontarju ġenerali jew arranġament li tidħol fih mal-kredituri tagħha, jew jekk il-Kontroparti tkun, jew titqies li tkun insolventi jew titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha; jew

   (d) passi proċedurali qabel deċiżjoni taħt l-(a) jew (b) ta' iktar 'il fuq; jew

   (e) kwalunkwe rappreżentazzjoni jew dikjarazzjoni oħra prekuntrattwali magħmula mill-Kontroparti jew li huwa mifhum li tkun saret mill-Kontroparti taħt dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli tkun skorretta jew mhux vera; jew

   (f) l-awtorizzazzjoni tal-Kontroparti biex twettaq attivitajiet skont jew id-Direttiva 2006/48/KE jew id-Direttiva 2004/39/KE, kif implimentata fl-Istat Membru relevanti tal-Eurosistema rispettivament, hija sospiża jew irrevokata; jew

   (g) il-Kontroparti tiġi sospiża jew imkeċċija mis-sħubija ta' xi sistema ta' ħlas jew arranġament li bih ħlasijiet taħt tranżazzjonijiet ta' politika monetarja jsiru jew (ħlief tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani) tiġi sospiża jew imkeċċija minn sħubija ta' xi sistema ta' settlement ta' titoli użati għas-settlement ta' tranżazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema; jew

   (h) miżuri bħal dawk imsemmija fl-Artikoli 30, 31, 33 u 34 tad-Direttiva 2006/48/KE huma kontra l-Kontroparti; jew

▼B

(i) (fir-rigward ta' tranżazzjonijiet irriversjati) il-Kontroparti tonqos li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw miżuri tal-kontroll tar-riskju; jew

(j) (fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid) il-Kontroparti tonqos li tħallas il-prezz tax-xiri jew il-prezz tax-xiri mill-ġdid jew tonqos milli tikkunsinja assi mixtrija jew mixtrija mill-ġdid; jew (fir-rigward ta' self kollateralizzat) il-Kontroparti tonqos li tikkunsinja assi jew li tirrimborża l-kreditu fid-dati rispettivament applikabbli għal dawk il-ħlasijiet u kunsinni; jew

(k) (fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani u depożiti b'terminu fiss ta' żmien) il-Kontroparti tonqos milli tħallas l-ammont f'euro jew (fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani) tonqos milli tħallas l-ammonti ta' valuta barranija fid-dati applikabbli għal dawk il-ħlasijiet; jew

(l) jiġri każ ta' inadempjenza (mhux materjalment differenti minn dak definit f'din il-klawżola 6) fir-rigward tal-Kontroparti taħt ftehim konkluż għall-finijiet tal-amministrazzjoni tar-riżervi barranin jew fondi proprji ta' xi membru tal-Eurosistema; jew

(m) il-Kontroparti tonqos milli tipprovdi informazzjoni relevanti u b'hekk toħloq konsegwenzi serji għall-BĊN konċernat; jew

(n) il-Kontroparti tonqos li twettaq xi obbligi oħra tagħha taħt arranġamenti għal tranżazzjonijiet irriversjati u tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani u (jekk jista' jkun hemm rimedju) ma tirrimedjax għal dak in-nuqqas f'massimu ta' 30 jum fil-każ ta' tranżazzjonijiet kollateralizzati u massimu ta' 10 ijiem għal tranżazzjonijiet ta' swap tal-kambju barrani wara li tingħata avviż mill-BĊN biex tagħmel dan; jew

(o) iseħħ każ ta' inadempjenza fir-rigward tal-Kontroparti f'xi ftehim ma' xi membru ieħor tal-Eurosistema li tkun daħlet fih għall-finijiet li twettaq operazzjonijiet ta' politika monetarja li fir-rigward tagħhom dak il-membru l-ieħor tal-Eurosistema jkun eżerċita d-dritt tiegħu li jagħlaq xi tranżazzjoni taħt dak il-ftehim minħabba il-każ ta' inadempjenza; jew

(p) il-Kontroparti ssir suġġetta għall-iffrizar tal-fondi u/jew miżuri oħrajn imposti mill-UE taħt l-Artikolu 75 tat-Trattat li jirrestringi l-kapaċità tal-Kontroparti li tuża l-fondi tagħha; jew

(q) il-Kontroparti ssir suġġetta għall-iffrizar ta' fondi u/jew miżuri oħra imposti minn Stat Membru skont l-Artikolu 60(2) tat-Trattat li jirrestringu l-abbiltà tal-Kontroparti li tuża l-fondi tagħha; jew

(r) l-assi kollha jew parti sostanzjali minnhom tal-Kontroparti huma suġġetti għal ordni ta' iffrizar, sekwestru, qbid jew kull procedura oħra li hija maħsuba biex tipproteġi l-interess pubbliku jew id-drittijiet tal-kredituri tal-Kontroparti; jew

(s) l-assi kollha jew parti sostanzjali minnhom tal-Kontroparti huma assenjati lil entità oħra; jew

(t) kull każ ieħor imminenti jew eżistenti li jekk isseħħ ihedded it-twettiq mill-Kontroparti tal-obbligi tagħha skont l-arranġament li hija tkun daħlet fih bl-iskop li teffettwa operazzjonijiet tal-politika monetarja jew kull regoli oħra li tapplika għar-relazzjoni bejn il-Kontroparti u xi wieħed mill-banek ċentrali tal-Eurosistema.

Il-każijiet (a) u (p) għandhom ikunu awtomatiċi; il-każijiet (b), (c) u (q) jistgħu jkunu awtomatiċi; il-każijiet (d) sa (o) u (r) sa (t) ma jistgħux ikunu awtomatiċi u għandhom ikunu diskrezzjonali (jiġifieri magħmula biss wara n-notifika tal-avviż tal-inadempjenza). Dan l-avviż ta' inadempjenza jista' jipprovdi "perijodu ta' grazzja" sa massimu ta' tlett ijiem tan-negozju biex jiġi rranġat il-każ inkwistjoni. Għal każijiet ta' inadempjenza li huma diskrezzjonali, id-dispożizzjonijiet dwar l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni għandhom jipprovdu ċertezza dwar l-effett ta' dak l-eżerċizzju.

▼B

7. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jiżguraw li fil-każ li sseħħ inadempjenza, il-BĊN jkun intitolat li jeżerċita ir-rimedji li ġejjin:

(a) jissospendi, jillimita jew jeskludi l-Kontroparti mill-aċċess għal operazzjonijiet ta' suq miftuħ;

(b) jissospendi, jillimita jew jeskludi lill-Kontroparti mill-aċċess għall-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema;

(c) itemm il-ftehim u t-tranżazzjonijiet kollha pendenti; jew

(d) jitlob it-twettiq aċċellerat tal-klejms li ma jkunux għadhom immaturaw jew li huma kontinġenti.

Barra minn dan, il-BĊN jista' jkun intitolat li jeżerċita r-rimedji li ġejjin:

(a) juża d-depożiti tal-Kontroparti mqiegħda mal-BĊN biex ipaċi klejms kontra dik il-Kontroparti;

(b) jissospendi t-twettiq tal-obbligi kontra l-Kontroparti sakemm il-klejm fuq il-Kontroparti tkun ġiet sodisfatta;

(c) jikklejmja l-imgħax tan-nuqqas; jew

(d) jew jikklejmja indenniz għal kull telf li jirrizulta bħala konsegwenza ta' inadempjenza mill-Kontroparti.

L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji rilevanti applikati mill-BĊN għandhom jiżguraw illi f'kaz ta' inadempjenza, dak il-BĊN għandu jkun f'pożizzjoni legali sabiex jirrealizza l-assi kollha pprovduti bħala kollateral mingħajr dewmien żejjed u b'tali mod li l-BĊN ikun intitolat jirrealizza l-valur tal-kreditu pprovdut, jekk il-Kontroparti ma tħallasx il-bilanċ negattiv tagħha fil-pront. Sabiex jiżgura l-implimentazzjoni uniformi tal-mizuri imposti, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE jista' jiddeciedi dwar ir-rimedji, inklużi s-sospensjoni, il-limitazzjoni jew l-esklużjoni mill-aċċess għall-operazzjonijiet ta' suq miftuħ jew għall-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema.

8. L-arranġementi kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jiżguraw li l-BĊN jkun jista' jikseb kull informazzjoni relevanti mill-Kontropartijiet fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' politika monetarja tal-Eurosistema.

9. L-arranġementi kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu li l-avviżi kollha u komunikazzjonijiet oħra jkunu bil-miktub u/jew f'forma elettronika. L-arranġementi relevanti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu ċertezza dwar kif l-avviżi jew komunikazzjonijiet oħra għandhom jingħataw, u minn meta jkollhom effett. Kull perjodu li warajh ikollhom effett m'għandux ikun hekk twil li jibdel l-effett ekonomiku tal-arranġamenti meħuda kollha flimkien. B'mod partikolari, l-konferma għandha tingħata minnufih u titwassal u tiġi vverifikata minnufih.

10. L-arranġementi kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu li d-drittijiet u l-obbligi tal-Kontroparti ma jiġux assenjati, iċċarġjati jew xort'oħra ttrattati mill-Kontroparti mingħajr il-kunsens minn qabel bil-miktub tal-BĊN.

11. L-arranġementi kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu li l-BĊN biss u l-Kontroparti identifikata jkollhom drittijiet u obbligi li joħorġu taħt it-tranżazzjoni (iżda wara li jiġu permessi relazzjonijiet bejn l-BĊNi (u/jew il- BĊE) li joħorġu minn użu transkonfinali ta' assi eliġibbli kif wkoll kif meħtieġ għal operazzjonijiet effetwati mal-kontropartijiet waqt li jaġixxu permezz ta' istituzzjoni ta' netwerking).

▼B

12. L-arranġamenti kuntrattali rilevanti mill-BĊN għandhom jistipulaw li l-liġi li tirregola l-arranġamenti relevanti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN u għat-tranżazzjonijiet kollha taħt dawk l-arranġamenti għandhom (ħlief fejn l-użu transkonfinali ta' assi eliġibbli jeħtieġ mod ieħor) ikunu dawk tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-BĊN, u l-post tar-riżoluzzjoni tat-tilwim għandu, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni, jkun l-qrati uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

13. L-arranġamenti ta' depożitu għandhom jispeċifikaw li s-settlement (kemm dak li jidħol u dak li joħroġ) ta' depożiti ta' terminu fiss iseħħ fil-jiem speċifikati fit-tħabbira tal-BĊE tal-operazzjoni tad-depożitu.

II. **Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali għal tranżazzjonijiet irriversjati**

*Karatteristiċi komuni għat-tranżazzjonijiet irriversjati kollha*

14. Id-data tal-parti tal-irriversjar ta' tranżazzjoni għandha tkun iffissata fiż-żmien tad-dħul f'kull tranżazzjoni.

15. L-arrangamenti kuntrattwali jew regolatorji rilevanti applikati mill-BĊN għandhom jiddefinixxu "jum tan-negozju" bhala, fir-rigward ta' obbligu biex isir ħlas, kwalunkwe jum li fih it-TARGET2 huwa operattiv biex isir dan il-ħlas u, fir-rigward ta' obbligu biex jintbagħtu assi, kull jum meta s-sistemi tas-settlement tat-titoli li permezz tagħhom isir il-ħlas ikunu miftuħin għan-negozju fil-post fejn għandhom jiġu rċevuti t-titoli rilevanti.

16. Il-mekkaniżmu għall-bdil ta' ammonti mhux tal-euro f'euro għandhom jispeċifikaw li r-rata li għandha tintuża hija r-rata ta' referenza ta' kull jum tal-kambju tal-euro tal-BĊE jew, jekk ma tkunx disponibbli, ir-rata fil-mument ta' kambju indikata mill-BĊE fil-jum tan-negozju qabel il-jum li fih il-konverżjoni għandha ssir għall-bejgħ minnu ta' euro kontra x-xiri minnu tal-valuta l-oħra.

*Karatterisitiċi esklussivi għal tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid*

17. Għandu jkun hemm bejgħ ta' assi eliġibbli kontra flus kontanti, flimkien ma' ftehim simultanju li jsir bejgħ lura kontra assi ekwivalenti ta' euro fi flus kontanti f'ħin speċifikat.

18. L-obbligu ta' bejgħ lura ta' assi ekwivalenti għandu jiddefinixxi dik l-ekwivalenza li jkunu assi tal-istess persuna li tagħmel il-ħruġ, li jiffurmaw parti mill-istess ħruġ (irrispettivament mid-data tal-ħruġ) u li jkunu ta' tip identiku, valur nominali, ammont u deskrizzjoni bħal dawk l-assi li magħhom isir il-paragun. Jekk l-assi li fir-rigward tagħhom isir il-paragun ikunu ġew ikkonvertiti jew ridenominati jew tkun saret sejħa fuqhom, id-definizzjoni ta' ekwivalenza għandha tiġi mmodifikata biex tfisser fil-każ ta' konverżjoni dawk li fihom l-assi jkunu ġew ikkonvertiti, fil-każ li tkun saret sejħa fuq l-assi assi ekwivalenti għall-assi mħallsa, sakemm il-bejjiegħ ikun ħallas lix-xerrej somma ugwali għall-valur tas-sejħa, u fil-każ ta' assi ridenominati assi ekwivalenti għal dawk li fihom l-assi oriġinali jkunu ġew ridenominati ma', kif meħtieġ, somma ta' flus ekwivalenti għal xi differenza fil-valur bejn l-assi qabel u wara r-ridenominazzjoni tagħhom.

19. Il-każijiet ta' inadempjenza li jintitolaw lill-BĊN li jittermina u jagħlaq it-tranżazzjonijiet kollha dovuti m'għandhomx ikunu materjalment differenti mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 6.

▼B

20. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandu jkun fihom dispożizzjonijiet fir-rigward tal-innettjar li huma mmirati li jiksbu effetti ekonomiċi ekwivalenti għal dawk imniżżla hawn taħt.

(a) Malli jseħħ xi każ ta' inadempjenza, id-data għax-xiri mill-ġdid għal kull tranżazzjoni għandha titqies li sseħħ minnufih u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin, kwalunkwe assi ta' marġini ekwivalenti għandhom isiru minnufih li jkunu jistgħu jiġu kkunsinjati (u sabiex it-twettiq tal-obbligi rispettivi tal-partijiet fir-rigward tal-kunsinna tal-assi u l-ħlas tal-prezz tax-xiri mill-ġdid għal xi assi mixtrija mill-ġdid għandu jkun effettwat biss skont id-dispożizzjoni ta' (b) hawn taħt) jew, alternattivament, it-tranżazzjoni tax-xiri lura għandha tkun itterminata.

(b) (i) Il-valuri tas-suq tal-inadempjenza tal-assi mixtrija mill-ġdid u xi assi ta' marġni ekwivalenti li għandhom jiġu ttrasferiti u l-prezz tax-xiri mill-ġdid li għandu jitħallas minn kull parti għandu jiġi stabbilit mill-BĊN għat-tranżazzjonijiet kollha għad-data tax-xiri mill-ġdid; u

(ii) fuq il-bazi ta' somom hekk stabbiliti, il-BĊN għandu jikkalkula x'inhu dovut minn kull parti lill-oħra fid-data tax-xiri mill-ġdid. Is-somom dovuti minn parti waħda għandhom jiġu paċuti mas-somom dovuti lill-oħra u l-bilanċ nett biss huwa pagabbli mill-parti li għandha l-klejm vvalutata f'valur anqas. Dan il-bilanċ nett huwa dovut u pagabbli l-għada ta' meta t-TARGET2 huwa operattiv biex jagħmel il-ħlas. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, kull somma mhux iddenominata f'euro għandha tiġi kkonvertita f'euro fid-data xierqa bir-rata kkalkulata skont il-paragrafu 16.

(c) "Valur tas-suq tal-inadempjenza" tfisser, fir-rigward ta' kwalunkwe assi fi kwalunkwe data,

(i) il-valur tas-suq ta' dawk l-assi fil-ħin tal-valutazzjoni tal-inadempjenza kalkolat fuq il-bażi tal-prezz l-aktar rappreżentattiv fil-jum tan-negozju li jiġi qabel id-data tal-valutazzjoni; jew

(ii) fin-nuqqas ta' prezz rappreżentattiv għal assi partikolari fil-jum tan-negozju li jiġi qabel id-data tal-valutazzjoni, jintuża l-aħħar prezz tan-negozju. Jekk ebda prezz tan-negozju ma jkun disponibbli, il-BĊN għandu jiddefinixxi prezz, waqt li jqis l-aħħar prezz identifikat għall-assi fis-suq ta' referenza; jew

(iii) fil-każ ta' assi li għalihom ma jeżisti ebda valur tas-suq, kull metodu ieħor raġonevoli ta' valutazzjoni; jew

(iv) jekk l-BĊN ikun biegħ qabel iż-żmien tal-valutazzjoni tal-inadempjenza jew assi ekwivalenti bil-prezz tas-suq, id-dħul nett tal-bejgħ, wara li titnaqqas kull nefqa, tariffa u spiża raġonevoli magħmula b'konnessjoni ma' dak il-bejgħ, b'dak il-kalkolu jsir u bl-ammonti jiġu stabbiliti mill-BĊN.

21. Jekk l-arranġamenti relevanti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN jinkludu xi dispożizzjoni għas-sostituzzjoni ta' kollateral, l-arranġamenti għandhom jassiguraw li l-konformità mal-miżuri meħtieġa tal-kontroll tar-riskju tinżamm.

22. Jekk l-arranġamenti relevanti kuntrattwali jew regolatorji applikati mill-BĊN jinkludu xi dispożizzjoni biex il-marġnijiet jitħallsu (jew jintbagħtu lura) fi flus kontanti, għandha ssir dispożizzjoni li kull obbligazzjoni oħra għar-ritorn (jew provvista) tal-marġnijiet għandha l-ewwel tiġi sodisfatta bl-użu ta' flus kontanti sal-istess ammont (flimkien ma' kull mgħax attribwit lilu).

▼B

*Karatteristiċi esklussivi għal arranġamenti ta' self kollateralizzat*

23. L-assi provduti taħt arranġamenti ta' self kollateralizzat (per eżempju rahan) għandhom ikunu jistgħu jiġu realizzati legalment mingħajr ma jkun hemm talbiet minn qabel fuq l-assi konċernati. M'għandux ikun possibbli għal partijiet terzi (inkluża l-awtorità ta' likwidazzjoni fil-każ ta' insolvenza) li jintervjenu u jitolbu b'suċċess l-assi mirhuna (fin-nuqqas ta' frodi), jew xi drittijiet marbuta magħhom.

24. Il-BĊN għandu jkun fil-pożizzjoni legali li jirrealizza il-valuri ekonomiċi tal-assi mirhuna fil-kuntest ta' operazzjoni li tipprovdi l-likwidità f'ċirkostanzi speċifikati minn qabel mhux materjalment differenti minn dawk imniżżla fil-punt 6 u dawn għandhom ukoll jirriflettu ċ-ċirkostanzi li fihom l-BĊN jista' jittratta lill-Kontroparti bħala li tkun inadempjenti taħt arranġamenti ta' xiri mill-ġdid.

25. Arranġamenti kollateralizzati ta' self għandhom jippermettu għall-possibbiltà li operazzjonijiet li jidħlu fihom fuq bażi intraday jiġu estiżi għal operazzjonijiet overnight.

III. **Karatteristiċi komuni minimi addizzjonali għall-arranġamenti ta' swap tal-kambju barrani**

26. Kull tranżazzjoni għandha tiġi kkostitwita bħala bejgħ u xiri simultanji fil-mument u bil-quddiem ta' euro kontra valuta barranija waħda.

27. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jinkludu dispożizzjoni dwar iż-żmien propizju u l-mekkaniżmu tat-trasferiment tal-pagamenti. Id-data tax-xiri/bejgħ bil-quddiem għandha tiġi ffissata fiż-żmien tad-dħul f'kull tranżazzjoni.

28. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jiddefinixxu l-valuta barranija, ir-rata fil-mument, ir-rata bil-quddiem, id-data tat-trasferiment u tat-trasferiment mill-ġdid skont dan li ġej:

(a) "Valuta barranija" għandha tkun kull valuta legali minnbarra l-euro.

(b) "Rata fil-mument" tfisser, fir-rigward ta' tranżazzjoni speċifika, ir-rata (kif kalkolata skont il-paragrafu 16) applikata biex tikkonverti l-ammont ta' euro f'dak l-ammont f'valuta barranija relevanti għal dik it-tranżazzjoni hekk kif parti għandha tkun obbligata li tittrasferixxi lill-oħra fid-data tat-trasferiment kontra l-ħlas tal-ammont f'euro u liema rata għandha tiġi mniżżla fil-konferma;

(c) "Rata bil-quddiem" tfisser ir-rata kalkolata skont il-paragrafu 16 u applikata biex tikkonverti l-ammont ta' euro f'dak l-ammont f'valuta barranija hekk kif parti għandha tkun obbligata li tittrasferixxi lill-oħra fid-data tat-trasferiment mill-ġdid kontra ħlas ta' ammont f'euro, liema rata għandha tkun kif imniżżla fil-konferma u definita fl-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN;

(d) "Ammont ta' valuta barranija trasferit mill-ġdid" tfisser dak l-ammont ta' valuta barranija hekk kif meħtieġ biex jinxtara l-ammont ta' euro kif ikun fid-data tat-trasferiment mill-ġdid;

(e) "Data tat-trasferiment" tfisser fir-rigward ta' xi tranżazzjoni, id-data (u fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data) li fiha t-trasferiment tal-ammont f'euro minn parti waħda lill-oħra għandu jsir effettiv li biex jiġi evitat xi dubju għandha tkun id-data (u, fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data) meta l-partijiet ikunu ftehmu li s-settlement ta' trasferiment tal-ammont f'euro għandu jseħħ;

(f) "Data ta' trasferiment mill-ġdid" tfisser, fir-rigward ta' xi tranżazzjoni, id-data (u fejn xieraq, il-ħin f'dik id-data) li fiha parti waħda għandha tittrasferixxi mill-ġdid l-ammont f'euro lill-oħra.

▼B

29. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandhom jipprovdu li ċerti każijiet (biex tkun taf liema huma, ara l-paragrafu 30) għandhom iwasslu għall-għeluq tat-tranżazzjonijiet kollha li jkunu għadhom dovuti u għandhom jipprovdu għall-mod li bih dak l-għeluq (inkluża t-terminazzjoni tal-innettjar) għandhom iseħħu.

30. Il-każijiet ta' inadempjenza li jintitola lill-BĊN li jittermina u jagħlaq it-tranżazzjonijiet kollha dovuti m'għandhomx ikunu materjalment differenti mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt 6.

31. L-arranġamenti kuntrattwali jew regolatorji relevanti applikati mill-BĊN għandu jkun fihom dispożizzjonijiet fir-rigward tal-innettjar li huma mmirati li jiksbu effetti ekonomiċi ekwivalenti għal dawk imniżżla hawn taħt.

(a) Fil-każ ta' inadempjenza, kull tranżazzjoni għandha titqies li tkun intemmet u l-valuri ta' sostituzzjoni tal-euro u t-trasferiment mill-ġdid ta' ammonti ta' valuta barranija għandhom ikunu stabbiliti mill-BĊN fuq il-bażi li dawk il-valuri ta' sostituzzjoni għandhom ikunu l-ammonti li jkunu meħtieġa biex jippreservaw għall-BĊN l-ekwivalent ekonomiku ta' kull ħlas li altrimenti kienu jkunu meħtieġa; u

(b) Fuq il-bazi ta' somom hekk stabbiliti, il-BĊN għandu jikkalkula x'inhu dovut minn kull parti lill-oħra fid-data tat-trasferiment mill-ġdid. Is-somom dovuti minn parti għandhom jiġu kkonvertiti f'euro meta meħtieġ skont il-paragrafu 16 u pacuti ma' somom dovuti lill-oħra. Il-bilanċ nett biss huwa pagabbli mill-parti li jkollha klejm ivvalutata f'ammont anqas. Dan il-bilanċ nett huwa dovut u pagabbli l-għada meta t-TARGET2 huwa operattivi biex jagħmel il-ħlas.

▼B

*ANNESS III*

**LINJA GWIDA REVOKATA B'LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TAGĦHA**

Linja Gwida BĊE/2000/7 (ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1).

Linja Gwida BĊE/2002/2 (ĠU L 185, 15.7.2002, p. 1).

Linja Gwida BĊE/2003/16 (ĠU L 69, 8.3.2004, p. 1).

Linja Gwida BĊE/2005/2 (ĠU L 111, 2.5.2005, p. 1).

Linja Gwida BĊE/2005/17 (ĠU L 30, 2.2.2006, p. 26).

Linja Gwida BĊE/2006/12 (ĠU L 352, 12.12.2006, p. 1).

Linja Gwida BĊE/2007/10 (ĠU L 284, 30.10.2007, p. 34).

Linja Gwida BĊE/2008/13 (ĠU L 36, 5.2.2009, p. 31).

Linja Gwida BĊE/2009/1 (ĠU L 36, 5.2.2009, p. 59).

Linja Gwida BĊE/2009/10 (ĠU L 123, 19.5.2009, p. 99).

Linja Gwida BĊE/2010/1 (ĠU L 63, 12.3.2010, p. 22).

Linja Gwida BĊE/2010/13 (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 21).

Linja Gwida BĊE/2010/30 (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 63).